

Il-Ġurnal Uffiċjali

C 120

ta' l-Unjoni Ewropea

Volum 51

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

16 ta' Mejju 2008
Avviż Nru

Werrej

Paġna

III Atti preparatorji
KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW
440 sessjoni plenarja tal-ktr it-12 u t-13 ta' Diċembru 2007

2008/C 120/01	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar — Il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi l-ħtiġijiet għall-akkreditazzjoni u s-sorveljanza tas-suq dwar it-tqegħid ta' prodotti fis-suq — u Il-proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar qafas komuni għat-tqegħid ta' prodotti fis-suq — u Il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi proċeduri dwar l-applikazzjoni ta' ċerti regoli tekniċi nazzjonali għal prodotti mqiegħda fis-suq legalment fi Stat Membru ieħor u li tirrevoka d-Deċiżjoni 3052/95/KE COM(2007) 37 finali — 2007/0029 (COD) — COM(2007) 53 finali — 2007/0030 (COD) — COM(2007) 36 finali — 2007/0028 (COD)	1
2008/C 120/02	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 80/181/KEE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar l-unitajiet ta' kejl COM(2007) 510 finali — 2007/0187 (COD)	14
2008/C 120/03	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar Il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-livell ta' storbju kif jinstema' mis-sewwieq ta' trattur bir-roti għall-agrikoltura jew għall-forestrija (Verżjoni kkodifikata) COM(2007) 588 finali — 2007/0205 (COD)	15
2008/C 120/04	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar Il-Green Paper dwar strumenti bbażati fuq is-suq għall-ambjent u għanijiet ta' politika relatati COM(2007) 140 final — SEC(2007) 388	15


**Prezz:
22 EUR**

(Ikompili fil-paġna ta' wara)

<u>Avviż Nru</u>	Werrej (ikompli)	Paġna
2008/C 120/05	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar Ix-xogħol agrikolu transkonfinali	19
2008/C 120/06	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar L-impjiegi fis-settur agrikolu	25
2008/C 120/07	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar Ir-rwol tal-Kunsilli Nazzjonali għall-Iżvilupp Sostenibbli	29
2008/C 120/08	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar Green Paper dwar żarmar aħjar tal-bastimenti COM(2007) 269 finali	33
2008/C 120/09	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar Green Paper mill-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni Nadattaw għall-bidla klimatika fl-Ewropa — alternattivi għall-azzjoni ta' l-UE COM(2007) 354 finali	38
2008/C 120/10	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar Il-proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq ta' l-inbid u li jemenda ċerti Regolamenti COM(2007) 372 finali — 2007/0138 (CNS)	42
2008/C 120/11	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar Prospettivi għall-ġejjieni ta' l-agrikoltura f'żoni bi żvantaġġi naturali speċifiċi (reġjuni muntanjużi, insulari u ultraperiferiċi)	47
2008/C 120/12	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 998/2003 dwar il-kundizzjonijiet sanitarji ta' l-annimali li huma applikabbli għall-movimenti mhux kummerċjali ta' l-annimali domestiċi fir-rigward ta' l-estensjoni tal-perjodu ta' transizzjoni. COM(2007) 572 finali — 2007/0202 (COD)	49
2008/C 120/13	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar — il-Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 76/768/KEE, 88/378/KEE, 1999/13/KE u d-Direttivi 2000/53/KE, 2002/96/KE u 2004/42/KE sabiex tadattahom għar-Regolament (KE) ... dwar il-Klassifikar, it-Tikkettar u l-Ippakkjar ta' Sustanzi u Taħlitiet, u li temenda d-Direttiva 67/548/KEE u r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 — u dwar il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda r-Regolament (KE) Nru 648/2004 sabiex tadattaha għar-Regolament (KE) Nru ... dwar il-Klassifikar, it-Tikkettar u l-Ippakkjar ta' Sustanzi u Taħlitiet, u li temenda d-Direttiva 67/548/KEE u r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 COM(2007) 611 finali — 2007/0212 (COD) — COM (2007) 613 finali — 2007/0213 (COD)	50
2008/C 120/14	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar L-impatt tat-territorjalità tal-liġi fiskali fuq il-bidliet industrijali	51
2008/C 120/15	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar L-impatt tar-regoli ambjentali Ewropej fuq il-bidliet industrijali	57
2008/C 120/16	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Il-Promozzjoni tas-Solidarjetà bejn il-Ġenerazzjonijiet COM(2007) 244 finali	66
2008/C 120/17	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar Ir-Raba' Rapport dwar il-Koeżjoni Ekonomika u Soċjali COM (2007) 273 finali	73
2008/C 120/18	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar Migrazzjoni u żvilupp: opportunitajiet u sfidi	82



2008/C 120/19	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar Ir-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Moldova: X'inhu r-rwol tas-soċjetà ċivili organizzata?	89
2008/C 120/20	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar L-implimentazzjoni ta' l-istrateġija ta' Lisbona: sitwazzjoni attwali u prospettivi futuri	96
2008/C 120/21	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar Il-Proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar l-istruttura u r-rati tad-dazju tas-sisa fuq it-tabakk manifatturat (verżjoni kkodifikata) COM(2007) 587 finali	100



III

(Atti preparatorji)

KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

440 SESSJONI PLENARJA TAL-KTR IT-12 U T-13 TA' DIĊEMBRU 2007

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

- Il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi l-ħtiġijiet għall-akkreditazzjoni u s-sorveljanza tas-suq dwar it-tqegħid ta' prodotti fis-suq
- u Il-proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar qafas komuni għat-tqegħid ta' prodotti fis-suq
- u Il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi proċeduri dwar l-applikazzjoni ta' ċerti regoli tekniċi nazzjonali għal prodotti mqiegħda fis-suq legalment fi Stat Membru ieħor u li tirrevoka d-Deċiżjoni 3052/95/KE

COM(2007) 37 finali — 2007/0029 (COD)

COM(2007) 53 finali — 2007/0030 (COD)

COM(2007) 36 finali — 2007/0028 (COD)

(2008/C 120/01)

Nhar l-14 ta' Marzu 2007, il-Kunsill iddeċieda, b'konformità ma' l-Artikoli 95 u 133(3) tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, li jikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

Il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi l-ħtiġijiet għall-akkreditazzjoni u s-sorveljanza tas-suq dwar it-tqegħid ta' prodotti fis-suq u

Il-proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar qafas komuni għat-tqegħid ta' prodotti fis-suq

Nhar it-2 ta' April 2007, il-Kunsill iddeċieda, b'konformità ma' l-Artikoli 37 u 95 tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, li jikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

Il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi l-proċeduri dwar l-applikazzjoni ta' ċerti regoli tekniċi nazzjonali għal prodotti mqiegħda fis-suq legalment fi Stat Membru ieħor u li tirrevoka d-Deċiżjoni 3052/95/KE

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar il-21 ta' Novembru 2007, Ir-rapporteur kien is-Sur Pezzini.

Matul l-440 sessjoni plenarja tiegħu li nżammet it-13 ta' Diċembru 2007, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-opinjoni b'68 vot favur, 2 voti kontra u 3 astensjonijiet.

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1 Il-KESE huwa konvint mill-importanza li tkun assigurata l-applikazzjoni sħiħa tal-prinċipju tal-moviment liberu tal-merkanzija, li huwa salvagwardat fit-Trattat u kkonfermat minn bosta sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja, sabiex prodotti kkum-

merċjalizzati legalment fi Stat Membru jkunu jistgħu jiġu kkum-merċjalizzati bla tfixkil ma' l-UE kollha.

1.2 Il-KESE jemmen li hija prijorità li tkun iggarantita ċ-ċer-tezza, it-trasparenza u l-effiċjenza fin-negozju, li jkunu eliminati d-duplikazzjonijiet tal-kontrolli u t-testijiet, li jkunu żgurati livelli għoljin ta' protezzjoni għall-konsumaturi, iċ-ċittadini u

n-negozji, u li jkunu koordinati filwaqt li jogħlew il-livelli ta' l-attivitajiet ta' sorveljanza tas-suq, biex tkun assikurata applikazzjoni attiva u uniformi tar-rekwiżiti tas-sigurtà tal-prodotti tal-Komunità.

1.3 Il-KESE jisħaq li l-moviment liberu tal-prodotti huwa xprun essenzjali għall-kompetittività u għall-iżvilupp ekonomiku u soċjali tas-suq uniku Ewropew: ir-rinfurzar u l-aġġornar tar-rekwiżiti għall-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti sikuri u ta' kwalità għolja huma fatturi ewlenin għall-konsumaturi, in-negozji u ċ-ċittadini Ewropej.

1.4 Il-KESE jemmen li l-aġġornament u l-armonizzazzjoni tal-leġiżlazzjoni Ewropea dwar il-merkanzija ma jistgħux jitt-warrbu, minħabba f'dawn il-fatturi oġġettivi:

- il-problemi f'facjati fl-implimentazzjoni u l-infurzar tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat;
- in-nuqqas ta' approċċ konsistenti fis-sorveljanza tas-suq mill-Istati Membri;
- nuqqasajiet fil-korpi ta' l-evalwazzjoni ta' konformità u fil-protezzjoni legali tal-marka KE;
- għarfien mhux preċiż tad-drittijiet u l-obbligi fost in-negozji, l-amministrazzjonijiet u ċ-ċittadini.

1.5 Il-KESE jappoġġja l-inizjattiva tal-Kummissjoni li tiffirma **pakkett leġiżlattiv** dwar is-suġġett sakemm hija tikseb għal kollox:

- implimentazzjoni effettiva u uniformi tal-prinċipju ta' l-għarfien reċiproku;
- sorveljanza tas-suq iktar b'saħħitha;
- sistema ta' akkreditazzjoni komuni Ewropea, li tipprovdi servizz pubbliku ta' interess ġenerali;
- livelli komuni ta' kompetenza għall-korpi ta' ċertifikazzjoni akkreditati;
- kriterji ta' għażla iktar stretti u proċeduri ta' għażla aktar armonizzati għall-evalwazzjoni tal-konformità;
- kooperazzjoni sistematika, ikbar u li ma taqtax bejn l-awtoritajiet nazzjonali;
- protezzjoni legali ikbar għall-marka KE, li tevita konfużjoni kkawżata mill-eżistenza ta' wisq marki;
- identifikazzjoni u definizzjoni sħiħa tar-responsabbiltajiet għal dawk kollha li jpoġġu l-prodotti fis-suq;
- qafas legali iktar uniformi b'konsistenza ikbar bejn it-testi eżistenti, b'livelli għoljin ta' konformità u burokrazija mill-inqas;
- garanzija tat-traċċabilità għal kwalunkwe prodott impoġġi fis-suq;
- applikazzjoni sħiħa tal-prinċipju tal-proporzjonalità tar-responsabbiltajiet taċ-ċertifikazzjoni u l-proċeduri, b'mod partikulari fir-rigward ta' negozji żgħar u ta' prodotti mhux iffabbrikati bil-massa jew prodotti ffabbrikati fi kwantitajiet żgħar;

— involviment sħiħ ta' dawk kollha li jipparteċipaw fis-suq u b'mod partikulari, il-konsumaturi;

— dispożizzjoni espliċita għall-mekkaniżmi ta' riżarċiment barra l-qorti, b'limiti ta' żmien u spejjeż imnaqqsa għall-minimu assolut.

1.6 Il-KESE jħoss li livelli għoljin ta' trasparenza, ċertezza legali u simplifikazzjoni għandhom ikunu assikurati fl-applikazzjoni tal-proċeduri ta' l-għarfien reċiproku komuni, permezz ta':

- bidla tas-suġġett li jkollu d-dmir li jgħib il-provi, u l-possibbiltà għal rikors fil-qrati nazzjonali;
- il-possibbiltà ta' issettljar ta' kwistjonijiet barra mill-qorti f'Punti ta' Kuntatt nazzjonali dwar il-Prodott, inkluż permezz ta' l-internet;
- skedi taż-żmien imnaqqsa għal proċedimenti kemm għudiz-zjarji kif ukoll barra mill-qorti;
- provvediment ta' faċilitajiet tekniċi kompetenti, li kapaċi jipproduċu kwalunkwe prova meħtieġa malajr — bl-użu ta' proċeduri ta' emerġenza fejn ikun applikabbli;
- rwol attiv għall-korpi regolatorji li jipproduċu gwida telematika li tagħmilha possibbli li tittraċċja l-leġiżlazzjoni eżistenti kollha fl-UE kollha.

1.7 Il-KESE japprova l-prinċipji bażiċi tal-proposti, li joħorġu mill-għaqda ta' l-elementi ta' suċċess ta' l-“approċċ il-ġdid” ma' l-“approċċ globali” fil-qasam ta' l-evalwazzjoni tal-konformità. Għandhom ikunu applikati fil-leġiżlazzjoni tal-Komunità preżenti u futura, u jkopru l-aspetti kollha tal-prodotti mibjugħa, b'mod partikulari fir-rigward tas-sigurtà, is-saħħa u l-ħarsien ambjentali.

1.8 Huwa vitali li l-operaturi ekonomiċi kollha fil-katina tal-provvista u d-distribuzzjoni — sew jekk ikunu ffabbrikanti, rappreżentanti awtorizzati jew importaturi — jieħdu l-miżuri meħtieġa u jkollhom responsabbiltà ekwa biex jassiguraw li prodotti li jikkonformaw mar-regolamenti biss ikunu kkummerċjalizzati.

1.9 It-traċċabilità tal-prodott, li tippermetti l-identifikazzjoni tar-responsabbiltà ta' l-operaturi ekonomiċi li jpoġġu l-prodotti fis-suq, għandha tippermetti li dawn l-operaturi jiġu identifikati b'mod ċar sabiex ir-regoli tal-Komunità jkunu jistgħu jiġu applikati sewwa.

1.10 Fl-opinjoni tal-KESE, jeħtieġ li jiġu indirizzati wkoll il-problemi tat-tqegħid tal-prodotti fis-suq permezz ta' l-internet, peress li l-bejgħ onlajn għadu m'huwiex regolamentat kompletament.

1.11 Il-KESE jħoss li hemm bżonn ta' dispożizzjonijiet iktar ċari biex titjeb is-sistema ta' l-“approċċ il-ġdid” attwali, fir-rigward ta':

- obbligi għall-operaturi ekonomiċi li huma meħtieġa u proporzjonati u li ma jinvolvux spejjeż burokratiċi u amministrattivi iebsin;

— sorveljanza tas-suq iktar effiċjenti u livelli iktar uniformi ta' kompetenza fost il-korpi notifikati ta' l-evalwazzjoni tal-konformità, biex ikun żgurat l-ogħla livell ta' imparzjalità u effettività fiż-Żona Ekonomika Ewropea kollha u kundizzjonijiet ugwali għall-produtturi kollha.

1.12 Il-KESE jaqbel li hemm bżonn li jitjieb l-istatus u s-sinjifikat tal-marka KE, billi din ikollha protezzjoni legali ikbar għaliex tiġi rreġistrata bħala marka kollettiva, u dan jippermetti li l-awtoritajiet pubbliċi jieħdu azzjoni minnufih biex irażżnu l-abbuż.

1.13 Il-KESE jisħaq li l-istandardizzazzjoni teknika għandha rwol ewlieni f'dan il-qasam, billi l-approċċ il-ġdid huwa bbażat preċiżament fuq rabta mill-qrib bejn rekwiżiti essenzjali legali u ta' standards tekniċi Ewropej — li hemm bżonn li jiġu appoġġjati u mogħtija l-importanza meħtieġa.

1.14 Sistema ta' Akkreditazzjoni Ewropea (SAE) — li tiprovi servizz pubbliku ta' interess ġenerali — għandha tkun ibbażata fuq standards rikonoxxuti fuq livell internazzjonali u fuq definizzjonijiet ċari, tassikura aċċettazzjoni bla eċċezzjonijiet tar-riżultati ta' l-evalwazzjoni tal-konformità u tevita duplikazzjoni bla bżonn tal-valutazzjoni.

1.15 Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament li għandhom x'jaqsmu mas-SAE għandhom japplikaw għall-korpi kollha ta' akkreditazzjoni u għas-servizzi li jipprovdu, fiż-żona ekonomika Ewropea, irrispettivament mix-xorta ta' servizzi ta' evalwazzjoni tal-konformità furnuti lill-klijenti.

1.16 Dawn id-dispożizzjonijiet għandhom jassikuraw:

- sett koerenti ta' definizzjonijiet komuni u trasparenti li jkunu konformi ma' standards internazzjonali, sabiex jintużaw fid-direttivi kollha ta' l-“approċċ il-ġdid” u d-direttivi speċifiċi għall-prodott⁽¹⁾, inklużi dawk dwar l-evalwazzjoni tal-konformità u l-korpi ta' l-evalwazzjoni tal-konformità;
- sistema ta' akkreditazzjoni pubblika li mhijiex soġġetta għal kompetizzjoni kummerċjali;
- kopertura ġenerali tal-leġiżlazzjoni rilevanti kollha tal-Komunità, mingħajr eċċezzjoni fil-qasam jew tas-saħħa u s-sigurtà jew inkella tal-protezzjoni ambjentali;
- applikazzjoni għall-attivitajiet kollha soġġetti għal akkreditazzjoni bla eċċezzjonijiet, inkluż il-kalibrar, irrispettivament minn jekk l-iskop ta' l-akkreditazzjoni huwiex biex jissodisfa r-rekwiżiti ta' l-evalwazzjoni tal-konformità legali jew biex ikun konformi ma' kuntratti privati;
- li korpi ta' akkreditazzjoni nazzjonali jikkonformaw ma' standards ta' kompetenza u ta' imparzjalità billi jkunu meħtieġa jieħdu sehem f'evalwazzjonijiet minn korpi oħra ekwivalenti (peer evaluation) imwettqa taħt is-sorveljanza tal-partijiet kollha involuti fil-proċess ta' akkreditazzjoni.

1.17 Il-KESE jemmen li hemm bżonn li tkun stabbilita bażi legali ċara għall-kooperazzjoni Ewropea għall-Akkreditazzjoni

⁽¹⁾ Fil-leġiżlazzjoni ta' l-UE, intużaw definizzjonijiet differenti għall-istess kunċetti f'leġiżlazzjonijiet differenti dwar il-prodotti li jkopru aspetti bħad-disinn li jirrispetta l-ambjentali, is-sigurtà tal-prodott, ir-responsabbiltà tal-prodott, ir-rimi ta' l-iskart, l-effiċjenza fl-enerġija eċċ. Dan ħoloq konfużjoni għal dawk kollha involuti, speċjalment meta direttivi differenti japplikaw għall-istess prodott.

(EA), li r-rwol tagħha għandu jkun imtejjeb u definit aħjar: il-korpi kollha ta' akkreditazzjoni nazzjonali jridu jkunu membri ta' l-EA, biex ikunu żgurati l-ekwivalenza, it-trasparenza, il-kredibbiltà u l-effettività; barra minn hekk, is-sistema ta' l-EA għandha tkun appoġġjata mill-Istati Membri.

1.18 Il-KESE jemmen li, billi korpi ta' akkreditazzjoni jridu juru li l-fiduċja mogħtija lilhom hija bbażata fuq bażi soda, huma jkollhom jagħtu prova li huma jipparteċipaw b'suċċess f'reviżjonijiet mill-pari (peer review).

1.19 Barra minn hekk, il-KESE jemmen li huwa importanti li l-parteċipanti kollha jkunu involuti: huma għandhom ikunu rrappreżentati fil-korpi ta' akkreditazzjoni u din id-dispożizzjoni għandha tkun parti integrali mir-Regolament il-ġdid.

1.20 Il-KESE jemmen f'dan ir-rigward li għandu jkun hemm tagħrif akbar u għarfien aħjar tad-drittijiet tal-konsumatur fis-suq intern u li jeħtieġ li jitħejjew inizjattivi xierqa għal dan l-iskop.

1.21 L-attivitajiet tas-sorveljanza tas-suq għandhom japplikaw ukoll għal prodotti koperti mid-Direttiva tas-Sigurtà tal-Prodott Ġenerali (GPSD) billi bosta prodotti jinbigħu kemm għal użu professjonali kif ukoll għall-użu mill-konsumatur aħħari. Il-KESE jħoss li l-eżistenza tas-sistema ta' l-iskambju ta' informazzjoni rapida attwali, RAPEX, li tista' tassisti b'mod effettiv is-sorveljanza tas-suq, hija kompletament ġustifikata.

1.22 Huwa meħtieġ li l-awtoritajiet tad-dwana jikkooperaw f'network Ewropew ma' l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq, biex jassiguraw kontrolli effettivi fuq il-prodotti qabel ma dawn jitpoġġew fis-suq intern Ewropew, fejn jistgħu jiċċirkolaw b'mod liberu.

1.23 Għal din ir-raġuni u għal raġunijiet oħra, l-awtoritajiet tad-dwana jridu jkunu mgħammra b'persunal imħarġ, b'fondi suffiċjenti u b'setgħa li jkunu jistgħu jlaħħqu b'mod effettiv mal-ħidmiet assenjati lilhom, u bi strumenti biex ilaħħqu bla dewmien ma' prodotti staġjonali jew prodotti mibjugħa tul perjodi limitati.

1.24 Fl-aħħarnett, il-KESE jemmen li r-Regolament għandu jispeċifika li miżuri meħudin b'rispons għal nuqqas ta' konformità ppruvata għandhom jikkonformaw ukoll mal-prinċipju tal-proporzjonalità.

2. Introduzzjoni

2.1 Is-suq intern għall-prodotti mhuwiex biss il-forza mexxejja għat-tkabbir fil-Komunità: huwa wkoll għandu impatt konsiderevoli fuq il-kapaċità ta' l-Unjoni Ewropea biex tikkompeti fis-suq internazzjonali. Kif indika l-KESE numru ta' drabi, “fattur li żied l-importanza tiegħu huwa ‘l-Globalizzazzjoni’ li hija kemm sfida kif ukoll opportunità. L-isfida tista' tintlaqa' biss kemm-il darba jitwettaq il-potenzjal sħiħ tas-suq uniku”⁽²⁾.

⁽²⁾ ĠU C 93, 27.4.2007, *Reviżjoni tas-Suq Uniku*, Rapporteur: is-Sur Cassidy (mhux disponibbli bil-Malti).

2.2 Il-pilastru ċentrali tas-suq uniku huwa l-moviment liberu tal-prodotti: taħt l-Artikoli 28-30 ⁽³⁾ tat-Trattat, sar progress essenzjali fl-armonizzazzjoni tal-livelli tekniċi fil-livell ta' l-UE biex jitneħħew il-limiti tekniċi għan-negozju, sikwit permezz ta' direttivi ta' "l-approċċ il-għdid" (magħrufin ukoll bħala direttivi tal-"marka KE").

2.3 Madankollu, tfaċċaw differenzi fl-applikazzjoni u l-infurzar tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat, b'mod partikolari fil-qasam tal-prodotti mhux armonizzati. L-introduzzjoni ta' regoli tekniċi nazzjonali ħolqu limiti maġġuri għan-negozju ħieles, b'mod speċjali għall-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju, minħabba qafas leġiżlattivi li għadu fframmentat wisq u minħabba nuqqas ta' approċċ konsistenti għas-sorveljanza tas-suq fost l-Istati Membri.

2.4 Il-KESE saħaq li "l-Istati Membri għandhom ir-responsabbiltà kbira li jiżguraw li miżuri ta' l-UE jkunu trasportati sewwa fil-liġi nazzjonali tagħhom u li dawn jiġu nfurzati" u li huwa importanti li "jirriżultaw f'qafas regolatorju fil-livell nazzjonali li jkun kemm ibbilanċjat f'termini ta' kontenut kif ukoll sempliċi kemm jista' jkun għan-negozji, l-impjegati, il-konsumaturi u l-membri kollha tas-soċjeta ċivili" ⁽⁴⁾.

2.5 Il-KESE jappoġġja kompletament il-miri ta' regoli iktar trasparenti u effettivi u rekwiżiti iktar b'saħħithom u aġġornati għall-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti sikuri u ta' kwalità għolja, sabiex jiggarantixxu li:

- il-konsumaturi jkunu pprovduti b'livelli ogħla ta' sigurtà u ta' kwalità u b'libertà ikbar ta' għażla fuq il-bażi ta' evalwazzjoni tal-konformità affidabbli tal-prodotti kemm domestiċi kif ukoll importati;
- il-produtturi jkunu pprovduti b'ċertezza legali u b'leġiżlazzjoni ċara u konsistenti, b'qafas komuni għall-prodotti industrijali; bl-aġilità meħtieġa biex jadattaw għall-iżviluppi teknoloġiċi; negozju ħieles ġenwin mingħajr limiti tekniċi, kontrolli amministrattivi jew testijiet addizzjonali u bla bżonn għall-aċċess fis-swieq domestiċi individwali;
- iċ-ċittadini jiġu pprovduti bil-protezzjoni tas-saħħa u l-ambjent, bit-tneħħija tal-burokrazija żejda u bla bżonn u billi jin-għataw esperjenza prattika u tanġibbli ta' "L-Ewropa li trendi" ibbażata fuq il-kwalità bħala parti essenzjali miċ-ċittadinanza Ewropea.

2.6 Fl-opinjoni tiegħu dwar l-Istrateġija tas-Suq Intern — Prioritajiet 2003-2006 ⁽⁵⁾, il-KESE indika li "l-kummerċ ma' pajjiżi terzi qed jikber b'mod iktar mgħaġġel mill-kummerċ bejn l-Istati

⁽³⁾ Ara wkoll Art. 94-95 tat-Trattat tal-KE.

⁽⁴⁾ ĠU C 309, 16.12.2006, *Implimentazzjoni tal-Programm ta' Lisbona tal-Komunità: Strateġija għas-simplifikazzjoni ta' l-ambjent regolatorju*, Rapporteur: is-Sur Cassidy (mhux disponibbli bil-Malti).

⁽⁵⁾ ĠU C 234, 30.9.2003, rapporteur: is-Sur Cassidy.

Membri." u li "raġuni waħda hija n-nuqqas ta' għarfien reċiprodu ddestinat biex jagħti fiduċja lill-konsumaturi fi prodotti magħmula f'pajjiż ieħor. L-Istati Membri jeħtieġ li jkollhom fiduċja fis-sistemi ta' xulxin. Sistema legali b'saħħitha, standards ta' kwalità trasparenti u għoljin u inizjattivi ta' edukazzjoni tal-konsumatur jipprovdu l-aħjar kondizzjonijiet għal żieda fin-negozju tal-prodotti bejn l-Istati Membri."

2.7 Il-KESE saħaq ukoll li l-għarfien tad-drittijiet tal-konsumatur fis-suq intern huwa limitat ħafna u li f'diversi okkażjonijiet huwa għibed l-attenzjoni ⁽⁶⁾ għal dawn in-nuqqasijiet u għall-mod li bih uffiċjali nazzjonali u lokali ta' spiss japprofittaw ruħhom minn din l-injoranza, speċjalment fil-pajjiżi periferiċi u li ssieħbu reċentement.

2.8 Barra minn hekk, il-KESE jindika li l-erba' limiti ewlenin għat-tħaddim xieraq tas-suq intern identifikati mill-SMO fl-2007 huma:

- l-inċertezza fost l-operaturi ekonomiċi u l-amministrazzjonijiet nazzjonali rigward id-drittijiet u l-obbligi relatati ma' l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' l-għarfien reċiprodu;
- nuqqas ta' fiduċja, trasparenza u kooperazzjoni bejn l-Istati Membri biex jiffaċilitaw l-għarfien reċiprodu u l-aċċettazzjoni taċ-ċertifikazzjoni u l-moviment liberu tal-prodotti, li jipprovdu qafas iktar ċar, f'termini ta' l-evalwazzjoni tal-konformità, l-akkreditazzjoni u s-sistemi ta' sorveljanza tas-suq, it-trasparenza u l-protezzjoni tal-"marka KE";
- nuqqas ta' miżuri koerenti biex jassikuraw livelli għoljin ta' sigurtà u saħħa fil-prodotti li ser jitpoġġew fis-suq u l-aħjar rekwiżiti ġenerali fir-rigward tagħhom.

2.9 Il-KESE f'okkażjonijiet oħra iddikjara li "b'dispaċir, ta' min wieħed jinnota li wara bosta snin ta' integrazzjoni Ewropea, diversi Stati Membri għadhom ma integrawx biżżejjed ir-regolamenti u l-politiki ta' l-UE fl-iżvilupp tal-politiki interni tagħhom, propju fl-oqsma li fihom impenjaw ruħhom li jsegwu politiki komuni u li jimplimentaw id-deċiżjonijiet li joħorġu minn proċess deċiżjonali komuni" ⁽⁷⁾.

2.10 Indika wkoll li "Approċċ effettiv u trasparenti tal-kwistjonijiet ta' l-UE fuq livell nazzjonali huwa indispensabbli minħabba li l-25 Stat Membru, kull wieħed bil-kultura u t-tradizzjoni amministrattiva tiegħu kif ukoll bil-proċess amministrattiv tiegħu, iridu jirrispettaw l-istess *acquis*, li jinkludi rekwiżiti simili fir-rigward tat-tiswir tal-liġi, traspożizzjoni, implimentazzjoni u infurzar tal-liġi ta' l-UE" ⁽⁸⁾.

⁽⁶⁾ ĠU C 208, 3.9.2003, rapporteur: is-Sur Pezzini.

⁽⁷⁾ ĠU C 325, 30.12.2006, rapporteur: is-Sur Van Iersel.

⁽⁸⁾ Ibidem, nota 5.

2.11 Skond ir-rapport Kok ⁽⁹⁾, “il-moviment liberu tal-prodotti fl-UE għadu mfixkel minn firxa ta' regoli lokali, sikwit applikati arbitrarjament u b'kontradizzjoni ċara għall-prinċipju ta' l-għarfien reċiproku” ⁽¹⁰⁾.

2.12 Fid-dawl ta' dan li ntqal hawn fuq, il-KESE jħoss li hija prijorità urġenti, bil-għan li jkun assigurat il-futur ta' l-integrazzjoni Ewropea kif ukoll bil-għan li tkun assigurata l-protezzjoni tal-konsumaturi u taċ-ċittadini u l-iżvilupp tan-negozju Ewropew, li:

- tkun żgurata applikazzjoni sħiħa tal-prinċipju tal-movement liberu tal-prodotti, li huwa inkorporat fit-Trattat u kkonfermat minn għadd ta' sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja, sabiex prodotti ikkummerċjalizzati b'mod legali fi Stat Membru jkunu jistgħu jiġu kkummerċjalizzati mingħajr tfixkil fl-UE kollha;
- tkun iggarantita ċertezza, trasparenza u effiċjenza fin-negozju, tiġi eliminata d-dupplikazzjoni ta' l-iċċekkar u l-ittestjar u jkunu assigurati livelli għoljin ta' protezzjoni tal-konsumaturi, iċ-ċittadini u n-negozji;
- jkunu eliminati l-inċertezzi, is-safef ta' leġislazzjoni, l-inkonsistenzi fil-liġi u l-komplessità bla bżonn fl-evalwazzjonijiet tal-konformità tal-prodotti: dawn għandhom ikunu koerenti, awtoritattivi, indipendenti u imparzjali u jikkonformaw ma' qafas legali komuni għall-prodotti industrijali;
- jkunu kkoordinati u jittejbu l-attivitajiet ta' sorveljanza tas-suq biex tiġi assigurata applikazzjoni attiva u uniformi tal-kondizzjonijiet tas-sigurtà tal-prodott tal-Komunità;
- tkun promossa, imsaħħa u protetta b'mod iktar effettiv il-marka tal-KE; dan għandu jkun “passaport ta' konformità” ġenwin li jippermetti moviment liberu ma' l-UE kollha, fil-waqt li jiġu żgurati standards ta' sigurtà u ta' kwalità stabbiliti bil-leġislazzjoni tal-Komunità.

3. Il-proposti tal-Kummissjoni

3.1 Il-Kummissjoni tieħu bħala l-punt tat-tluq tagħha, l-osservazzjoni li s-suq intern għadu mhux komplut:

- regoli tekniċi nazzjonali għadhom jikkostitwixxu limiti importanti għall-kummerċ liberu fl-UE. Kif kien innotat ⁽¹¹⁾, f'wieħed mill-istudji, iktar minn terz ta' l-intrapriżi rrapportaw problemi kkawżati minn regoli tekniċi fi Stat Membru ieħor u madwar nofs l-intrapriżi ddeċidew li jadattaw il-prodotti tagħhom għal dawn ir-regoli;
- wisq regoli ta' l-UE ġew ipprovati li huma inkonsistenti jew kumplessi żżejjed: definizzjonijiet differenti li japplikaw għall-istess prodott, irkib fil-proċeduri ta' l-evalwazzjoni tal-konformità, korpi ta' l-evalwazzjoni tal-konformità li ma jaq-blux, qafas regolatorju frammentat, b'traqqigħ ta' regoli u proċeduri differenti;

⁽⁹⁾ Rapport mill-grupp ta' livell għoli presjedut minn Wim Kok *Niffaċċjaw l-isfida* Novembru 2004 — Kummissjoni Ewropea.

⁽¹⁰⁾ SEC(2007) 113, 14.2.2007.

⁽¹¹⁾ *It-tieni Rapport Biennali dwar l-Aplikazzjoni tal-Prinċipju ta' Għarfien Reċiproku fis-Suq Uniku* — COM(2002) 419 finali.

— kemm il-konsumaturi u ċ-ċittadini, kif ukoll l-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju, għadhom fil-biċċa l-kbira tagħhom mhux infurmati jew ma jafux bid-drittijiet tagħhom, waqt li limiti ġodda u burokrazija ġdida li qed ifixklu l-implimentazzjoni ta' dawn id-drittijiet qegħdin ifiġġu gradwalment.

3.2 Biex tindirizza dawn il-problemi, il-Kummissjoni tipproponi:

- Regolament (COM(2007) 36 finali) li jstabbilixxi proċeduri dwar l-applikazzjoni ta' ċerti regoli tekniċi nazzjonali għal prodotti mqiegħda fis-suq legalment fi Stat Membru ieħor u li jirrevoka d-Deċiżjoni 3052/95/KE;
- Deċiżjoni (COM(2007) 53 finali) dwar qafas komuni għat-tqegħid ta' prodotti fis-suq, waqt li b'mod parallel mal-proposta, il-Kummissjoni tirreġistra l-marka KE bħala marka kollettiva biex tassikura l-protezzjoni legali tagħha;
- Regolament (COM(2007) 37 finali) li jstabbilixxi l-ħtiġijiet għall-akkreditazzjoni u s-sorveljanza fis-suq relatati mal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti.

3.3 Il-proposta ta' regolament (COM(2007) 36 finali) li tipproponi r-revoka tal-proċedura attwali għall-iskambju reċiproku ta' l-informazzjoni tindirizza xi aspetti tal-qasam mhux armonizzati:

- proċedura ġdida għall-awtoritajiet nazzjonali li jkollhom l-intenzjoni li jimponu regola teknika nazzjonali u ma jemm-nux li jistgħu japplikaw rikonossiment reċiproku;
- definizzjoni fil-livell ta' l-UE tad-drittijiet u l-obbligi ta' l-awtoritajiet nazzjonali u ta' l-intrapriżi li jixtiequ jbigħu fi Stat Membru, wieħed mill-prodotti tagħhom li diġà huwa kkummerċjalizzat legalment fi Stat Membru ieħor;
- twaqqif f'kull Stat Membru ta' “Punt ta' Kuntatt ta' Prodott” wieħed jew aktar, bl-iskop li jipprovdi informazzjoni dwar ir-regoli tekniċi applikabbli jew li jispeċifika l-awtoritajiet/il-korpi kompetenti li għandhom jiġu kkuntattjati; ikun ukoll possibbli li jitwaqqaf netwerk telematiku li jgħaqqad dawn il-“Punti ta' Kuntatt ta' Prodott”, għall-iskambju ta' l-informazzjoni, skond l-iskema ta' interoperabbiltà ta' l-IDABC.

3.4 Il-proposta ta' deċiżjoni (COM(2007) 53 finali) tistabbilixxi l-qafas ġenerali għall-leġislazzjoni settorjali futura bi:

- definizzjonijiet armonizzati, obbligi komuni għall-operaturi ekonomiċi, kriterji għall-għażla tal-korpi ta' l-evalwazzjoni tal-konformità, kriterji għall-awtoritajiet ta' notifika nazzjonali u regoli għall-proċess ta' notifika;
- regoli għall-għażla tal-proċeduri ta' l-evalwazzjoni tal-konformità kif ukoll il-firxa armonizzata tal-proċeduri, biex tiġi evitata s-sovrappożizzjoni li tkidd;
- definizzjoni waħdanija għall-marka KE (bir-responsabbiltajiet u l-protezzjonijiet korrispondenti) bħala marka kollettiva tal-Komunità, għal dawk id-direttivi li diġà jipprovdu għaliha;
- proċedura ta' informazzjoni u ta' sorveljanza tas-suq bħala estensjoni tas-sistema maħluqa mid-direttiva dwar is-sikurezza ġenerali tal-prodotti;

— dispożizzjonijiet armonizzati għall-mekkaniżmi ta' salvagwardja futuri biex ikompli ma' dawk għas-sorveljanza tas-suq.

3.5 Il-proposta ta' regolament (COM(2007) 37 finali) jipprovdi għar-rinfurzar tar-rekwiżiti għall-akkreditazzjoni u s-sorveljanza tas-suq, sabiex prodotti mhux konformi jkunu jistgħu jiġu identifikati faċilment u jitneħħew mis-suq. L-oġġettiv ewlieni tal-proposta huwa li jkun assigurat il-moviment liberu tal-prodotti fil-qasam armonizzati billi:

— tissaħħaħ il-kooperazzjoni Ewropea, sabiex l-akkreditazzjoni tkun tista' tipprovdi b'mod ġenwin il-livell finali ta' kontroll fil-qafas tat-tħaddim xieraq tal-leġiżlazzjoni ta' l-UE;

— ikun stabbilit qafas għall-għarfien ta' l-organizzazzjoni eżistenti "Kooperazzjoni Ewropea għall-Akkreditazzjoni" (EA), sabiex jassikura evalwazzjoni rigoruża *inter pares* bejn il-korpi nazzjonali ta' akkreditazzjoni ⁽¹²⁾;

— qafas Komunitarju fil-qasam tas-sorveljanza tas-suq u kontrolli fuq prodotti li jidħlu fis-suq ta' l-UE, b'kooperazzjoni iktar mill-qrib bejn l-awtoritajiet interni u l-awtoritajiet tad-dwana, l-iskambju ta' l-informazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali u l-koperazzjoni bejniethom fil-każ ta' prodotti li jkunu fis-suq ta' iktar minn Stat Membru wieħed;

— applikazzjoni ta' regoli ċari u standarizzati mas-setturi kollha, li tassikura stabbiltà u konsistenza legali fil-miżuri, u li tnaqqas xi wħud mill-piżijiet tar-rekwiżiti ta' qabel il-kummerċjalizzazzjoni u fl-evalwazzjoni tal-konformità;

— provvediment ta' fondi tal-Komunità għal skemi ta' akkreditazzjoni settorjali, l-attivitajiet tas-segretarjat ċentrali ta' l-EA, it-twaqqif u l-koordinazzjoni ta' proġetti ta' sorveljanza tas-suq, programm ta' taħriġ u skambju ta' uffiċjali nazzjonali, inklużi l-awtoritajiet tad-dwana.

4. Kummenti ġenerali

4.1 Il-KESE jemmen ħafna li l-moviment liberu tal-prodotti huwa xprun essenzjali għall-kompetittività u għall-iżvilupp ekonomiku u soċjali tas-suq Uniku Ewropew u li r-rinforzar u l-aġġornament tar-rekwiżiti għall-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti sikuri u ta' kwalità għolja huma fatturi ewlenin għall-konsumaturi, in-negozji u ċ-ċittadini Ewropej.

4.2 Tul il-50 sena li għaddew, is-suq uniku għall-prodotti, għen biex iġib l-ekonomiji ta' l-Ewropa dejjem aktr qrib: il-kummerċ bejn is-27 Stat Membru ta' l-UE issa jammonta għal żewġ terzi tal-kummerċ kollu ta' l-UE.

4.3 L-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 28 u 30 ⁽¹³⁾ tat-Trattat tal-KE, l-armonizzazzjoni tar-regoli tekniċi ta' l-approċċ il-qadim u l-ġdid u l-applikazzjoni xierqa tal-prinċipju tar-rikonximent reċiproku huma kolonna essenzjali għall-iżvilupp tal-kummerċ intra-Komunitarju.

4.4 Hemm ħafna raġunijiet għaliex l-aġġornament u l-aġġustament tal-leġiżlazzjoni ta' l-UE dwar il-prodotti ma tistax titwaqqaf: il-problemi iffaċċjati fl-implimentazzjoni u l-infurzar tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat; in-nuqqas ta' approċċ konsistenti għas-sorveljanza tas-suq fl-Istati Membri; nuqqasijiet fil-korpi ta' l-evalwazzjoni tal-konformità u fil-protezzjoni legali tal-marka KE; l-inkonsistenzi u l-komplexità tal-leġiżlazzjoni Ewropea, li spiss hija kumulattiva u tissovrapponi, bi traqqiġh ta' proċeduri differenti; u nuqqasijiet fl-għarfien min-negozji, l-amministrazzjonijiet u ċ-ċittadini tad-drittijiet u l-obbligi tagħhom.

4.5 Il-KESE jappoġġja l-inizjattiva tal-Kummissjoni, filfatt diġà saħa, u ripetutament talab għal tali inizjattiva fl-opinjoni tiegħu dwar is-suq uniku ⁽¹⁴⁾; huwa jappoġġja l-proposti maħruġa sakemm huma jirriflettu l-kummenti magħmula f'din l-opinjoni.

⁽¹³⁾ Ara ukoll Art. 94-95 tat-Trattat ta' l-UE.

⁽¹⁴⁾ Lista ta' opinjonijiet tal-KESE reċenti dwar is-simplifikazzjoni, it-tfassil aħjar tal-liġijiet u l-prijoritajiet tas-suq uniku:

- 1) ĠU C 93, 27.4.2007, *Reviżjoni tas-Suq Uniku*, rapporteur: is-Sur Cassidy (mhux disponibbli bil-Malti).
- 2) Opinjoni dwar *Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Regġuni — Implimentazzjoni tal-Programm tal-Komunità ta' Lisbona: Strateġija għas-simplifikazzjoni ta' l-ambjent regolatorju*, COM(2005) 535 finali, rapporteur: is-Sur Cassidy, ĠU C 309, 16.12.2006. (mhux disponibbli bil-Malti).
- 3) Opinjoni esploratorja fuq talba tal-Presidenza tar-Renju Unit dwar *Tfassil Aħjar tal-Liġijiet*, rapporteur: is-Sur Retureau, adottata fit-28.9.2005, ĠU C 24, 31.1.2006. (mhux disponibbli bil-Malti).
- 4) Opinjoni fuq inizjattiva proprja dwar *Kif ittejjeb l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-leġiżlazzjoni ta' l-UE*, rapporteur: is-Sur van lersel, adottata fit-28.9.2005, ĠU C 24, 31.1.2006 (mhux disponibbli bil-Malti).
- 5) Opinjoni dwar *il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, il-Parlament Ewropew, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Regġuni — Aġġornament u simplifikazzjoni ta' l-Acquis Communautaire*, COM(2003) 71 finali, rapporteur: is-Sur Retureau, adottata fil-31.3.2004, ĠU C 112, 30.4.2004 (mhux disponibbli bil-Malti).
- 6) Opinjoni fuq inizjattiva proprja dwar *is-Simplifikazzjoni b'referenza partikulari għall-Governanza Ewropea: Tfassil Aħjar tal-Liġijiet*, rapporteur: is-Sur Simpson, adottata fis-26.3.2003, ĠU C 133, 6.6.2003 (mhux disponibbli bil-Malti).
- 7) Opinjoni esploratorja dwar *il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni — is-simplifikazzjoni u t-titjib ta' l-ambjent regolatorju*, COM(2001) 726 finali, rapporteur: is-Sur Walker, adottata fil-21.3.2002, ĠU C 125, 27.5.2002 (mhux disponibbli bil-Malti).
- 8) Opinjoni fuq inizjattiva proprja dwar *is-Simplifikazzjoni*, rapporteur: is-Sur Walker, adottata fid-29.11.2001, ĠU C 48, 21.2.2002 (mhux disponibbli bil-Malti).
- 9) Opinjoni fuq inizjattiva proprja dwar *is-Simplifikazzjoni tar-regoli fis-suq uniku*, rapporteur: is-Sur Vever, adottata fid-19.10.2000, ĠU C 14, 16.1.2001 (mhux disponibbli bil-Malti).
- 10) Opinjoni fuq inizjattiva proprja dwar *il-Prijoritajiet tas-suq uniku 2005-2010*, rapporteur: is-Sur Cassidy, adottata fis-7.4.2005, ĠU C 255, 14.10.2005 (mhux disponibbli bil-Malti).
- 11) Opinjoni dwar *il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, il-Parlament Ewropew, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Regġuni Strateġija tas-Suq Intern — Prijoritajiet 2003-2006*, rapporteur: is-Sur Cassidy, adottata fis-16.7.2003, ĠU C 234, 30.9.2003 (mhux disponibbli bil-Malti).
- 12) Rapport ta' informazzjoni dwar *is-Simplifikazzjoni*.
- 13) Rapport ta' informazzjoni dwar *l-Istat tal-ko-regolament u r-regolament personali fis-suq uniku*, rapporteur: is-Sur Vever, adottat fil-11.1.2005, CESE 1182/2004 fin. (mhux disponibbli bil-Malti).

⁽¹²⁾ Fil-preżent hemm madwar 1700 korp notifikat fl-UE.

4.6 Il-KESE jemmen li għandhom jintużaw erba' kriterji fundamentali biex jiġu evalwati l-miżuri proposti, ħalli jassiguraw li huma jiġu inkorporati fis-sistema eżistenti tal-Komunità:

- il-livell ta' trasparenza, simplifikazzjoni, kredibbiltà, ċertezza legali u aċċessibbiltà għall-utent tal-Komunità, sew jekk konsumaturi, negozji, amministrazzjonijiet pubbliċi kif ukoll ċittadini;
- il-livell ta' konsistenza mal-politika ta' l-UE u miri oħra;
- il-livell ta' komunikazzjoni u informazzjoni dwar id-drittijiet u l-obbligi bejn dawk kollha involuti fil-Komunità;
- l-ammont ta' burokrazija bla bżonn u piżijiet relatati, b'mod partikulari għal dawk involuti li huma żgħar bħall-konsumaturi, l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u ċ-ċittadini.

4.7 Il-KESE jħoss li l-proposti tal-Kummissjoni jippermettu passi kbar 'il quddiem billi jstabilixxu:

- dispożizzjonijiet għal żieda fis-sorveljanza tas-suq;
- sistema ta' akkreditazzjoni komuni;
- livelli komuni ta' kompetenza għal korpi ta' ċertifikazzjoni akkreditati;
- kriterji ta' selezzjoni iktar strinġenti u proċeduri ta' l-għażla armonizzati għall-evalwazzjoni tal-konformità;
- iktar kooperazzjoni u skambju ta' l-informazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali;
- protezzjoni legali ikbar għall-marka KE bħala marka kollettiva tal-Komunità.

4.8 Il-KESE jaqbel li hemm il-ħtieġa li titjeb il-kwalità tas-sistema għall-akkreditazzjoni tal-korpi notifikati u li jkunu stabbiliti kriterji iktar stretti għall-għażla, l-immaniġġjar u s-supervizzjoni ta' dawn il-korpi, b'sistema legali li tipprovdi konsistenza, tqabbil u koordinament fis-sistema deċentralizzata biex tassikura kredibbiltà u żieda fil-fiduċja reċiproka.

4.9 B'mod partikulari, minħabba l-globalizzazzjoni li kull ma tmur tiżdid, is-sistema ta' sorveljanza tas-suq trid tipprovdi qafas leġiżlattiv komuni li jassikura applikazzjoni effiċjenti u konsistenti tal-leġiżlazzjoni ma' l-UE kollha.

4.10 Prodotti li ma jikkonformawx u li jistgħu jkunu perikolużi m'għandhomx jitħallew jilhq u s-suq, kif hemm fir-rapport annwali ta' l-2006 tar-RAPEX, jiġifieri is-sistema tat-twissja rapida għall-prodotti tal-konsum perikolużi ⁽¹⁵⁾.

⁽¹⁵⁾ Rapport ta' RAPEX 2006 tal-Kummissjoni Ewropea, <http://ec.europa.eu/rapex>. Ir-rapport maħruġ fid-19.4.2007 jinnota li matul dawn l-aħħar snin, in-numru ta' notifikazzjonijiet dejjem qiegħed jikber. In-numru ta' notifikati ta' prodotti tal-konsumaturi mhux ta' l-ikel li jippreżentaw riskju serju ta' sigurtà fl-Ewropa iktar minn irdupplaw bejn l-2004 u l-2006, billi telgħu minn 388 għal 924, waqt li fl-2006 iż-żieda annwali kienet ta' 32 %; dan kellu x'jaqsam prinċipalment massetturi tal-ġugarelli, apparat ta' l-elettriku, vetturi bil-mutur, apparat tad-dawl u kosmetiċi, li jnvolvu riskju ta' ħsara, xokk elettriku, nar u ħruq, fgar u riskju kimiku.

4.11 Rigward il-marka KE — konċeputa bħala marka ta' konformità iktar milli marka ta' kwalità — il-KESE jħoss li huwa essenzjali li tkun restawrata l-fiduċja fil-marki ta' konformità. Jieħtieġ li jerġa' jinbena l-valur tal-marka KE, b'possibiltajiet ikbar ta' prosekuzzjoni għall-ksur tar-regolamenti u l-iżgurar tal-ħarsien legali ta' element li jirrappreżenta s-sistema leġiżlattiva li fuqu huma bbażati d-direttivi kollha ta' l-"approċċ il-ġdid", li issa jkopru 20 settur tal-produzzjoni.

4.12 Rigward is-sistema leġiżlattiva attwali, il-KESE jemmen li l-inkonsistenzi, ir-regoli duplikati u l-inċertezi legali jistgħu ikunu d-difett l-aktar evidenti tas-sistema kollha kemm hi, u dan jista' jkun ta' ħsara kbira għall-konsumaturi, in-negozji, iċ-ċittadini u s-soċjetà ċivili bħala tali.

4.13 L-eżistenza ta' diversi saffi ta' leġiżlazzjoni u nuqqas ta' rispett tal-ħtieġa għal konsistenza fost l-inizjattivi relatati mal-politika ta' l-UE u miri oħra wasslu għal burokrazija eċċessiva u piżijiet konsiderevoli f'termini ta' żmien marbut mal-bidu effettiv ta' proċeduri li ma jaqblux. Dan kellu impatt negattiv ħafna, speċjalment fuq il-konsumaturi, l-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju u ċ-ċittadini.

4.14 Għalhekk il-KESE jappoġġja għal kollox il-proposta għal qafas ta' referenza komuni għall-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti ⁽¹⁶⁾. Dan il-qafas għandu jinkludi element komuni, proċeduri u definizzjonijiet għar-riorganizzazzjoni futura u l-aġġustament ta' direttivi individwali biex titneħħa l-burokrazija żejda u biex jitneħħew difetti fis-sistema leġiżlattiva kurrenti.

4.15 Il-KESE jħoss li huwa importanti, bħala element essenzjali fis-suq intern, li titfassal gwida telematika Prattika għall-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti fis-suq intern Ewropew ⁽¹⁷⁾, li tagħti stampa li faċli tintiehem tal-leġiżlazzjoni u l-proċeduri kollha analizzati skond is-setturi maġġuri, inklużi drittijiet u obbligi, proċeduri ta' aċċess, skeda ta' żmien u spejjeż tat-tne-dija.

5. Kummenti speċifiċi

5.1 *Proposti għal Regolament dwar "l-għarfien reċiproku" u "l-Punti ta' Kuntatt ta' Prodotti"* (COM(2007) 36 finali)

5.1.1 Il-prinċipju ta' rikonnoxximent reċiproku, li huwa previst fl-Artikoli 28 u 30 tat-Trattat, huwa l-ġebla tax-xewka tal-moviment liberu tal-prodotti u s-servizzi fis-suq intern. Wara 50 sena, hekk kif l-UE kibret b'mod progressiv u s-swieq saru dejjem aktar globalizzati, il-KESE jemmen li hemm bżonn li jsaħ-ħaħ u jissalvagwardja ir-rwol tiegħu, billi jipprovdi ċertezza legali ikbar u implimentazzjoni uniformi, u juża l-potenzjal kollu tiegħu għall-operaturi ekonomiċi, in-negozji Ewropej u l-awtoritajiet nazzjonali.

5.1.2 Il-proposta tal-Kummissjoni tirrappreżenta pass pożitiv f'din id-direzzjoni billi hija:

- tistabbilixxi proċedura biex jiġu indikati l-inkonsistenzi fir-rigward tal-prinċipju ġenerali;

⁽¹⁶⁾ Il-qafas komuni għandu jagħti kas ukoll tas-"servizzi", li kulma jmur qegħdin ikunu aktar marbuta mal-kummerċjalizzazzjoni ta' l-istess prodotti.

⁽¹⁷⁾ Ara punt 5.1.11.

- tistabbilixxi qafas komuni ta' drittijiet u obbligi għall-awtoritajiet nazzjonali u n-negozji;
- tipproponi sistema għall-informazzjoni u l-kooperazzjoni amministrattiva fir-rigward tar-regolamenti nazzjonali.

5.1.3 Madankollu, il-KESE jemmen li għad hemm diversi punti problematiċi li jeħtieġ li jiġu definiti aħjar fil-proposta għal Regolament:

- l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' l-għarfien reċiproku ma tistax tkun mifruda mill-fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri fir-rigward tal-kredibbiltà tal-mekkaniżmi tas-sorveljanza tas-suq, li għandhom rwol vitali fl-għoti ta' l-aċċess lill-prodott għas-suq intern Ewropew; l-effettività tal-proċeduri ta' l-evalwazzjoni tal-konformità; ir-rwol li għandhom il-laboratorji tat-testijiet; u l-kompetenza tal-korpi taċ-ċertifikazzjoni u standardizzazzjoni;
- fl-abbozz tar-regolament, ir-rwol tal-Kummissjoni huwa iktar ċirkoskritt meta mqabbel ma' dak li hemm ipprovdut għalih fid-Deċizzjoni 3052/95/KE;
- il-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni amministrattiva jkunu limitati għal kooperazzjoni vertikali bejn in-negozji u l-awtoritajiet nazzjonali, filwaqt li jidher importanti li tiġi żviluppata kooperazzjoni orizzontali bejn l-awtoritajiet amministrattivi u bl-istess mod bejn il-Punti ta' Kuntatt tal-Prodott differenti;
- in-nuqqas ta' referenza għal mekkaniżmi li jipprovdu soluzzjonijiet f'każ ta' kwistjonijiet, bħal SOLVIT ⁽¹⁸⁾, li jippermetti li n-negozji jitolbu direttament proċedura mgħaġġla, ippruvata;
- il-bidla tas-suġġett li għandu r-responsabbiltà li jġib il-provi, inkluż għal prodotti minn pajjiżi barra mill-Komunità migħajba fis-swieq tal-Komunità minn importaturi Ewropej;
- l-inklużjoni ta' lista ta' prodotti pożittivi, li tista' tkun partikolarment ingannuża billi l-prinċipju ta' rikonossiment reċiproku japplika għall-prodotti kollha li m'humiex koperti minn leġislazzjoni armonizzata.

5.1.4 Il-KESE jħoss li jkun xieraq li t-test jirreferi b'mod espliċitu għall-bażijiet legali tat-Trattat li jstabilixxi l-prinċipju ta' rikonossiment reċiproku, b'hekk jenfasizza li s-salvagwardja ta' l-hekk support rekwiżiti nazzjonali tista' tkun biss eċċezzjoni.

5.1.5 Il-KESE jħoss li livelli għoljin ta' trasparenza, ċertezza legali u simplifikazzjoni għandhom ikunu assigurati fl-applikazzjoni u l-infurzar tal-prinċipju ta' l-għarfien reċiproku:

- bidla fis-suġġett li għandu r-responsabbiltà li jġib il-provi għall-awtoritajiet nazzjonali li jixtiequ jidderogaw minn dan il-prinċipju, bl-użu ta' proċeduri sempliċi u skedi ta' żmien definiti sabiex jagħmlu s-soluzzjoni ta' każijiet disputati iktar mgħaġġla u trasparenti;

⁽¹⁸⁾ <http://ec.europa.eu/solvit/>.

- il-possibbiltà ta' rikors għall-qrati nazzjonali, mingħajr ma jkun hemm piż eċċessiv f'termini ta' spejjeż, żmien u sforzi;

- aċċess għal proċeduri ta' ilmenti barra mill-qorti, billi jintużaw proċeduri li wrew li huma effettivi fl-UE;

- movimenti ta' prodotti u servizzi iktar effiċjenti, bl-użu ta' kampanji ta' informazzjoni u taħriġ konġunt li jimmiraw lejn l-intrapriżi, il-konsumaturi u l-amministrazzjonijiet;

- żmien iqsar għall-proċeduri, wara li tasal in-notifika raġġonata bil-miktub mill-awtorità nazzjonali, intrapriża għandha 20 jum biex tippreżenta l-argumenti kontra u, jekk il-kwistjoni ma tissolvix fi żmien speċifiku, din tista' tittella' fil-qrati nazzjonali tal-pajjiż tas-suq potenzjali;

- Netwerking Ewropew u inklużjoni fuq is-sit ta' l-UE għall-“Punti tal-Kuntatt tal-Prodott” li hemm ipprovdut għalihom f'kull Stat Membru, biex tkun assigurata komunikazzjoni u l-għoti ta' informazzjoni suffiċjenti dwar id-drittijiet u l-obbligi.

5.1.6 Fl-opinjoni tal-KESE, il-limitu ta' żmien massimu għad-diskussjoni ta' l-appelli għandu jkun definit sabiex il-kwistjoni tkun tista' tiġi deċiża quddiem il-qorti tal-prim istanza.

5.1.7 L-Istati Membri għandhom jgħammru lilhom infushom bi strutturi tekniċi effiċjenti (inkluż dispożizzjoni għal proċedura ta' urġenza) sabiex jipproduċu malajr kwalunkwe evidenza għal deroga mill-prinċipju ta' għarfien reċiproku skond l-Artikolu 30 tat-Trattat li “jippermetti li Stati Membri jieħdu miżuri li jkollhom effett ekwivalenti għal restrizzjonijiet kwantitattivi meta dawn ikunu ġustifikati minn konsiderazzjonijiet ġenerali u mhux ekonomiċi (moralità pubblika, ordni pubblika jew sigurtà pubblika, il-protezzjoni tas-saħħa u l-ħajja tal-bnedmin, ta' l-annimali jew il-preżervazzjoni tal-pjanti, il-protezzjoni ta' teżori artistiċi u l-protezzjoni tal-proprjetà industrijali u kummerċjali)” ⁽¹⁹⁾.

5.1.8 Il-Punti tal-Kuntatt tal-Prodott għandhom jużaw il-metodi tas-SOLVIT f'tentattiv inizjali biex isolvu tilwim u ħalli l-intrapriżi, li l-prodotti tagħhom kienu imblukkati fil-fruntieri, jkollhom aċċess għal din il-proċedura barra mill-qorti għal kooperazzjoni amministrattiva bejn Stati Membri, bi twegħibiet dovuti fi żmien 10 ġimgħat ⁽²⁰⁾.

⁽¹⁹⁾ Folji ta' Fatti tal-Parlament Ewropew: 3.2.1 Moviment liberu ta' prodotti. Aġġornati l-aħħar fit-22.10.2001.

http://www.europe-info.de/facts/en/3_2_1.htm.

⁽²⁰⁾ SEC(2007) 585. Dokument ta'ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni SOLVIT 2006 Rapport Żvilupp u Eżekuzzjoni tas-sistema SOLVIT fl-2006, tat-30.4.2007.

L-Istati Membri kollha kif ukoll in-Norveġja, l-Islanda u l-Liechtenstein, ħolqu ċentru SOLVIT, fil-biċċa l-kbira fil-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin jew Ekonomiċi.

Dawn iċ-ċentri jikkooperaw direttament permzz ta' bażi ta' data on line biex isolvu problemi ppreżentati miċ-ċittadini u l-intrapriżi malajr u b'mod pragmatiku. Ir-regoli għall-kooperazzjoni fis-SOLVIT huma inklużi fir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni ta' l-2001 li kienet approvata mill-konklużjonijiet tal-Kunsill. SOLVIT ilha taħdem minn Lulju 2002. Flimkien mar-rakkomandazzjoni, iċ-ċentri SOLVIT adottaw sett ta' livelli ta' kwalità komuni u ta' riżultati f'Diċembru 2004 biex jassiguraw kwalità għolja tas-servizz mas-sistema kollha.

5.1.9 Il-KESE jemmen li huwa importanti għall-Punti tal-Kuntatt tal-Prodott li jadottaw approċċ proattiv billi jagħmlu disponibbli gwidi proċedurali prattiċi. Jistgħu wkoll jistabbilixxu siti ta' l-internet nazzjonali, il-linkjati f'network Ewropew u mas-sit ta' l-UE, li juru d-deċiżjonijiet dwar il-każijiet deċiżi qabel, il-lista tal-prodotti koperti mill-prinċipju tar-rikonossiment reċiproku u l-bażi ta' data miftuħa għall-utenti potenzjali il-linkjati man-network telematiku għall-iskambju ta' l-informazzjoni bejn żewġ Punti ta' Kuntatt tal-Prodott skond l-interoperabbiltà ta' l-IDABC ⁽²¹⁾.

5.1.10 Il-preparazzjoni u l-operazzjoni ta' dawn l-istrumenti ma' tistax ma tkunx obligatorja; għandha tkun obbligu, stipulat fil-proposta. Il-Punti tal-Kuntatt tal-Prodott għandhom, flimkien mal-Kummissjoni, iżommu informazzjoni regolari konġunta u seminars ta' taħriġ għall-operaturi ekonomiċi, l-uffiċjali amministrattivi u doganali, biex jassiguraw fehim xieraq u disseminazzjoni tad-drittijiet u l-obbligi stabbiliti fit-Trattat.

5.1.11 Hemm ukoll il-bżonn li titħejja Gwida Telematika, li tagħti stampa ġenerali u li tiftiehem malajr tal-legalizzazzjoni kollha fis-seħħ fl-UE, analizzata b'mod orizzontali u skond is-setturi maġġuri.

5.1.12 Ma jidherx li hemm bżonn li titfassal lista ta' prodotti pożittivi koperti mir-Regolament, bħalma ma jkunx xieraq li tiġi eskluża l-proċedura urġenti li għaliha hemm dispożizzjoni fid-Direttiva dwar is-Sigurtà tal-Prodott Ġenerali.

5.1.13 Il-Kummissjoni għandha tosserva mill-qrib il-mod kif inhuma mħaddma l-mekkaniżmi tan-notifiki: hekk l-Istati Membri jkunu mistennija li jippreżentaw kopja ta' kull notifika u li jfasslu rapport annwali dwar il-miżuri adottati, taħt it-termini tar-Regolament, biex il-Kummissjoni tkun tista' tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-KESE — SMO.

5.2 *Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament u tal-Kunsill dwar Qafas komuni għat-taqeghid ta' prodotti fis-suq (COM(2007) 53 finali) u tal-Marka KE*

5.2.1 Il-KESE japprova l-prinċipji tal-proposta li hija bbażata fuq esperjenza pożittiva ta' l-Approċċ il-Ġdid, kombinat ma' l-Approċċ Globali ⁽²²⁾ dwar l-evalwazzjoni tal-konformità. Dawn il-prinċipji għandhom ikunu applikati b'mod ġenerali għal legalizzazzjoni tal-Komunità attwali u futura, li tkopri l-aspetti kollha tal-prodotti kkummerċjalizzati, b'mod speċjali fir-rigward tas-sigurtà, s-saħħa u l-protezzjoni ambjentali. Il-prinċipju ewlieni tas-suq intern, jiġifieri n-nuqqas ta' diskriminazzjoni bejn l-operaturi ekonomiċi, għandhu jkun irrispettat fil-liġi u implimentat mill-Istati Membri.

⁽²¹⁾ ĠU C 80, 30.3.2004, rapporteur: is-Sur Pezzini.

⁽²²⁾ L-approċċ globali daħħal approċċ modulari, dan jiddividi l-evalwazzjoni tal-konformità f'diversi passi jew "moduli" li huma differenti minn xulxin skond il-fażi ta' żvilupp tal-prodott (per eżempju, ippjanar, prototipu, produzzjoni sħiħa), it-tip ta' evalwazzjoni mwetqqa (l-ċekkjar tad-dokumenti, approvazzjoni tat-tip, garanzija tal-kwalità), u il-persuna responsabbli mill-evalwazzjoni (fabbrikat jew terza parti).

L-approċċ globali kien formalizzat b'Deċiżjoni tal-Kunsill 90/683/KEE, revokata u aġġornata bid-deċiżjoni 93/465/KEE: iż-żewġ deċiżjonijiet stabbilew linji gwida u proċeduri dettaljati għall-evalwazzjoni tal-konformità, għall-użu fid-direttivi ta' l-approċċ il-Ġdid.

5.2.2 Il-KESE jisħaq li "l-operaturi ekonomiċi kollha li jintervjenu fil-katina ta' forniment u distribuzzjoni għandhom jieħdu l-miżuri xierqa biex jassiguraw li jagħmlu disponibbli fis-suq prodotti li jkunu konformi mal-legalizzazzjoni applikabbli" ⁽²³⁾ biss, sew jekk ikunu fabbrikanti, rappreżentanti awtorizzati jew importaturi ⁽²⁴⁾.

5.2.3 It-traċċabbiltà tal-prodotti hija essenzjali sabiex ikun identifikat l-obbligu ta' l-operaturi ekonomiċi li jjieghdu l-prodotti fis-suq Ewropew, u sabiex ikun assigurat li l-kundizzjonijiet relevanti kollha tal-Komunità jiġu nfurzati, aktar milli sempliċement ir-rekwiżit tal-konformità "limitata għal ċerti miżuri ta' kontroll", kif propost mill-Kummissjoni ⁽²⁵⁾.

5.2.4 Fir-rigward tal-materja tas-suġġett u ta' l-iskop tad-Deċiżjoni, il-KESE jħoss li l-eċċezzjonijiet li hemm għandhom jiġu evitati u li l-Qafas Komuni għall-Kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti għandu japplika — skond il-proposti avvanzati f'punt 5.3.3 tar-Regolament dwar is-Sistema ta' Akkreditazzjoni Ewropea u tal-mekkaniżmi ta' Sorveljanza tas-Suq — għal-legalizzazzjonijiet kollha relevanti tal-Komunità mingħajr eċċezzjoni, la fil-qasam tas-saħħa u s-sigurtà u l-anqas fil-qasam tal-protezzjoni ambjentali. Il-qafas il-ġdid għandu japplika għall-korp kollu tal-legalizzazzjoni f'dan il-qasam, mingħajr ma wieħed jistenna biex jara jekk kull direttiva individwali jew regolament tistax tkun soġġetta għal reviżjoni ġenerali.

5.2.5 Id-definizzjonijiet komuni li hemm fil-Kapitolu 1 tal-proposta huma ta' importanza vitali għall-operaturi tas-suq, minħabba li wisq mid-direttivi jużaw definizzjonijiet differenti biex ikopru l-istess prodotti.

5.2.6 Il-KESE jemmen li dawn li ġejjin huma essenzjali:

- deskrizzjoni iktar ċara ta' l-obbligi ta' l-operaturi ekonomiċi, sabiex itejbu s-sistema ta' l-Approċċ il-Ġdid eżistenti;
- sorveljanza tas-suq iktar effiċjenti;
- livelli aktar uniformi tal-kompetenza fil-korpi ta' l-evalwazzjoni tal-konformità notifikati.

5.2.7 L-obbligi għal operaturi ekonomiċi għandhom ikunu ġġustifikati, proporzjonati u ħielsa minn burokrazija u amministrazzjoni eċċessiva, kemm fir-rigward ta' l-ittestjar b'teħid ta' kampjuni ta' prodotti ikkummerċjalizzati u tar-reġistru ta' l-ilmenti (it-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 7(4)), kif ukoll rigward il-kundizzjoni tar-rapportar, li għandha tkun ristretta għall-prodotti perikolużi kif inhuma definiti mid-Direttiva tas-Sigurtà tal-Prodott Ġenerali.

5.2.7.1 Fis-Sistema ta' Akkreditazzjoni Ewropea, l-azzjoni meħuda minn korpi ta' l-evalwazzjoni tal-konformità għandha tkun proporzjonata; dawn il-korpi għandhom jużaw metodi xierqa meta jkollhom x'jaqsmu ma' negozji żgħar u ta' daqs medju u ma' prodotti mhux iffabbrikati f'massa jew prodotti ffabbrikati fi kwantitajiet żgħar.

⁽²³⁾ Premessa 14, COM(2007) 53 finali.

⁽²⁴⁾ Li jinkludu importaturi ta' "prodotti bla isem" minn pajjiżi barra l-UE, li huma kkummerċjalizzati għal perijodi qosra u sikwit taħt ismijiet fantastiċi, skond il-prinċipju "biegħ u aħrab".

⁽²⁵⁾ Premessa 17, COM(2007) 53 finali.

5.2.8 Rigward il-Korpi Notifikati, il-KESE jtenni li huma għandhom jipprovdu garanzija ta' kompetenza, imparzjalità u effettività fiż-Żona Ekonomika Ewropea kollha. Sabiex il-fabbrikanti kollha jkunu jistgħu jikkompetu taħt kundizzjonijiet ugwali, u b'konformità ma' l-obbligu ta' l-akkreditazzjoni stabbilit fl-Artikolu 3 *et seq.*, għandha ssir evalwazzjoni ta' l-akkreditazzjoni minn Korpi ta' Akkreditazzjoni Nazzjonali u aċċettata mill-awtorità ta' notifika, biex hekk tkun evitata duplikazzjoni bla bżonn u li tiswa ħafna flus.

5.2.9 Modulu A għall-kontroll intern għandu jkun il-proċedura ta' l-evalwazzjoni tal-konformità preferuta, i-ktar minħabba l-fatt li, fi kwalunkwe każ, ir-responsabbiltà għall-prodott tibqa' kollha kemm hi tal-fabbrikant jew ta' l-importatur, fiż-ŻEE (Żona Ekonomika Ewropea). Barra minn hekk, hemm bżonn li jiġu ggarantiti possibbiltajiet differenti ta' għażla fost moduli semplifikati, b'mod partikolari għall-intrapriżi ż-żgħira u ta' daqs medju u l-produzzjonijiet limitati.

5.2.10 Il-qalba ewlenija tad-dispożizzjonijiet hija s-sistema tal-marka KE, li hija intenzjonata li tiċċertifika l-konformità tal-prodott mar-regoli applikabbli u li l-Istati Membri huma obbligati li jissalvagwardjaw b'mod iktar effettiv billi jirrispondu għall-użu mhux xieraq b'sanzjonijiet suffiċjenti u proporzjonati, inklużi dawk penali. Id-dispożizzjonijiet il-ġodda, hekk ukoll l-antiki, jistipulaw li l-konformità tal-prodotti, iċċertifikati bil-marka KE, ma terħix lill-fabbrikant mill-obbligu li jagħmel tajjeb għal kwalunkwe ħsara ikkawżata minn prodott li sussegwentement jinstab li huwa difettuż.

5.2.11 Il-KESE jaqbel bla riservi li nuqqas ta' kredibbiltà tal-marka KE jammonta għal "nuqqas ta' fiduċja fis-sistema kollha: l-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq, il-fabbrikanti, il-laboratorji u dawk li jiċċertifikaw, u fl-aħħar l-adeqwatezza tal-legalizzazzjoni ta' l-Approċċ il-Ġdid" ⁽²⁶⁾.

5.2.12 L-aħjar mod kif tissaħħaħ il-pożizzjoni u l-importanza tal-marka KE, kif definiti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 93/465 ⁽²⁷⁾, huwa permezz ta' taqliba radikali ta' l-immarkar innifsu, li tkun tinvolvi:

- li jkun iċċarat li m'għandhiex tintuża bħala sistema ta' immarkar jew tikkettjar għal skopijiet ta' konsum ⁽²⁸⁾, lanqas bħala garanzija ta' kwalità jew ċertifikazzjoni jew approvazzjoni minn partijiet terzi indipendenti, imma biss bħala dikjarazzjoni ta' konformità u ta' dokumentazzjoni teknika, li l-fabbrikant jew l-importatur għandu l-obbligu u r-responsabbiltà sħiħa li jipproduċi għall-awtoritajiet u l-konsumaturi;
- li jkunu rrazzjonalizzati l-proċeduri varji għall-evalwazzjoni tal-konformità;
- li tissaħħaħ il-protezzjoni legali tal-marka KE billi tiġi reġistrata bħala marka kollettiva, li tfisser li l-awtoritajiet pubbliċi jistgħu jaġixxu b'ħeffa biex irażżnu l-abbużi, waqt li jżommu miftuħa l-possibbiltà ta' immarkar nazzjonali addizzjonali;
- li jissaħħu l-mekkaniżmi tas-sorveljanza tas-suq u l-kontrolli doganali fil-fruntieri;

⁽²⁶⁾ Ir-rwol u s-sinifikat tal-marka KE — Abbozz ta' ċertifikat tal-Kummissjoni Ewropea Dok 2005 — 11 tat-30.8.2005.

⁽²⁷⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill 93/465/KE: — Deċiżjoni dwar il-moduli: "Il-marka KE tissimbolizza l-konformità ma' l-obbligi kollha li jaqgħu fuq il-fabbrikanti għall-prodott bħala riżultat tad-direttivi tal-Komunità li jistipulaw għat-twaħħil tagħha".

⁽²⁸⁾ Dokument tal-BEU C 298/2007 tal-5.6.2007 dwar pakkett tas-Suq Intern għal prodotti. Jim Murray, smigħ tal-PE 5.6.2007.

— li produttori u konsumaturi jisthargġu l-vantaġġi u l-iżvantaġġi ta' kodiċi tal-kondotta volontarju possibbli fuq l-effettività tal-proliferazzjoni ta' marki u tikketti ta' kwalità nazzjonali — volontarji jew xorta oħra — u kif jirrelataw mal-marka KE.

5.2.13 Il-mekkaniżmi tas-sorveljanza tas-suq huma ittrattati f'punt 5.3.13 *et seq.*, imma hawn, il-KESE jixtieq jenfasizza l-importanza ta' l-involvement tal-Kummissjoni, mhux biss fil-każ tal-prodotti kollha li, għalkemm jikkonformaw, jinvolvu riskji għas-saħħa u s-sigurtà, imma anke f'każijiet ta' nuqqas ta' konformità formali kif koperta bl-Artikolu 38 tal-Proposta għal Deċiżjoni.

5.2.14 Il-KESE jisħaq dwar ir-rwol kruċjali mwettaq fl-aspetti kollha ta' din il-kwistjoni mill-proċess ta' standardizzazzjoni teknika, billi l-istess fondazzjoni ta' dan l-approċċ il-ġdid hija r-rabta mill-qrib tar-rekwiżiti legali minimi u l-istandards tekniċi Ewropej, li hemm bżonn li jkunu appoġġjati u wżati. Jekk ikun hemm oġġezzjoni formali għal standards armonizzati ⁽²⁹⁾, allura l-awtorità ta' l-istandards rilevanti għandha tkun infurmata minnufih sabiex tkun tista' tagħti l-attenzjoni meħtieġa meta tkun qegħda tistabbilixxi l-livelli.

5.3 Proposta għal Regolament li jistabbilixxi l-ħtiġijiet għall-akkreditazzjoni u s-sorveljanza tas-suq dwar it-taqegħid ta' prodotti fis-suq (COM(2007) 37 finali)

5.3.1 Il-KESE jappoġġja l-proposta għall-istabbiliment ta' Sistema ta' Akkreditazzjoni Ewropea mwaqqfa fuq il-fiduċja u l-kooperazzjoni reċiproka sakemm din timplimenta regoli li jorbtu kemm lill-operaturi ekonomiċi kif ukoll lill-awtoritajiet pubbliċi biex ikun żgurat li l-prodotti kollha mqiegħda fis-suq jissodisfaw livelli għoljin ta' sigurtà u protezzjoni tas-saħħa. Is-sistema għandha tiggarrantixxi lill-konsumaturi Ewropej u lill-operaturi ekonomiċi kollha, proċeduri iktar sempliċi u iktar armonizzati.

5.3.2 Is-Sistema ta' Akkreditazzjoni Ewropea trid tassigura aċċettazzjoni universali tar-riżultati ta' l-evalwazzjoni tal-konformità u tevita duplikazzjoni superfluwa ta' ittestjar: sabiex tassigura li s-sistema hija aċċettabbli fuq livell internazzjonali, il-kompetenza ta' l-evalwazzjoni ta' l-akkreditazzjoni trid tkun ibbażata fuq livelli magħrufa fuq livell internazzjonali, u d-definizzjonijiet ta' "l-evalwazzjoni tal-konformità", "korpi ta' l-evalwazzjoni tal-konformità", "ħatra ta' korp" u "notifika" iridu jkunu msemmija b'mod espliċitu fir-Regolament.

5.3.3 Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament iridu japplikaw għall-korpi kollha ta' akkreditazzjoni u għas-servizzi li jipprovdu, fiż-Żona Ekonomika Ewropea, irrispettivament mit-tip ta' servizz ta' evalwazzjoni tal-konformità furnut lill-klijenti, u jridu jassiguraw:

— sett koerenti ta' definizzjonijiet komuni, ċari u trasparenti, konformi ma' l-istandards internazzjonali, biex jintuża fid-direttivi kollha ta' l-approċċ il-ġdid u d-direttivi tal-prodott speċifiku, inklużi dawk dwar l-evalwazzjoni tal-konformità u l-korpi ta' l-evalwazzjoni tal-konformità;

⁽²⁹⁾ Artikolu 14 ta' Proposta għal Deċiżjoni COM(2007) 53 finali.

- sistema ta' akkreditazzjoni mmexxija minn awtorità pubblika u li ma tridx tkun soġġetta għal kompetizzjoni kummerċjali;
- informazzjoni ġenerali tal-leġiżlazzjoni kollha rilevanti tal-Komunità, mingħajr eċċezzjonijiet kemm fil-qasam tas-saħħa u s-sigurtà kif ukoll fil-qasam tal-protezzjoni ambjentali: il-kumplessità dejjem tikber tal-leġiżlazzjoni tal-Komunità f'dan il-qasam trid issir permezz tad-dispożizzjonijiet il-ġodda, sistema waħda koerenti kemm għall-produtturi ta' l-UE kif ukoll għal dawk barra l-UE;
- applikazzjoni sħiħa għall-attivitajiet kollha soġġetti għall-akkreditazzjoni, inkluż il-kalibrar, irrispettivament minn jekk l-iskop ta' l-akkreditazzjoni huwiex li jissodisfa l-kundizzjonijiet ta' l-evalwazzjoni ta' konformità jew li jikkonforma ma' kuntratti privati;
- li korpi ta' akkreditazzjoni nazzjonali jikkonformaw ma' standards ta' kompetenza u imparzjalità billi jintalbu jieħdu sehem f'evalwazzjonijiet minn pari mwettqa taħt is-supervizzjoni tal-partijiet kollha involuti fil-proċess ta' akkreditazzjoni;
- l-effettività ta' l-ispejjeż mqabbla mal-benefiċċji, il-proporzjonalità, l-affidabilità u l-fiduċja reċiproka fis-sistema ta' akkreditazzjoni komuni kemm għall-qasam regolat kif ukoll għall-qasam mhux regolat.

5.3.4 Id-definizzjoni ta' akkreditazzjoni għandha tkun modifikata biex tinkludi l-ikkalibrar, l-ittestjar, iċ-ċertifikazzjoni, l-ispezzjoni u attivitajiet oħra ta' evalwazzjoni tal-konformità.

5.3.5 Barra minn hekk, biex jassigura regoli uniformi li jħaddnu l-proċeduri kollha ta' l-evalwazzjoni tal-konformità, inklużi dawk ta' l-assigurazzjoni tal-kwalità, il-kalibrar u it-testijiet ta' l-evalwazzjoni ISO 43, m'għandux ikun hemm eċċezzjonijiet: il-korpi kollha ta' akkreditazzjoni u s-servizzi kollha li huma jipprovdur fiż-Żona Ekonomika Ewropea għandhom ikunu koperti mir-Regolament, irrispettivament mit-tip ta' servizz ta' evalwazzjoni tal-konformità fornuta lill-klijenti.

5.3.6 Il-korpi ta' akkreditazzjoni nazzjonali għandhom joperaw fuq bażi mingħajr profitt kif propost fl-Artikolu 4(6). Madankollu, hemm ir-riskju li l-formolazzjoni attwali ixxekkel il-ħolqien tal-kapital tal-bidu meħtieġ biex jassigura pedament finanzjarju b'saħħtu ħalli servizzi ta' kwalità jitwasslu b'effiċjenza. Fl-opinjoni tal-KESE, il-korpi ta' akkreditazzjoni nazzjonali għandhom joperaw bħala korpi bla profitt fis-sens li huma ma jridux iqassmu profitti, kif stabbilit fuq livell internazzjonali f'ISO/IEC 17011 ⁽³⁰⁾.

5.3.7 Is-Sistema ta' Akkreditazzjoni Ewropea għandha tkun meqjusa bħala l-ogħla livell ta' akkreditazzjoni tas-sistema, u bħala servizz pubbliku ta' interess ġenerali trid tkun ħielsa mill-kompetizzjoni. Il-KESE iqis ġusta r-regola li tobbliga lill-Istati Membri li jkollhom korpi ta' akkreditazzjoni nazzjonali wieħed li l-kompetenza, l-oġġettività u l-imparzjalità tiegħu jridu jkunu soġġetti għal revizzjoni mill-pari, b'xi eċċezzjonijiet f'ċerti ċirkustanzi ⁽³¹⁾ għal Stati Membri żgħar kemm-il darba jkunu jixtiequ jużaw il-korpi ta' akkreditazzjoni nazzjonali ta' Stati Membri ġirien.

⁽³⁰⁾ ISO/IEC 17011 *The accreditation body shall have the financial resources, demonstrated by records and/or documents, required for the operation of its activities* (Il-korpi ta' akkreditazzjoni għandu jkollu r-riżorsi finanzjarri, murija b'rekords u/jew dokumenti, meħtieġa għall-operazzjoni ta' l-attivitajiet tiegħu).

⁽³¹⁾ Artikolu 6(1) tal-Proposta tar-Regolament COM(2007) 37 finali.

5.3.8 Il-KESE jaħseb li hemm bżonn li tkun stabbilita bażi legali ċara għall-kooperazzjoni Ewropea għall-Akkreditazzjoni, li r-rwol tagħha jrid ikun imsaħħaħ u definiti aħjar: il-korpi kollha ta' l-akkreditazzjoni nazzjonali jridu jkunu membri ta' l-Akkreditazzjoni Ewropea sabiex jassiguraw l-ekwivalenza, it-trasparenza, il-kredibbiltà u l-effettività, u s-sistema ta' l-Akkreditazzjoni Ewropea trid tkun appoġġjata mill-Istati Membri.

5.3.9 Sabiex tissaħħaħ iktar l-Akkreditazzjoni Ewropea, il-KESE jaħseb li l-korpi ta' akkreditazzjoni jridu jkunu firmatarji ta' ftehimiet ta' għarfien multilaterali operati mill-Akkreditazzjoni Ewropea. Barra minn hekk, il-mekkaniżmi ta' finanzjar miġbura fir-Regolament m'għandhomx ikopru biss l-Akkreditazzjoni Ewropea, imma għandhom jkunu estenzi għal kampanji b'appoġġ għall-attivitajiet ta' sorveljanza tas-suq u taħriġ konġunt ta' l-amministrazzjonijiet nazzjonali diversi li jieħdu sehem.

5.3.10 Ir-reviżjoni mill-pari prevista fl-Artikolu 9(1), biex tiffaċilita u ttejjeb l-operazzjoni tas-suq intern billi żżid id-fiduċja fih, trid tkun organizzata fis-Sistema ta' l-Akkreditazzjoni Ewropea u implimentata skond regoli armonizzati definiti fl-Akkreditazzjoni Ewropea. Ir-riżultati tar-reviżjoni mill-pari għandha tkun ippubblikata u ikkomunikata lill-Istati Membri kollha u lill-Kummissjoni.

5.3.11 Billi l-korpi ta' akkreditazzjoni jridu juru b'mod attiv li l-fiduċja li huma jgawdu tixraqillhom, il-KESE jaħseb li huma jridu jagħtu prova li huma jipparteċipaw b'suċċess fir-reviżjoni mill-pari.

5.3.12 Il-KESE jikkunsidra wkoll importanti li l-partijiet interressati kollha jkunu involuti: ir-rappreżentanti tagħhom għandhom jipparteċipaw fil-korpi ta' akkreditazzjoni u din id-dispożizzjoni għandha tkun parti integrali mir-Regolament il-ġdid.

5.3.13 Il-KESE jisħaq fuq l-importanza li l-Istati Membri jilħqu mekkaniżmi tas-sorveljanza tas-suq ekwivalenti, iktar koerenti u effiċjenti permezz ta' l-armonizzazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Komunità li tinkludi t-tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn il-fruntieri: għandu jkun hemm allinear mill-ġdid tad-dispożizzjonijiet dwar is-sigurtà tal-prodott ġenerali — id-Direttiva dwar is-Sigurtà tal-Prodott 2001/95/KE — u tad-direttivi l-oħra rilevanti sabiex tkun assigurata l-applikazzjoni sħiħa tal-prinċipju ta' "tfassil ta' liġijiet aħjar" għat-tħaddim tas-suq uniku. Attivitajiet ta' sorveljanza tas-suq għandhom japplikaw ukoll għall-prodotti koperti mid-Direttiva tas-Sigurtà tal-Prodott Ġenerali, billi bosta prodotti jinbigħu kemm għall-użu professjonali kif ukoll għall-użu mill-konsumatur aħħari. Għalhekk, il-KESE jqis bħala mhux ġustifikata l-esklużjoni tad-Direttiva tas-Sigurtà tal-Prodott Ġenerali, mid-dispożizzjoni msemmija fl-Artikolu 13(2), billi dan jasal li joħloq aktar konfużjoni u kumplikazzjonijiet għall-operaturi ekonomiċi milli koeżjoni ikbar ta' l-attivitajiet ta' sorveljanza tas-suq intern.

5.3.14 Il-KESE jħoss li l-eżistenza tas-sistema ta' skambju ta' l-informazzjoni rapida kurrenti, RAPEX ⁽³²⁾, li hija kapaċi tassisti b'mod effettiv is-sorveljanza tas-suq, hija totalment ġustifikata: madankollu jeħtieġ li tintuża b'mod iktar uniformi u koordinat mill-Istati Membri, d-dwani u l-awtoritajiet amministrattivi.

⁽³²⁾ Ma' RAPEX hemm ukoll: fil-qasam agro-alimentari is-sistema ta' twis-sija RASFF (Rapid Alarm System for Food and Feed); għall-mard fil-bnedmin, is-sistema EWRS (Early Warning and Response System); u s-sistema ADNS (Animal Disease Notification System) għall-mard fl-annimanli. Qabbel id-Deċiżjoni 2004/478/KE u r-Regolament 2230/2004/KE.

5.3.15 L-awtoritajiet doganali għandhom jikkoperaw ma' l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq fis-sistema Ewropea sabiex jassiguraw l-iċċekkjar effettiv tal-prodotti qabel ma dawn jitpoġġew fis-suq uniku Ewropew, u l-awtoritajiet doganali għandhom ikunu mġhamra b'persunal imħarreġ, riżorsi finanzjarji u b'setgħa biżżejjed biex iwettqu x-xogħol fdat lilhom b'mod effettiv.

5.3.16 Il-mekkaniżmi ta' sorveljanza tas-suq u ta' spezzjoni tad-dwana għandu jkollhom, fuq kollox, l-istrumenti meħtieġa biex minnufih jittrattaw prodotti li huma staġjonali jew li jinbiġhu biss għal perijodu ta' żmien qasir bħala promozzjonijiet

speċjali, ta' spiss taħt ismijiet effimeri u fittizji. L-awtoritajiet għandu jkollhom il-poteri u l-mezzi għal intervent rapidu kontra dawn u l-importaturi fil-Komunità għandhom jieħdu r-responsabbiltà kollha biex jassikura li huma jissodisfaw r-rekwiżiti essenzjali ta' l-UE, speċjalment fir-rigward tas-sigurtà u l-protezzjoni ambjentali.

5.3.17 Fl-aħħarnett, il-KESE jaħseb li r-Regolament jeħtieġ li jistipula b'mod ċar li l-miżuri meħuda bi tweġiba għal nuqqas ippruvat ta' konformità jirrispettaw il-prinċipju tal-proporzjonalità, irrispettivament mil-linji gwida proposti fl-Artikolu 19(1): Il-KESE jaħseb li l-Artikolu 17 għandu jkun emendat kif imiss.

Brussell, it-13 ta' Diċembru 2007.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Dimitris DIMITRIADIS

APPENDIĊI

għall-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

L-emendi li ġejjin, li rċevew iktar minn kwart tal-voti mixħuta, ġew irrifjutati waqt id-dibattitu:

Punt 5.2.12

Żid ma' l-ewwel inċiż:

“— li jkun iċċarat li m'għandhiex tintuża bħala sistema ta' immarkar jew tikkettjar għal skopijiet ta' konsum, lanqas bħala garanzija ta' kwalità jew ċertifikazzjoni jew approvazzjoni minn partijiet terzi/terzi persuni indipendenti, imma biss bħala dikjarazzjoni ta' konformità u ta' dokumentazzjoni teknika, li l-fabbrikant jew l-importatur għandu l-obbligu u r-responsabbiltà sħiħa li jipproduċi għall-awtoritajiet u l-konsumaturi. Bħala konsegwenza, peress li l-marka KE mhijiex garanzija ta' kwalità jew ċertifikazzjoni jew approvazzjoni minn partijiet terzi indipendenti, huwa biżżejjed li l-marka KE titpoġġa fuq id-dokumentazzjoni ta' akkumpanjament u mhux fuq il-prodott innifsu.”

Raġuni

Skond ir-regoli attwali l-prodotti kollha ta' tip partikolari, per eżempju l-ġugarelli, iridu jiġu ttimbrati bil-marka KE. Dan ifisser li m'hemm l-ebda messaġġ lill-konsumatur li prodott huwa aħjar minn ieħor. Ifisser (biss) li l-prodott jilħaq livell ta' sigurtà suffiċjenti biex jinbiegħ. Il-konsumatur jippretendi li l-prodotti kollha fil-ħanut għandhom il-permess li jinbiegħu

U jekk, per eżempju, il-konsumatur ikun qiegħed iħares lejn tagħmir sportiv bħal roller skates u/jew skateboards ma hemm l-ebda rekwiżit għal marka KE fuq prodott li huma intiżi għal tfal ta' taħt l-20 kilo. Jista' jkollok prodott ħdejn xulxin fuq l-ixkaffa, u l-konsumaturi jaħsbu li daww immarkati KE huma aħjar mill-oħrajn.

Tul iż-żmien, bosta sħarriġ wera li l-konsumaturi ma jifhmux/jiġu mqarrqa mill-marka KE. Fost l-ideat żbaljati hemm: li l-prodotti għandhom ċerta kwalità (mhumiex biss sikuri), ġew ittestjati minn terzi persuni, jew li ġew prodotti fl-UE.

U wieħed jifhem li l-konsumaturi ma jifhmux is-sistema. Il-prodotti kollha ta' l-ikel m'humiex obligati li jkollhom marka speċjali, iżda xorta jridu jilhqqu r-regolamenti u d-direttivi ta' l-UE. Fil-fehma ta' l-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi Ewropej, BEUC u ANCE huwa biżżejjed li l-marka KE — bħala passaport ta' sigurtà għas-suq — tkun fuq id-dokumenti ta' akkumpanjament sabiex jiġu vverifikati mill-awtoritajiet relevanti.

Riżultat tal-vot

Voti favur: 24 Voti kontra: 27 Astensjonijiet: 10.

Punt 5.2.12

Žid is-6 inċiż:

“— li jittieħdu passi sabiex il-Kummissjoni, il-produtturi u l-konsumaturi janalizzaw il-possibilità li tinħoloq skema awtentika ta' marki ta' kwalità għall-prodotti li tkun imsejsa fuq ċertifikazzjoni minn partijiet terzi li tkopri aktar elementi milli jkopru r-regoli ta' sikurezza bażiċi fid-direttivi;”

Raġuni

Diskussjoni ta' din it-tip tista' tħares lejn il-ħolqien ta' livelli mhux biss tas-sigurtà, iżda wkoll li jkopru eżiġenzi ta' kwalità, ambjent u etika sabiex jippermettu li xi produtturi — jekk ikunu jixtiequ — jkunu jistgħu jiċċertifikaw il-prodotti tagħhom għal eżiġenzi oħra barra ta' sigurtà.

Jekk ikun hemm qbil fuq din l-emenda, sezzjoni 1 “Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet” trid tiġi adattata, (per eżempju f'punt 1.5 wara s-seba' inċiż).

Riżultat tal-votazzjoni

Voti favur: 25 Voti kontra: 29 Astensjonijiet: 12.

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 80/181/KEE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar l-unitajiet ta' kejl

COM(2007) 510 finali — 2007/0187 (COD)

(2008/C 120/02)

Nhar is-26 ta' Settembru 2007, il-Kunsill iddeċieda, b'konformità ma' l-Artikolu 95 tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, li jikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, dwar

Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 80/181/KEE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li jikkonċernaw l-unitajiet ta' kejl.

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar il-21 ta' Novembru 2007. Ir-rapporteur kien **is-Sur Cassidy**.

Matul l-440 sessjoni plenarja tiegħu li nżammet fit-12 u t-13 ta' Diċembru 2007 (seduta tat-12 ta' Diċembru), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-opinjoni b'114-il vot favur u 2 astensjonijiet.

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1 Il-KESE japprova l-proposta preżenti mingħajr riservi.

1.2 Id-Direttiva ssemmi tmiem l-2009 bħala l-iskadenza għall-użu ta' "indikazzjonijiet supplimentari" jiġifieri indikazzjonijiet mhux metriċi. Iż-żamma ta' din l-iskadenza tkun spiża għall-intrapriżi kollha ta' l-UE involuti fil-kummerċ trans-Atlantiku.

1.3 Id-Direttiva tirrikjedi wkoll li r-Renju Unit u l-Irlanda jiffissaw skadenza li tikkonċerna l-eżenzjonijiet għall-użu tal-pinta, il-mil u t-troy ounces.

1.4 Il-proposta tal-Kummissjoni hi li jitneħħew dawn l-iskadenzi mingħajr ma jinbidlu b'oħrajn.

1.5 Id-Direttiva tiddefinixxi l-unitajiet metriċi jew l-unitajiet SI — li tfisser *Système International* u tirreferi għas-sistema użata fid-dinja kollha, adottata mill-*Conférence générale des poids et mesures* (CGPM) fl-1960 — bħala l-unitajiet legali ta' kejl fl-UE. Għalkemm l-Unjoni Ewropea mhijiex sinjatarja, l-Istati Membri kollha huma sinjatarji. L-aġġornament regolari ta' l-unitajiet SI għall-progress tekniku wassal lill-Kummissjoni sabiex tadotta s-simbolu tal-"katal" bħala l-unità SI għall-attività katalitika.

1.6 Il-KESE jilqa' din il-proposta tal-Kummissjoni fil-kuntest ta' l-isforzi li qegħdin isiru għal leġiżlazzjoni semplifikata u mtejba u jilqa' s-sensittività li wriet il-Kummissjoni billi għarfet l-importanza tas-"sussidjarjetà" għall-Irlanda u r-Renju Unit.

Brussell, it-12 ta' Diċembru 2007.

Il-President

tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Dimitris DIMITRIADIS

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar Il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-livell ta' storbju kif jinstema' mis-sewwieq ta' trattur bir-roti għall-agrikoltura jew għall-forestrija (Verżjoni kkodifikata)

COM(2007) 588 finali — 2007/0205 (COD)

(2008/C 120/03)

Nhar l-24 ta' Ottubru 2007, il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea ddeċieda, b'konformità ma' l-Artikolu 95 tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, li jikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar *Il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-livell ta' storbju kif jinstema' mis-sewwieq ta' trattur bir-roti għall-agrikoltura jew għall-forestrija (Verżjoni kkodifikata)*.

Billi l-Kumitat jikkunsidra li l-kontenut tal-proposta huwa kompletament sodisfaċenti u m'hemm bżonn ta' l-ebda kummenti min-naħa tiegħu, iddeċieda, matul l-440 sessjoni plenarja tiegħu tat-12 u tat-13 ta' Diċembru 2007 (seduta tat-12 ta' Diċembru), b'135 vot favur u 2 astensjonijiet, li jagħti opinjoni favorevoli għat-test propost.

Brussell, it-12 ta' Diċembru 2007.

Il-President

tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Dimitris DIMITRIADIS

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar Il-Green Paper dwar strumenti bbażati fuq is-suq għall-ambjent u għanijiet ta' politika relatati

COM(2007) 140 final — SEC(2007) 388

(2008/C 120/04)

Nhar it-28 ta' Marzu 2007, il-Kummissjoni Ewropea ddeċidiet, b'konformità ma' l-Artikolu 262 tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, li tikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

Il-Green Paper dwar strumenti bbażati fuq is-suq għall-ambjent u għanijiet ta' politika relatati.

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għall-Agricoltura, l-Iżvilupp Rurali u l-Ambjent, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar il-31 ta' Ottubru 2007. Ir-rapporteur kien is-Sur Ribbe.

Matul l-440 sessjoni plenarja tiegħu tat-12 u t-13 ta' Diċembru 2007 (seduta tat-13 ta' Diċembru), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-opinjoni bi 48 vot favur u astensjoni waħda.

1. Sinteżi

għalhekk id-diskussjoni m'hiex dwar *jekk* dawn għandhomx jiġu introdotti iżda dwar *kif* dawn għandhom jintużaw.

1.1 Il-Kumitat jinnota li l-Green paper dwar strumenti bbażati fuq is-suq għall-ambjent ġiet ippubblikata b'dewmien konsiderevoli.

1.2 Il-Kumitat japprova l-fehmiet espressi dwar id-diversi effetti fiskali u ambjentali tad-diversi strumenti bbażati fuq is-suq għall-ħarsien ta' l-ambjent (bħat-taxxi, drittijiet fiskali, miżati, sussidji, drittijiet/skemi ta' ċertifikazzjoni eċċ.).

1.3 Madankollu, il-Kumitat jinnota li l-istrumenti bbażati fuq is-suq ilhom jagħmlu parti integrali mill-azzjoni ta' politika,

1.4 Bħalma tirrimarka tajjeb il-Kummissjoni, l-istrumenti bbażati fuq is-suq joffru l-possibbiltà li tinstab soluzzjoni għall-kwistjonijiet ambjentali b'mod li jrendi profitt. Madankollu dawn m'humix rimedju. Id-dibattitu politiku kif ukoll il-Green Paper għandhom għalhekk jindirizzaw ir-relazzjoni u l-interazzjoni bejn, per eżempju, ir-regoli u l-projazzjonijiet, ir-regolamentazzjoni u l-istrumenti bbażati fuq is-suq (bħat-taxxi, il-piżijiet, is-sussidji u l-permessi li jistgħu jiġu skambjati). Il-Kumitat jiddisparja, madankollu, li l-Green Paper tal-Kummissjoni tonqos milli torjenta r-riflessjoni lejn dawn il-kwistjonijiet.

1.5 Għalhekk il-Kumitat jistieden lill-Kummissjoni sabiex tuża d-dibattitu pubbliku li tqajjem mill-Green Paper bħala opportunità sabiex tistabbilixxi, permezz ta' eżempji speċifiċi u konkreti, il-potenzjal u l-effetti iżda wkoll il-limiti tad-diversi strumenti għall-protezzjoni ta' l-ambjent.

2. Sintesi tal-Green Paper

2.1 Fit-28 ta' Marzu 2007, il-Kummissjoni ppreżentant il-Green Paper, li diġà kienet tħabbret fl-2004, dwar strumenti bbażati fuq is-suq għall-ambjent u għanijiet ta' politika relatati ⁽¹⁾, u li hija s-suġġett ta' din l-opinjoni.

2.2 B'din il-Green Paper il-Kummissjoni tixtieq tnedi dibattitu dwar il-promozzjoni ta' l-użu ta' strumenti ekonomiċi bbażati fuq is-suq fis-soċjetà.

2.3 Fil-Green Paper, il-Kummissjoni tirreferi għall-oġġettivi ambjentali ta' politika li dwarhom kien hemm qbil fil-livell Ewropew, b'mod partikulari l-politika ġdida dwar l-enerġija u l-klima, li l-Kummissjoni tħoss li "timplika xejn inqas minn rivoluzzjoni industrijali ġdida fl-10/15-il sena li ġejjin".

2.4 Il-Kummissjoni tippreċiża li "mingħajr intervent pubbliku dawn l-għanijiet ambizzjużi ma jistgħux jintlaħqu". Tikkunsidra li l-istrumenti bbażati fuq is-suq għandhom jintużaw aktar għall-skopijiet ambjentali. Għandhom ikunu "partijiet importanti fl-isforzi sabiex tinkiseb bidla vera permezz ta' modifika ta' inċentivi għan-negożju u l-konsumaturi".

2.5 Madankollu, il-Kummissjoni tiddikjara wkoll li dawn "mhumiex ir-rimedju għall-problemi kollha".

2.6 L-istrumenti bbażati fuq is-suq huma mfissra bħala taxxi, tariffi u sistemi ta' permessi negozjabbli.

L-użu ta' strumenti bbażati fuq is-suq bħala mezzi ta' azzjoni politika

2.7 Skond il-Kummissjoni, ir-raġuni prinċipali għall-użu ta' strumenti bbażati fuq is-suq tinsab "fl-abbiltà tagħhom li jsibu rimedji għall-fallimenti tas-suq f'mod effettiv fin-nefqa. Falliment tas-suq tfisser sitwazzjoni fejn is-suq huwa ineżistenti (eż. r-riżorsi ambjentali li għandhom il-karatteristiċi ta' ġid pubbliku) jew fejn is-suq ma jirriflettix biżżejjed in-nefqa vera jew l-ispiża soċjali ta' attività pubblika".

2.8 Jissemew il-vantaġġi segwenti:

- l-istrumenti bbażati fuq is-suq jirrikonoxxu d-differenzi eżistenti bejn id-ditti;
- itejbu s-sinjali tal-prezzijiet billi jagħtu valur lill-ispejjeż ekonomiċi u l-benefiċċi ta' l-attività ekonomiki;
- jippermettu iktar flessibilità sabiex jintlaħqu l-għanijiet u għalhekk jintaqqsu l-ispejjeż totali mġarrba sabiex tintlahqu il-konformità;

⁽¹⁾ COM(2007) 140 final, 28.3.2007.

— lid-ditti jagħtuhom inċentivi sabiex, fuq perijodu fit-tul, isegwu l-innovazzjoni teknoloġika ħalli jnaqqsu iktar l-impatti negattivi fuq l-ambjent ("effiċjenza dinamika");

— jappoġġaw l-impieg meta jiġu użati fil-kuntest tat-taxxa ambjentali jew ir-riforma fiskali.

2.9 Madankollu, il-Kummissjoni tagħmilha ċara wkoll li l-istrumenti bbażati fuq is-suq ma jintużawx biss sabiex jintlaħqu miri politiki speċifiċi, iżda wkoll sabiex "tevita t-tagħwiġ ġewwa s-suq intern li ġej minn approċċi diverġenti fl-Istati Membri individwali, sabiex tiżgura li piż simili jaqa' fuq l-istess settur madwar l-UE u sabiex tegħleb l-effetti negattivi li jistgħu jiġu mal-kompetittività fi ħdan l-UE".

2.10 Tindika wkoll li l-istrumenti differenti bbażati fuq is-suq huma distinti minħabba l-effett tagħhom. Is-sistemi kwantitattivi (bħall-iskemi ta' permessi negozjabbli) jipprovdu iktar ċertezza sabiex jinkisbu għanijiet politiki speċifiċi (eż. il-limiti ta' l-emissjonijiet) meta mqabbla ma strumenti bbażati biss fuq il-prezzijiet (bħalma huma t-taxxi). Min-naħa tagħhom, strumenti bbażati fuq il-prezz jipprovdu sigurtà fir-rigward ta' l-ispiża jew il-prezz ta' għan tal-politika u normalment huwa iktar faċli li jiġu amministrati.

2.11 Il-Kummissjoni tenfasizza wkoll differenza essenzjali oħra: it-taxxi (u d-drittijiet fiskali) ma jintużawx biss sabiex jinfluwenzaw l-imġiba, iżda sabiex jiġġeneraw id-dħul. Dan iseħħ biss fil-każ tas-sistemi ta' permessi negozjabbli "jekk l-allokkazzjonijiet jiġu rkantati mill-awtoritajiet pubbliċi".

2.12 Il-Green Paper tħares lejn it-tema ta' tkabbir u impjieg u tistabbilixxi r-raġunijiet għar-riformi fit-taxxa ambjentali. Matul is-Summit li nżamm f'Ġunju 2006, il-Kunsill Ewropew iddikjara, fil-kuntest ta' l-istrateġija l-ġdida favur l-iżvilupp sostenibbli, il-possibbiltà ta' sistema ġdida ta' taxxa bbażata fuq il-kriterji ta' sostenibbiltà, mingħajr madankollu ma daħal f'dettalji. Issa l-Kummissjoni tgħid li "Riforma tat-taxxa ambjentali (ETR) li tittrasferixxi l-piż fiskali mit-taxxi li għandhom effett negattiv fuq il-kwalità tal-ħajja, (eż. t-taxxi fuq ix-xogħol), għal taxxi li għandhom effett pożittiv, (eż. fuq attivitajiet li jikkawżaw ħsara lill-ambjent, bħall-użu tar-riżorsi jew it-tniġġis) tista tkun rebbeha minn kull lat meta taf-fronta l-kwistjonijiet kemm ambjentali kif ukoll ta' l-impiegi ⁽²⁾. Fl-istess waqt, tranżizzjoni fiskali fuq żmien twil tirrikjedi dħul relattivament stabbli mill-bażi fiskali marbuta ma' l-ambjent".

2.13 Fl-aħħar, id-dokument jikkwota xi ftit eżempji ta' strumenti stabbli bbażati fuq is-suq (taxxi fuq l-enerġija, Eurovignette, sistemi lokali ta' tassazzjoni sabiex titnaqqas il-konġestjoni urbana) u jiffirma numru kbir ta' mistoqsijiet, mill-aktar speċifiċi għall-aktar ġenerali, diretti għall-pubbliku bil-għan li jitnieda dibattitu fis-soċjetà.

2.14 Il-Kummissjoni tara wkoll metodi għall-użu ta' l-istrumenti bbażati fuq is-suq sabiex jiproteġu l-bijodiversità.

⁽²⁾ Il-Kummissjoni diġà qajmet din il-kwistjoni fl-1993 fil-White Paper tagħha dwar it-Tkabbir Ekonomiku, il-Kompetittività u l-Impieg (COM(93) 700, Kapitolu 10) — u għal darb'oħra dan l-aħħar f'komunikazzjoni reċenti dwar il-mudell soċjali Ewropew jew f'dokument dwar ir-rabtiet bejn il-politiki ta' l-impieg u l-politiki ta' l-ambjent. Ara COM(2005) 525 u SEC(2005) 1530. Evidenza ex-post mill-pajjiżi Nordiċi kif ukoll ir-riżultati ta' l-istudji bbażati fuq mudell jindikaw l-eżistenza ta' żewġ tipi ta' benefiċċi.

3. Kummenti ġenerali

3.1 Il-KESE sikwit tkellem favur l-użu ottimali ta' firxa wies-għa ta' strumenti politiċi għall-protezzjoni ta' l-ambjent u f'dan ir-rigward l-istrumenti bbażati fuq is-suq għandhom rwol importanti x'jaqdu. Il-Kumitat u l-Kummissjoni jaqblu fuq dan.

3.2 Minkejja li l-Kumitat japprova l-punti li fil-fehma tiegħu huma pertinenti u ġusti, jixtieq li l-Green Paper, liema preparazzjoni damet għaddejja u l-pubblikazzjoni ddewmet b'mod reputat, wasslet għal aktar ċarezza fl-użu ppjanat ta' l-istrumenti bbażati fuq is-suq. Il-proċess twil tat-tfassil tal-politika seta' kien neċessarju iżda, fil-fehma tal-Kumitat, ma kellu l-ebda użu viżibbli.

3.3 L-impressjoni li ħalla, jekk xejn, hija li r-realtà politika tiżviluppa b'mod aktar mgħaġġel mill-konsultazzjonijiet interni.

3.4 Il-Kumitat jinnota li l-istrumenti bbażati fuq is-suq ilhom żmien twil li bdew jintużaw għall-protezzjoni ta' l-ambjent, anke jekk forsi b'modi differenti ħafna fl-Istati Membri individwali. Skond il-Eurostat, per eżempju, f'it anqas minn 7 % tad-dħul totali miġbur fl-Istati Membri ġej mit-taxxi ambjentali.

3.5 Il-Green Paper u d-dibattitu politiku għalhekk ma jstgħux jibqgħu jiffukaw fuq il-possibiltà li jiġu introdotti strumenti bbażati fuq is-suq favur l-ambjent. Il-kwistjoni mhix il-jekk, iżda il-kif. Fi kliem ieħor: sa liema punt għandhom jintużaw l-istrumenti bbażati fuq is-suq u dawn kif għandhom jikkorrelataw mar-regoli, il-projbizzjonijiet u l-għodod politiċi oħra?

3.6 Madankollu, il-kontenut tal-Green Paper ma jmurx lil hinn minn dak li ilu magħruf għal żmien twil, u li jiġi diskuss fil-livell ta' l-intrapriżi u s-soċjetà. Lanqas ma tindirizza l-kwistjoni dwar min għandu jkollu r-responsabbiltà prinċipali f'dawn l-interventi. Ovvjament, l-UE m'għandhiex l-istess livell ta' responsabbiltà għall-istrumenti kollha. Fil-qasam tal-kwistjonijiet fiskali, per eżempju, għandha kompetenzi limitati ħafna. Apparti minn hekk, fil-livell ta' politika, mhux ċar eżatt x'suppost ser jiġri wara l-pubblikazzjoni tal-Green Paper, jekk hux, bħalma jiġri s-soltu, ser tiġi segwita minn White Paper jew x'konklużjonijiet għandhom jittieħdu.

3.7 L-akbar nuqqas tal-Green Paper huwa l-fatt li ma tinkludi l-ebda indikazzjoni ċara ta' liema strument politiku għandu jingħata prijorità fit-tali sitwazzjoni. Id-dimarkazzjoni intiża jew ir-rabta possibbli bejn ir-regolamentazzjoni u l-istrumenti bbażati fuq is-suq tibqa' ma' tiġix iċċarata.

3.8 B'konsegwenza, filwaqt li jilqat l-Green Paper b'mod favorevoli, il-KESE jindika li d-dibattitu soċjali fuq strumenti aktar effettivi għall-użu tal-politika ambjentali għandu jitwettaq b'impenn akbar u kemm jista' jkun bl-użu ta' eżempji speċifiċi sabiex l-oġettivi ambizzjużi ta' l-UE fir-rigward tal-ġlieda kontra l-bidla fil-klima u l-politika ta' l-enerġija jsiru realtà.

3.9 Il-KESE jikkunsidra li l-istrumenti bbażati fuq is-suq għandhom isegwu — l-prinċipju “min iniġġes iħallas” u b'hekk iservu ta' inċentivi għal dawk kollha li b'mod attiv jipproteġu lill-ambjent.

4 Il-kummenti speċifiċi tal-KESE

4.1 Il-KESE minn dejjem enfasizza l-importanza li jiġu internalizzati l-“ispejjeż esterni”. U kif tindika sew il-Kummissjoni, l-istrumenti bbażati fuq is-suq jistgħu jaqdu rwol f'dan il-qasam. Iżda qabel kolloxx hemm bżonn ta' deċizzjoni politika ċara dwar l-ammont ta' spejjeż esterni li għandhom jiġu internalizzati.

4.2 L-istrument fil-qasam tat-trasport bit-triq ibbażat fuq is-suq, l-Eurovignette, deskritt fil-Green Paper, huwa eżempju tajjeb tal-problema, peress li dan l-istrument, li jitqies bħala għodda adegwata sabiex jiġu integrati l-ispejjeż esterni, fir-realtà intuża biss b'nofs qalb. Il-Kummissjoni stess tikteb li “*t-tariffi medji jistgħu jkopru biss l-ispejjeż ta' l-infrastruttura u b'hekk jeskludu l-ispejjeż esterni*”. Għalhekk hemm bżonn ta' inizjattivi li, per eżempju, jin-tegraw l-ispejjeż esterni fl-użu ta' l-Eurovignette.

4.3 Il-Kumitat jistaqsi lill-Kummissjoni, lill-Kunsill u lill-Parlament sabiex jikklassifikaw strument ibbażat fuq is-suq bħala favur l-ambjent biss jekk l-oġettiv tiegħu huwa wieħed ambjentali u jista' jingħaraf b'mod ċar li huwa favur l-ambjent. L-Eurovignette, li tisemma fil-Green Paper, ma tilħaqx bis-sħiħ dan il-kriterju, peress li l-ispejjeż esterni m'humiex inklużi. Primarjament, l-Eurovignette nħolqot sabiex tassigura li l-ispejjeż ta' l-infrastruttura ma jitħallsux biss mill-but taċ-ċittadin u li l-utenti jiġu involuti direttament. Bla dubju, dan ukoll għandu impatt indirett fuq l-ambjent f'każijiet fejn, per eżempju, l-utenti li jiffaċċjaw spejjeż oġhla jibdew jaħsbu fuq l-użu tagħhom tal-karozza u jistaqsu jekk l-aħjar għażla tkunx li l-vjaġġ isir bit-tren (jew di fatti ma jsirx il-vjaġġ). Madankollu, sakemm jittieħdu passi li jikkunsidraw l-ispejjeż (ambjentali) li s'issa ma kellhom “l-ebda suq” u li tħallew barra mill-ekwazzjoni, l-Eurovignette m'għandhiex titqies bħala strument favur l-ambjent.

1.4 Għalhekk huwa l-kompitu tal-leġiżlaturi li jippreċiżaw qabel kolloxx l-għan li għandha tilħaq miżura partikulari ta' politika. Huwa biss hekk kif jiġi definit l-oġettiv li d-diskussjoni għandha ddr fuq l-għodda ta' politika li hija fl-aħjar pożizzjoni li tikseb dan.

4.5 L-użu miżjud ta' strumenti bbażati fuq is-suq mhux ser iwassal sabiex il-leġiżlaturi jkun jistgħu jevitaw dak li xi drabi jista' jkun il-proċess diffiċli u kontroversjali ta' l-istabbilizzazzjoni ta' l-oġettivi ambjentali bħal-limiti fuq l-emissjonijiet. S'issa kien hemm nuqqas ta' deċizzjonijiet bħal dawn. L-istrumenti bbażati fuq is-suq ma jissostitwixx deċizzjonijiet bħal dawn iżda, kif jindika sew isimhom, huma biss strumenti li jippermettu l-kisba ta' oġettivi politiċi definiti.

4.6 Il-Kummissjoni għandha taġixxi mingħajr dewmien sabiex tneħħi l-inċertezzi li ħarġu mill-Green Paperu tippreċiża l-mod li bih ser jintużaw id-diversi strumenti ta' politika fil-futur. Għalhekk il-KESE jirrakkomanda li l-Kummissjoni, fil-kuntest tad-diskussjoni wiesgħa li għandha sseħħ fuq is-suġġett, tindika l-għażliet possibbli ta' politika (bl-istrumenti bbażati fuq is-suq jew mingħajr) permezz ta' xi ftit eżempji prattiċi minn oqsma differenti ta' politika, eż. l-enerġija u t-trasport.

4.7 Il-Kummissjoni tista, per eżempju, tagħmilha ċara li m'hemm l-ebda intenzjoni li jiġu introdotti strumenti bbażati fuq is-suq sabiex tiġi solvuta, per eżempju, il-problema ta' sustanzi karċinoġeniċi.

4.8 L-istrumenti bbażati fuq is-suq jistgħu madankollu jservu ta' elementi interessanti fil-kuntest tal-kwistjoni li kull ma' jmur dejjem issir waħda aktar attwali ta' kif wieħed għandu jstabbilixxi l-impjanti li jaħdmu bil-faħam u ħielsa mis-CO₂, dejjem jekk it-teknoloġija meħtieġa ssir disponibbli fil-futur. L-użu ta' l-aktar teknoloġiji moderni f'dawn l-impjanti ser ikun obbligatorju (permezz tar-regolamentazzjoni) jew ser jintużaw l-istrumenti bbażati fuq is-suq sabiex dawn l-impjanti jħallu profitt? Fil-futur, mistoqsijiet bħal dawn għandu jkollhom rwol akbar fid-dibattitu soċjali.

4.9 Jekk id-dimarkazzjoni/rabta bejn ir-regolamentazzjoni u l-istrumenti bbażati fuq is-suq ssir aktar ċara permezz tad-definizzjoni tal-possibbiltajiet konkreti u adattati ta' azzjoni, dan jista' jwassal sabiex dak li ntqal fil-Green Paper dwar l-użu ta' l-istrumenti bbażati fuq is-suq għaż-żamma tal-bijodiversità, jinftehem aħjar. Il-KESE jemmen li s'issa dawn il-possibbiltajiet

għadhom mhumiex konvinċenti sabiex ikunu jistgħu joffru raġġ ta' tama għall-għlieda effettiva kontra t-tnaqqis allarmanti tal-bijodiversità.

4.10 Fl-opinjoni tiegħu dwar ir-“Rapport ta' Progress Biennali dwar l-Istrateġija ta' l-UE għall-Iżvilupp Sostenibbli”⁽³⁾, il-Kumitat sejjaħ lill-Kummissjoni sabiex tittrasforma b'mod konkret il-proposti vagi ħafna li saru f'sistema fiskali ġdida bbażata fuq indikaturi li jippermettu l-iżvilupp sostenibbli. Skond il-Eurostat, id-dħul mit-taxxi ambjentali jammontaw għal madwar 7 % tat-total.

4.11 Il-KESE jikkunsidra li ilu li wasal iż-żmien li jiġi organizzat dibattitu dwar it-tnaqqis tat-tassazzjoni fuq l-impjeg u dwar il-kumpens għal dan bi dħul mit-tassazzjoni ta' attivajiet li huma ta' dannu għall-ambjent u jnsisti li dan għandu jiġi aċċelerat wara l-preżentazzjoni tal-Green Paper. Madankollu, f'dan il-kuntest irid jiġi ċċarat ukoll il-mod li bih l-UE qiegħda tipprevedi li ser iseħħu tibdiliet ta' dan it-tip, speċjalment meta wieħed jikkunsidra li l-UE, skond it-Trattati, għandha biss influwenza marġinali fuq il-politiki fiskali ta' l-Istati Membri.

4.12 Il-KESE jikkunsidra estermament importanti li jiġi ppreżentat, kemm jista' jkun malajr, is-sondaġġ previst dwar sussidji perikolużi għall-ambjent u li dawn is-sussidji jitneħħew mill-aktar fis possibbli. Il-Kumitat jemmen li dawn is-sussidji jxekklu b'mod sinjifikanti l-kompetizzjoni u huma miżallokazzjoni kompletament inaċċettabbli tal-fondi pubbliċi. L-istrumenti bbażati fuq is-suq jistgħu jkunu strumenti effettivi għall-protezzjoni ambjentali biss meta jitneħħew kompletament is-sussidji li huma ta' ħsara għall-ambjent.

Brussell, it-13 ta' Diċembru 2007.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Dimitris DIMITRIADIS

⁽³⁾ ĠU C 256, 27.10.2007, p. 76.

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar Ix-xogħol agrikolu transkonfinali

(2008/C 120/05)

Nhar is-16 ta' Frar 2007, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew iddeċieda, b'konformità ma' l-Artikolu 29(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu, li jħejji opinjoni fuq inizjattiva proprja dwar

Ix-xogħol agrikolu transkonfinali.

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għall-Agricoltura, l-Iżvilupp Rurali u l-Ambjent, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar il-31 ta' Ottubru 2007. Ir-rapporteur kien is-Sur Martin Siecker.

Matul l-440 sessjoni plenarja tiegħu li nżammet fit-12 u t-13 ta' Diċembru 2007 (seduta tat-13 ta' Diċembru), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-opinjoni b'104 voti favur, 3 voti kontra u astensjoni waħda.

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1 Il-migrazzjoni tal-ħaddiema għandha natura ekonomika u hija l-konsegwenza tal-moviment liberu tal-ħaddiema f'Europa fejn jeżistu differenzi kbar bejn l-Istati Membri fir-rigward tal-livelli ta' għajxien. Ir-rati għoljin ta' qgħad f'bosta Stati Membri ġodda u d-domanda għall-provvediment ta' xogħol irħis u li jirrikjedi ftit li xejn kwalifiki fil-15-il Stat Membru l-antiki jassiguraraw fluss kontinwu ta' nies ifittxu l-impjieg.

1.2 Fl-2004 u l-2007 sar ftehim dwar miżuri transitorji li permezz tagħhom l-Istati Membri l-antiki setgħu jirregolaw l-immigrazzjoni mill-Istati Membri l-ġodda. Waħda mir-raġunijiet kienet li l-Istati Membri l-antiki riedu jevitaw fluss qawwi ta' migrazzjoni tal-ħaddiema li jkun ta' piż fuq is-suq tax-xogħol u li jwassal għal kundizzjonijiet tax-xogħol illegali.

1.3 Ir-riżultat ta' dawn il-miżuri kien li ġara eżatt dak li kien mixtieq li jiġi evitat. Fir-Rapport tagħha dwar il-Funzjonament ta' l-Arranġamenti Transitorji, il-Kummissjoni Ewropea tistqarr li r-restrizzjonijiet fuq ix-xogħol legali għall-migranti mill-Istati Membri l-ġodda fil-prattika wasslu għall-proliferazzjoni ta' xogħol mhux iddokumentat, xogħol li taparsi jkun "indipendenti" u provvediment fittizju ta' servizzi u xogħol taparsi b'sot-tokuntratt.

1.4 Il-paradoss jinbet mill-fatt li fil-qasam ta' l-agrikoltura fl-UE15 hemm domanda qawwija għal xogħol staġunali u ma jistgħux jinsabu biżżejjed ħaddiema lokali. Hemm biżżejjed ħaddiema migranti mill-Istati Membri l-ġodda li jixtiequ jagħmlu dan ix-xogħol, iżda ħafna minnhom ma jistgħux minħabba miżuri transitorji restrittivi. Il-flussi tax-xogħol agrikolu jvarjaw kemm mil-lat tal-pajjiżi ta' oriġini kif ukoll mil-lat tal-pajjiżi ospitanti. Dawn id-differenzi huma l-iktar marbuta ma' l-eżistenza jew in-nuqqas ta' miżuri transitorji li jistgħu jkun sħaħ jew parzjali.

1.5 F'dan il-kuntest, ix-xogħol staġunali qiegħed isir b'mod informali. Huwa diffiċli li tinġabar informazzjoni preċiża dwar din il-kwistjoni minħabba li t-tliet partijiet involuti — min iħad-

dem, il-ħaddiema u l-intermedjarji diżonesti — kollha għandhom ir-raġunijiet tagħhom sabiex ma jagħmlu din l-informazzjoni pubblika. Fil-fatt, min iħaddem ikun irid iħallas inqas milli tobbligah il-liġi jew il-ftehimiet kollettivi fis-seħħ, il-ħaddiema jikkontaw b'paga li hija inqas minn dik li għandhom dritt għaliha u l-intermedjarji diżonesti li ma jiddeju xejn jagħmluha ta' intermedjarji f'din il-kwistjoni għax għalihom dan isarraf f'kemma flus għmielha.

1.6 Ħafna minn dawn l-intermedjarji joffru prezzijiet irħas ħafna iżda fl-aħħar mill-aħħar il-prezz jitħallas mill-ħaddiem migrant li jkollu jaċċetta paga li tkun inqas mill-minimu soċjali. Min iħaddem impjegati staġunali jħallas il-prezz tas-suq lill-intermedjarji iżda t-taxxi u s-sigurtà soċjali ma jitħallsux minnhom. Barraminhekk, jeżistu intermedjarji li jagħmlu dan filwaqt li jieħdu parti mis-salarju tal-ħaddiem migrant. Fl-Ewropa tal-Lvant kif ukoll tal-Punent, jeżistu siti ta' l-internet, b'numri tat-telefon, li joffru ħaddiema indipendenti li m'hemm x għalfejn titħallsilhom taxxa jew sigurtà soċjali.

1.7 Din is-sitwazzjoni m'hijiex waħda rakkomandabbli għal diversi raġunijiet. Il-prinċipju bażiku għandu jkun li l-ħaddiema migranti jiġu trattati bl-istess mod bħall-ħaddiema lokali li jkun qegħdin jaħdm magħhom. Għandu jkun hemm ftehim li għall-istess xogħol titħallas l-istess paga u għandu jkun hemm kundizzjonijiet aħjar fir-rigward tas-sigurtà soċjali. Dan m'huwiex biss fl-interess tal-ħaddiema. Huwa fl-interess ekonomiku wkoll għal min iħaddem (sitwazzjoni bl-istess kundizzjonijiet għal kulħadd għal kompetizzjoni ġusta) u fl-interess finanzjarju ta' l-Istati Membri (fuq livell fiskali).

1.8 Tħejjiet proposta għal direttiva mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill sabiex jiġu imposti sanzjonijiet fuq min iħaddem immigranti illegali minn pajjiżi terzi. Din il-proposta tinkludi kemm sanzjonijiet armonizzati għal min iħaddem u miżuri ta' prevenzjoni, kif ukoll definizzjonijiet ta' Prattiki tajbin fl-applikazzjoni ta' sanzjonijiet għal min iħaddem, u l-iskambju ta' dawn il-prattiki tajbin bejn l-Istati Membri.

1.9 Sakemm ma jitneħħewx ir-restrizzjonijiet għall-migranti mill-Istati Membri l-ġodda, il-KESE jitolb li din id-direttiva tapplika wkoll għal min iħaddem nies mill-Istati Membri fejn dawn ir-restrizzjonijiet għadhom jgħoddu. Barraminhekk, il-KESE jikkunsidra li l-UE għandha tissorvelja b'attenzjoni mhux biss li d-direttiva tkun trasposta fil-leġislazzjoni ta' l-Istati Membri kollha iżda li tiġi applikata fil-prattika wkoll.

1.10 Il-ġlieda kontra x-xogħol mhux iddokumentat tista' tingħata spinta permezz ta' definizzjoni unika Ewropea għar-relazzjonijiet ta' l-impjeg li tagħmel distinzjoni bejn l-aċċettazzjoni tax-xogħol (il-provvediment tas-servizzi) u l-eskuzzjoni tal-kompiti f'kuntest ġerarkiku (kuntratt tax-xogħol). L-ILO ħarġet rakkomandazzjoni ċara fuq dan is-suġġett. Din tagħti statut iktar ċar fis-suq tax-xogħol lill-ħaddiema li huma ġenwinament indipendenti, peress li l-kapaċitajiet tagħhom imorru lill-hinn mix-xogħol mingħajr kwalifiki u rħis, u tassigura lill-ħaddiema li jkollhom il-protezzjoni li għandhom id-dritt għaliha. Il-KESE bi pjaċir jinnota li l-Kummissjoni Ewropea approvat proposta għal investigazzjoni mill-imsieħba soċjali fil-qasam tax-xogħol (taparsi) indipendenti fis-settur tal-kostruzzjoni. Jinnota wkoll bi pjaċir li l-Kummissjoni beħsiebha tiffinanzja din l-investigazzjoni.

1.11 Fil-kuntest tal-konsegwenzi tar-restrizzjonijiet fuq ix-xogħol legali, huwa rakkomandat li dawn it-tipi ta' miżuri ma jiġux inklużi fi tkabbiriet futuri ta' l-UE. Il-KESE jitolb ukoll lill-Kummissjoni sabiex tanalizza l-possibbiltà li jitneħħew ir-restrizzjonijiet kollha fuq il-ħaddiema mit-12-il Stat Membru li saru membri fl-2004 u fl-2007. Il-maġġoranza ta' l-imsieħba soċjali fl-Ewropa jappoġġjaw din l-idea kemm fuq il-livell nazzjonali u Komunitarju kif ukoll fuq il-livell tagħhom stess sabiex il-ħaddiema migranti jkunu ttrattati bl-istess mod.

2. Introduzzjoni

2.1 Skond l-istrategġija ta' Lisbona, l-UE għandha tkun ekonomija kompetittiva ħafna, ibbażata fuq l-għarfien, b'sisien tal-produzzjoni u l-konsum li jkunu sostenibbli u b'livell għoli ta' koeżjoni soċjali.

2.2 Illum l-UE hija ekonomija bbażata fuq l-għarfien li hija kompetittiva mhux ħażin, b'tendenzi ta' produzzjoni u konsum li, attwalment m'humix sostenibbli biżżejjed u b'livell ta' koeżjoni soċjali li għad irid jittejjeb.

2.3 Din l-opinjoni tiffoka b'mod partikulari fuq dan l-aspett ta' l-aħħar: il-koeżjoni soċjali. L-UE qiegħda tagħti ħafna attenzjoni lill-iżvilupp ekonomiku u s-sostenibilità, speċjalment tal-produzzjoni. In-nuqqas ta' attenzjoni politika mogħtija lit-tielet pilastru ta' l-istrategġija ta' Lisbona, m'huwiex qiegħed isaħħaħ il-koeżjoni soċjali iżda jdgħajjifha.

2.4 Il-konsegwenzi ta' dan huma evidenti fis-suq tax-xogħol. Il-proporzjon ta' l-impjeg informali qiegħda tiżdied u reġa' deher it-tip ta' impjegat li sa dan l-aħħar kien maħsub li ilu li nqata': il-ħaddiem li jieħu xogħol bl-impjiet għa (day labourer).

2.5 Il-ħaddiema bl-impjiet għa l-ġodda joffru s-servizzi tagħhom fit-triq, f'postijiet li huma magħrufa bħala "punti ta' ġbir"

għall-kapijiet ta' gangs illegali (gangmasters). Dawn jiġu ingaġġati fuq bażi ta' jum b'jum, mingħajr tnaqqis mit-taxxa fuq id-dħul u lanqas mill-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali. Dawn iridu jaħdmu s'għat eċċessivament twal kuljum, jitħallsu f'tit fis-sieġha u m'huma koperti bl-ebda mod mil-leġislazzjoni ta' l-impjeg — jekk teżisti.

2.6 Sa f'tit snin ilu, is-suq tax-xogħol, speċjalment dak tax-xogħol li jeħtieġ f'tit jew xejn ħilet, kien orjentat lejn il-livell nazzjonali. Wara t-tkabbir ta' l-UE fl-2004, inħoloq suq tax-xogħol Ewropew għal dan is-segment partikulari. Mit-tkabbir ta' l-2007 l-hemm kien hemm żieda qawwiya fil-provvediment tax-xogħol billi l-ħaddiema Bulgari u Rumeni wkoll saru parti minn dan is-suq.

2.7 Is-settur fejn din it-tendenza qiegħda tiżviluppa b'mod qawwi huwa l-agrikoltura. Barraminhekk, ħafna nies li qegħdin ifittxu x-xogħol f'pajjiż ieħor kważi dejjem — bir-raġun — isibu l-ewwel impjeg tagħhom f'dan is-settur.

2.8 L-għan ta' din l-opinjoni tal-KESE huwa li din il-problema titqiegħed fuq l-aġenda ta' l-UE sabiex l-istituzzjonijiet Ewropej rilevanti, flimkien ma' l-Istati Membri u l-imsieħba soċjali, ikunu f'pożizzjoni li jfittxu soluzzjonijiet għal din il-problema sinifikanti u diffiċli li — b'xorti ħażina — qiegħda tikber.

3. L-agrikoltura

3.1 L-agrikoltura tiġbor l-attivitajiet ekonomiċi kollha li, bis-saħħa tagħhom, l-ambjent naturali jiġi adattat għall-produzzjoni tal-pjanti u l-animali⁽¹⁾. Għal dan il-għan jintużaw numru kbir ta' metodi diversi, skond il-prodott, il-metodu ta' produzzjoni u l-livell ta' prosperità, li jvarjaw minn xogħol b'għodod sempliċi għall-użu ta' makkinarju kbir li kulma jmur qiegħed jissostitwixxi x-xogħol ta' l-idejn.

3.2 Is-settur agrikolu huwa settur importanti ta' l-ekonomija ta' l-UE. Fl-UE, iktar minn 160 miljun ettaru ta' l-art tintuża bħala raba'. Hemm 11-il miljun kumpanija agrikola li jipprovdu impjeg għal 15-il miljun ruħ. Il-maġġoranza ta' dawn huma l-bdiewa nfushom u l-membri tal-familji tagħhom, iżda madwar miljun kumpanija agrikola għandhom total ta' 6,5 miljun impjegat. Minn dawn, 4,5 miljuni jaħdmu bħala ħaddiema staġunali, li minnhom numru mhux magħruf qegħdin jaħdmu barra minn pajjiżhom⁽²⁾. Ħafna minn dawn il-ħaddiema staġunali jiġu mill-Polonja, il-Bulgarija u r-Rumanija.

3.3 L-attivitajiet agrikoli jistgħu jinqasmu f'attivitajiet differenti: it-trobbija ta' l-animali (produzzjoni ta' l-animali) u l-akkwakultura (il-produzzjoni tal-ħut), l-ortikultura (produzzjoni fuq skala żgħira ta' pjanti b'ċiklu qasir bħall-ħxejjex, il-pjanti ornamentali, il-frott u l-faqqiegħ) u l-biedja tal-ħrit (li hija differenti mill-ortikultura billi l-kultivazzjoni ta' l-uċuħ tar-raba' tkun fuq skala ikbar u inqas intensiva fix-xogħol). Il-foresterija li tkun intiża għal finijiet kummerċjali m'hijiex rikonoxxuta kullimkien fl-UE bħala parti mis-settur ta' l-agrikoltura; f'ċerti pajjiżi din hija kkunsidrata bħala settur indipendenti.

⁽¹⁾ NACE-code A.

⁽²⁾ www.agri-info.eu.

3.4 L-agrikoltura ma tipproduċix biss l-ikel, iżda kulma jmur qiegħda tipproduċi prodotti oħrajn bħall-fjuri, il-pelliċċi, il-ġild, il-bijokarburanti (il-bijodiżil, l-etanol, il-gass, is-siġar li jikbru malajr għall-produzzjoni ta' l-injam), l-enżimi, iż-żrieragħ, eċċ. Uċuħ tar-raba' li jkunu mmodifikati ġenetikament jipproduċu wkoll mediċini speċjalizzati.

3.5 Skond informazzjoni kemm ta' l-ILO ⁽³⁾ kif ukoll ta' l-Eurofound ⁽⁴⁾ l-agrikoltura hija l-iktar settur perikoluż għall-ħaddiema. B'kollox, kull sena jkun hemm madwar 335 000 inċident fatali fuq il-post tax-xogħol. Iktar minn nofshom — 170 000 — jiġru fis-settur agrikolu.

4. Tipi ta' xogħol informali

4.1 Minħabba ħafna komplikazzjonijiet legali fl-UE, ma tistax titfassal definizzjoni ċara ta' xogħol informali f'Europa b'suq ħieles. Il-prattiki li huma normali f'pajjiż (jekk m'hemm l-ebda regoli f'ċertu qasam, ma jistax ikun hemm il-konformità) huma kkunsidrati bħala straordinarji jew saħansitra illegali f'pajjiż ieħor.

4.2 Id-definizzjonijiet nazzjonali ta' xogħol informali jvarjaw minn Stat Membru għal ieħor. Dawn jirreferu għal attivitajiet li m'humiex inklużi fl-istatistika uffiċjali ta' l-ekonomija formali. Iċ-ċifri jeżistu, iżda dawn ta' spiss jiġu minn sors wieħed biss, u mhux dejjem jistgħu jiġu vverifikati u għaldaqstant m'humiex dejjem affidabbli. Madankollu, m'hemm l-ebda dubju li x-xogħol informali fuq skala kbira jeżisti.

4.3 Kważi d-definizzjonijiet nazzjonali kollha tax-xogħol informali jenfasizzaw in-nuqqas ta' konformità ma' l-obbligazzjonijiet tat-taxxa. In-nuqqas ta' obbligazzjonijiet fir-rigward tas-sigurtà soċjali huwa kkwotat fi kważi kull definizzjoni. Ħaġa ta' l-għaġeb, in-nuqqas ta' konformità ma' obbligi oħrajn fil-qasam tal-liġi ta' l-impjeg (il-kundizzjonijiet ta' l-impjeg, il-ħin tax-xogħol, ftehimiet kollettivi vinkolanti) rari tagħmel parti mid-definizzjonijiet nazzjonali tax-xogħol informali.

4.4 Ix-xogħol informali jitwettaq minn impjegati li ma jkunux reġistrati li mhux neċessarjament ikunu ħaddiema migranti mingħajr permess tax-xogħol u/jew tar-residenza. Persuni li ma jkollhomx id-dokumenti mitluba qegħdin jaħdmu informalment ukoll — jew ma jkollhomx b'zonnhom billi jkollhom in-nazzjonalità tal-pajjiż li fih ikun sar ir-reat. Madankollu, persuni mingħajr dokumenti validi huma iżjed vulnerabbli u għalhekk ikun iktar faċli li jiġu sfruttati minn nies li jkollhom dokumenti validi. Dan il-grupp ta' l-aħħar, għandu aċċess għax-xogħol formali; l-ewwel grupp m'għandux.

4.5 Apparti mill-impjeg klassiku imħallas, hemm ukoll "il-persuni li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati". Dawn "il-persuni li jaħdmu għal rashom" jitqiesu bħala intraprendituri, u m'hemm għalfejn titħallsilhom l-ebda taxxa jew kontribuzzjoni tas-sigurtà soċjali u huma responsabbli għal dawn il-kontribuzzjonijiet.

4.6 Dawk li jaħdmu għal rashom lanqas m'huma koperti mill-liġi ta' l-impjeg li tapplika għall-impjegati. Għal dawn in-nies ma teżisti l-ebda paga minima, l-ebda massimu ta' sigħat ta' ħidma fil-ġimgħa u l-ebda regolament tas-saħħa u s-sigurtà. Fid-dawl tar-riskju għoli ta' inċidenti serji f'dan is-settur (ara l-punt 3.5) dan m'huwiex aċċettabbli. Dawn "il-persuni li jaħdmu għal rashom" huma ħielsa sabiex jaħdmu għal kwalunkwe rati ta' ħlas u taħt kundizzjonijiet li jaqblu fuqhom ma' min iħaddimhom.

4.7 Dawn il-persuni li jaħdmu għal rashom inizjalment kienu jkunu professjonisti u ta' l-esperjenza b'ħiliet l-oqsma speċifiċi. Bħala regola, suppost ikunu għamli s-snin sabiex jilhqqu bħala speċjalisti ħalli jkunu jistgħu jaħdmu għal rashom.

4.8 Bħalissa, minħabba żieda fl-esternalizzazzjoni, wara li jkunu twarrbu l-funzjonijiet non-essenzjali, qiegħed jiġi esterna-lizzat xogħol li huwa ħafna iktar minn sempliċement speċjalizat. Grupp ristrett ta' persunal regolari li jkun imħarreġ tajjeb huwa biżżejjed; it-tweqqi ta' l-iktar kompiti sempliċi kulma jmur qegħdin jiġu esternalizzati u mogħtija b'sotto-kuntratt. Id-domanda għal dan it-tip ta' xogħol qiegħda tiġi ssodisfata minn numru importanti ta' persuni ġodda li jaħdmu għal rashom li issa saru parti mis-suq tax-xogħol. L-iktar speċjalità importanti ta' dawn il-persuni l-ġodda li jaħdmu għal rashom hija l-provvediment tax-xogħol irħis u li jirrikjedi ftit li xejn kwalifiki.

4.9 Din il-forma ta' impjeg taparsi indipendenti ntużat fl-aħħar tas-snin tmenin sabiex il-qgħad jiġi esportat mill-Irlanda u mir-Renju Unit. Inizjalment, il-leġislazzjoni tar-Renju Unit kellha għadd ta' garanziji li bihom seta' jiġi vverifikat jekk il-ħaddiema indipendenti kinux jissodisfaw ċerti kundizzjonijiet. Kellhom ikunu speċjalisti esperti f'kompitu speċifiku. Il-gvern ta' dak iż-żmien neħħa dawn il-kriterji ta' għażla u b'hekk f'daqqa waħda ppermetta lil ħafna iktar nies jirreġistraw kemm bħala persuni li jaħdmu għal rashom kif ukoll sabiex jaħdmu fuq il-kontinent mingħajr ma jkunu soġġetti għal-liġi fis-seħħ fl-Istati Membri hemmhekk ⁽⁵⁾.

4.10 Dan il-fenomeno m'għadux jgħodd esklussivament għall-pajjiżi Anglosassoni: waqt konferenza dwar il-moviment ħieles tal-ħaddiema, kelliem tal-gvern sqarr li l-gvern Pollakk sejjaħ lil dawk li qegħdin ifittxu l-impjeg sabiex jirreġistraw bħala persuni li jaħdmu għal rashom ⁽⁶⁾. B'hekk ikunu jistgħu jdur mar-restrizzjonijiet li fadal għall-ħaddiema fl-Istati Membri l-oħra u jkunu jistgħu jaħdmu kullimkien. B'dan il-mod, l-istatus ta' dawn li jaħdmu għal rashom jintuża b'mod regolari u apposta bħala arranġament ta' skema għall-evazzjoni tal-liġi tax-xogħol jew regolamenti minn katina ta' sottokuntratti u esterna-lizzazzjoni. Permezz ta' dawn in-nies bi status (taparsi) indipendenti, li ħafna drabi joffru s-servizzi tagħhom bl-intermedjarji, ir-responsabilità għat-taxxa fuq id-dħul u l-pagamenti tas-sigurtà soċjali jkollha tintrefa' minn partijiet li huma aktar 'l isfel fil-katina.

⁽³⁾ International Labour Organisation, l-organizzazzjoni għax-xogħol tan-Nazzjonijiet Uniti, Ġinevra.

⁽⁴⁾ European Foundation for the improvement of living conditions, Dublin.

⁽⁵⁾ European Institute for Construction Labour Research (L-istitut Ewropew għar-riċerka dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol fil-kostruzzjoni).

⁽⁶⁾ FAFA, konferenza dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema, l-1 ta' Ġunju 2006, Oslo, www.fafa.no.

4.11 Dan il-fenomenu jeżisti wkoll fuq skala kbira fis-settur tal-bini u hawn diġà sar ħafna iktar stħarriġ milli fis-settur agrikolu. Hemm ħafna aspetti jixxiebhu bejn dawn is-setturi, iżda dak li għandhom l-iktar komuni bejniethom huma t-tliet l-ikbar fatturi ta' riskju għax-xogħol informali: xogħol intensiv, temporanju u xogħol li jitwettaq prinċipalment minn ħaddiema li ma jkunux residenti. Sadanittant, l-imsieħba soċjali tas-settur tal-bini identifikaw il-periklu u talbu lill-Kummissjoni Ewropea għal susidji sabiex jagħmlu studju dwar dan il-fenomenu ta' xogħol (taparsi) indipendenti fi 18-il Stat Membru. Il-Kummissjoni laqgħet din it-talba u din il-proposta ta' studju ser tagħmel parti minn akkwist pubbliku fuq livell Ewropew.

4.12 Minħabba li għad m'hemmx qafas legali Ewropew għar-relazzjonijiet ta' l-impjeg, hemm il-possibbiltà għall-kummerċ dubjuż tax-xogħol irħis. Dan iwassal għal riperkussjonijiet ta' ħsara fil-livell Ewropew. Anke l-Kummissjoni Ewropea tammetti dan fir-"Rapport dwar il-Funzjonament ta' l-Arranġamenti Transitorji li ġew stabbiliti fit-Trattat ta' Adeżjoni ta' l-2003" fejn tistqarr li "r-restrizzjonijiet setgħu inkoraġġew liċ-ċittadini ta' l-UE8 sabiex iqisu modi oħra kif iwettqu attività ekonomika fl-Istati Membri ta' l-UE15, li hija riflessa f'influss tabilħaqq għoli ta' ħaddiema stazzjonati jew ta' ħaddiema li qed isostnu li huma jaħdmu għal rashom" (7).

4.13 Fl-istess rapport il-Kummissjoni tistqarr li: "Filwaqt li rrikonoxxew li l-flussi migratorji mill-UE8 għall-Istati Membri ta' l-UE15 kienu modesti, l-imsieħba soċjali enfasiszaw bil-qawwa li t-tgħawwir fl-istandards tax-xogħol u d-"dumping soċjali" għandhom ikunu evitati. Giġbu wkoll l-attenzjoni fuq il-fatt li r-restrizzjonijiet fuq ix-xogħol legali fil-fatt iwasslu għal proliferazzjoni ta' xogħol mhux iddokumentat, xogħol li taparsi jkun" indipendenti "u provvedimenti fittizju ta' servizzi u xogħol taparsi b'sottokuntratt." Iktar tard il-Kummissjoni tikkorreġi l-fehma li l-flussi migratorji ma kinux daqshekk serji billi tikkumentata li "il-flussi migratorji reali min-naħa għall-oħra ta' l-UE mkabbra jistgħu jkunu akbar minn dak li jista' jidher mid-data li ġiet ippreżentata f'dan ir-rapport minħabba li l-fenomenu tax-xogħol mhux iddikjarat ma jinqabadx għalkollox mill-istatistiċi uffiċjali." Il-Kummissjoni tosserva, li ġeneralment, ir-restrizzjonijiet fuq l-aċċess għas-suq tax-xogħol jistgħu jkabbri r-rata tax-xogħol mhux iddikjarat.

4.14 Fl-Olanda, per eżempju, fl-1992 kien hemm total ta' 54 200 FTE (xogħol ekwivalenti għal full-time) ingaġġati fl-ortikultura, is-settur agrikolu bl-ikbar numru ta' impjegati. Kważi 87 % tal-ħaddiema kienu f'impjeg permanenti, iktar minn 13 % kienu marbuta mal-kummerċ b'xi mod jew ieħor (persunal ta' aġenziji ta' reklutaġġ, impjeg temporanju, persuni li taparsi jaħdmu għal rashom). Fl-2005 s-settur tela' għal 59 000 FTE, b'iktar minn 61 % tal-ħaddiema li dak iż-żmien kellhom impjeg permanenti u kważi 39 % marbuta, b'xi mod jew ieħor, mal-kummerċ. Ta' min jinnota li dawn iċ-ċifri jgħoddu għall-ekonomija formali. Huwa stmat li fir-rebbiegħa ta' l-2007 kien hemm 40 000 FTE addizzjonali jaħdmu b'mod informali fis-settur (8).

Madankollu, jidher li l-proporzjon tax-xogħol informali fis-settur ta' l-ortikultura qiegħda tonqos b'mod konsistenti mindu tnehew ir-restrizzjonijiet għaċ-ċittadini mill-pajjiżi li saru membri fl-2004.

5. L-istandards tax-xogħol jinsabu taħt pressjoni

5.1 Dawn l-aħħar snin urew li l-impożizzjoni ta' restrizzjonijiet fuq l-aċċess għas-suq tax-xogħol ta' spiss tkun kontroproduktiva. Fil-fatt, dan jista' jwassal għall-evażjoni tad-dispożizzjonijiet tal-liġi u dawk li għandhom x'jaqsmu mal-kundizzjonijiet tax-xogħol. Sal-31 ta' Diċembru 2008 m'hemmx l-ebda restrizzjoni għar-Rumeni u l-Bulgari li qegħdin ifittxu x-xogħol fl-Estonja, fil-Latvja, fil-Litwanja, fil-Polonja, fis-Slovakkja, fir-Repubblika Ċeka, fl-Isvetza, fil-Finlandja, f'Ċipru u fl-Islovenja, minkejja li fl-aħħar tliet pajjiżi n-nazzjonali Rumeni u Bulgari jridu jirreġistraw. Il-15-il Stat Membru li fadal jimponu restrizzjonijiet fuq ir-Rumeni u l-Bulgari li qegħdin ifittxu x-xogħol (9). Għal dawk il-persuni mill-EU10 li qegħdin ifittxu x-xogħol, ċerti restrizzjonijiet għadhom jgħoddu. Madankollu, dawn jirrigwardaw numru żgħir ta' pajjiżi u japplikaw inqas restrizzjonijiet minn dawk li jolqtu lill-ħaddiema Bulgari u Rumeni (10).

5.2 Il-migrazzjoni tax-xogħol fl-UE għandha natura ekonomika u hija l-konsegwenza tal-moviment liberu tal-ħaddiema f'Unjoni Ewropea fejn jeżistu differenzi kbar fl-istandards tal-ħajja bejn l-Istati Membri. Ir-rati għoljin tal-qgħad f'għadd ta' Stati Membri u d-domanda għal xogħol li jirrikjedi f'it kwalifiki u rħis fil-15-il Stat Membru antiki jassiguraw fluss kontinwu ta' persuni jfittxu x-xogħol.

5.3 Ħafna persuni li qegħdin ifittxu x-xogħol isibuh fis-settur agrikolu minħabba li hemm domanda għolja għal ħaddiema temporanji addizzjonali f'dan is-settur fi żmien il-ħsad. Dan huwa settur ukoll fejn l-opportunità għad-dumping soċjali hija iktar minn dik f'setturi oħrajn. Fost raġunijiet oħra, dan huwa minħabba għadd ta' Stati Membri li m'għandhom l-ebda ftehim kollettiv fis-seħħ fuq il-pagi għas-settur jew minħabba li f'numru ta' każijiet dawk il-ftehimiet li jeżistu jew iddikjarati bħala ftehimiet li m'humiex vinkolanti universalment.

5.4 Ix-xogħol staġunali huwa karatteristiku strutturali ta' l-agrikultura Ewropea. Il-produzzjoni agrikola sostenibbli u effiċjenti m'hijiex possibbli mingħajr l-utilizzazzjoni ta' forza tax-xogħol flessibbli. Il-biċċa l-kbira tax-xogħol staġunali fis-settur agrikolu jsir minn ħaddiema migranti. F'ċerti każijiet jinħolqu problemi li jheddu l-koeżjoni soċjali.

5.5 Il-ħaddiema migranti li jaħdmu fis-settur formali huma ħafna drabi diġà irħas mill-ħaddiema lokali billi min iħaddimhom ma jkollux għalfejn iħallas għadd ta' kontribuzzjonijiet għalihom, per eżempju l-fondi ta' taħriġ settorjali u l-fondi tal-pensjonijiet. Il-migranti mill-10 pajjiżi ta' l-UE li saru membri fl-2004, u f'għadd ta' pajjiżi ta' l-UE fejn għad hemm restrizzjonijiet fis-suq tax-xogħol, sikwit jagħmlu xogħol informali parti

(7) COM (2006) 48 finali.

(8) Productschap Tuinbouw, www.tuinbouw.nl.

(9) http://ec.europa.eu/employment_social/free_movement/enlargement_en.htm.

(10) <http://ec.europa.eu/eures/home.jsp?lang=mt>.

mill-ħin sabiex ma jiġux rapportati s-sigħat kollha lill-awtoritajiet tat-taxxa. Immigranti mill-Bulgarija u mir-Rumanija, li għandhom iktar restrizzjonijiet imposti fuqhom, huma ġeneralment totalment dipendenti fuq is-settur informali. Fis-settur informali, il-ħaddiema ma jitħallsux għas-sigħat kollha li jkunu ħadmu, ir-rati fis-siegħa huma baxxi wisq jew inkella jingaghlu jidħlu f'kuntratti inġusti sabiex ikunu (taparsi) persuni li jaħdmu għal rashom.

5.6 L-ILO ħarġet għadd ta' konvenzjonijiet dwar il-problema trattata f'din l-opinjoni. Hemm il-konvenzjonijiet 97 (Il-Migrazzjoni għall-Impjieg — Migration for Employment, 1949), 143 (Dispożizzjonijiet Supplementari għall-Ħaddiema Migranti — Migrant Workers Supplementary Provisions, 1975), 181 (L-Aġenziji Privati ta' l-Impjieg — Private Employment Agencies, 1997) u 184 (Is-Sigurtà u s-Saħħa fl-Agricoltura — Safety & Health in Agriculture, 2001). Il-konvenzjonijiet 97 u 181 **ma ġewx** ratifikati minn 17-il Stat Membru ta' l-UE27. Il-Konvenzjoni 143 **ma ġietx** ratifikata minn 22 mill-Istati Membri ta' l-UE u l-konvenzjoni 184 **ma ġietx** ratifikata minn 24 Stat Membru. Stat Membru wieħed biss irratifika l-erba' konvenzjonijiet kollha ⁽¹¹⁾. Fl-2006, l-ILO ħarġet rakkomandazzjoni dwar ir-relazzjonijiet fl-impjieg ⁽¹²⁾. L-għan prinċipali ta' din ir-rakkomandazzjoni huwa li fil-pajjiżi kollha l-leġislazzjoni tittejjeb b'tali mod li tinħoloq distinzjoni ċara u komuni bejn il-ħaddiema indipendenti u l-impjegati. Din id-distinzjoni hija indispensabbli sabiex jitwaqqfu għadd mill-impjegati ta' prattiki qarrieqa li jgħattu l-fatt li dawn il-ħaddiema huma impjegati fir-realtà imma qegħdin jitqiesu bħala ħaddiema indipendenti ⁽¹³⁾.

6. L-infurzar ta' regolamenti tax-xogħol

6.1 Il-prinċipju bażiku għandu jkun li l-ħaddiema migranti jiġu trattati f'kull rispett bl-istess mod bħall-kollegi lokali li jkunu qegħdin jaħdmu magħhom. Għandu jkun hemm paga ugwali għal xogħol ugwali u kundizzjonijiet aħjar fir-rigward ta' l-aċċess għas-sigurtà soċjali. Din m'hijiex biss kwistjoni soċjali. Huwa wkoll importanti mil-lat ekonomiku għal min iħaddem (sitwazzjoni bl-istess kundizzjonijiet għal kulħadd għal kompetizzjoni ġusta) u importanti mil-lat finanzjarju għall-Istati Membri (fuq livell fiskali). Għad fadal ħafna sabiex dan il-prinċipju jkun applikat kullimkien. Fl-Olanda, meta tneħħew il-miżuri transitorji għal dawk il-pajjiżi li saru membri fl-2004, l-imsieħba soċjali qablu li jikkollaboraw fil-kontroll tar-rispett għal-leġislazzjoni u r-regolamenti soċjali u tax-xogħol mill-1 ta' Mejju 2007. L-awtoritajiet pubbliċi wegħdu li jintroduċu miżuri ta' appoġġ. S'issa dan ma wassal għall-ebda riżultat konkret.

6.2 Teżisti proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tipprovdi sanzjonijiet kontra min iħaddem lil ċittadini minn pajjiżi terzi b'residenza illegali ⁽¹⁴⁾. Il-proposta tipprovdi għal sanzjonijiet armonizzati għal min iħaddem u miżuri preventivi, kif ukoll l-identifikazzjoni u l-iskambju ta' prattiki tajbin dwar l-implimentazzjoni ta' sanzjonijiet fuq min iħaddem bejn l-Istati Membri.

6.3 Ir-raġuni għal din il-proposta hija n-numru sostanzjali ta' persuni minn pajjiżi terzi li qegħdin fl-UE illegalment (ċifra stmata bejn madwar 4.5 u 8 miljun). Dan jirriżulta f'impjieg illegali, fejn l-agrikoltura, flimkien mal-bini, il-lukandi/catering u t-tindif, hija waħda mill-erba' setturi ewlenin fejn isseħħ din il-prattika. Fil-proposta, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistqarru li l-impjieg illegali, "bħax-xogħol mhux iddikjarat miċ-ċittadini ta' l-UE, iwassal għal telf fil-finanzi pubbliċi, jista' jwassal għal tnaqqis fis-salarji u għal degradazzjoni tal-kundizzjonijiet tax-xogħol, jista' jfixkel il-kompetizzjoni bejn l-impriżi u b'hekk il-ħaddiema mhux iddikjarati ma jibbenefikawx minn assigurazzjoni fuq is-saħħa u minn drittijiet għal pensjoni li jiddependu fuq il-kontribuzzjonijiet".

6.4 Fir-rapport tagħhom dwar il-funzjonament ta' l-arranġamenti transitorji mressqa fit-Trattat ta' l-Adeżjoni (perijodu 1 ta' Mejju 2004 — 30 ta' April 2006), l-imsieħba soċjali Ewropej irrapportaw li r-restrizzjonijiet fuq xogħol legali fil-fatt wasslu għal proliferazzjoni ta' xogħol li ma kienx iddokumentat, xogħol indipendenti fittizju, u provvista fittizja ta' servizzi u sotto-kuntratti. L-esperjenza turi li jkun aħjar li jitneħħew ir-restrizzjonijiet kollha fuq il-ħaddiema mit-12-il Stat Membru li saru Membri fl-2004 u l-2007 sabiex tinħoloq sitwazzjoni bl-istess kundizzjonijiet għal kulħadd. Il-maġġoranza l-kbira ta' l-imsieħba soċjali Ewropej huma wkoll ta' din il-fehma, bil-patt u l-kundizzjoni li tittieħed azzjoni reali fil-livelli ta' l-UE u nazzjonali kif ukoll fil-livell ta' l-imsieħba soċjali sabiex it-trattament ugwali għall-ħaddiema migranti jkun issorveljat.

6.5 Sakemm ir-restrizzjonijiet ma jitneħħewx, il-KESE jitlob li d-direttiva proposta għas-sanzjonijiet kontra min iħaddem in-nies illegalment tapplika wkoll għal min iħaddem b'mod illegali nies minn pajjiżi terzi jew minn pajjiżi ta' l-UE li għadhom soġġetti għal restrizzjonijiet. Barraminhekk, il-KESE jikkunsidra li huwa essenzjali li l-UE tassigura li d-direttiva mhux biss tiġi trasportata fl-Istati Membri iżda tiġi applikata fil-prattika wkoll.

6.6 Barraminhekk, din id-direttiva turi d-differenzi kbar li jeżistu fil-kwalità u l-intensità tal-kontrolli u l-livell tal-penali bejn l-Istati Membri. Fl-Olanda, meta persuna li tħaddem tinstab ħatja li qiegħda tħaddem nies b'mod illegali tista' tingħata multa massima ta' EUR 6 700 għal kull ħaddiem. Fil-Belġju, il-multa hija ta' EUR 20 000, fil-Lussemburgu EUR 50 000. Madankollu, hemm ċerti Stati Membri li għad m'għandhomx penali għal min jimpjega ħaddiema b'mod illegali.

6.7 L-iskambju ta' prattiki tajbin jiffurmaw parti indispensabbli minn dak il-proċess li għandu jwassal għall-koeżjoni soċjali. Matul is-seduta f'Plovdiv ⁽¹⁵⁾ issemmev bosta prattiki tajbin, bħal:

— It-twaqqif ta' kunsill internazzjonali tat-trade unions fir-reġjun transkonfinali ta' Būrgenland ⁽¹⁶⁾ bejn l-Awstrija u l-Ungerija. It-trade unions Awstrijaki u Ungeriżi jaħdmu flimkien sabiex jassiguraw li x-xogħol transkonfinali jimxi skond il-liġi u r-regolamenti;

⁽¹¹⁾ www.ilo.org/ilolex/english/convdisp1.htm.

⁽¹²⁾ ILO (2006) Employment Relationship Recommendation R 198.

⁽¹³⁾ Amsterdam Institute of Advanced Labour Studies.

⁽¹⁴⁾ COM (2007) 249 finali.

⁽¹⁵⁾ Plovdiv, Bulgarija 18.9.2007.

⁽¹⁶⁾ www.igr.at.

- Iċ-ċertifikazzjoni ta' l-hekk imsejħa "sistema għall-kapijiet ta' gangs illegali" fir-Renju Unit ⁽¹⁷⁾. Permezz ta' kontroll strett, l-awtoritajiet setgħu jiċċertifikaw il-kapijiet ġenwini, li fis-settur agrikolu huma l-intermedjarji prinċipali li jissodisfaw id-domanda għal xogħol temporanju;
- Fil-Belġju, l-imsieħba soċjali fis-settur agrikolu fasslu sistema operattiva ta' kontroll amministrattiv bil-għan li jiġi evitat ix-xogħol illegali ⁽¹⁸⁾;
- Fl-2007, l-imsieħba soċjali fl-Olanda introduċew sistema ta' ċertifikazzjoni sabiex jiġi garantit kontroll effettiv tar-rispett għar-regolamenti soċjali u tax-xogħol fis-settur tax-xogħol temporanju ⁽¹⁹⁾. Is-sistema għadha qiegħda tesperjenza problemi tipiċi tal-bidu iżda l-intenzjoni hija tajba u l-iżvilupp tagħha huwa promettenti;
- F'Settembru 2007, l-imsieħba soċjali, il-Ministru tax-xogħol u l-Ministru ta' l-agrikoltura fl-Italja qablu fuq programm vast għall-ġlieda kontra l-espansjoni tax-xogħol informali u ta' persuni li taparsi jaħdmu għal rashom ⁽²⁰⁾;

Brussell, it-13 ta' Diċembru 2007.

- L-ILO żviluppat programmi bil-għan li jiġu regolarizzati l-aġenziji tax-xogħol privati sabiex jiġi evitat li l-ħaddiema migranti jiġu traffikati u sfruttati minn intermedjarji dubjużi. Dawn il-programmi huma indirizzati lil-leġislaturi, l-ispetturi tax-xogħol, il-pulizija eċċ.

6.8 Dawn is-sitwazzjonijiet li ssemwew f'dawn l-eżempji ma jistgħux jitqabblu għal kollox mas-sitwazzjoni tal-ħaddiema Bulgari u Rumeni li qegħdin ifittxu x-xogħol fil-15-il Stat Membru antiki ta' l-UE. Il-ħaddiema Ungeriżi, per eżempju, li huma impjegati f'Bürgenland, sempliċement imorru lura d-dar kull fil-ghaxxja, filwaqt li l-ħaddiema Rumeni u Bulgari jdumu xhur 'il bogħod minn darhom. Jeżistu forom ta' abbuż f'dawn is-sitwazzjonijiet ukoll, iżda fuq skala iżgħar u b'infurzar effettiv malajr jinqabdu u faċli jiġu sanzjonati. Għaldaqstant, l-impresjoni ġenerali hija li l-kundizzjonijiet tax-xogħol tan-nies fir-reġjun ta' Bürgenland huma soċjalment aċċettabbli.

Il-President

tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Dimitris DIMITRIADIS

⁽¹⁷⁾ www.gla.gov.uk.

⁽¹⁸⁾ www.limosabe.be u www.kszf.gov.be/En/CBSS.htm.

⁽¹⁹⁾ www.normeringarbeid.nl.

⁽²⁰⁾ www.lavoro.gov.it u www.lavoro.gov.it/NR/rdonlyres/7E345511-29CC-4D81-B502-225F85070D3C/0/new_n12ottobre07.pdf.

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar L-impjegi fis-settur agrikolu

(2008/C 120/06)

Nhar it-13 ta' Marzu 2007, il-Bureau ddeċieda, b'konformità ma' l-Artikolu 29 A tad-Dispożizzjonijiet ta' Implimentazzjoni tar-Regoli ta' Proċedura, li jfassal opinjoni addizzjonali dwar:

L-impjegi fis-settur agrikolu.

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għall-Agricoltura, l-Iżvilupp Rurali u l-Ambjent, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar dan is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar il-31 ta' Ottubru 2007. Ir-Rapporteur kien is-Sur Wilms.

Matul l-440 sessjoni plenarja tiegħu li nżammet fit-12 u t-13 ta' Diċembru 2007 (seduta tat-13 ta' Diċembru), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-opinjoni b'96 vot favur, vot wieħed kontra u 3 astensjonijiet:

1. Sommarju

1.1 Bil-komunikazzjoni tagħha "Il-postijiet tax-xogħol fiż-żoni rurali: Inneħħu d-differenzi fl-impjegi" ⁽¹⁾, il-Kummissjoni fetħet diskussjoni importanti dwar l-impjegi fis-settur agrikolu bħala element importanti għall-ħolqien u s-sigurtà tal-postijiet tax-xogħol fiż-żoni rurali.

1.2 Il-bidla strutturali agrikola qiegħda tkompli. B'hekk ser jiġu milquta mijiet ta' eluf ta' impjegati fl-agrikoltura li ser jitilfu xogħolhom u/jew li ser tinbidilhom ħajjithom. Madanakollu, parti sostanzjali mill-impjegi fis-settur agrikolu, jiġifieri l-impjegati u l-aktar il-ħaddiema staġjonali u l-ħaddiema migranti, baq-għet ma ġietx meqjusa fil-komunikazzjoni.

1.3 Din hija ħasra wara l-isforzi kollha li saru mill-Kummissjoni fl-okkażjoni tas-Sena Ewropea tal-Mobilità tal-Ħaddiema (2006). Madwar 4 miljun ħaddiem staġjonali u part-time fis-sena, li minnhom madwar 2 miljuni huma ħaddiema migranti, huma x-xieħda tal-mobilità u l-flessibilità qawwija fis-settur ta' l-agrikoltura.

1.4 Il-ħaddiema staġjonali huma element essenzjali għall-agrikoltura, b'mod partikolari għat-tkabbir tal-frott u l-ħaxix, u mingħajrhom ma jistax ikun hemm biedja effettiva u sostenibbli. Peress li ta' sikwit il-ħaddiema tal-post ma jlaħħqux mal-ħtieġa ta' ħaddiema staġjonali, il-ħaddiema migranti jagħtu sehemhom ukoll għall-iżvilupp ta' l-agrikoltura fl-Ewropa.

1.5 Il-produzzjoni ta' ikel bnin hija vitali għal ħajjitna. Għandu jkun hemm ukoll paga ġusta.

1.6 Minkejja li r-rata tal-qgħad f'ħafna reġjuni Ewropej hija għolja, jibqgħu jntalbu aktar ħaddiema staġjonali mill-Belarus, mill-Ukraina u minn pajjiżi oħra. Is-suq tax-xogħol fl-UE għandu jiżviluppa b'mod sostenibbli għas-soċjetà. Dan ifisser li kulħadd għandu jkollu ċ-ċans li jaqla' l-ghajxa ta' kuljum permezz ta' xogħlu. Dawn l-opportunitajiet qegħdin jiġu limitati minn ħaddiema oħra minn pajjiżi terzi li jitħallsu bi ftit flus.

⁽¹⁾ KOM (2006)857 finali, "Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u l-Parlament Ewropew dwar il-postijiet tax-xogħol fiż-żoni rurali: Inneħħu d-differenzi fl-impjegi".

1.7 Il-miri fir-rigward tat-tkabbir li stabbiliet l-Unjoni Ewropea jistgħu jintlaħqu biss permezz ta' kompetizzjoni ġusta. Irrispettivament mill-orijini tagħhom, l-impjegati tas-settur agrikolu għandhom jirċievu trattament ugwali.

1.8 Is-suq tax-xogħol agrikolu huwa kkaratterizzat minn mobilità qawwija. Dan jikkorrispondi mal-miri tal-Kummissjoni. Iżda l-iżvantaġġi m'għandhomx jiżiedu għall-ħaddiema mobbli. Għaldaqstant, l-integrazzjoni soċjali għandha tkun dritt li jiġi wara dak ta' l-integrazzjoni politika u ekonomika. Għall-futur qrib il-KESE qiegħed jara dawn il-bżonnijiet:

— Għandu jkun hemm standards minimi li jirregolaw il-kondizzjonijiet tax-xogħol u l-akkomodazzjoni tal-ħaddiema migranti kollha.

— Permezz ta' xogħolhom, il-ħaddiema migranti għandu jkollhom protezzjoni soċjali komprensiva. Dan jgħodd ukoll għat-talba għall-pensjoni.

— Il-ħaddiema staġjonali għandhom jiġu inklużi wkoll fi skemi sabiex itejbu l-kompetenzi tagħhom.

— Il-ħaddiema migranti għandhom jiġu informati dwar il-kondizzjonijiet tax-xogħol u dwar id-drittijiet tagħhom.

1.9 Fl-agrikoltura Ewropea jeżisti nuqqas ta' trasparenza fil-livell ta' l-impjegi u fl-istandards soċjali. Dan iwassal għal distorsjonijiet fil-kompetizzjoni. Iċ-ċertifikazzjoni ta' l-irziezet fuq il-bażi ta' kriterji soċjali huwa wieħed mill-mezzi sabiex tkun tista' terġa' tiġi stabbilita l-kompetizzjoni ġusta.

2. Introduzzjoni

Ix-xogħol fl-agrikoltura Ewropea ser ikompli jinbidel. Ħafna mill-impjegati mħallsa għandhom xogħol part-time jew staġjonali. Die Teilzeit- und Saisonbeschäftigung nimmt unter den abhängig Beschäftigten einen großen Teil ein. Il-ħaddiema migranti li jtilqu minn art twelidhom sabiex jaħdmu f'post ieħor huma soġġetti għal kondizzjonijiet partikolari. Fil-futur qrib mhux ser ikun hemm tibdil sinifikattiv f'dan il-qasam.

2.1 Niżviluppaw l-impjiegi staġjonali fis-settur agrikolu

2.1.1 Is-sitwazzjoni ta' l-impjiegi fl-agrikoltura kemm-il darba kienet is-suġġett ta' opinjoni tal-KESE. L-importanza tad-diskussjoni dwar il-ħaddiema migranti u staġjonali qiegħda tikber kemm fil-livell Ewropew kif ukoll f'numru kbir ta' Stati Membri. Sadattant it-tliet partijiet prinċipali, li huma r-rappreżentanti ta' min iħaddem, it-trade unions u r-rappreżentanti politiċi jew amministrattivi, qiegħdin jinvolvu ruħhom f'ħafna oqsma u azzjonijiet marbutin ma' din il-kwistjoni. Xi eżempji:

- Ħafna trade unions agrikoli jipprovdu informazzjoni b'diversi lingwi dwar is-sitwazzjoni legali fil-pajjiżi ta' destinazzjoni.
- L-imsieħba soċjali ta' xi pajjiżi jikkonkludu ftehimiet kollettivi adattati għall-ħaddiema migranti u staġjonali.
- Ħafna drabi l-ħaddiema migranti jingħataw konsulenza legali, b'mod speċjali meta jiġu sabiex jiffirmaw xi kuntratt tax-xogħol.
- Xi gvernijiet jorganizzaw diskussjonijiet ma' l-imsieħba soċjali sabiex itejbu s-sitwazzjoni tal-ħaddiema staġjonali u migranti.
- Wara l-intervenzjonijiet ta' l-imsieħba soċjali, il-Kummissjoni Ewropea qiegħda tidħol fil-kwistjoni wkoll billi tappoġġja dejjem iktar il-proġetti ta' l-imsieħba soċjali rigward il-ħaddiema migranti, kemm fil-livell Ewropew kif ukoll mill-fondi tagħha, per eżempju fil-kuntest tat-titjib tas-sitwazzjoni ta' l-akkomodazzjoni u l-ippustjar tal-ħaddiema migranti.

2.1.2 Kemm-il darba tressqu talbiet sabiex jitwaqqaf osservatorju tal-ħaddiema migranti u staġjonali iżda dan l-osservatorju baqa' ma twaqqafx. Il-ġbir u l-preżentazzjoni ta' data ċara dwar l-impjiegi fis-settur agrikolu u l-valutazzjoni tagħha huma element essenzjali għat-titjib tas-sitwazzjoni tal-ħaddiema.

2.2 Definizjonijiet

2.2.1 In-nuqqas ta' ċertezza fid-diskussjoni dwar ix-xogħol staġjonali fl-agrikoltura qiegħed ixekkel it-trasparenza u l-preżentazzjoni tas-sitwazzjoni reali. Għad m'hemmxi ċifri ċari u dettaljati dwar il-livell ta' l-impjiegi staġjonali fl-agrikoltura.

2.2.2 Madwar 2 miljun ħaddiem hu impjegat full-time fis-settur agrikolu Ewropew. Ix-xogħol ta' madwar erba' miljun persuna huwa instabbli. Parti minnhom huma impjegati part-time u parti oħra huma impjegati fuq bażi staġjonali għal perijodu ta' bejn ftit jiem sa tmien xhur fis-sena. Il-parti l-kbira tal-ħaddiema staġjonali huma ħaddiema migranti li ma jaħdmux part twelidhom u ħafna drabi jridu jemigraw lil hinn mill-fruntieri.

2.2.3 Fl-analiżi taċ-ċifri dwar il-ħaddiema tinħtieġ spjegazzjoni ċara tal-kriterji, per eżempju d-daqs ta' l-irziezet, il-klassifi-

kazzjoni fl-oqsma u s-setturi differenti, b'mod partikolari l-klassifikazzjoni ta' l-ortikultura u tas-servizzi marbuta ma' l-agrikoltura.

3. L-urġenza ta' l-opinjoni

3.1 L-opinjoni hija urġenti għal diversi raġunijiet:

- a. Fl-opinjoni tagħha dwar l-impjiegi fiż-żoni rurali, il-Kummissjoni, fost affarijiet oħra, tanalizza fid-detall ix-xejriet kwantitattivi tax-xogħol. Tenfasizza l-punt li minkejja li l-proporzjon tax-xogħol agrikolu fiż-żoni rurali huwa żgħir, dan is-settur huwa importanti ħafna. Il-Kummissjoni qiegħda tbassar li sa l-2014 l-10 miljun impjieg (impjiegi full-time) li hemm bħalissa fil-qasam agrikolu ser jonqsu b'madwar 4 u 6 miljuni (żewġ miljuni fl-UE-15, bejn miljun u żewġ miljuni fl-UE-15-25 u bejn miljun u żewġ miljuni fir-Rumanija u l-Bulgarija).
- b. In-numru ta' ħaddiema full-time fl-UE-15 għandu jstabbilizza ruħu jew saħansitra jiżded bi ftit bħal fil-Ġermanja tal-punent. Huwa mistenni li fil-pajjiżi kandidati għall-adeżjoni ser ikun hemm tnaqqis addizzjonali fin-numru ta' ħaddiema full-time. Għaldaqstant huwa evidenti li jekk din it-tendenza tkompli, in-negozji ser ikollhom bżonn ta' aktar ħaddiema staġjonali fir-reġjuni fejn jtkabbru l-frott u l-ħaxix.
- c. Sadattant, f'ħafna pajjiżi qiegħed ikun imbassar nuqqas ta' ħaddiema kwalifikati li per eżempju jkunu jafu jmessu negozju jew li jkunu jafu jħaddmu makkinarju kkumplikat fl-irziezet.
- d. In-negozji diġà qiegħdin jilmontaw li ma jistgħux isibu ħaddiema li jistgħu jimpjegaw fuq bażi staġjonali. Huma qiegħdin iħeġġu lill-awtoritajiet sabiex mhux biss jippermettu l-mobilità tal-ħaddiema fi ħdan l-UE (moviment ħieles tal-ħaddiema), iżda wkoll sabiex jiżdeddu l-impjiegi staġjonali ta' ħaddiema minn pajjiżi barra l-UE. Il-Polonja diġà fetħet il-biben tagħha u qiegħda ddaħħal il-ħaddiema mill-Belarus u l-Ukraina.
- e. Mill-banda l-oħra, f'ħafna reġjuni rurali għad hemm ħafna qgħad. Il-Kummissjoni fasslet strateġija għal titjib fil-mobilità tal-ħaddiema. Però magħha jrid ikun hemm possibiltajiet ta' xogħol attraenti.
- f. Huwa fatt li ix-xogħol ta' natura migranti jiġġenera l-konflitti u l-problemi.
- g. Huwa fatt ukoll li fis-settur agrikolu t-talba għax-xogħol tkun għolja ħafna f'ċerti żmenijiet tas-sena, matul il-perijodi ta' "veġetazzjoni", u għaldaqstant ikun hemm il-possibiltajiet ta' xogħol. Skond id-deċiżjonijiet ta' l-istrateġija ta' Lisbona għandhom jinħolqu possibiltajiet ta' xogħol — imma xogħol ta' kwalità tajba.

- h. Fl-istrateġija ta' Gothenburg l-Istati Membri qablu dwar il-miri ta' l-iżvilupp sostenibbli. Huma qablu li d-dimensjoni soċjali għandha tingħata l-istess importanza bħall-miri ekonomiċi u ekoloġiċi. Għalhekk is-sitwazzjoni tal-ħaddiema migranti għandha tkun konformi ma' l-istandards soċjali. F'dan ir-rigward in-negozji għandhom jerfgħu r-reponsabilità soċjali tagħhom. Il-ħaddiema migranti għandhom id-dritt għal trattament ugwali kif ukoll għal akkomodazzjoni u kondizzjonijiet ta' għajxien xierqa. Barra min hekk, għandhom ikunu integrati b'mod sħiħ fis-sistemi tas-sigurtà soċjali.
- i. Fi hdn l-inizjattiva kontra d-diskriminazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea ġie pjanat ukoll dibattitu kontra d-diskriminazzjoni fejn jidħlu l-kondizzjonijiet tax-xogħol u ta' l-għajxien tal-ħaddiema barranin.
- j. Bil-libertà sħiħa tal-mobilità tal-ħaddiema fl-UE ser tinbidel ukoll il-kapaċità ta' azzjoni tal-gvernijiet. B'hekk ser tikber il-kompetizzjoni kemm bejn il-ħaddiema kif ukoll bejn min iħaddem.
- k. Fid-dawl tat-tbassir mill-Kummissjoni tat-tluq ta' bejn 4 u 6 miljun ħaddiem mis-settur, it-tema tal-kwalità tax-xogħol ma tistax titħalla barra mid-diskussjoni dwar il-politika agrikola komuni. Is-sitwazzjoni tal-ħaddiema permanenti ser tinbidel. In-nuqqas ta' ħaddiema tas-sengħa huwa mbassar, u fuq medda twila ta' żmien in-numru ta' ħaddiema ser jistabbilizza ruħu.

4. Problemi attwali

4.1 Il-ħaddiema jemigraw l-aktar minħabba d-differenza fil-livell ta' għajxien fir-reġjuni Ewropej. L-immigrazzjoni tal-ħaddiema twassal, fuq perijodu fit-tul, għal nuqqas b'mod partikolari ta' ħaddiema kwalifikati, fil-pajjiżi li jtilqu minnhom. Dawn ir-reġjuni qegħdin jipprovaw isolvu l-problema tan-nuqqas ta' ħaddiema mhux billi jgħollu l-pagi jew billi jtejbu l-edukazzjoni, iżda bl-ingaġġ ta' ħaddiema minn pajjiżi ifqar, u għalhekk kulma jmur qegħdin jiżdiedu dejjem iktar il-ħaddiema minn barra l-Unjoni Ewropea.

4.2 Iżda l-kondizzjonijiet tax-xogħol, li xi drabi jkun diffiċli u mhux normali, fl-oqsma in kwistjoni qegħdin iwasslu għal nuqqas ta' ħaddiema. Il-ħaddiema migranti qegħdin jimxu mar-regoli tas-suq. Huma qegħdin jerħulha lejn fejn isibu l-aħjar kondizzjonijiet għalihom fi hdn is-suq ħieles tax-xogħol.

4.3 Il-problemi relatati max-xogħol tal-ħaddiema migranti dejjem jiffaċċaw:

- Is-sitwazzjoni tal-migranti nisa fl-agrikoltura għandha tingħata attenzjoni iktar. F'ħafna pajjiżi l-aktar li qegħdin jiġu reklutati huma n-nisa. Dan iwassal għal xi problemi kulturali u soċjali kemm fil-pajjiżi ta' destinazzjoni kif ukoll fil-pajjiżi ta' oriġini.
- L-implimentazzjoni ta' miżuri transitorji għall-moviment ħieles tal-ħaddiema wara t-tkabbir ta' l-2004 u ta' l-2007 wasslet għal ksur tal-liġi tax-xogħol minħabba l-ippustjar fil-qafas tal-provvista tas-servizz. Għalhekk il-paga xi kultant tkun inqas mill-paga minima stabbilita bil-liġi u f'ħafna każi

tkun inqas mill-paga miftiehma b'mod kollettiv u mill-paga tal-ħaddiema lokali.

- Minkejja l-isforzi u l-inizjattivi min-naħa tat-trade unions, il-ħaddiema migranti għadhom mingħajr informazzjoni ċara dwar id-drittijiet tagħhom. F'ħafna każi l-liġijiet u r-regoli tal-pajjiż ospitanti ma jiġux applikati. Il-fatt li l-ħaddiema migranti jiġu sfruttati minħabba l-oriġini tagħhom huwa kontraddizzjoni kbira ta' l-isforzi ta' l-Unjoni Ewropea kontra d-diskriminazzjoni.
- Minħabba li l-ħaddiema staġjonali ma jħallsux il-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali b'mod kontinwu, għadhom iħabbtu wiċċhom ma' żvantaġġi finanzjarji rigward is-sigurtà soċjali tagħhom.
- Normalment l-ispejjeż tal-ftehimiet kollettivi tal-ħaddiema tas-settur agrikolu ma japplikawx għall-ħaddiema staġjonali.
- Kważi f'kull pajjiż għad hemm lok għal titjib fl-akkomodazzjoni għall-ħaddiema staġjonali.
- Tendenzja oħra hija l-ingaġġ ta' ħaddiema fis-settur agrikolu permezz ta' aġenziji tax-xogħol temporanju. Għalkemm jeżistu eżempji ta' aġenziji tax-xogħol temporanju ħżiena, ix-xogħol temporanju ħafna drabi joffri vantaġġi kemm għall-ħaddiema kif ukoll għal min iħaddem.
- F'oqsma fejn ikunu impjegati bosta ħaddiema għal perijodu qasir ta' żmien huwa faċli li jkun hemm attività illegali. Ħafna ħaddiema jużaw impjeg staġjonali legali sabiex wara li jiskadilhom il-kuntratt ta' dan jaħdmu f'oqsma oħra mingħajr dokumenti validi.

5. Konklużjonijiet u qafas ta' azzjoni

5.1 Qafas politiku ġenerali

5.1.1 Il-KESE jilqa' l-isforzi tal-Kummissjoni għal aktar impjegji fiż-żoni rurali inkluża l-promozzjoni tat-trasparenza fil-qasam agrikolu. Dawn l-isforzi jinkludu wkoll il-ġbir ta' statistika dwar l-impjeg tal-ħaddiema u l-provvista ta' informazzjoni wiesgħa lill-ħaddiema dwar il-kondizzjonijiet tax-xogħol u ta' l-għajxien fil-pajjiżi kkonċernati.

5.1.2 Sa issa, l-aspetti kwalitattivi u kwantitattivi tal-prodotti kienu l-qofol tal-politika agrikola. L-istatus u l-għamla tax-xogħol tal-ħaddiema baqa' prattikament ma tqiesx.

5.1.3 Il-miri ta' l-istrateġija ta' Lisbona u ta' l-istrateġija ta' Gothenburg għad iridu jiġu konkretizzati aktar. Id-dimensjoni soċjali flimkien mad-dimensjoni ekonomika u ekoloġika għandhom jiġu kkunsidrati fl-iżvilupp avanzat ta' l-agrikoltura sostenibbli.

5.1.4 It-tneħħija tad-differenzi fis-suq tax-xogħol Ewropew għandha tkun il-mira ewlenija tal-partijiet kollha. Din il-mira ma tistax tintlaħaq billi jinġiebu ħaddiema li jitħallsu b'inqas minn reġjuni dejjem aktar 'il bogħod mill-Ewropa. Il-mudell Ewropew jinkludi wkoll l-iżvilupp ta' ħajja soċjali komuni fl-Ewropa. F'dan il-mudell m'hemm post għal getti ta' ħaddiema migranti b'kondizzjonijiet ħżiena ta' għajxien u ta' akkomodazzjoni, u mingħajr rabtiet kulturali u soċjali mal-ħajja lokali.

5.1.5 Il-konsiderazzjoni tal-ġeneru għandha taqdi rwol akbar fl-istudji li jsiru f'dan il-qasam u fis-soluzzjonijiet potenzjali li joħorġu minnhom.

5.1.6 Il-kondizzjonijiet għandhom mhux stabbiliti. Il-partijiet kollha huma mitluba li jagħtu sehemhom.

5.1.7 Il-ħaddiema migranti għandhom jirċievu l-istess trattament bħall-ħaddiema tal-post. Il-Kummissjoni għandha tagħmel dak kollu li tista' għal dan il-għan. L-ewwel pass f'din id-direzzjoni huwa t-tfassil ta' standards minimi. Dawn l-istandards minimi għandhom jibnu bażi tajba għal diskussjoni wiesgħa dwar il-kwalità tax-xogħol.

5.2 *Ħidma u inizjattivi ta' l-imsieħba soċjali*

5.2.1 Il-KESE jilqa' l-isforzi ta' l-imsieħba soċjali sabiex jipromovu, fil-kuntest tad-djalogo soċjali, l-iżvilupp u t-taħriġ vokazzjonali fis-settur agrikolu u b'mod partikolari l-validazzjoni tal-kwalifiki professjonali minn korpi kompetenti fl-Istati Membri. Il-passaport Ewropew "Agripass" qiegħed jinħalaq bil-għan li jiffaċilita l-mobilità ta' l-impjegati agrikoli fiż-żona Ewropea. L-agri-pass m'għandhiex twassal għal sitwazzjoni fejn il-ħaddiema li m'għandhomx dan id-dokument jkunu żvantaġġati, iżda għandha sservi ta' incensiv sabiex il-ħaddiema japplikaw għal dan iċ-ċertifikat ta' kwalifika.

5.2.2 Barra minn hekk, it-trasparenza fil-kwalifiki professjonali tista' ttejjeb ukoll il-mobilità u l-possibilità li l-ħaddiema jaħdmu u jstabilixxu ruħhom f'pajjiżi oħra. Il-KESE jilqa' l-inizjattivi tal-Kummissjoni għall-appoġġ ta' l-imsieħba soċjali permezz ta' l-introduzzjoni ta' "agri-pass".

5.2.3 L-imsieħba soċjali, flimkien mal-Kummissjoni Ewropea u l-gvernijiet ta' l-Istati Membri kkonċernati, għandhom ifasslu u jimplimentaw strateġiji kontra l-impjegar illegali.

5.3 *Inizjattivi konġunti għas-sigurtà soċjali*

5.3.1 Is-sigurtà soċjali tal-ħaddiema staġjonali hija kwistjoni ta' tħassib partikolari. Il-ħaddiema li jagħmlu xogħol temporanju għal numru ta' snin m'għandux ikollhom inqas sigurtà soċjali minn ħaddiema oħra. B'mod partikolari, dan ifisser:

- li huma jiġu integrati fis-sistema tal-pensjoni fil-pajjiż fejn jaħdmu u li jkunu jistgħu jibbenefikaw mid-drittijiet tal-pensjoni tagħhom kollha;
- li s-sitwazzjoni fuq il-post tax-xogħol tkun konformi mad-dispożizzjonijiet relatati max-xogħol u s-saħħa, u li l-ħaddiema migranti jirċievu t-tagħrif dwar ir-riskji u l-perikli bil-lingwa nattiva tagħhom;

— li jkollhom assigurazzjoni tas-saħħa komprensiva.

5.3.2 Il-ħaddiema għandhom jiġu infurmati bil-lingwa nattiva tagħhom dwar il-leġislazzjoni, il-ftehimiet kollettivi u l-prattiki rigward il-pagi, l-organizzazzjoni, is-sigurtà soċjali, is-sistema fiskali, il-leġislazzjoni dwar il-kondizzjonijiet fuq il-post tax-xogħol fil-pajjiż ospitanti, eċċ. Min-naħa tagħha l-UE għandha tirrispetta r-rwol tal-partijiet firmatarji u ma tagħmilx liġijiet f'oqsma koperti mill-ftehimiet kollettivi.

5.4 *Intejbu l-kondizzjonijiet ta' l-għajxien u l-akkomodazzjoni tal-ħaddiema migranti*

5.4.1 Il-ħaddiema migranti għandhom id-dritt għal akkomodazzjoni deċenti fil-pajjiż fejn jaħdmu. Fil-livell Ewropew għandu jifassal qafas bl-istandards bażiċi għall-akkomodazzjoni tal-ħaddiema migranti.

5.5 *Ċertifikat ta' kwalità għal xogħol temporanju ġust*

5.5.1 Il-Kumitat ilu snin iħejji opinjonijiet dwar il-ġestjoni ekonomika sostenibbli. Din m'għandhiex biss dimensjoni ekoloġika, iżda tikkonċerna l-aspetti manijerjali u soċjali wkoll. Sistema ta' ċertifikazzjoni volontarja u non-statali għal xogħol staġjonali ġust kapaċi twassal għal kompetizzjoni aktar ġusta. Il-kriterji għal sistema ta' ċertifikazzjoni volontarja jistgħu jkunu:

- il-ħlas ta' pagi xierqa,
- is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol,
- il-parteċipazzjoni tal-ħaddiema fi proċessi interni tan-negożju,
- l-arranġamenti kuntrattwali tax-xogħol,
- l-akkomodazzjoni,
- il-ħin tax-xogħol.

Iċ-ċertifikazzjoni għandha:

- tippromovi l-kompetizzjoni ġusta,
- tinforma lill-ħaddiema staġjonali kkonċernati dwar in-negożju u
- tirreklama l-prattika tajba fin-negożju.

5.6 *Inxerrdu l-prattika t-tajba*

5.6.1 Fl-agrikoltura Ewropea jeżistu ħafna skemi u proġetti sabiex insaħħu l-mobilità fl-agrikoltura u sabiex intejbu s-sitwazzjoni tal-ħaddiema staġjonali. Il-KESE jstieden lill-Kummissjoni sabiex tieħu l-miżuri neċessarji għall-analiżi u t-tixrid tal-prattika t-tajba.

Brussell, it-13 ta' Diċembru 2007.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Dimitris DIMITRIADIS

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar Ir-rwol tal-Kunsilli Nazzjonali għall-Iżvilupp Sostenibbli

(2008/C 120/07)

Nhar il-25 u s-26 ta' April 2007, b'konformità ma' l-Artikolu 29(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew iddeċieda li jħejji Opinijoni fuq proprja dwar

Ir-Rwol tal-Kunsilli Nazzjonali għall-Iżvilupp Sostenibbli.

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għall-Agrikoltura, l-Iżvilupp Rurali u l-Ambjent (l-Osservatorju għall-Iżvilupp Sostenibbli), inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar is-27 ta' Novembru 2007. Ir-rapporteur kien is-Sur Haken.

Matul l-440 sessjoni plenarja tiegħu li nżammet fit-12 u t-13 ta' Diċembru 2007 (seduta tat-12 ta' Diċembru), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-opinjoni b'115-il vot favur u 3 astensjonijiet.

1. Konklużjonijiet

1.1 Il-Kunsilli Nazzjonali għall-Iżvilupp Sostenibbli (KNIS) jistgħu jkunu forza b'saħħitha u influwenti fil-qasam ta' l-iżvilupp sostenibbli, billi jistgħu jipprovdu pariri indipendenti u jħeġġu d-dialogu dwar l-iżvilupp sostenibbli mas-soċjetà ċivili u l-partijiet interessati.

1.2 Wara ħarsa ġenerali lejn il-KNIS fl-UE, jidher ċar li l-qagħda hija waħda eteroġenea ħafna. Filwaqt li wħud mill-Istati Membri m'għandhom l-ebda kunsill jew għandhom biss kunsilli inattivi, il-kunsilli li huma attivi jvarjaw ħafna minn xulxin, kemm fir-rigward tal-kompetenza, il-kompożizzjoni, l-indipendenza u r-riżorsi tagħhom kif ukoll fir-rigward ta' l-impatt ta' ħidmithom.

1.3 Fid-dawl ta' l-esperjenzi pożittivi fl-Istati Membri li għandhom KNIS "b'saħħithom", il-KESE jsejjaħ lill-Istati Membri kollha sabiex isaħħu l-kunsilli tagħhom jew joħlqu kunsilli operattivi u effettivi fejn dawn għadhom ma jeżistux.

1.4 Il-KESE jirrakkomanda li l-KNIS:

- għandhom jinkludu rappreżentanti mis-setturi ewlenin kollha tas-soċjetà kkonċernati,
- għandu jkollhom livell għoli biżżejjed ta' indipendenza mill-gvern,
- għandhom jaqdu rwol importanti fit-tfassil ta' strateġiji għall-iżvilupp sostenibbli u fil-monitoraġġ ta' l-implimentazzjoni tagħhom,
- għandhom ikunu ffinanzjati b'mod suffiċjenti sabiex ikunu jistgħu jipprovdu valur miżjud reali għad-dibattiti u l-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet,
- għandhom jaqsmu l-esperjenza tagħhom bejniethom, jagħmlu skambju ta' l-aħjar Prattika u jżommu djalogu miftuħ fost il-kunsilli, partikularment permezz tat-tisħiħ tan-network tal-Kunsilli Konsultattivi Ewropej għall-Ambjent u l-Iżvilupp Sostenibbli (EEAC).

2. Sfond

2.1 L-iżvilupp sostenibbli jfisser li jiġu sodisfatti l-ħtiġijiet tal-ġenerazzjoni attwali mingħajr ma tiġi mhedda l-ħila ta' ġenerazz-

zjonijiet futuri li jissodisfaw il-ħtiġijiet tagħhom. Dan huwa wieħed mill-għanijiet globali ta' l-UE li jiggvernaw il-politiki u l-azzjonijiet kollha tagħha u huwa msejjes fuq il-prinċipji tad-demokrazija, l-ugwaljanza tal-ġeneru, is-solidarjetà, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet fundamentali, inklużi l-libertà u opportunitajiet indaqs għal kulħadd.

2.2 Fl-1992, b'segwitu tal-Konferenza ta' Rio tan-Nazzjonijiet Uniti, l-iżvilupp sostenibbli sar qasam ta' politika rikonoxxut fid-dinja kollha. L-idea ta' korpi konsultattivi, bħall-KNIS, nibtet ukoll waqt il-Konferenza ta' Rio. L-Aġenda 21, li hija wkoll riżultat tal-Konferenza ta' Rio, tistqarr li strateġija nazzjonali għall-iżvilupp sostenibbli għandha tiġi żviluppata permezz ta' l-iktar parteċipazzjoni wiesgħa possibbli; u fl-2002, ir-rakkomandazzjonijiet ta' Johannesburg għamlu sejħa wkoll għat-twaqqif ta' kunsilli għall-iżvilupp sostenibbli.

2.3 Fl-UE, l-ewwel strateġija għall-iżvilupp sostenibbli ġiet adottata fl-2001 f'Göteborg. Sabiex tinholq strateġija aktar effettiva u bi skop usa', fl-2004, il-Kummissjoni nediet proċess ta' revizzjoni, u f'Ġunju 2006 il-Kunsill adotta l-istrateġija mġedda għall-iżvilupp sostenibbli għall-Ewropa ta' wara t-tkabir (*). Din l-istrateġija mġedda għandha l-għan li sserve sabiex l-Ewropa twettaq l-impenn fit-tul tagħha li tilħaq l-oġettiv ta' żvilupp sostenibbli.

2.4 B'segwitu tar-rakkomandazzjonijiet tal-Konklużjonijiet tan-NU u, sussegwentement, dawk ta' l-UE, fis-snin disgħin bdew jitwaqqfu istituzzjonijiet magħrufa bħala KNIS f'għadd ta' pajjiżi, bil-għan li jassiguraw li l-Aġenda 21 tiġi implimentata b'mod effettiv u li l-prinċipji ta' l-iżvilupp sostenibbli jidħlu fil-prattika. Ċerti gvernijiet waqqfu korpi għall-koordinazzjoni inter-ministerjali (eż. il-Kummissjoni Ungeriża għall-Iżvilupp Sostenibbli, 1993), oħrajn għażlu korpi mħallta bħall-Kummissjoni Nazzjonali Finlandiża għall-Iżvilupp Sostenibbli (1993) fil-waqt li gvernijiet oħrajn ħolqu kunsilli magħmulin minn rappreżentanti tas-soċjetà ċivili, bħall-Kunsill Nazzjonali Belġjan (1993) u r-Round Table tar-Renju Unit għall-Iżvilupp Sostenibbli (1994). Wara dan, pajjiżi oħrajn imxew f'din id-direzzjoni, xi wħud mill-korpi ta' qabel ġew irristrutturati u oħrajn, eventwalment, ma tkomplewx.

(* L-istrateġija għall-iżvilupp sostenibbli ta' l-UE, Konklużjonijiet tal-Kunsill, is-26 ta' Ġunju 2006.

2.5 L-istrategġija mġedda ta' l-UE għall-iżvilupp sostenibbli tistqarr li "L-Istati Membri għandhom jikkunsidraw li jsaħħu jew, fejn dawn ikunu għandhom ma jeżistux, li jistabbilixxu kunsilli konsultattivi nazzjonali magħmula minn diversi partijiet interessati dwar l-iżvilupp sostenibbli biex jstimulaw dibattitu infurmat, jassistu fit-thejġija ta' l-SNZS u/jew jikkontribwixxu għal reviżjonijiet ta' progress nazzjonali u ta' l-UE. Il-Kunsilli nazzjonali għall-iżvilupp sostenibbli huma maħsuba biex iżidu l-involvement tas-soċjetà ċivili fi kwistjonijiet ta' l-iżvilupp sostenibbli u jikkontribwixxu għal rabta aħjar bejn il-linji politiċi u l-livelli ta' politika differenti, ukoll bl-użu tan-network tagħhom ta' Kunsilli Konsultattivi Ambjentali u għal Żvilupp Sostenibbli Ewropej".

2.6 Illum il-ġurnata, il-KNIS huma stabbiliti b'mod uffiċjali f'għadd ta' Stati Membri: meta wieħed jikkunsidra l-kuntesti storiċi differenti tagħhom, il-KNIS fid-diversi Stati Membri jieħdu varjetà ta' forom madwar l-UE. Teżisti xi forma ta' kunsill għall-iżvilupp sostenibbli jew għall-politika ambjentali f'24 Stat Membru; minn dawn, tmienja għandhom kunsilli speċifiċi għall-iżvilupp sostenibbli, u sitta oħra għandhom kunsilli ambjentali magħmula minn partijiet interessati jew minn esperti li huma attivi wkoll fil-qasam ta' l-iżvilupp sostenibbli. Pajjiżi oħrajn għandhom korpi tal-gvern għall-koordinazzjoni li jissejħu kunsilli, ftit minnhom bl-involvement tas-soċjetà ċivili. Xi wħud minn dawn il-korpi huma inattivi. F'bosta pajjiżi fejn ir-reġjuni għandhom poteri sinifikanti, twaqqfu kunsilli reġjonali b'żieda mal-kunsilli nazzjonali. It-tkabbir b'rata mgħaġġla tal-KNIS juri li għandhom potenzjal u li jistgħu jipprovdu valur miżjud lill-proċessi tat-tfassil ta' politiki u lid-dibattitu fis-soċjetà f'kuntast usa'.

2.7 Din l-opinjoni għandha l-għan li tanalizza l-KNIS, il-kompetenza, il-kompożizzjoni, ir-riżorsi u l-metodi ta' tħaddim tagħhom, u fuq kollox il-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili fihom. Sa ċertu punt, l-opinjoni għandha l-għan ukoll li tħares lejn l-effikaċja tal-KNIS, minkejja li analiżi bħal din dejjem għandha tendenza li tkun soġġettiva. Din l-analiżi hija bbażata b'mod partikulari fuq ir-riċerka mwettqa min-network EEAC (?), ir-riżultati ta' kwestjonarju mibgħut mill-KESE lil bosta punti fokali nazzjonali u KNIS, u lil għadd ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. Barra minn dan, saru għadd ta' intervisti mal-KNIS u r-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili.

3. Ħarsa ġenerali lill-Kunsilli Nazzjonali għall-Iżvilupp Sostenibbli

3.1 Il-ħarsa ġenerali li ġejja tal-Kunsilli Nazzjonali għall-Iżvilupp Sostenibbli turi qagħda eteroġenea ħafna:

Il-kompetenza tal-kunsilli

3.2 Jistgħu jiġu identifikati erba' kompiti prinċipali tal-KNIS:

- L-għoti ta' pariri lill-korpi tal-gvern (billi jassistu fl-iżvilupp ta' strateġiji għall-iżvilupp sostenibbli u billi joħorġu rapporti dwar politiki speċifiċi),

(?) Ara l-lista ta' sorsi fi tmiem id-dokument.

- Il-monitoraġġ tal-progress fl-implimentazzjoni ta' l-istrategġija għall-iżvilupp sostenibbli jew fl-ilħiq ta' miri speċifiċi u l-għid ta' l-attenzjoni għan-nuqqasijiet,
- It-tħeġġiġ ta' djalogu u konsultazzjoni mas-soċjetà ċivili (billi jinvolvu f'hidmathom lir-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili bħala membri tal-kunsill fil-ħidma tal-kunsilli, u billi jrawmu d-djalogu bejniethom u mal-gvern),
- Il-komunikazzjoni dwar l-iżvilupp sostenibbli (billi jorganizzaw avvenimenti pubbliċi u jipubblikaw informazzjoni dwar l-iżvilupp sostenibbli fuq l-internet, fil-mezzi tax-xandir, eċċ.).

3.2.1 Dawn l-erba' kompiti m'humix qegħdin jitwettqu mill-kunsilli fl-Istati Membri kollha. F'xi uħud minn dawn, l-ambitu tagħhom huwa ħafna iktar ristrett u f'oħrajn, minkejja li dawn il-kompiti jkunu ġew assenjati lilhom, m'humix qegħdin jitwettqu jew qegħdin jitwettqu biss parzjalment. Dan jidher ukoll fil-fatt li ċerti kunsilli rari li jiltaqgħu (darbejn jew tliet darbiet fis-sena). Oħrajn jiltaqgħu ħafna iktar ta' spiss u għandhom gruppi addizzjonali ta' ħidma (jidher li huwa partikularment effiċjenti li jitwaqqfu gruppi ta' ħidma li jaħdmu fuq proġett reali, iktar milli gruppi fissi li jiffokaw fuq suġġett wieħed). F'ċerti Stati Membri, il-kunsilli għandhom il-possibbiltà li jagħtu l-kontribut tagħhom fi stadju bikri lill-istrategġija nazzjonali għall-iżvilupp sostenibbli, filwaqt li fi Stati Membri oħrajn, il-kontribut tagħhom jintalab tard ħafna, meta jintalab. L-għadd ta' rapporti li jinħarġu jvarja minn zero għal għaxra fis-sena. Il-kunsilli li huma stabbiliti sew ikollhom kuntatt regolari mal-partijiet interessati u jorganizzaw avvenimenti pubbliċi jew laqgħat ta' l-esperti fuq bażi regolari.

Id-daqs u l-kompożizzjoni tal-Kunsilli

3.3 Il-KNIS ivarjaw fid-daqs u l-kompożizzjoni; l-għadd ta' membri jvarja minn 15, bħal fil-Ġermanja, sa 78, 81 u 90 bħal fil-Belġju, il-Finlandja u Franza, rispettivament. Il-biċċa l-kbira tal-kunsilli jħaddnu rappreżentanti mis-soċjetà ċivili (il-kummerċ, it-trade unions, l-NGOs u l-istituti ta' riċerka). Oħrajn jinkludu wkoll rappreżentanti minn diversi dipartimenti tal-gvern. F'ċerti każijiet, il-korp tal-gvern għall-koordinazzjoni jissejjaħ 'Kunsill' u jista' jinkludi numru żgħir ta' partijiet interessati. Il-gvernijiet reġjonali u lokali ta' spiss ikunu rappreżentati wkoll. Uħud mir-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili lissnu d-dispjaċir tagħhom dwar il-parteċipazzjoni insuffiċjenti tas-soċjetà ċivili fil-kunsill nazzjonali tagħhom u fil-proċessi ta' l-iżvilupp sostenibbli b'mod ġenerali.

Il-livell ta' indipendenza

3.4 Billi jiġu stabbiliti u ffinanzjati mill-gvernijiet, il-kunsilli jiddependu minnhom xi ftit jew wisq. Sabiex ikollhom ir-rispett kemm tal-korpi tal-gvern kif ukoll ta' l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, il-kunsilli jridu jiksbu livell xieraq ta' indipendenza, u huwa diffiċli li jintlaħaq dan il-bilanċ. Il-proċess ta' l-għażla jvarja iżda ġeneralment, il-gvern jaħtar il-membri tal-kunsill,

tipikament fuq il-bażi ta' nominazzjonijiet mill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li huma rappreżentati fil-kunsill. Fattur ieħor jikkonċerna l-impjegati tal-kunsill; f'bosta pajjiżi, il-persunal jiġi minn korpi tal-gvern u dan jista' jxekkel l-indipendenza tal-kunsill. Barraminhekk, ċerti kunsilli huma preseduti minn membru tal-gvern.

Riżorsi

3.5 Il-kunsilli għandhom riżorsi inugwali ħafna, fir-rigward kemm tar-riżorsi umani tagħhom kif ukoll tal-baġit disponibbli. Ċerti pajjiżi, fejn is-segretarjat huwa bbażat f'ministeru, għandhom biss amministratur wieħed li, barraminhekk, kultant lanqas jaħdem għall-kunsill fuq bażi ta' full time. In-numru globali tal-persunal ivarja minn inqas minn 1 sa 20. L-ikbar kunsill huwa dak tar-Renju Unit b'58 impjegat. Mhux il-kunsilli kollha għandhom baġit għalihom. Il-baġits ivarjaw minn inqas minn EUR 0,1 miljun sa bejn wieħed u ieħor EUR 1 miljun, bl-eċċezzjoni tal-kunsill tar-Renju Unit li għandu baġit disponibbli ta' EUR 5,5 miljuni.

Impatt

3.6 L-evalwazzjoni ta' l-impatt tal-ħidma tal-kunsilli m'hijiex faċli, iżda jistgħu jinġabru xi konklużjonijiet mill-informazzjoni li rċevjuna. Per eżempju, f'bosta pajjiżi fejn il-kunsill għandu mandat qawwi, jidher li għadd kbir tar-rakkomandazzjonijiet li tressqu mill-kunsilli ġew inkorporati fil-politiki tal-gvern, speċjalment fir-rigward ta' l-istrateġija nazzjonali għall-iżvilupp sostenibbli. Ċerti kunsilli, b'mod ċar, għandhom aċċess tajjeb għall-ministeri u d-dipartimenti tal-gvern u jiġu kkonsultati regolarment dwar it-tfassil tal-politiki. Oħrajn jinżammu 'l bogħod. Jista' jingħad ukoll li ċerti kunsilli rnexxielhom ikollhom kuntatt ma' għadd kbir ta' partijiet interessati u ma' pubbliku iktar wiesa' billi rnexxielhom jattiraw ħafna parteċipanti għall-avvenimenti tagħhom, li b'hekk assiguraraw involviment qawwi tas-soċjetà ċivili fil-proċessi ta' l-iżvilupp sostenibbli.

Evalwazzjoni

3.7 Il-KNIS jistgħu jkunu forza b'saħħitha u influwenti għall-iżvilupp sostenibbli. Dawn jistgħu jipprovdu pariri indipendenti u għarfien ta' firxa kbira; jinsabu f'pożizzjoni li jrawmu d-djalogu mas-soċjetà ċivili u mal-partijiet interessati; jistgħu jaqdu rwol importanti fil-monitoraġġ tal-progress lejn għanijiet ta' sostenibilità iktar fit-tul, u jaqdu funzjoni ta' stimolu meta jonqs il-progress.

3.8 Filwaqt li xi Stati Membri m'għandhom l-ebda kunsill jew għandhom biss kunsilli inattivi, dawk li huma attivi jvarjaw ħafna minn xulxin fir-rigward tal-kompetenza, il-kompożizzjoni, l-indipendenza u r-riżorsi tagħhom kif ukoll fir-rigward ta' l-impatt ta' hidmihom. Dan huwa r-riżultat ta' fatturi diversi: id-daqs u l-organizzazzjoni politika tal-pajjiż, ir-rwol li jingħata mill-Gvern lill-politiki għall-iżvilupp sostenibbli, it-tradizzjoni ta' parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili, l-eżistenza ta' korpi oħrajn li jkopru parzjalment il-kompetenza ta' kunsill, ir-rieda tal-gvern li jaċċetta pariri minn korp ieħor, eċċ.

3.9 Il-potenzjal sħiħ tal-KNIS m'huwiex qiegħed jiġi sfruttat fl-Istati Membri kollha. F'xi wħud minnhom, il-kunsilli jitwaqqfu iktar bħala speċi ta' "vetrina" milli bħala sforz għal kontribut siewi mis-soċjetà ċivili. Madankollu, hemm għadd ta' pajjiżi b'kunsilli stabbiliti sew li jaqdu r-rwol tagħhom u għandhom impatt ġenwin.

3.10 Il-biċċa l-kbira tal-kunsilli ma jidherx li għandhom riżorsi biżżejjed sabiex jaqdu l-kompiti assenjati lilhom. Il-ġbir ta' l-evidenza, l-analiżi tal-politiki u l-impatti tagħhom, l-organizzazzjoni ta' laqgħat tal-kunsilli u l-proċessi għall-parteeċipazzjoni tal-pubbliku, it-tfassil ta' rapporti b'argumenti sodi u ta' awtorità u l-promozzjoni attiva tagħhom mal-gvern u oħrajn kollha huma kompiti li jeħtieġu ammont sinifikanti ta' ħaddiema u fondi.

3.11 F'xi Stati Membri, il-gvern jidher li għandu rwol b'saħħtu ħafna, per eżempju fir-rigward tal-ħatra tal-membri tal-kunsill, in-numru ta' rappreżentanti tal-gvern fuq il-kunsill u l-persunal li jaħdem għall-kunsill. F'każijiet bħal dawn, hemm ċertu riskju li l-fehma tal-Gvern tiddomina l-ħidma tal-kunsill, u li b'hekk titnaqqas il-probabbiltà li l-kunsill ikun jista' jaqdi rwol sinifikanti sabiex jgħin lill-gvernijiet imorru lil hinn mill-kunside-razzjonijiet politiċi fuq perijodu qasir u jersqu lejn għanijiet ta' sostenibilità aktar fit-tul.

3.12 Il-KNIS kellhom taħlita ta' esperjenzi fil-promozzjoni tal-parteeċipazzjoni mas-soċjetà ċivili fil-kwistjonijiet ta' l-iżvilupp sostenibbli. Il-Kunsilli madwar l-Ewropa jista' jkollhom ħafna x'jitgħallmu minn xulxin dwar l-iżvilupp tal-prattika tajba f'dan ir-rigward.

3.13 Għal ħafna kwistjonijiet ta' żvilupp sostenibbli, il-kompetenzi huma maqsumin bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri. Iżda l-biċċa l-kbira tal-kunsilli għandhom kapaċità limitata li jiffokaw fuq l-aspetti Ewropej jew li jeżerċitaw influwenza fi Brussell. Huma indirizzaw din il-kwistjoni parzjalment billi ħolqu l-EEAC, netwerk li qiegħed iservi ta' vuċi dejjem iktar sinifikanti għal l-iżvilupp sostenibbli fl-Ewropa.

4. Rakkomandazzjonijiet

4.1 Fid-dawl ta' l-esperjenzi pożittivi fl-Istati Membri bi KNIS "b'saħħithom", il-KESE jsejjaħ lill-Istati Membri kollha sabiex isaħħu l-kunsilli tagħhom jew joħlqu kunsilli b'saħħithom fejn dawn għandhom ma jeżistux.

4.2 Il-kompożizzjoni, il-mandat u l-funzjonijiet tal-KNIS ser ivarjaw minn pajjiż għal ieħor skond iċ-ċirkostanzi lokali u l-istrutturi politiċi. Il-KESE jirrakkomanda li l-Istati Membri jagħtu attenzjoni kbira lir-rakkomandazzjonijiet ġenerali li ġejjin dwar l-aspetti ewlenin tal-kunsilli.

4.2.1 Sħubija: Il-KNIS ikollhom iktar awtorità u kredibilità jekk jinkludu rappreżentanti mis-setturi kollha ewlenin tas-soċjetà li għandhom x'jaqsmu ma' kwistjonijiet ta' l-iżvilupp sostenibbli. Iktar ma tkun wiesgħa l-bażi ta' rappreżentazzjoni, iktar ma togħla l-probabbiltà li jinstabu soluzzjonijiet li jintlaqgħu minn pubbliku wiesa'.

4.2.2 **Mandat u viżjoni:** Sabiex tinkiseb is-sostenibilità, jeħtieġ li l-persuni li jieħdu d-deċiżjonijiet jiżviluppaw viżjoni fuq perijodu fit-tul u li jqisu l-bżonnijiet tal-ġenerazzjonijiet futuri u tad-dinja kollha kemm hi kif ukoll kunsiderazzjonijiet politiċi fuq perijodu qasir u ta' tul medju. Il-KNIS jistgħu jaqdu rwol importanti fl-artikolazzjoni ta' dik il-viżjoni fuq perijodu fit-tul. Sabiex jaqdu dan ir-rwol b'mod effettiv għandhom bżonn membri b'viżjoni, awtorità u rispett fis-soċjetà, kapaċi li jieħdu fehma indipendenti u li jisdifaw politiki u prattiki eżistenti.

4.2.3 **Indipendenza:** Il-KNIS ikunu jistgħu jeżerċitaw influwenza iktar qawwiya fid-direzzjoni ta' iktar żvilupp sostenibbli jekk ikollhom biżżejjed indipendenza mill-gvern, u kienu kapaċi jitrattaw kwistjonijiet politiċi diffiċli meta jkun hemm ċertu livell ta' kunflitt bejn l-oġettivi politiċi fuq perijodu qasir u l-ħtiġijiet tas-sostenibilità fuq perijodu iktar fit-tul.

4.2.4 **Skop:** Il-KNIS, sa minn stadju bikri, għandhom jaqdu rwol importanti fl-iżvilupp ta' l-istrategġiji għall-iżvilupp sostenibbli (u strategġiji relatati) u fil-monitoraġġ ta' l-implimentazzjoni tagħhom. Dan jinkludi medda wiesgħa ta' kwistjonijiet ta' sostenibilità, per eżempju l-bidla fil-klima, il-politiki ta' l-enerġija u t-trasport, il-bijodiversità, il-kwistjonijiet rurali u agrikoli, u l-ġestjoni globali ta' l-ekonomija b'mod sostenibbli. Il-KNIS għandhom tendenza li jkunu l-iktar produttivi kemm-il darba jkunu jistgħu jwieġbu għat-talbiet tal-gvern li jistudjaw kwistjonijiet partikulari kif ukoll jitrattaw minn jeddhom oqsma oħra li jaħsbu li huma importanti.

4.2.5 **Aċċess għall-informazzjoni:** Sabiex jaħdmu sew, il-KNIS jeħtieġu l-kapaċità li jġibru l-evidenza mir-riżorsi kollha rilevanti u b'mod partikulari li jkollhom aċċess tajjeb għall-informazzjoni tal-gvern u l-pjanijiet tal-gvern.

4.2.6 **Il-promozzjoni tal-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili fil-kwistjonijiet ta' l-iżvilupp sostenibbli:** Wieħed mir-rwoli importanti ta' KNIS huwa li jżidu l-għarfien tal-pubbliku. Dawn jista' jkollhom rwol prezzjuż billi jgħinu lill-awtoritajiet rilevanti sabiex jinkorporaw il-perspettiva ta' l-iżvilupp sostenibbli fl-edukazzjoni formali u informali. Jistgħu jippromovu fehim usa' ta' dawn il-kwistjonijiet fil-mezzi tax-xandir. Il-pubblikazzjoni ta' rapporti annwali dwar "l-istat tas-sostenibilità" mill-KNIS tista' tiġbed aktar attenzjoni għal dan is-suġġett u trawwem dibattitu pubbliku.

4.2.7 **Riżorsi:** Il-KESE jsejjaħ lill-Istati Membri sabiex jassiguraw biżżejjed fondi għall-KNIS ħalli jkunu jistgħu jaqdu dmiri-jiethom u jipprovdu valur miżjud ġenwin għad-dibattiti u l-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet dwar il-kwistjonijiet tas-sostenibilità.

4.2.8 **Impenn Ewropew:** Il-Kumitat ihegġegħ lill-KNIS sabiex jaqsmu l-esperjenza tagħhom bejniethom, jagħmlu skambju ta' l-aħjar prattika u jżommu djalogu miftuħ fost il-kunsilli, partikularment permezz tat-tisħiħ tan-netwerk EEAC. Dan joħloq vuċi Ewropea b'saħħitha għall-iżvilupp sostenibbli.

4.3 Il-KESE jirrakkomanda wkoll li l-KNIS ifittxu jiżviluppaw il-ħila tagħhom għall-impenn individwali u kollettiva ma' l-Istituzzjonijiet Ewropej dwar l-aspetti Ewropej tal-politika ta' l-iżvilupp sostenibbli mill-perspettiva tas-soċjetà ċivili. Il-KESE (u speċifikament l-Osservatorju għall-Iżvilupp Sostenibbli) jista' jaqdi rwol utli hawnhekk fl-iffaċilitar ta' impenn iktar b'saħħtu mill-KNIS fil-kwistjonijiet Ewropej tas-sostenibilità. Il-KESE jista' jfittex li jkollu djalogu regolari ma' l-EEAC u l-membri tiegħu dwar il-kwistjonijiet li jgħumu. Jista' jfittex li jappoġġja l-istudji komparattivi madwar l-UE dwar kwistjonijiet bħal dawn, u li jiffokaw b'mod partikulari fuq il-kontribut u r-rwol tas-soċjetà ċivili. Jista' jfittex ukoll li jenfasizza u jxerred eżempji ta' l-aħjar prattika.

4.4 Il-KESE jenfasizza li l-parteċipazzjoni ta' pubbliku wiesgħa fil-kwistjonijiet ta' żvilupp sostenibbli, minbarra l-attivitajiet tal-kunsilli nazzjonali, hija essenzjali wkoll. Għaldaqstant, isejjaħ lill-gvernijiet fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali sabiex jinkludu lir-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili fid-deċiżjonijiet kollha ta' politika b'aspett sinifikanti ta' sostenibilità. Ma jeżistu l-ebda linji gwida li jwaqqfu l-istandards minimi għall-prattika tajba ta' sforzi għall-involvement tal-pubbliku. Sabiex jappoġġja l-proċess ta' parteċipazzjoni, il-KESE jirrakkomanda t-tweqqif ta' analiżi komparattivi (benchmarking) regolari jew li jiġu ppremjati l-aħjar prattiki. Il-KNIS għandhom ukoll jassiguraw li jaħdmu mill-qrib ma' organizzazzjonijiet u istituzzjonijiet oħrajn li jitrattaw l-iżvilupp sostenibbli fl-Istat Membru tagħhom, fosthom il-Kunsilli Ekonomiċi u Soċjali, fejn dawn jeżistu.

4.5 Bħala konklużjoni, il-KESE josserva li l-ħidma tal-KNIS tista' tagħti frott biss jekk il-gvernijiet ikunu lesti jisimgħu u jaċċettaw il-parir tagħhom u jekk jieħdu miżuri konkreti sabiex imexxu l-politiki nazzjonali lejn approċċ iktar sostenibbli, fosthom l-allokazzjoni ta' finanzjar adegwat.

Brussell, it-12 ta' Diċembru 2007.

Il-President

tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Dimitris DIMITRIADIS

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar Green Paper dwar żarmar aħjar tal-bastimenti

COM(2007) 269 finali

(2008/C 120/08)

Nhar it-22 ta' Mejju 2007, il-Kummissjoni Ewropea ddeċiediet, b'konformità ma' l-Artikolu 262 tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, li tikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

il-Green Paper dwar żarmar aħjar tal-bastimenti.

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għall-Agricoltura, l-Iżvilupp Rurali u l-Ambjent, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar il-31 ta' Ottubru 2007. Ir-rapporteur kien is-Sur Adams.

Matul l-440 sessjoni plenarja tiegħu li nżammet fit-12 u t-13 ta' Diċembru 2007 (seduta tat-13 ta' Diċembru), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-opinjoni unanimament.

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1 Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni għal azzjoni kemm fil-livell internazzjonali kif ukoll f'dak reġjonali sabiex jinbidlu, kemm jista' jkun malajr, prattiki attwali ta' żarmar ta' bastimenti li m'humiex aċċettabbli.

1.2 Kif inhi strutturata preżentement l-industrija taż-żarmar tal-bastimenti, tinkludi kemm tarznari li huma sikuri u regolati tajjeb kif ukoll xtut fejn il-bastimenti jżarmaw bl-idejn bl-inqas livell ta' ħarsien tas-saħħa, is-sigurtà u l-ambjent. Il-parti l-kbira tal-vapuri tal-merkanzija bħalissa qegħdin itemmu ħajjithom fuq wieħed minn dawn l-ixtut fin-nofsinar ta' l-Asja. Hemm nuqqas serju madwar id-dinja ta' faċilitajiet ta' żarmar li huma kompattibbli mal-prinċipji ta' sostenibilità ambjentali u soċjali.

1.3 Il-Kumitat huwa mħasseb li din is-sitwazzjoni ser tigra minħabba fiż-żieda qawwija fin-numru ta' vapuri li ser jispiċċaw mis-servizz fil-ftit snin li ġejjin wara li qiegħed jispiċċa fuq livell globali l-użu tat-tat-tankers taż-żejt b'buq singolu; ix-xogħol b'lura li huwa stmat għal 15-il miljun tunellata ta' piż ta' bastimenti vojta (Light Displacement Tonnage (LDT))⁽¹⁾ u ż-żieda qawwija ġenerali fil-bini tal-bastimenti f'dawn l-aħħar snin. Parti mill-bastimenti żejda li jridu jitwarrbu fis-snin li ġejjin huma dovuti għall-miżuri li ttieħdu mill-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (IMO), minħabba li l-UE riedet tħares l-ambjent tagħha u għalhekk ir-responsabbiltà ta' l-UE li tieħu azzjoni hija ċara.

1.4 Ta' min wieħed jinnota li xi sidien tal-bastimenti ma jibbaġittjawx għall-ispejjeż tar-rimi sikur u kkontrollat ta' bastimenti li spiċċaw mis-servizz għalkemm numru kbir⁽²⁾ jagħrfu l-ħtieġa għall-azzjoni u qegħdin jimplimentaw miżuri fuq bażi volontarja.

1.5 Ta' min wieħed jinnota wkoll li għalkemm jeżistu dispożizzjonijiet legali fl-UE li għandhom jevitaw li l-bastimenti jagħmlu l-aħħar vjaġġ għaż-żarmar f'xi lokalità b'faċilitajiet inadegwati, dawn jistgħu jiġu evitati faċilment. Il-KESE argumenta b'mod konsistenti, l-aktar reċentement f'Marzu 2007, fl-Opinjoni tiegħu dwar il-green paper *Lejn Politika Marittima ta'*

⁽¹⁾ Kummissjoni Ewropea, Direttorat Ġenerali għall-Ambjent: *Ship Dismantling and Pre-cleaning of Ships* (iż-żarmar u t-tindif minn qabel tal-bastimenti) rapport finali Ġunju 2007.

⁽²⁾ Membri ta' l-ICS, BIMCO, ESCA, INTERTANKO, INTERCARGO, li flimkien jiffurmaw parti kbira mill-flotta dinija.

l-Unjoni għall-ġejjieni ⁽³⁾ li l-Istati Membri għandhom jirratifikaw il-konvenzjonijiet dwar is-sigurtà marittima u l-protezzjoni ambjentali u jassiguraw li dawn jiġu infurzati b'mod tajjeb.

1.6 Huwa maġħruf li ż-żarmar ta' bastimenti li spiċċaw mis-servizz hija kwistjoni kumplessa li tirrigwarda l-kontribut importanti lejn l-impjegi u r-riżorsi ta' materja prima li jibbenefikaw minnhom il-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw u li joffru żarmar bl-irħis. Fl-istess waqt, il-Kumitat jagħraf li l-faqar strutturali u problemi soċjali u legali oħra f'din iż-żona tan-nofsinar ta' l-Asja huma marbuta ma' l-assenza jew in-nuqqas ta' implimentazzjoni ta' anke livelli minimi ta' sigurtà fuq ix-xogħol, livelli minimi fil-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-ħarsien ta' l-ambjent.

Il-KESE għalhekk jirrakkomanda li:

1.7 Permezz ta' l-IMO, għandu jiġi stabbilit reġim internazzjonali b'saħħtu għall-identifikazzjoni, il-kontroll u r-rimi ta' bastimenti li spiċċaw mis-servizz. Dan ir-reġim għandu jkollu livell ta' kontroll ekwivalenti għal dak li hemm fil-Konvenzjoni ta' Basel: jinkorpora l-istandards kollha rilevanti ta' l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO); ma jippermettix eżenzjonijiet u ma jħallix li bastimenti li spiċċaw mis-servizz bi skart perikoluż imorru f'pajjiżi li ma jkunu ikkonvenzjonati u li għandhom faċilitajiet li m'humiex adegwati.

1.8 Madankollu, l-implimentazzjoni ta' ftehim ta' l-IMO bħal dan, jieħu diversi snin, u għalhekk:

— programmi volontarji effettivi mis-sidien tal-bastimenti li jimminimizzaw problemi ta' rimi għandhom jiġu inkoraġġuti u appoġġjati.

— l-UE għandha tapplika b'mod ċar il-leġiżlazzjoni eżistenti billi tinforza r-Regolament dwar it-Trasport ta' l-Iskart bil-Baħar. Għandha tittieħed azzjoni immedjata sabiex tiżgura li stati portwarji għandu jkollhom is-saħħa li jiddikjaraw li bastiment "spiċċa mis-servizz" u biex jappoġġjaw dokument ta'

⁽³⁾ ĠU C 168, 20.7.2007, p. 50.

gwida li jiċċara t-termini "intenzjoni ta' rimi" u "l-istat ta' l-esportazzjoni". Il-KESE jitlob wkoll lill-Kummissjoni li toħloq u timplimenta b'urġenza miżuri ulterjuri sabiex tevita l-evazzjoni, bħar-reqwizit ta' bonds fuq bastimenti li għandhom aktar minn 25 sena jew indikati bħala ta' riskju għoli u r-rabta tal-kontinwazzjoni tas-sussidji għall-industrija tal-bastimenti maż-żarmar tal-bastimenti li jirrispetta l-ambjent u/jew faċilitajiet ta' tindif minn qabel; u

- l-UE għandha tiżviluppa skema ta' ċertifikazzjoni u awditjar tal-partijiet terzi għal faċilitajiet ta' żarmar li huma sikuri u sani mil-lat ambjentali. Dan intalab mill-industrija tas-sidien tal-bastimenti u tikkontribwixxi sabiex tinħoloq sitwazzjoni ta' kompetizzjoni trasparenti u ġusta.

1.9 Il-KESE jappoġġa bis-sħiħ l-inkoraġġiment ta' l-aħjar prattiki fir-riċiklaġġ tal-bastimenti u t-tindif minn qabel tagħhom mill-gass u l-iskart tossiku ġewwa l-UE. Impenn mill-Istati Membri li jittrattaw mal-bastimenti ta' l-istat b'dan il-mod u li jorbtu bi klawsooli ta' tmiem mis-servizz meta dawn il-bastimenti jinbiġhu lil partijiet terzi huma passi kruċjali b'appoġġ għal approċċ bħal dan. It-tindif minn qabel tal-bastimenti qabel ma' jiġu esportati jipprovdi mezz għall-akkwist ta' azzar sekondarju f'destinazzjonijiet tan-nofsinar ta' l-Asja fejn it-talba hija kbira. Għal dan il-għan għandu jiġi żviluppat dokument ta' gwida tat-tindif minn qabel.

1.10 Il-provvizzjoni ta' l-assistenza finanzjarja u teknika lil-pajjiżi tan-nofsinar ta' l-Asja sabiex itjebu l-faċilitajiet tagħhom — ta' l-anqas sabiex jikkonvertu l-operazzjonijiet li jsiru fuq ix-tajta f'immaniġġjar li huwa kontenut għal moll jew tarzna u li jipprovdi faċilitajiet aħjar ta' sigurtà u faċilitajiet ta' l-immaniġġjar ta' l-iskart fin-naħa t'isfel tax-xmara — tnaqqas xi wħud mill-aktar problemi gravi.

1.11 Il-KESE jirrikonoxxi li azzjoni effettiva fuq din il-kwistjoni tinvolvi spejjeż żejda. Jappoġġa l-indikazzjoni tal-proposti mill-Kummissjoni għal mekkaniżmi li jiżguraw li l-ibbaġittjar għal dawn l-ispejjeż isir parti mill-ispejjeż normali ta' l-operat għall-bastimenti. B'mod partikolari l-IMO u s-sidien tal-bastimenti qegħdin iħeġġu sabiex jittieħdu miżuri oħra ħalli jiġi provdut fond ta' riċiklaġġ għal kull vapur. Dan, jew jinbena matul is-snin li l-bastiment ikun fis-servizz jew inkella jiġi stabilizati bħala bond meta l-vapur jiġi varat. Diversi istituzzjonijiet finanzjarji jinsabu f'pożizzjoni tajba sabiex joħlqu u jħaddmu miżuri ta' dan it-tip. Jekk fond bħal dan m'huwiex possibbli, l-UE għandha tfittex fost il-mekkaniżmi reġjonali bħat-taxxi statali portwarji u oħrajn simili.

1.12 Iddisinar li huwa konxju mir-riċiklaġġ, li jidentifika l-perikoli eżistenti u li kemm jista' jkun ibiddel materjali tossiċi mill-bastimenti meta jkun qegħdin jinbnew, ikollu effett pożittiv fit-tul u l-KESE jappoġġa l-isforzi, kemm permezz ta' l-UE, l-IMO u s-sidien u l-benneja tal-vapuri.

2. Daħla

2.1 Il-kuntest ta' l-Opinjoni huwa t-trasport internazzjonali bil-baħar u t-trasport internazzjonali ta' l-iskart bil-baħar. Bejn 200 u 600 vapur jiġu żarmatikull sena u rriċiklati għall-azzar u l-materji primi l-oħra tagħhom. Ħafna minn dan ix-xogħol iseħħ fuq xtut effettwati mil-frugħ u l-mili tal-baħar fil-pajjiżi ta' l-Asja tan-nofsinar, fejn ftit tingħata attenzjoni lis-sigurtà tal-ħaddiema u l-ħarsien ta' l-ambjent. Huwa smat li fit-tmien snin li għejjin xi 5.5 miljun tunnellata ta' materjal perikoluż ser jasal f'dawn l-impjanti taż-żarmar f'bastimenti li temmew is-servizz, fosthom żejt mhux maħdum, żjut, żebgħa, PVC, u asbestos.

2.2 L-ebda wieħed mis-siti użati għaż-żarmar tal-bastimenti fis-sottokontinent Indjan ma għandu l-qugh kontra t-tniġġis tal-ħamrija u l-ilma, ftit minnhom għandhom faċilitajiet għar-rimi ta' l-iskart, u t-trattament ta' l-iskart rari jikkonforma ma' l-istandards ambjentali, saħansitra dawk minimi. Minħabba fil-livell baxx tal-miżuri tas-sigurtà, hemm prevalenza ta' rati għolja ta' inċidenti u riskji tas-saħħa fuq żmien twil minħabba li l-ħaddiema jimmaniġġjaw materjal tossiku mingħajr il-protezzjoni xierqa ⁽⁴⁾.

2.3 It-trasferiment tal-bastimenti fi tmiem l-użu mill-pajjiżi industrijalizzati għal dawk li qed jiżviluppaw huwa kopert bidritt internazzjonali dwar it-trasport ta' l-iskart bil-baħar, u l-esportazzjoni mill-Komunità Ewropea ta' bastimenti li fihom materjali perikolużi huwa pprobit mir-Regolament tal-KE dwar Trasport ta' l-iskart bil-Baħar. Madankollu, it-trasferiment lil sensara tal-bastimenti u l-bdil tal-bnadar jaħbi kwistjonijiet ta' proprjetà u responsabbiltà u jagħmilha diffiċli li tiġi infurzata l-leġislazzjoni eżistenti u toħloq l-okkażjoni sabiex sidien irresponsabbli jaħarbu mill-obbligi tagħhom.

2.4 Parti mis-soluzzjoni hi li tiġi inkoraġġuta kapaċità akbar fl-UE. Madankollu għalkemm dan ikun pass pożittiv, li jista' jittieħed mill-bastimenti navali u ta' l-istat, m'huwiex probabbli li ser jittratta iktar minn persentaġġ żgħir mill-105 miljun tunnellata ta' piż ta' bastimenti vojta li ser jiġu żarmati sa l-2020 ⁽⁵⁾.

2.5 Il-green paper għalhekk qiegħda tfittex b'mod urgent mezz sabiex b'mod li hu kost-effettiv u komprensiv jitjebu l-livelli b'konformità mal-liġijiet attwali Ewropej u internazzjonali msemmija hawn fuq.

3. Sintesi tal-Green Paper

3.1 Il-konklużjonijiet tal-laqqha tal-Kunsill ta' Novembru 2006 kienu li l-ġestjoni taż-żarmar li hija sana mil-lat ambjentali kienet prijorità għall-Unjoni Ewropea. Il-Kummissjoni diġà stabiliet il-pożizzjoni tagħha fil-Green Paper dwar il-Politika Marittima ta' Ġunju 2006 ⁽⁶⁾ fejn il-politika marittima futura ta' l-UE għandha tappoġġa inizjattivi fil-livell internazzjonali sabiex jintlaħqu livelli obligatorji minimi għar-riċiklaġġ tal-bastimenti u l-promozzjoni tat-twaqqif ta' faċilitajiet ta' riċiklaġġ nadif.

⁽⁴⁾ Rapport tal-Young Power in Social Action (YPSA) (2005) dwar il-ħaddiema fl-industrija ta' l-żarmar tal-bastimenti.

⁽⁵⁾ Kummissjoni Ewropea, Direttorat Ġenerali għall-Ambjent: *Ship Dismantling and Pre-cleaning of Ships* (iż-żarmar u t-tindif minn qabel tal-bastimenti) rapport finali Ġunju 2007.

⁽⁶⁾ COM(2006) 275 finali, Brussell, 7.6.2006.

3.2 Din il-Green Paper tippreżenta ideat ġodda sabiex tkompli u tintensifika d-djalogu ma' l-Istati Membri u l-partijiet interressati, tipprepara għal azzjoni futura u tistieden risposti għal serje ta' mistoqsijiet importanti li jiffukaw fuq il-problemi prinċipali.

3.3 L-iskop ewlieni ta' dan l-eżerċizzju huwa l-ħarsien ta' l-ambjent u s-saħħa umana; l-objettiv huwa li ma' jgħibx lura b'mod artifiċjali volumi fil-kummerċ tar-riċiklaġġ tal-bastimenti lejn l-UE, u b'hekk itellef lill-pajjiżi tan-nofs in-nhar ta' l-Asja minn fonti ta' dħul importanti u materjali li huma meħtieġa. L-objettiv finali hu li jintlaħqu soluzzjonijiet li huma globalment sostenibbli.

3.4 Attwalment, teżisti l-possibbiltà tar-riċiklaġġ "ekoloġiku" tal-bastiment, jiġifieri li wieħed jikkonforma ma' l-istandards ambjentali u ta' sikurezza, biex b'kapaċità massima ta' 2 miljun tunnellata fis-sena madwar id-dinja, li tikkorrispondi għal madwar 20 % tad-domanda totali ta' l-iskrappar prevista fi snin normali. Bosta minn dawn il-faċilitajiet — parikolarment fiċ-Ċina, imma wkoll f'uħud mill-Istati Membri ta' l-UE — isibuha diffiċli biex joperaw, minħabba li huma ma jistgħu joffru l-istess prezzijiet għall-iskrap u għandhom spejjeż ħafna ogħla mill-kompetituri tagħhom fin-nofsinar ta' l-Asja. Dawn il-faċilitajiet (u l-oħrajn kollha) ser ikunu taħt pressjoni dalwaqt peress li sa l-300 tanker b'buq singolu ser jitneħħew mis-servizz sa l-2015 wara l-azzjoni li ttehdet wara d-diżastri ta' l-Erika u l-Prestige⁽⁷⁾. Il-preokkupazzjoni prinċipali hija li r-reklutaġġ ta' ħaddiema b'inqas ħiliet sabiex jitrattaw ma' volum li dejjem qiegħed jikber ser ikompli jibaxxi l-livelli ta' sigurtà u dawk ambjentali. Ser tint-laħaq quċċata fl-2010, meta huwa stmat li xi 800 bastiment b'buq singolu jistgħu jiġu skreppjati u għalhekk il-ħtieġa ta' azzjoni hija urġenti.

3.5 Is-sitwazzjoni legali

Il-Konvenzjoni ta' Basel ta' l-1989 pprovdi qafas għall-kontroll ta' l-esportazzjoni ta' skart perikoluż bejn il-konfini internazzjonali. Fl-1997 projbizzjoni assoluta ("il-projbizzjoni ta' Basel") fuq l-esportazzjonijiet ta' skart perikoluż mill-pajjiżi ta' l-OECD lejn pajjiżi mhux fl-OECD⁽⁸⁾ ġiet inkorporata fil-liġi ta' l-UE u torbot lill-Istati Membri. Mandankollu darba bastiment ikun telaq l-ilmijiet Ewropej ikun diffiċli ħafna li tiġi applikata l-projbizzjoni ta' l-esportazzjoni. Regoli vinkolanti oħra dwar iż-żarjar tal-bastimenti qed jiġu proposti fl-abbozz tal-Konvenzjoni li attwalment qed jiġi diskuss fi ħdan l-IMO, iżda hemm qbil li l-quċċata tal-perijodu taż-żarjar ser ikun ilu li għadda sa meta din il-Konvenzjoni tidħol fis-seħħ.

3.6 L-Ekonomija taż-żarjar tal-bastimenti

Il-parti l-kbira tal-bastimenti bħalissa qegħdin jiġu żarmati fl-Asja tan-nofsinar minħabba fil-vantaġġi li jirriżultaw minħabba diversi fatturi ekonomiċi. L-iktar importanti fosthom huma:

⁽⁷⁾ Regolament (KE) Nru 417/2002 tal-PE u tal-Kunsill 18.2.2002 dwar l-aċċellerazzjoni tad-dħul tal-bwieq doppji jew rekwiżiti ta' disinn ekwivalenti, għal tankers b'buq singolu u li tirrevoka ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2978/94.

⁽⁸⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 259/93, 1.2.1993, dwar is-supervizzjoni u l-kontroll ta' vjaġġi bil-baħar ta' skart fi, għal u mill-Komunità Ewropea.

— Rekwiżiti regolatorji laxki jew mhux infurzati fi kwistjonijiet ta' skart u ta' saħħa u sigurtà.

— Spejjeż f'pagi li huma ħafna aktar baxxi. Iż-żarjar fuq ix-tajtiet ma jippermettix l-użu ta' makkinarju tqil u għalhekk il-ħidma manwali tibqa' parti kbira mill-ispiża.

— Il-provvista tal-vapuri hija irregolari u varjata. Il-vapuri għandhom it-tendenza li jitneħħew mis-servizz meta r-rati tat-trasport tal-merkanzija jkunu baxxi u l-bastimenti iwarjaw ħafna fid-disinn u l-għamla.

— Is-suq għall-azzar użat u tagħmir tal-vapuri użat kważi ma jeżistix fil-pajjiżi ta' l-OECD minħabba r-rekwiżiti regolatorji.

Fi ftit kliem, il-Kummissjoni tagħmilha ċara li s-suq fin-nofsinar ta' l-Asja jaħdem minħabba l-esternalizzazzjoni estrema ta' l-ispejjeż li toħloq kundizzjonijiet soċjali u ambjentali li huma problematiċi ħafna.

3.7 Effetti ambjentali u soċjali

Ħafna mill-vapuri jiġu żarmati fuq xtajtiet miftuħa fejn ma jeżistux faċilitajiet ta' l-qugh, proċessar mill-ġdid u rimi. Firxa wiesgħa ta' sustanzi li jagħmlu ħsara lill-ambjent jinfiltraw fil-ħamrija, ir-ramel u l-baħar u l-ħruq taż-żebgħa u l-kisi bil-plastika jikkawgħaw it-tinġis ta' l-arja. Splużjonijiet letali jseħħu ta' spiss, ir-rati ta' l-inċidenti huma għoljin u l-miżuri tas-sigurtà jitqiesu bħala kompletament inadegwati. Il-ħaddiema huma suxxettibbli li jieħdu mard kroniku li ma jfiq — madwar 16 % tal-ħaddiema li jimmaniġġjaw l-asbestos fit-tarznari Indjani ta' Alang nstabu li jbatu mill-asbestosite. Fil-Bangladesh aktar minn 400 ħaddiem inqatlu f'inċidenti u iktar minn 6 000 sfaw feruti gravament f'dawn l-aħħar 20 sena⁽⁹⁾.

3.8 Is-sitwazzjoni internazzjonali tas-suq

Sa mill-2005 l-IMO, flimkien ma' l-ILO u l-UNEP (il-Programm Ambjentali tan-Nazzjonijiet Uniti, UNEP) qiegħda taħdem lejn reġim internazzjonali obbligatorju għaż-żarjar nadif ta' bastimenti. Qiegħed jiġi negozzjat abbozz ta' konvenzjoni għall-adozzjoni sa l-2009 iżda li jidħol fis-seħħ xi snin wara. Bħalissa l-abbozz ma japplikax għall-vapuri tal-gwerra u bastimenti ta' l-istat. Għadhom pendenti kwistjonijiet dwar standards esterni li m'humiex ta' l-IMO, standard ambjentali minimu għall-faċilitajiet tar-riċiklaġġ tal-bastimenti, rekwiżiti dwar ir-rappurtaġġ li jinkludu notifiċi stat-għal-stat, mekkaniżmu ta' konformità. Il-Kummissjoni tissuġġerixxi li x'aktarx il-Konvenzjoni proposta mhux ser tiżgura livell ekwivalenti ta' kontroll, infurzar u ħarsien bħall-Konvenzjoni ta' Basel.

⁽⁹⁾ Rapport tal-Young Power in Social Action (YPSA) (2005) dwar il-ħaddiema fl-industrija ta' l-żarjar tal-bastimenti.

3.9 Soluzzjonijiet internazzjonali

Il-Green Paper tissuġġerixxi li l-aħjar approċċ għall-perijodu medju u twil huwa li tiġi appoġġjata l-Konvenzjoni ta' l-IMO li qiegħed isir xogħol fuqha. Preokkupazzjoni partikolari hija li l-Konvenzjoni mhix b'saħħitha biżżejjed u ser tasal tard wisq sabiex issolvi l-problema tat-tneħħija mis-servizz tat-tankers b'buq wieħed; dan ser jenħtieġ soluzzjoni intermedjarja. Il-Kummissjoni għalhekk tohrög b'għażliet għat-titjib tal-ġestjoni Ewropea taż-żarmar tal-vapur li huma mfassla sabiex joffru appoġġ reċiproku lill-isforzi fil-livell internazzjonali — kwistjoni urġenti peress li volum enormi ta' bastimenti li temmew is-servizz ser jiġu żarmati fil-ftit snin li ġejjin.

3.10 Infurzar aħjar tal-leġislazzjoni ta' l-UE dwar it-trasport ta' l-iskart bil-baħar

Barra milli jkun hemm kooperazzjoni akbar bejn l-Istati Membri u gwida addizzjonali dwar id-definizzjoni ta' skart u ta' faċilitajiet tar-riċiklaġġ aċċettabbli, dan jinvolvi aktar kontrolli mill-awtoritajiet tat-trasport ta' l-iskart bil-baħar u tal-portijiet fil-portijiet Ewropej, immirati għall-bastimenti li huma eqdem minn ċerta età (25 sena) jew fejn ikun hemm indikazzjonijiet li jkunu sejrjn għaż-żarmar. Għandha titjib ukoll ir-rintraċċabilità tal-vapuri li temmew is-servizz u l-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi ewlenin (bħall-Eġittu minħabba l-Kanal ta' Suez). Il-Kummissjoni tissuġġerixxi wkoll politika li tifforka fuq iż-żarmar tal-vapuri tal-gwerra u bastimenti oħra ta' l-istat.

3.11 Tisħiħ tal-kapaċità ta' l-UE għaż-żarmar tal-bastimenti

Peress li l-kapaċità attwali għaż-żarmar tal-bastimenti fl-UE u f'pajjiżi oħra ta' l-OECD (speċjalment it-Turkija) bilkemm hija biżżejjed għall-bastimenti tal-gwerra u oħrajn proprjetà ta' l-istat kollha li ser jiġu dekommissjonati tul l-10 snin li ġejjin ser ikun hemm defiċit konsiderevoli fil-kapaċità aċċettabbli ta' żarmar fil-futur qrib. Madankollu, l-faċilitajiet li jirrispettaw l-ambjent li jeżistu ma jistgħux jikkompetu ma' l-intrapriżi taż-żarmar fin-nofsinar ta' l-Asja. Sakemm jiġu applikati miżuri internazzjonali effettivi li jwasslu biex joħlqu kompetizzjoni ġusta l-Kummissjoni tissuġġerixxi li l-miżuri jridu jiffukaw fuq il-bastimenti ta' l-istat. L-Istati Membri, li jaġixxu kif imisshom b'mod eżemplari fir-rimi tal-vapuri tal-gwerra, jkunu qegħdin jiżguraw li l-faċilitajiet li jirrispettaw l-ambjent qegħdin jintużaw. Permezz ta' l-inklużjoni ta' klawnsoli dwar ir-rimi ma' tmiem is-servizz fi kwalunkwe ftehim ta' bejgħ ta' bastimenti tal-gwerra lill-pajjiżi li m'humiex fl-UE, din ir-responsabbiltà tista' tinfirex b'mod adewat.

3.11.1 Għall-flotta merkantili li hi ħafna akbar hemm bżonn ta' inizzjattivi sabiex iseħħu bidliet fil-prattiki attwali fl-industrija tat-trasport bil-bastimenti. Per eżempju, kif jissema' hawn taħt, sistema ta' finanzjar li permezz tagħha s-sidien tal-bastimenti u oħrajn jikkontribwixxu lejn iż-żarmar sikur u ambjentalment san tal-bastimenti madwar id-dinja.

3.12 Assistenza teknika u trasferiment tat-teknoloġija u ta' l-aħjar Prattiki lill-Istati li jirriċiklaw

Minkejja l-iżvantaġġi kbar soċjali u ambjentali, iż-żarmar tal-bastimenti jikkontribwixxi b'mod vitali lejn l-iżvilupp ekonomiku ta' xi pajjiżi fl-Ażja tan-nofsinar. B'hekk għandu jiġi kkunsidrat li jkun inkoraġġit it-titjib fil-faċilitajiet ta' dawn il-pajjiżi permezz ta' l-assistenza teknika u regolamentazzjoni aħjar. Madankollu, huwa rikonoxxut li l-assenza jew in-nuqqas ta' implimentazzjoni ta' regolamenti bażiċi dwar is-sigurtà fuq il-post tax-xogħol u l-ħarsien ta' l-ambjent huma marbuta mal-faqar strutturali u problemi soċjali u legali oħra. Sabiex tinkiseb bidla sostenibbli, kwalunkwe assistenza trid tidħol f'qafas aktar wiesgħa.

3.13 Promozzjoni ta' l-azzjoni volontarja

Sid il-bastiment jinsab fl-aħjar pożizzjoni sabiex jiżgura li dan jintrema b'mod sikur u hemm eżempju ta' ftehimiet volontarji pożittivi bejn is-sidien tal-bastimenti Ewropej u impjanti taż-żarmar sabiex jipprovdu appoġġ għal titjib fil-faċilitajiet. Fl-immedjat, hemm ukoll xi benefiċċji fil-promozzjoni ta' kodiċi u ftehimiet volontarji, bi premijiet u ċertifikazzjoni taħt umbrella ta' responsabbiltà soċjali korporattiva⁽¹⁰⁾. Prattiki ta' kontabilità li huma soċjalment responsabbli u ftehimiet volontarji jistgħu jkunu effettivi meta jiġu ddisinjati b'mod xieraq u huma l-aktar mod effiċjenti sabiex jitjiebu l-affarijiet. Madankollu, jekk wara jirriżulta li l-impenn ma jiġix segwit fil-prattika, il-leġislazzjoni tista' xorta waħda tkun meħtieġa.

3.14 Fond taż-żarmar tal-bastimenti

Qiegħed jiġi diskuss jekk għandux ikun ikkunsidrat appoġġ dirett finanzjarju lill-faċilitajiet fl-UE għaż-żarmar nadif ta' l-vapuri jew lis-sidien tal-bastimenti li jibagħtu l-bastimenti tagħhom f'impjanti li jirrispettaw l-ambjent, kemm għal żarmar komplut tal-vapur jew għad-dekontaminazzjoni. Trid issir enfażi dwar l-ispiża għolja ta' dan l-appoġġ u konflitt possibbli mal-prinċipju "min iħammegħ iħallas". Il-Green Paper għalhekk tissuġġerixxi li trid issir Prattika komuni li l-prinċipju li l-ispiża tar-rimi sostenibbli fi tmiem is-servizz tingħadd ma' l-ispejjeż ta' l-operat ta' bastiment.

3.14.1 It-twaqqif ta' fond ta' żarmar tal-bastimenti sostenibbli bħala element obbligatorju tar-reġim il-ġdid internazzjonali dwar iż-żarmar tal-bastimenti permezz ta' l-IMO jista' jkun pass pożittiv. Jeżisti preċedent fil-fondi tat-tniġġis taż-żejt attwali taħt il-Konvenzjoni MARPOL.

3.15 Għażliet oħra

Diversi miżuri oħra jistgħu jkunu utli sabiex jassistu għall-proċess ta' titjib fl-industrija taż-żarmar tal-vapuri fuq il-perijodi qosra u medji. Fil-qasir, dawn huma:

a) Leġislazzjoni ta' l-UE, b'mod partikolari dwar tankers taż-żejt b'buq singolu.

⁽¹⁰⁾ Eż. kif żviluppat minn Marisec (www.marisec.org/recycling) u l-Assoċjazzjoni tas-Sidien tal-Bastimenti ta' l-Unjoni Ewropea.

- b) Razzjonalizzazzjoni ta' l-għajjniet għat-tbajr b'rabta maż-żarmar ekoloġiku tal-bastimenti.
- c) It-twaqqif ta' sistema Ewropea ta' ċertifikazzjoni għaż-żarmar ekoloġiku tal-bastimenti u premijiet għar-riċiklaġġ ekoloġiku eżemplari.
- d) Intensifikazzjoni tar-riċerka internazzjonali dwar iż-żarmar tal-bastimenti.

4. Kummenti ġenerali

4.1 Ħafna mir-riċiklaġġ tal-vapuri jsir b'mod li jmur kontra livelli aċċettati internazzjonalment dwar is-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema u l-ħarsien ta' l-ambjent.

4.2 Hija ta' importanza vitali li l-UE tiżgura li l-ħarsien marittimu u tas-sigurtà li imponiet, per eżempju għat-tankers b'buq singolu, ma twassalx sabiex il-ħsara tiġi sempliċement trasferita fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw, iżda fil-fatt jiġi indirizzat bl-implimentazzjoni sħiħa tar-Regolament dwar Trasport ta' l-Iskart bil-Baħar, li tinkorpora il-Konvenzjoni ta' Basel, inkluż l-Emenda tal-Projbizzjoni ta' Basel u l-prinċipji tagħha.

4.3 Lil hinn mill-assistenza teknika u finanzjarja sabiex jitjiebu l-kundizzjonijiet fil-faċilitajiet taż-żarmar tal-bastimenti fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw, ser ikun hemm bżonn ta' fondi ta' rimedju għall-ħamrija u l-ilma ikkontaminati u ħsarat oħra

Brussell, it-13 ta' Diċembru 2007.

kkawżati minn attivitajiet ta' żarmar ta' vapuri mhux ikkontrollati. Madankollu trid isir aktar enfażi li t-tip ta' problemi endemiċi għas-sitwazzjoni lokali fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw, ma tistax tiġi indirizzata sempliċement billi tipprovi żvilupp teknoloġiku biss.

4.4 Il-KESE jaqbel mal-preokkupazzjoni tal-Kummissjoni dwar din il-kwistjoni u l-aproċċ tagħha, li tinvolvi l-applikazzjoni ta' firxa wiesgħa ta' taħlita ta' miżuri. Minħabba fil-ħtieġa urġenti li jitjiebu l-faċilitajiet u l-kondizzjonijiet, partikolarment fil-Bangladesh, għandha tingħata prijorità sabiex isir progress mgħaġġel ħalli jiġu identifikati l-aktar forum effettivi ta' assistenza, regolamentazzjoni u iċentivazzjoni sabiex il-proposti jkunu jistgħu jitpoġġew f'White Paper u jsiru l-istimi ta' l-impatt meħtieġa. L-industrija tat-trasport bil-vapuri tirrikonoxxi wkoll il-ħtieġa li ttejjeb l-livelli tas-saħħa u s-sigurtà fl-impjanti tar-riċiklaġġ tal-bastimenti madwar id-dinja ⁽¹⁾ u hija pożittiva dwar ir-rwol li tistgħa taqdi l-UE f'dan u f'li tinfluwenza l-IMO.

5. Kummenti Speċifiċi

5.1 Għal skopijiet ta' qosor u ċarezza, il-kummenti speċifiċi li rriżultaw mill-ħidma tal-Kumitat dwar din il-kwistjoni tqassru f'punti prattiċi ta' azzjoni u ġew ippreżentati fis-sezzjoni tal-Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet (punti 1.1 sa 1.12) fil-bidu ta' din l-Opinjoni.

Il-President

tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Dimitris DIMITRIADIS

⁽¹⁾ Ship Recycling — The Way Forward, (Ir-Riċiklaġġ tal-Vapuri — Il-Progress li jrid Isir) BIMCO, EĆSA, INTERTANKO, INTERCARGO.

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar Green Paper mill-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni Nadattaw għall-bidla klimatika fl-Ewropa — alternattivi għall-azzjoni ta' l-UE

COM(2007) 354 finali

(2008/C 120/09)

Nhar id-29 ta' Ġunju 2007, il-Kummissjoni Ewropea ddeċiediet, b'konformità ma' l-Artikolu 262 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, li tikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

Green Paper mill-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Nadattaw għall-bidla klimatika fl-Ewropa — alternattivi għall-azzjoni ta' l-UE.

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għall-Agricoltura, l-Iżvilupp Rurali u l-Ambjent, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar is-27 ta' Novembru 2007. Ir-rapporteur kien is-Sur Osborn.

Matul l-440 sessjoni plenarja tiegħu li nżammet fit-12 u t-13 ta' Diċembru 2007 (seduta tat-12 ta' Diċembru), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-opinjoni b'127 vot favur, vot wieħed kontra u 2 astensjonijiet.

1. Sommarju u rakkomandazzjonijiet

1.1 Il-bidla fil-klima hija waħda mill-ikbar sfidi li qiegħda taf-faċċja d-dinja fis-seklu 21. Għandna nagħtu prijorità għolja lil kull azzjoni li ttaffi dawn il-bidliet billi tillimita l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra. Iżda huwa wkoll importanti li nippjanaw kollox fil-ħin sabiex nadattaw għal dawn il-bidliet li issa saru inevitabbli. Il-Green Paper hija inizzjattiva pożittiva bħala l-ewwel pass lejn Ewropa li tindirizza l-isfidi li taffaċċja.

1.2 Il-KESE jirrakkomanda li titwaqqaf strateġija Ewropea ta' adattament bħala qafas għall-azzjonijiet li għandhom jittieħdu fil-livell Ewropew u nazzjonali kif ukoll minn partijiet ikkonċernati oħra.

1.3 Fil-fehma tal-KESE, l-istrateġiji ta' adattament Ewropej u nazzjonali għandhom jindirizzaw il-punti ewlenin li ġejjin:

- L-istrateġiji għandhom jittrattaw l-ippjanar marbut mas-suġġetti kollha identifikati fil-Green Paper, inklużi l-ħarsien tal-kosta, l-għargħar u n-nixfa, ir-riżorsi ta' l-ilma, in-nirien, is-saħħa pubblika, l-agrikoltura u l-bijodiversità, l-użu ta' l-art u l-ippjanar ta' l-infrastruttura, il-bini u l-kostruzzjoni, eċċ.
- Fi ħdan il-programmi futuri, il-bżonn ta' adattament għandu jirċievi parti ferm ikbar tal-baġits Ewropej, u għandu jiġi inkluż fil-kriterji ta' evalwazzjoni tal-programmi u tal-proġetti.
- L-Ewropa u l-Istati Membri tagħha għandhom jallokaw ammont sostanzjali ta' riżorsi ġodda u addizzjonali biex jipromovu l-adattament fil-pajjiżi li jinsabu fil-proċess ta' żvilupp.
- L-istrateġiji ta' mitigazzjoni u adattament għandhom jaqblu u jikkomplementaw lil xulxin. L-evalwazzjoni u l-ġestjoni tar-riskju għandhom ikunu għodda kruċjali għat-twaqqif tal-prijoritajiet.
- Ir-riċerka Ewropea dwar l-impatti tal-bidla fil-klima u l-adattament għandha tiżdied b'mod konsiderevoli.

— Is-soċjetà ċivili Ewropea, inklużi l-konsumaturi u l-pubbliku ġenerali, għandha tiġi inkluża b'mod iktar wiesa' sabiex jikber il-fehim pubbliku tal-problemi marbutin mal-bidla fil-klima kif ukoll tal-bidliet fl-imġiba li ser ikunu neċessarji sabiex intaffu l-bidla fil-klima u nadattaw għall-bidliet li issa huma inevitabbli.

— Għandu jiġi stabbilit korp ta' konsultazzjoni indipendenti li jsegwi l-progress li jsir fl-ambitu ta' l-adattament għall-bidla fil-klima u l-miżuri ta' mitigazzjoni fl-Ewropa u li jżomm il-perssoni għall-azzjoni neċessarja u l-implimentazzjoni ta' l-impenni meħudin.

2. Komentari ġenerali

2.1 Il-bidla fil-klima hija waħda mill-ikbar sfidi li qiegħda taf-faċċja d-dinja fis-seklu 21.

2.2 S'issa d-dinja kkonċentrat fuq kollox fuq il-promozzjoni ta' miżuri li għandhom l-għan li jtaffu l-impatt tal-bidla fil-klima billi jllimitaw l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra. Madankollu, qed isir dejjem iktar ovvju li l-emissjonijiet tal-passat waħedhom ser ikomplu jikkaġunaw tisħin sinifikanti ta' l-atmosfera u ta' l-ibħra fis-seklu li ġej u iktar 'il quddiem. Dan ser ikollu impatt kbir ħafna fuq il-klima u avvenimenti oħra marbutin mat-temp, kif ukoll fuq l-ambjent fiżiku u naturali fid-dinja kollha. Għaldaqstant għandna bżonn niffokaw iktar bir-reqqa fuq dawn l-impatti inevitabbli tat-tisħin globali u l-bidla fil-klima u fuq x'inhu l-aħjar mod kif wieħed jista' jadatta għalihom.

2.3 Iżda dan ma għandux jirriżulta finqas sforzi għal-limitazzjoni ta' l-emissjonijiet u l-mitigazzjoni tal-bidla fil-klima. Bil-kontra, fehim tajjeb tad-diffikultà involuta fl-adattament għall-bidla fil-klima għandu jsahha id-determinazzjoni ta' kulħadd fir-rigward tat-tnaqqis konsiderevoli ta' l-emissjonijiet. Jekk l-emissjonijiet jitħallew ikomplu jiżiedu mingħajr l-ebda kontroll, inkunu qegħdin nikkundannaw il-ġenerazzjonijiet futuri għal adattament ferm iktar diffiċli u għali.

2.4 L-istrategġiji ta' mitigazzjoni u adattament għandhom jaqblu u jikkomplementaw lil xulxin. Għandna bżonn nistabbilixxu strategġiji kredibbli u effiċjenti sabiex il-gassijiet b'effett ta' serra jonqsu għal livelli tollerabbli fi żmien realistiku. L-istrategġiji ta' adattament għandhom jispjegaw kif id-dinja tista' tadatta għal-livelli l-iktar probabbli ta' bidla inevitabbli fil-klima li jikkorrespondu għall-oġġettivi ta' mitigazzjoni. Il-valutazzjoni u l-ġestjoni tar-riskju ser jikkostitwixxu għodda kruċjali għall-istabbiliment tal-livell ta' azzjoni meħtieġ u l-ordni tal-prijoritajiet.

2.5 Il-Green Paper tal-Kummissjoni tiddekrivi ħafna mis-setturi li ser jintlaqtu mill-bidla fil-klima u t-tip ta' problemi li ser jiffaċċjaw.

2.6 Fil-fehma tal-KESE hemm raġunijiet validi għall-istabbiliment ta' qafas Ewropew dwar il-kwistjonijiet ta' adattament, u għad-definizzjoni ta' l-azzjonijiet li ser ikollhom jittieħdu fil-livell Ewropew u nazzjonali u minn partijiet oħra.

2.7 Din l-Istrategġija Ewropea ta' l-Adattament għandha tapella għall-ħolqien ta' Strategġiji Nazzjonali ta' l-Adattament fi żmien adegwat, u wara dan għal rapporti nazzjonali regolari dwar l-implimentazzjoni tagħhom.

2.8 Strategġija Ewropea ta' l-Adattament ser ikollha bżonn dimensjoni esterna robusta li tispeċifika kif l-Ewropa għandha l-ħsieb li tgħin partijiet oħra tad-dinja jindirizzaw il-problemi marbutin ma' l-adattament.

2.9 L-Ewropa ser ikollha bżonn ta' arranġamenti b'saħħithom u indipendenti sabiex torganizza r-riċerka u l-monitoraġġ neċessarji u sabiex tkun tista' tiżgura li l-korpi politiċi jipprovdur l-azzjonijiet neċessarji fiż-żmien stabbilit. Is-soċjetà ċivili għandha tkun involuta bis-sħiħ fil-ħidma ta' dawn l-istituzzjonijiet.

3. Kummenti speċifiċi

3.1 Il-KESE jemmen li l-oqsma identifikati fil-Green Paper bħala oqsma li jirrikjedu azzjoni speċifika ġeneralment huma l-oqsma t-tajbin. Fid-dawl tal-Green Paper il-KESE jirrakkomanda li l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha jiżviluppaw programmi u azzjonijiet konkreti dwar kull wieħed minn dawn l-oqsma fil-qafas ta' l-istrategġiji globali tagħhom. Hemm bżonn li jiġu stabbiliti l-iskedi u l-pjanijiet u li r-riżorsi finanzjarji xierqa jiġu allokati.

3.2 F'ħafna minn dawn l-oqsma r-responsabbiltà primarja tkun f'idejn l-awtoritajiet nazzjonali u lokali. Iżda l-Unjoni Ewropea għandha tingħata rwol importanti fit-twaqqif tal-qafas u fl-appoġġ u l-promozzjoni ta' sforzi nazzjonali fir-rigward ta' l-adattament. B'mod partikulari, il-Kumitat jissuġġerixxi li l-UE:

— twestaq riċerka u monitoraġġ dettaljati sabiex tipprovdur pre-
viżjonijiet u xenarji tal-postijiet li wisq probabbli ser jintlaqtu u ta' l-impatt tal-bidla fil-klima fuq id-diversi partijiet ta' l-Ewropa u tgħin fil-koordinazzjoni ta' riċerka separata mwettqa fdiversi livelli madwar l-Ewropa dwar dawn il-kwistjonijiet;

— tiżviluppa metodoloġiji għall-valutazzjoni ta' l-impatti, l-iżvilupp ta' strategġiji ta' adattament adegwati u l-promozzjoni ta' l-iskambju ta' esperjenza u prattika tajba;

— tistimola l-iżvilupp ta' strategġiji ta' adattament nazzjonali, reġjonali u lokali u pjanijiet ta' implimentazzjoni, u tħeġġeġ it-tixrid tal-prattika tajba u l-esperjenza mibnija fuq dak li diġà sar f'livelli differenti;

— tidentifika kwistjonijiet transkonfinali fejn jista' jfeġġ il-bżonn ta' koordinazzjoni bejn pajjiżi ġirien jew fl-Ewropa (eż. ir-rilokazzjoni ta' komunitajiet jew ta' attivitajiet agrikoli jew ekonomiċi oħra; il-ħarsien ta' l-ambjenti naturali tal-bijodiversità; appoġġ prattiku fil-każ ta' għargħar, nirien jew pandemiji kbar, eċċ.);

— tivvaluta l-impatti ekonomiċi differenzjali tal-bidla fil-klima għal diversi partijiet ta' l-Unjoni u l-bżonn ta' koeżjoni jew appoġġ mill-fondi strutturali għall-programmi ta' adattament;

— tivvaluta x'ser ikunu l-impatti differenzjali tal-bidla fil-klima għall-familji u l-individwi kif ukoll għall-SMEs u jekk l-arranġamenti ta' l-assigurazzjoni u rimbors humiex adegwati kulimkien fl-Unjoni;

— tidentifika oqsma fejn il-leġislazzjoni u l-inizjattivi Ewropej jistgħu jaqdu rwol siewi, eż. billi jstabbilixxu standards għall-valutazzjoni ta' l-impatti potenzjali tal-bidla fil-klima u jħejju risposti adegwati għal dawn.

4. Kummenti dwar kwistjonijiet speċifiċi

4.1 **Il-ħarsien tal-kosta** — Il-livell tal-baħar ser jogħla hekk kif is-silġ idub u t-temperaturi tal-baħar jogħlew. F'ċerti postijiet jista' jkun hemm bżonn li wieħed jibni jew isaħħaħ il-barrieri fiżiċi għall-ħarsien ta' l-art u ż-żoni abitati. F'postijiet oħra, l-irtirar ipplanat u l-ħolqien mill-ġdid ta' bassasiet tal-baħar jistgħu ikunu strategġiji iktar adegwati, flimkien mar-rilokazzjoni ta' l-abitanti ta' proprjetà vulnerabbli.

4.2 **L-għargħar** — Ix-xenarji jindikaw li t-tendenza hija li l-bidla fil-klima ser twassal għal temp iktar varjabbli b'perijodi ta' nuqqas ta' xita u fl-istess ħin episodji ta' xita iktar intensa li malajr twassal għal telf ta' art u għargħar. Is-sistemi ta' ħarsien kontra l-għargħar għandhom jiġu aġġornati sabiex iqisu dawn il-kondizzjonijiet klimatiċi ġodda. F'ċerti każi ser ikun hemm bżonn ta' programmi ġodda ta' ħarsien kontra l-għargħar. F'każi oħra jista' jkun hemm bżonn li jinħolqu jew jiġu stabbiliti mill-ġdid pjanuri ta' l-għargħar jew żoni fejn jinġabar l-ilma (catchment areas). Jista' jkun li l-iżvilupp ta' żoni abitati jkollu bżonn jiġi limitat f'żoni bħal dawn, u li tiġi kkunsidrata r-rilokazzjoni.

4.3 **Riżorsi u nuqqas ta' ilma** — Ir-riżorsi ta' l-ilma diġà jinsabu taħt pressjoni kbira f'ħafna partijiet ta' l-Ewropa u huwa probabbli li din il-pressjoni ser taggrava hekk kif il-bidla fil-klima tibda ttawwal il-perijodi ta' nuqqas ta' xita u ta' nixfa. Jistgħu jinħtieġu miżuri li jgħibu sorsi ta' ilma ġodda liż-żoni effettwati (eż. permezz ta' miżuri għad-desalinizzazzjoni jew trasferimenti fuq distanzi twal) u li jikkontribwixxu għal ġestjoni iktar

effiċjenti ta' l-użu ta' l-ilma. L-inċentivi għall-promozzjoni ta' użu aktar effiċjenti ta' l-ilma (inkluż il-prezz ta' l-ilma) għandhom jissaħħu. Jista' jkun li attivitajiet bħall-agrikoltura intensiva jew it-turiżmu jkollhom jiġu limitati fl-iktar żoni milquta. (Attwalment il-KESE qiegħed iħejji opinjoni separata iktar dettaljata dwar l-iskarsezza ta' l-ilma u n-nixfa.)

4.4 Ir-riskju u l-frekwenza ta' nirien gravi diġà qegħdin jikbru f'żoni bħan-Nofsinar ta' l-Ewropa. Dawn ta' l-aħħar qegħdin isiru dejjem iktar sħan u xotti u s-sitwazzjoni tista' ssir iktar gravi hekk kif it-temperaturi jkomplu jżiedu. Hemm bżonn li l-miżuri protettivi u dawk li jindirizzaw l-isfidi jissaħħu u jkunu kkordinati aħjar. (Attwalment il-KESE qiegħed iħejji opinjoni separata iktar dettaljata dwar id-diżastri naturali u l-protezzjoni ċivili.)

4.5 **Is-saħħa pubblika** — Il-bidla fil-klima jista' jkollha diversi konsegwenzi għas-saħħa pubblika. Tista' tikkaġuna t-tixrid ta' vetturi tal-mard, inkluż b'mod partikulari ċaqliq lejn it-Tramuntana ta' għadd ta' mard li qabel kien jinstab biss fit-Tropiċi. It-temperaturi estremi wkoll jista' jkollhom impatt iktar dirett. Jeħtieġ li jsiru pjanijiet sabiex inħejju ruħna għal dawn il-bidliet.

4.6 **L-agrikoltura** — L-agrikoltura ser tkun milquta b'mod qawwi ħafna mill-bidla fil-klima. Il-bidliet fit-temperatura u fl-ammont ta' xita ser jaffettwaw kemm l-art tkun adatta għad-diversi użi agrikoli, u ser iwasslu għal tibdil kbir fil-kwalità u l-kwantità tal-produzzjoni li jstgħu jintlaħqu u b'hekk għall-viżibiltà tad-diversi sistemi agrikoli f'partijiet differenti ta' l-Ewropa.

4.6.1 L-evalwazzjoni ta' l-istat ta' saħħa tal-PAK li ser issir fl-2008 għandha tipprowdi l-opportunità li jsir it-tibdil meħtieġ sabiex il-bdiewa jkunu jistgħu jadattaw il-prattiki agrikoli tagħhom għall-bidliet fil-klima li ġejjin.

4.6.2 Ir-riċerka agrikola dwar uċuh tar-raba' ġodda u metodi ta' kultivazzjoni iktar adattati għall-kondizzjonijiet klimatiċi li qegħdin jifaċċjaw, għandha tissaħħaħ. Bl-istess mod, l-impatt tal-bidla fil-klima fuq il-prospettivi ta' trobbija ta' l-annimali f'diversi partijiet ta' l-Ewropa għandu jiġi vvalutat flimkien ma' mezzi ta' kif wieħed jista' jindirizza t-tixrid ta' mard ikkaġunat mill-bidla fil-klima. (Il-KESE dalwaqt ser iħejji rapport separat iktar dettaljat dwar il-bidla fil-klima u l-agrikoltura.)

4.7 **Il-bijodiversità** — Il-bidla fil-klima ser iġġib magħha bidliet kbar fl-ambjent naturali tal-pjanti u ta' l-annimali fl-Ewropa kollha. F'ċerti każi, ċerti speċijiet mhux ser ikunu jstgħu ikomplu jgħixu fl-ambjenti naturali trasformati tagħhom jew inkella ser jitpoġġew friskju kritiku. Jista' jagħti l-każ li ċerti speċijiet jemigraw u jsibu ambjent naturali ġdid permezz ta' proċessi naturali. Iżda speċijiet oħra ser ikollhom bżonn l-għajjnuna jekk irridu li t-transizzjoni ma teqridhomx. Sabiex din it-transizzjoni ssir mingħajr telf kbir ta' speċijiet, ser ikun hemm bżonn ta' aġġornament ta' l-istrategġija u l-programmi eżistenti fil-qasam tal-bijodiversità u ta' allokkazzjoni ta' riżorsi għall-implimentazzjoni tagħhom.

4.8 **Is-siġar u l-foresti** ukoll ser jiġu milquta sewwa mill-bidla fil-klima. Ċerti żoni jstgħu jsiru inqas ospitabbli għal

għadd ta' speċijiet. Żoni oħra jstgħu jsiru iktar adattati għal xi speċijiet partikulari. Il-programmi ta' tħawwil, tħawwil mill-ġdid, kura tas-siġar u ġestjoni tal-foresti ser ikollhom jiġu adattati konsegwentement.

4.9 **L-ippjanar ta' l-użu ta' l-art** — Fl-ippjanar taż-żoni urbani fost oħrajn u tat-trasport u l-infrastruttura ser ikollhom jitqiesu dejjem iktar il-bidliet fit-temperatura u t-temp. Dawn il-konsiderazzjonijiet għandhom jiġu inklużi fl-istandards ta' l-ippjanar u fil-prattika u t-taħriġ professjonali. Bl-istess mod, il-programmi u l-proġetti ta' żvilupp individwali ser ikollhom iqisu dawn l-impatti tal-bidla fil-klima. Il-metodoloġija tal-valutazzjoni ta' l-impatt ser ikollhom jiġu adattati b'mod xieraq.

4.10 **Il-bini** — In-negozju tal-bini u l-kostruzzjoni ser jiġi affettwat bil-qawwi mill-bidla fil-klima. Għandna bżonn regolamenti minimi iktar stretti fir-rigward ta' l-effiċjenza enerġetika fil-bini kif ukoll standards aħjar għall-kostruzzjoni, eċċ. Iċ-ċittadini għandu jkollhom aċċess għall-informazzjoni dwar il-prattika tajba u l-metodi, materjali u sussidji disponibbli għar-renovazzjoni tal-bini l-antik kif ukoll għat-tnaqqis tal-konsum enerġetiku tal-bini l-ġdid sabiex dan ikun iktar adegwat għall-bidla fit-temperatura u t-temp.

4.11 **Il-baġit ta' l-UE** — Il-KESE jirrakkomanda li fil-baġit annwali, il-linja "adattament" tidher għall-oqsma ta' politika kollha li jeħtieġu investimenti immedjati (eż. enerġija, riċerka, agrikoltura, trasport, standards tal-bini, assistenza fil-każ ta' diżastri naturali, ħarsien tal-bijodiversità, politika tas-saħħa pubblika, eċċ.). Il-Qafas Finanzjarju li jmiss għandu jalloka parti ħafna ikbar tar-riżorsi disponibbli lill-programmi marbutin mal-mitigazzjoni u l-adattament għall-bidla fil-klima. L-Istati Membri għandhom jagħmlu tibdil simili fil-baġits nazzjonali tagħhom u fil-programmi ta' infiq.

4.12 **Il-Fondi Strutturali** — Fil-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, fil-Fond ta' Koeżjoni u fl-IPA (Strument ta' Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni) hemm xi kriterji li jappoġġjaw il-proġetti ambjentali iżda m'hemm l-ebda referenza espliċita għall-adattament għall-bidla fil-klima u ħafna drabi l-valutazzjoni ta' l-impatt m'hijix adegwata (ħafna proġetti fl-oqsma tat-trasport u l-enerġija huma ta' ħsara għall-ambjent u l-klima). Ir-reviżjonijiet li ġejjin ta' dawn il-programmi għandhom jallokaw persentaġġi ferm iktar għoljin tal-fondi disponibbli lil miżuri ta' appoġġ għall-mitigazzjoni tal-bidla fil-klima u l-adattament għalih.

4.13 **Il-Bank Ewropew ta' l-Investment (BEI) u l-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp (BERŻ)** għandhom jinkludu l-bidla fil-klima fil-proċeduri baġitarji tagħhom kif ukoll fil-kriterji ta' l-evalwazzjoni tal-proġetti u l-programmi.

4.14 **L-industrija ta' l-assigurazzjoni** hija interessata ferm fil-bidla fil-klima u qiegħda tinkludi l-konsiderazzjonijiet marbutin mal-bidla fil-klima fid-deċizzjonijiet tagħha dwar l-avvenimenti li hija lesta li tassigura u b'liema kondizzjonijiet. L-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom jiftħu dibattitu kontinwu ma' l-industrija ta' l-assigurazzjoni bil-għan li jassiguraw li s-settur ta' l-assigurazzjoni jaqdi r-rwol tiegħu bis-siħ billi jgħin lin-negozji, fost oħrajn, jadattaw għall-bidla fil-klima.

4.15 **Il-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw** — Ħafna pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw ser ikollhom problemi ta' adattament iktar gravi mill-pajjiżi Ewropej u inqas riżorsi biex jindirizzawhom. Uħud mill-pajjiżi l-inqas żviluppati f'it li xejn ikkontribwew għall-problema tal-bidla fil-klima iżda ser ikunu fost il-pajjiżi l-iktar milquta u għaldaqstant jappellaw bil-qawwi għall-ekwiżità u l-ġustizzja f'termini ta' kooperazzjoni u appoġġ. Ser ikollhom bżonn ta' l-appoġġ tad-dinja żviluppata, fost affarijiet oħra tar-riżorsi umani, tekniċi u finanzjarji li jistgħu jgħinuhom jadattaw b'mod adegwat. L-Ewropa għandha taqdi rwol mexxej kemm fil-provvista ta' riżorsi addizzjonali għall-miżuri ta' adattament fi ħdan il-programmi ta' għajjnuna kollettiva u nazzjonali għall-iżvilupp kif ukoll fl-għajjnuna mogħtija lill-komunità finanzjarja internazzjonali sabiex din tħejji ruħha għall-isfida ta' l-adattament.

4.16 Ċerti partijiet tad-dinja ser isiru inqas ospitabbli għan-nies (u f'ċerti każi estremi jistgħu saħansitra jsiru inabitabbli) minħabba livelli tal-baħar oġħla jew kondizzjonijiet klimatiċi estremi. Il-bidla fil-klima tista' twassal għal pressjoni iktar għal żjieda fil-migrazzjoni lejn l-Ewropa minn partijiet oħra tad-dinja, kif ukoll ċaqliq tal-popolazzjoni fi ħdan l-Ewropa stess. L-aġenziji għall-iżvilupp u dipartimenti tal-gvern rilevanti oħra ser ikollhom ilestu ruħhom biex jgħinu lill-pajjiżi fil-proċess ta' żvilupp jidentifikaw sitwazzjonijiet bħal dawn fil-ħin u jipplanaw il-programmi ta' rilokazzjoni meħtieġa.

4.17 L-impatti potenzjali tal-bidla fil-klima fil-livell nazzjonali u lokali fl-Ewropa u r-rata tat-tibdil għandhom m'humieq minhumma perfettament, u hemm bżonn ta' ħafna iktar xogħol ta' riċerka u analiżi sabiex il-previżjonijiet jittejb'u u jiġu pperfezzjonati. L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent tista' taqdi rwol siewi bħala punt ta' koordinazzjoni għax-xogħol rilevanti kollu ta' riċerka, monitoraġġ, analiżi u previżjoni f'dan il-qasam, kif ukoll fit-trasmissjoni ta' l-aqwa informazzjoni disponibbli lil dawk inkarigati mit-teħid ta' deċiżjonijiet u mill-implimentazzjoni dettaljata ta' l-istrategġija ta' adattament. Il-KESE huwa lest li jaġħti s-sehem tiegħu għal promozzjoni sħiħa u fehim iktar wiesa' ta' l-impatti tal-bidla fil-klima f'diversi partijiet ta' l-Ewropa u tal-miżuri ta' adattament meħtieġa.

4.18 Is-soċjetà ċivili ser ikollha tiġi involuta mill-qrib fil-proċess ta' adattament għall-bidla fil-klima. Il-komunitajiet lokali, in-negozji u organizzazzjonijiet oħra ta' kull tip ser jintlaqtu dejjem iktar mill-bidla fil-klima u għalhekk għandhom jiġu involuti fir-risposta għal din il-problema. Jeħtieġ li n-nies u l-organizz-

azzjonijiet ta' kull qasam tas-soċjetà jifhmu aħjar il-bidliet li diġà qegħdin iseħħu u li probabbilment ser iseħħu fil-futur, matul ħajjithom jew dik tat-tfal tagħhom. Jeħtieġ ukoll li jifhmu aħjar x'ser tfisser għalihom il-mitigazzjoni tal-bidla fil-klima u l-adattament għaliha. It-tagħrif dwar dawn il-kwistjonijiet għandu jsir parti essenzjali tal-kurrikulum fl-edukazzjoni formali u informali.

4.19 Il-KESE jenfasizza l-bżonn li s-soċjetà ċivili tiġi involuta fil-livelli kollha u li jkun hemm komunikazzjoni mal-konsumaturi u mal-pubbliku ġenerali. Jappoġġja bis-sħiħ is-suġġeriment tal-Green Paper li jitwaqqfu gruppi ta' ħidma magħmula mill-partijiet interessati u li dawn il-gruppi jgħinu fit-tfittxija tas-soluzzjonijiet speċifiċi meħtieġa f'kull settur. Waħda mill-kompetenzi ta' dawn il-gruppi għandha tkun dik li jiżviluppaw tekniċi għall-evalwazzjoni tal-livelli ta' riskju u li janalizzaw kemm l-organizzazzjonijiet u l-komunitajiet huma lesti u ppreparati li jaffaċċjaw kondizzjonijiet klimatiċi estremi u diżastri oħra li jistgħu jsiru iktar gravi jew iktar frekwenti hekk kif il-bidla fil-klima timxi 'l quddiem.

4.20 L-awtoritajiet tal-gvern reġjonali u lokali għandhom rwol importanti x'jaqdu fil-koordinazzjoni u l-promozzjoni ta' attivitajiet fil-livelli tagħhom u fis-sensibilizzazzjoni u t-teħid ta' inizzjattiva tal-pubbliku. L-awtoritajiet pubbliċi fil-livelli kollha jistgħu wkoll jaġħtu l-eżempju t-tajjeb billi jużaw metodi xierqa għall-ippjanar tal-bini u l-proġetti ta' żvilupp urban tagħhom u fil-politika ta' akkwist tagħhom.

4.21 Il-Green Paper tissuġġerixxi l-ħolqien ta' Grupp Konsultattiv Ewropew dwar l-Adattament għall-Bidla fil-Klima, li jinkludi rappreżentanti tas-soċjetà ċivili, tal-politiċi u tax-xjenzjati u li jkollu r-rwol ta' Grupp ta' Esperti fil-kuntest ta' l-iżvilupp ta' l-istrategġija. Il-Kumitat jappoġġja l-idea li jinħoloq grupp bħal dan.

4.22 Barra minn hekk, il-Kumitat jissuġġerixxi li l-UE tikkunsidra t-twaqqif ta' korp ta' monitoraġġ indipendenti bi president indipendenti, u li dan il-korp ikun inkarigat mill-analiżi tal-progress ta' l-istrategġija globali dwar il-bidla fil-klima (kemm l-adattament kif ukoll il-mitigazzjoni). Il-korp għandu jħejji rapporti regolari u pubbliċi li jitrattaw il-progress milhuk u għandu javża b'mod antiċipat f'każ fejn l-azzjoni tkun għadha lura fir-rigward ta' l-impenni meħudin, skond l-eżiġenzi tas-sitwazzjoni speċifika. Il-KESE għandu l-ħsieb li jsegwi mill-qrib u b'mod regolari l-progress li jsir f'dan il-qasam.

Brussell, it-12 ta' Diċembru 2007.

Il-President

tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Dimitris DIMITRIADIS

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar Il-proposta għal Regolament tal-Kunsill
dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq ta' l-inbid u li jemenda ċerti Regolamenti**

COM(2007) 372 finali — 2007/0138 (CNS)

(2008/C 120/10)

Nhar is-7 ta' Settembru 2007, il-Kunsill iddeċieda, b'konformità ma' l-Artikoli 36 u 37 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, li jikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

Il-proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq ta' l-inbid u li jemenda ċerti Regolamenti.

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għall-Agricoltura, l-Iżvilupp Rurali u l-Ambjent, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar is-27 ta' Novembru 2007. Ir-rapporteur kien is-Sur Kienle.

Matul l-440 sessjoni plenarja tiegħu li nżammet fit-12 u t-13 ta' Diċembru 2007 (seduta tat-12 ta' Diċembru), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-opinjoni b'109 voti favur, 5 voti kontra u 12-il astensjoni.

1. Sommarju tal-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-KESE

1.1 Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) jilqa' r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni fil-proposta tagħha dwar ir-riforma ta' l-organizzazzjoni komuni tas-suq Ewropew ta' l-inbid sabiex tinżamm organizzazzjoni speċifika tas-suq ta' l-inbid. Il-Kumitat xtaq kieku li l-Kummissjoni Ewropea adottat iktar mir-rakkomandazzjonijiet li l-Kumitat ippreżenta fl-opinjoni tiegħu ta' l-14 ta' Diċembru 2006 dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u l-Parlament Ewropew — *Lejn settur ta' l-inbid Ewropew sostenibbli* ⁽¹⁾.

1.2 Il-KESE jtenni l-punt tiegħu li l-għan ewlieni tar-riforma għandu jkun li tittejjeb il-kompetittività ta' l-inbejjed Ewropej u li tinkiseb lura l-pożizzjoni tagħhom fis-suq. Safejn huma kkonċernati d-dispożizzjonijiet ta' riforma u l-kummerċ estern, il-Kummissjoni għandha tqis iktar il-fatt li s-settur Ewropew ta' l-inbid jinsab fil-quċċata tas-suq globali.

1.3 Il-KESE jinnota li l-inbid u l-vinikultura huma aspetti importanti u integrali tal-kultura u l-istil ta' ħajja fl-Ewropa. Il-vinikultura ssawwar l-ambjent soċjali u ekonomiku ta' ħafna reġjuni Ewropej li jipproduċu l-inbid. Għalhekk, il-Kumitat jemmen li huwa importanti li l-oġġettivi u l-miżuri tar-riforma għandhom jirriflettu mhux biss l-effetti ekonomiċi, iżda wkoll il-konsegwenzi għall-impjiegi, l-istrutturi soċjali u l-ambjent — b'mod partikolari permezz ta' programmi ta' tindif (grubbing-up) — kif ukoll għall-ħarsien u s-saħħa tal-konsumatur. Il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea tonqos f'dan ir-rigward.

1.4 Il-KESE jenfasizza li l-vinikultura tippovdi għajxien għal 1,5 miljun intrapriża fl-Unjoni Ewropea, il-biċċa l-kbira minnhom żgħar u tal-familja, u mill-inqas impjieg staġjonali għal iktar minn 2,5 miljun ħaddiem. Għaldaqstant, il-Kumitat jixtieq b'mod partikolari li r-riforma tagħti preferenza lill-miżuri li

għandhom impatt pożittiv fuq id-dħul tal-produtturi ta' l-inbid u opportunitajiet ta' xogħol fis-settur ta' l-inbid Ewropew.

1.5 Il-KESE jaħseb li l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea li tippovdi lill-Istati Membri li jipproduċu l-inbid pakkett baġitarju nazzjonali individwali hija kontribut importanti għas-sussidjarjetà u l-konsiderazzjoni tad-differenzi reġjonali. Madankollu, il-lista ta' strumenti ta' appoġġ trid tiġi estiża sabiex jintlaħqu l-oġġettivi tar-riforma.

1.6 Il-KESE iqis mhux adegwati l-proposti mressqa mill-Kummissjoni Ewropea dwar miżuri għal tagħrif lill-konsumatur. Jilqa' l-proposti għall-promozzjoni tas-swieq ta' l-esportazzjoni, iżda jemmen li din l-idea għandha tkun estiża sabiex tinkludi s-suq intern.

2. Proposti tal-Kummissjoni

2.1 Il-Kummissjoni Ewropea qiegħda tippromponi riforma ta' l-organizzazzjoni tas-suq ta' l-inbid, l-iktar f'dawn l-oqsma:

- Miżuri ta' appoġġ bħala parti minn pakkett baġitarju nazzjonali sabiex jiġu ristrutturati u mibdula d-dwieli, l-uċuh ta' l-għalf, il-fondi reċiproki, l-assigurazzjoni għall-ħsad u l-promozzjoni ta' l-inbid fi swieq terzi;
- It-trasferiment finanzjarju lejn l-iżvilupp rurali;
- Il-bidla tad-dispożizzjonijiet dwar il-produzzjoni ta' l-inbid, b'mod speċjali fir-rigward ta' prattiki enoloġiċi, iż-żjieda fl-ammont ta'alkoħol u l-aċidifikazzjoni;
- Il-bidla fir-rekwiżiti għat-tikkettar, b'mod partikolari dwar l-indikazzjoni tal-provenjenza u l-orijini kif ukoll l-adattament ta' rekwiżiti oħra ta' tikkettar;
- L-organizzazzjonijiet tal-produtturi u dawk inter-professjonali;

⁽¹⁾ ĠU C 325, 30.12.2006, p. 29. (Nota tat-traduttur: Dan id-dokument ma huwiex tradott għall-Malti).

- Il-liberalizzazzjoni tar-regoli dwar it-taħwil mill-2013;
- Programm volontarju tat-tindif;
- It-tneħħija tal-mekkaniżmi attwali tas-suq;
- It-trasferiment tal-poteri mill-Kunsill tal-Ministri għall-Kummissjoni Ewropea.

3. Kummenti ġenerali

3.1 Il-KESE jappoġġja b'mod wiesa' l-oġġettivi tal-proposta tal-Kummissjoni Ewropea. Madankollu, jaħseb li ċerti aġġustamenti u titjib huma meħtieġa fil-każ tal-miżuri rrakkomandati.

3.2 Il-KESE jtenni l-appell tiegħu li tittejjeb il-kompetittività tal-produtturi Ewropej ta' l-inbid fis-suq intern u fis-swieq ta' l-esportazzjoni, li l-Ewropa tissaħħa bħala żona tan-negozju, li l-miżuri ta' kwalità jiġu appoġġjati u sabiex ikun hemm enfasi aktar fuq l-iżviluppi fis-suq u l-preferenzi tal-konsumatur. Il-Kummissjoni ma tqisx biżżejjed dawn il-kwistjonijiet fil-proposta attwali.

3.3 Il-KESE jaħseb ukoll li huwa importanti li l-oġġettivi ekonomiċi jkunu speċifiċi u msaħħa b'oġġettivi soċjali u ta' politika ta' l-impjeg. Dawn għandhom jinkludu żjieda fid-dħul ta' intrapriżi li jipproduċu l-inbid, iktar possibbiltajiet ta' żvilupp għall-koltivaturi li għadhom jibdeu, opportunitajiet ta' xogħol sostenibbli u ħlas xieraq għall-ħaddiema permanenti u daww staġjonali.

3.4 Il-KESE għad għandu xi riżervi dwar it-trasferiment tal-poteri mill-Kunsill tal-Ministri għall-Kummissjoni, per eżempju fir-rigward ta' l-awtorizzazzjoni ta' Prattiki aktar reċenti fil-produtturi ta' l-inbid, peress li l-Kummissjoni ma ddefendietx b'mod xieraq l-interessi tal-produtturi Ewropej ta' l-inbid meta nnegozjat ftehimiet bilaterali.

3.5 Il-KESE jisħaq mill-ġdid fuq il-fehma tiegħu li l-finanzjament attwali għandu jżided sabiex titqies is-sħubija fl-UE ta' żewġ pajjiżi ġodda li huma produtturi ta' l-inbid.

3.6 Il-KESE jerġa' jappella għal monitoraġġ imtejjeb u iktar komprensiv tas-suq sabiex tinkiseb data aħjar dwar il-produtturi, il-kummerċ u l-konsum li tintuża bħala bażi ta' l-organizzazzjoni tas-suq ta' l-inbid. Id-data ġenerali li ntużat s'issa kienet importanti iżda mhux biżżejjed. Huwa neċessarju wkoll li tingħata informazzjoni aġġornata dwar bidliet fl-istrutturi tal-produtturi, fil-kanali ta' distribuzzjoni u fl-imġiba tal-konsumatur.

3.7 Il-KESE jaqbel mal-fehma tal-Kummissjoni li l-organizzazzjoni l-ġdida tas-suq ta' l-inbid għandha tidħol fis-seħħ kemm jista' jkun malajr. Madankollu, jaħseb li "perijodu ta' tnaqqis gradwali" huwa neċessarju sabiex in-negozji jkunu jstgħu jadattaw għall-qafas il-ġdid b'mod gradwali jekk ikun hemm bżonn.

3.8 Il-KESE huwa kuntent li l-Kummissjoni Ewropea mmodifikat il-proposta tagħha għal programm ta' tindif. Madankollu, ikun jagħmel sens li kieku dawn il-miżuri jitwettqu taħt programmi strutturali reġjonali jew nazzjonali, sabiex jiġu evitati l-effetti negattivi ta' miżuri ta' tindif ta' darba biss (per eżempju,

art mhux maħduma mdawra bid-dwieli) u sabiex tkun żgurata implimentazzjoni sistematika.

3.9 Il-KESE jtenni l-oġġezzjoni tiegħu għal-liberalizzazzjoni sħiħa tar-regoli tat-taħwil, peress li din ser tipperikola l-oġġettivi ekonomiċi, soċjali, ambjentali u tal-manutenzjoni tal-pajsaġġ fi ħdan ir-riforma tas-suq ta' l-inbid.

4. Kummenti speċifiċi

4.1 Titolu II: Miżuri ta' appoġġ; Kapitolu I: Programmi ta' appoġġ

4.1.1 Il-KESE jilqa' l-fatt li l-fehmiet tiegħu bażikament ġew adottati fir-rigward tal-ħtieġa li l-proposti jagħtu dispożizzjoni sabiex jitqiesu iktar id-differenzi reġjonali u ssir implimentazzjoni iktar konsistenti tas-sussidjarjetà fis-settur ta' l-inbid permezz ta' l-introduzzjoni ta' pakketti baġitarji nazzjonali. Madankollu, jaħseb li l-miżuri ta' appoġġ ipprovduti ma humiex biżżejjed.

4.1.2 Il-KESE jaqbel mal-Kummissjoni Ewropea li għandu jinżamm qafas Komunitarju iktar konsistenti u xieraq. Fi ħdan dak il-qafas għandha tkun ir-responsabilità ta' l-Istati Membri li jagħżlu l-miżuri għar-reġjuni tagħhom li jipproduċu l-inbid. L-organizzazzjonijiet tal-produtturi, l-assoċjazzjonijiet settorjali, il-korpi regolatorji u organizzazzjonijiet oħra b'oġġettivi ekwivalenti għandhom rwol importanti x'jaqdu hawnhekk.

4.1.3 Il-KESE jixtieq jara lista aktar komprensiva ta' miżuri li jirriflettu l-oġġettivi ta' l-organizzazzjoni tas-suq. Jirreferi għall-opinjoni preċedenti tiegħu dwar ir-riforma ta' l-organizzazzjoni komuni tas-suq ta' l-inbid^(?), fejn fost affarijiet oħra diġà talab għal programmi li jipromovu l-prodotti ta' kwalità fil-vinikultura, il-ħżin fil-kantini, it-tqegħid fis-suq u l-informazzjoni lill-konsumatur, miżuri sabiex jiġu appoġġjati ż-żoni żvantaġġati u l-possibbiltà ta' għajnuna finanzjarja diretta skond iż-żona.

4.1.4 Il-KESE jtenni s-sejħa tiegħu għal miżuri koerenti u integrati bil-għan li jintlaħaq il-qofol ta' l-effiċjenza. Miżuri bħal dawn għandhom jiġu inkorporati wkoll f'impjanti komprensivi għall-katina ta' produzzjoni kollha kemm hi, mill-koltivazzjoni ta' l-għeneb sa l-ipproċessar u t-tqegħid fis-suq tal-prodott, inklużi miżuri sabiex jiġu żviluppati mezzijiet kummerċjali alternattivi għall-prodotti kollha ta' l-għeneb.

4.1.5 Il-KESE għal darb'oħra jħeġġeġ bil-qawwi l-introduzzjoni ta' programmi speċjali sabiex jiġu promossi żoni li jipproduċu l-inbid li huma żvantaġġati, bħall-vinji li jinsabu fuq għoljiet weqfin, u żoni li huma suġġetti għal kundizzjonijiet tat-temp estremi.

4.1.6 Il-KESE jilqa' l-enfasi konsiderevoli tal-Kummissjoni ta' l-UE fuq il-miżuri ta' promozzjoni ta' l-esportazzjoni fil-pakkett baġitarju nazzjonali. Il-miżuri huma meħtieġa wkoll sabiex il-konsumaturi fis-suq intern jiġu informati dwar il-produtturi ta' l-inbid u b'mod partikolari dwar il-vantaġġi ta' konsum moderat ta' l-inbid u l-perikli ta' l-abbuż mill-alkoħol. Itenni s-sejħa tiegħu għall-appoġġ li għandu jingħata għat-twaqqif ta' sistema ta' monitoraġġ tas-suq Ewropew.

(?) ĠU C 101, 12.4.1999, pp. 60-64 u d-dokument imsemmi fin-nota 1.

4.1.7 Il-Kumitat ma jħossx li t-nehhija immedjata tal-miżuri ta' intervent tista' ssir. Għalhekk, jirrakkomanda li jingħataw għajnuniet fi ħdan il-pakketti nazzjonali matul il-"perijodu ta' tnaqqis gradwali" bejn l-2008 u l-2010 maħsuba għad-distillazzjoni sabiex jiġi prodott alkoħol potabbli u għall-appoġġ tal-ħżin privat.

4.1.8 Il-Kumitat jemmen li l-pakketti finanzjarji nazzjonali għandhom jinkludu miżuri ta' ġestjoni tal-kriżi abbażi tal-qsim tar-responsabilità bejn il-produtturi ta' l-inbid. Il-miżuri attwali (l-assigurazzjoni għall-ħsad u l-fondi reċiproki) ma humiex adegwati għall-ġestjoni ta' kriżijiet ekonomiċi. Dan ifisser li huwa neċessarju nevalwaw l-effiċjenza ta' l-arranġamenti ta' emerġenża attwali għad-distillazzjoni, u l-possibilità ta' dispożizzjoni għal sistema ta' emerġenża għad-distillazzjoni fil-pakketti finanzjarji nazzjonali.

4.1.9 Il-projbizzjoni attwali fuq l-għasir żejjed ta' l-għeneb, fuq maxx ta' l-għeneb u fuq il-karfa ta' l-inbid kienet mod effettiv sabiex tiġi żgurata l-kwalità tal-prodotti ta' l-inbid u sabiex jitwaqqaf l-abbuż, u għaldaqstant għandha tinżamm. L-Istati Membri għandhom ikunu awtorizzati jgħollu l-persentaġġ tal-produzzjoni għad-distillazzjoni matul ċerti snin partikolari.

4.1.10 Il-KESE jinnota li l-Kummissjoni Ewropea ħejjiet proposta għall-allokazzjoni tal-baġit għall-pakketti finanzjarji nazzjonali. Għandhom jiġu stipulati dispożizzjonijiet finanzjarji speċjali għall-Istati Membri l-ġodda, li għalihom ma hemmx informazzjoni ta' sfond, skond l-ammont ta' art fejn hemm dwieli mħawla.

4.2 Kapitolu 2: It-trasferiment finanzjarju

4.2.1 F'diversi opinjonijiet il-Kumitat enfasizza l-importanza tat-tieni pilastru għall-iżvilupp futur taż-żoni rurali, li jagħmlu parti minnhom ukoll iż-żoni Ewropej li jipproduċu l-inbid. Iżda anke meta jitqies dan l-oġġettiv fundamentali ġenerali, il-KESE jaħseb li, bil-għan li jissolvew il-problemi speċifiċi tas-settur ta' l-inbid, il-miżuri kollha diskussi b'rabta mar-riforma tas-suq ta' l-inbid għandhom jiġu ffinanzjati mill-baġit ta' l-inbid. Għalhekk, dan il-baġit la għandu jonqos bit-tnaqqis ta' fondi u bit-trasferimenti tagħhom.

4.3 Titolu III: Miżuri regolatorji; Kapitolu 2: Prattiki enoloġiċi u restrizzjonijiet

4.3.1 Il-KESE jemmen li huwa assolutament essenzjali li tiġi stabbilita definizzjoni ta' l-"inbid" li hija rikonossuta fil-livell internazzjonali. Minħabba dan ikun jinħtieġ ukoll li jiġu stipulati metodi ta' produzzjoni rikonossuti. Għandu jkun ċar li "inbejded tal-frott" ma humiex koperti mill-organizzazzjoni tas-suq ta' l-inbid.

4.3.2 Il-KESE jemmen li l-miżuri sabiex il-prattiki tal-produzzjoni ta' l-inbid ikunu konformi ma' l-istandards ta' l-OIV għandhom ikunu inkorporati b'iktar konsistenza fil-kuntest strateġiku ta' ftehimiet bilaterali jew internazzjonali tal-kummerċ. L-awtorizzazzjoni ta' kwalunkwe Prattika għal inbejded importati li hija approvata f'post ieħor fid-dinja ser tkun f'kunflitt ma' l-allinja-

ment eqreb propost għall-inbejded Ewropej ma' l-istandards ta' l-OIV u ser twassal għal aktar distorsjonijiet tal-kompetizzjoni. Il-KESE jopponi l-proposta li matul l-esportazzjoni ta' l-inbid jiġu awtorizzati Prattiki enoloġiċi pprojbiti fis-suq intern.

4.3.3 Il-KESE jirrakkomanda li jiġi mehmuż bħala appendiċi għal din id-direttiva katalogu ta' Prattiki enoloġiċi awtorizzati, u li l-Kunsill għandu jżomm il-poteri tiegħu li jaġġorna dawn il-Prattiki u jawtorizza Prattiki ġodda.

4.3.4 Il-KESE huwa kuntent li l-Kummissjoni Ewropea ħadet pożizzjoni kontral-proposta li fl-Ewropa tiġi awtorizzata l-produzzjoni ta' l-inbid li jsir mill-most ta' l-għeneb jew mill-konċentrat tal-moss importat u l-proposta li jiġi awtorizzat it-taħlit ta' prodotti ta' l-UE ma' prodotti minn pajjiżi oħra.

4.3.5 Il-KESE jappella lill-Kummissjoni sabiex fil-proposti tagħha għal regoli ta' produzzjoni tqis id-diversita tal-lokal, tal-klima u tal-kundizzjonijiet tat-temp fl-Unjoni Ewropea. Jinnota li din il-kwistjoni hija waħda sensittiva ħafna u ma għandhiex twassal għal firda fis-settur ta' l-inbid Ewropew jew saħansitra għal bojkott tal-proposti ta' riforma. Madankollu, il-KESE jaqbel mal-bżonn ta' aktar kontroll fuq il-kwalità u l-produzzjoni permezz ta' limitazzjoni fuq il-prattiki ta' arrikkiment.

4.3.6 Il-KESE għalhekk isejjes l-evalwazzjoni tiegħu tal-proposti tal-Kummissjoni fuq l-opinjoni preċedenti tiegħu, l-analiżi ppreżentata mill-Kummissjoni, il-liberalizzazzjoni tal-metodi ta' produzzjoni ta' l-inbid li ġiet proposta, l-għarfien tal-proċessi ta' produzzjoni ta' l-inbid fi ftehimiet bilaterali, u fuq l-oġġettivi tar-riforma, b'mod speċjali l-kompetittività li qiegħda tikber u t-tnaqqis ta' l-ispejjeż ta' produzzjoni. Wara li studja l-vantaġġi u l-iżvantaġġi tal-proposti tal-Kummissjoni, il-KESE jappoġġja ż-żamma ġenerali tar-regoli attwali li jirregolaw l-użu tas-sukrożju u l-għajnuna għall-konċentrat tal-moss.

4.4 Kapitolu III: Id-denominazzjonijiet ta' l-orijini u l-indikazzjonijiet ġeografiċi

4.4.1 Il-KESE jilqa' l-elaborazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea tal-proposti ddettaljati dwar it-tikkettar ta' l-inbejded skond il-provenjenza tagħhom. Jaqsam mal-Kummissjoni il-fehma li l-kunċett ta' l-inbejded ta' kwalità fil-Komunità jissegjes, fost l-oħrajn, fuq il-karatteristiċi speċifiċi marbuta ma' l-orijini ġeografika ta' l-inbid. Il-ħarsien tad-denominazzjoni ta' l-orijini u ta' l-indikazzjonijiet ġeografiċi huwa ta' prijorità għolja. Għal din ir-raġuni l-użu ta' denominazzjoni ta' l-orijini jew ta' l-indikazzjoni ġeografika għandu jkun ibbażat fuq il-produzzjoni f'żoni ġeografiċi ddelinjati.

4.4.2 Il-KESE jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni Ewropea issa spjegat u elaborat il-proposti tagħha b'mod li juri li huwa possibbli li jinżammu s-sistemi ta' politika tal-kwalità li taw xhieda ta' l-effiċjenza tagħhom u li ma humiex, jew għallinqas mhux unikament, ibbażati fuq il-prinċipju tad-denominazzjonijiet ta' l-orijini. F'ħafna pajjiżi l-ittestjar ta' l-inbid ta' kwalità għolja, b'mod partikolari, ta' prova ta' kemm huwa effettiv għall-produtturi u iktar u iktar għall-konsumaturi.

4.4.3 Minkejja dan, jibqgħu ħafna mistoqsijiet dwar il-kompatibilità tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 753/2002 tad-29 ta' April 2002 li jistipula ċerti regoli dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1493/1999 rigward id-deskrizzjoni, id-denominazzjoni, il-preżentazzjoni u l-protezzjoni ta' ċerti prodotti tas-settur ta' l-inbid ⁽³⁾. Għalhekk il-KESE jappella sabiex tiġi ppreżentata tabella ta' ekwivalenza li minnha jkun jista' jiġi vverifikat l-impatt fuq id-denominazzjonijiet ġeografiċi u tradizzjonali.

4.5 Kapitulu IV: It-tikkettar

4.5.1 Il-KESE jaħseb li il-proposti tal-Kummissjoni fir-rigward tat-tikkettar huma kumplessi ħafna, u jistenna li l-Kummissjoni twettaq simulazzjoni preċiża ta' l-impatt tal-bidliet proposti.

4.5.2 Il-KESE jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li, wara dibattitu li dam sejjer għadd ta' snin, il-liġi dwar it-tikkettar ġiet emendata biss dan l-aħħar. Għalhekk jappella lill-Kummissjoni sabiex tispjega liema fatturi ġodda ser ikunu involuti issa li ma kinux evalwati fid-dibattitu li għadu kemm wasal fi tmiemu.

4.5.3 Il-KESE jilqa' l-isforzi għas-semplifikazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar it-tikkettar, sakemm jippromovu t-titjib fl-informazzjoni mogħtija lill-konsumatur. Bidliet bħal dawn ma għandhomx, madankollu, iżidu r-riskju ta' distorzjoni tal-kompetizzjoni jew ta' ingann tal-konsumaturi u jwasslu għal baħar ta' tilwim legali. Minn dan l-aspett, toħloq konfużjoni l-proposta tal-Kummissjoni għal indikazzjoni fakultattiva tal-varjetà ta' l-għenba u s-sena tal-qtugħ ta' inbejded mingħajr denominazzjoni ta' l-oriġini jew indikazzjoni ġeografika. Din il-proposta tista' tiġi appoġġjata biss jekk ikun hemm dispożizzjoni għal sistema ta' kontroll u ċertifikazzjoni sabiex tkun assigurata t-traċċabilità ta' dawn l-inbejded għall-ħarsien tal-konsumaturi u l-prevenzjoni ta' tagħrif żbaljat u kompetizzjoni mhux ġusta.

4.5.4 Il-KESE jiġbed l-attenzjoni għad-diversità lingwistika li qiegħda tiżviluppa f'Unjoni Ewropea dejjem ikbar. Id-diversità lingwistika tista' twassal għal ostakli għall-kummerċ, kif inhu l-każ attwalment rigward l-indikazzjoni ta' l-użu tas-sulfat. Għaldaqstant, għandu jkun possibbli li tingħata informazzjoni mandatorja fuq it-tikketti, per eżempju l-ingredjenti, permezz ta' simboli li jinftiehm u mill-ewwel.

4.6 Titolu V: Il-potenzjal tal-produzzjoni

4.6.1 Il-KESE jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni bidlet il-proposti tagħha dwar ir-regoli tat-tindif u naqqset il-baġit previst. Jirrikonoxxi l-importanza tat-tindif bħala strument ta' l-organizzazzjoni tas-suq li għandu jkun offrut bħala parti mill-programmi

strutturali reġjonali jew nazzjonali għal perijodi limitati ta' tliet jew ħames snin fi ħdan il-qafas globali Komunitarju. It-tindif għandu jkun offrut bħala miżura volontarja għat-tneħħija tad-dwieli mill-art li ma hijiex adattata għall-vinikultura u bħala difiża kontra l-effetti soċjali ta' l-irtirar mill-produzzjoni ta' negozji li m'għadhomx vijabbli.

4.6.2 Il-KESE huwa kument li l-Kummissjoni bidlet l-iska-denzi oriġinali tagħha għal-liberalizzazzjoni tar-regoli tat-taħwil. Madankollu, il-KESE għadu kontra l-liberalizzazzjoni sħiħa — anke fil-futur — peress li din tipperikola l-oġettivi ekonomiċi, soċjali, ambjentali u tal-manutenzjoni tal-pajsaġġ li jagħmlu parti mir-riforma tas-suq ta' l-inbid. Ma huwiex aċċettabbli li l-produzzjoni ta' l-inbid tiġi ttrasferita minn pajsaġġi ta' valur kulturali li ħalaq il-bniedem għall-vinikultura għal żoni li huma irħas sabiex jiġu ikkoltivati, minħabba r-responsabilità ġenerali għall-impjeg, l-ekonomija u l-infrastruttura tar-reġjuni li jipproduċu l-inbid, il-fibra soċjali, l-ambjent, u l-ħarsien tan-natura.

4.6.3 Jekk ir-regolament ta' l-UE dwar it-taħwil ul-projbjizzjoni ta' taħwil ġdid ser jitneħħew, għandu jinħoloq qafas sabiex ir-reġjuni li jipproduċu l-inbid ikunu jistgħu jkomplu japplikaw jew jiżviluppaw ir-regoli tat-taħwil tagħhom skond l-oġettivi ta' l-organizzazzjoni Ewropea tas-suq ta' l-inbid.

4.7 Titolu ġdid: Il-promozzjoni u l-informazzjoni

4.7.1 Il-KESE jemmen li l-proposti tal-Kummissjoni ma jipprovdurx dak kollu li huwa meħtieġ sabiex is-settur Ewropew ta' l-inbid jerġa' jkseb il-quċċata tas-swieq fejn bħalissa qiegħdin jid-dominaw l-inbejded minn pajjiżi terzi, b'mod speċjali mid-Dinja l-Ġdida.

4.7.2 Il-KESE jappella lill-Kummissjoni sabiex fil-pakketti baġitarji nazzjonali tikkunsidra l-promozzjoni ta' l-informazzjoni għall-konsumatur u l-miżuri ta' promozzjoni mhux biss fis-swieq ta' l-esportazzjoni iżda wkoll fis-suq intern. Meta jiġi kkunsidrat dan il-għan, għandha tingħata attenzjoni partikolari għall-għoti ta' tagħrif komprensiv dwar il-benefiċċji tal-konsum moderat ta' l-inbid bħala parti integrali minn dieta tajba u stil ta' ħajja modern.

4.7.3 Il-KESE jenfasizza li kwalunkwe informazzjoni u miżuri promozzjonali għandhom jinkludu l-prodotti kollha li jsiru mill-għeneb.

4.7.4 Il-KESE jirrakkomanda li l-miżuri ta' komunikazzjoni għall-prodotti ta' l-inbid ikunu marbutin mat-turiżmu, ma' l-attivitajiet gastronomiċi u ma' prodotti oħrajn fir-reġjuni li jipproduċu l-inbid.

Brussell, it-12 ta' Diċembru 2007.

Il-President

tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Dimitris DIMITRIADIS

⁽³⁾ ĠU C 118, 4.5.2002, p. 1-54.

APPENDIĊI

għall-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

L-emendi li jidhru hawn taħt ġew irrifjutati, għalkemm għabu mill-inqas kwart tal-voti mixħuta:

Punt 4.3.6

Biddel l-aħħar paragrafu bit-test li ġej:

“Wara li wiżen l-argumenti favur u kontra l-proposta tal-Kummissjoni, il-KESE huwa tal-fehma li l-possibbiltà li s-sukrożju jintuża, b'konformità mal-liġi u t-tradizzjoni, fil-pajjiżi li għandhom din id-drawwa għandha titkompla. Madankollu, sabiex il-produtturi ta' l-inbid ta' l-UE jkunu trattati l-istess, l-għajnuna għall-most ikkonċentrat rettifikat għandha tinżamm u tiġi modifikata sabiex tikkonforma mal-kondizzjonijiet il-ġodda tas-suq fir-rigward ta' prezzijiet orħos taz-zokkor. Din l-għajnuna, li hija b'żonjuża sabiex l-ispejjeż jinżammu sostanzjalment indaqs, ma għandhiex ikollha effett fuq il-baġits nazzjonali, iżda għandha tiqies bħala linja separata fil-baġit ta' l-inbid.”

Raġuni

Ir-riforma ta' l-organizzazzjoni komuni tas-suq (OKS) fil-qasam taz-zokkor, li hija diġà fis-seħħ, flimkien mar-riforma komprensiva ta' l-OKS fil-qasam ta' l-inbid, għabet tibdil radikali fl-istruttura ta' l-ispejjeż marbuta mal-produzzjoni ta' l-inbid; għalhekk, jekk vera rridu li jinżamm l-istatus *quo ante* u li jkun rispettati il-prinċipju li ma ssirx distorzjoni tal-kompetizzjoni — meta nqisu li z-zokkor u l-most fil-fatt huma żewġ prodotti li qed jikkompetu ma' xulxin fil-proċessi ta' l-arrikament ta' l-inbid — hemm b'żonn li r-reviżjoni ta' l-għajnuna għall-most kif ukoll il-kontabbiltà tagħha barra mill-baġits nazzjonali jkunu żgurati.

Riżultat tal-votazzjoni

Voti favur: 25 Voti kontra: 54 Astensjonijiet: 8

Punt ġdid 4.3.7

Żid dan il-punt ġdid:

“4.7.3 Il-KESE, wara li kkunsidra li l-użu tas-sukrożju għall-arrikkiment ta' l-inbid ifisser iżieda ta' prodott li ma huwiex derivat mit-trasformazzjoni ta' l-għenba, u b'konformità ma' l-attenzjoni istituzzjonali tiegħu għat-trasparenza tat-tikkettar u l-protezzjoni tal-konsumatur, iħoss li din il-prattika tal-produzzjoni ta' l-inbid għandha titniżzeż fuq it-tikketti ta' l-inbejjeż arrikkiti b'dan il-metodu.”

Raġuni

Hija parti inaljenabbli u mhux negozjabbli tal-missjoni tal-KESE li kontinwament iżomm trasparenza sħiħa fil-komunikazzjoni mal-konsumaturi li jagħmlu użu mill-merkanzija u l-ikel.

Riżultat tal-votazzjoni

Voti favur: 30 Voti kontra: 70 Astensjonijiet: 21

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar Prospettivi għall-ġejjieni ta' l-agrikoltura f'żoni bi żvantaġġi naturali speċifiċi (reġjuni muntanjużi, insulari u ultraperiferiċi)

(2008/C 120/11)

Nhar is-27 ta' Settembru 2007, b'konformità ma' l-Artikolu 29A tal-Modalitajiet ta' Implimentazzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ddeċieda li jħejji opinjoni dwar

Prospettivi għall-ġejjieni ta' l-agrikoltura f'żoni bi żvantaġġi speċifiċi (reġjuni muntanjużi, insulari u ultraperiferiċi).

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għall-Agricoltura, l-Iżvilupp Rurali u l-Ambjent, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar is-27 ta' Novembru 2007. Ir-rapporteur kien is-Sur Bros.

Matul l-440 sessjoni plenarja tagħha li nżammet fit-12 u t-13 ta' Diċembru 2007 (seduta tat-12 ta' Diċembru), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-opinjoni b'127 vot favur, 1 kontra u 6 astensjonijiet.

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1 Nhar it-13 ta' Settembru 2006, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta opinjoni fuq inizjattiva proprja dwar is-suġġett *Prospettivi għall-ġejjieni ta' l-agrikoltura f'żoni bi żvantaġġi speċifiċi (reġjuni muntanjużi, insulari u ultraperiferiċi)* (1).

1.1.1 F'din l-opinjoni, il-KESE jiddedika kapitolu sħiħ, il-kapitolu 4, lill-problemi tar-reġjuni muntanjużi, u jenfazizza, fost affarijiet oħra, il-bżonn għal:

— politika speċifika ta' l-UE favur iż-żoni muntanjużi

— definizzjoni armonizzata fl-Unjoni Ewropea

— sistema li tiffavorixxi liż-żoni muntanjużi fl-allokazzjoni tal-kreditu taħt it-tieni pilastru

— konsolidazzjoni tal-miżuri dwar l-indennizzi għall-bdiewa stabbiliti fil-muntanju

— integrazzjoni tal-politiki agrikoli u reġjonali bil-għan li jitjieb l-effett fuq iż-żoni muntanjużi.

1.2 Nhar is-7 ta' Diċembru 2006, waqt sessjoni ta' djalogo politiku li temmet is-sessjoni plenarja tal-Kumitat tar-Reġjuni, José Manuel Barroso, il-President tal-Kummissjoni Ewropea, tkellem favur it-tħejjija ta' **Green Paper dwar il-ġejjieni tal-politiki favur iż-żoni muntanjużi.**

1.3 Għal din ir-raġuni, il-KESE kkunsidra li kien xieraq li titħejja opinjoni addizzjonali bil-għan li tkun tista' tittieħed pożizzjoni dwar it-fassil tal-Green Paper.

1.4 Fil-fatt, iċ-ċittadini kollha ta' l-Ewropa jibbenefikaw minn għadd kbir ta' prodotti pubbliċi u ekonomiċi u ta' servizzi pprovduti miż-żoni muntanjużi. Dawn jinkludu:

— it-tnaqqis tar-riskji naturali (benefiċċju kemm għan-nies li jgħixu fiż-żoni muntanjużi kif ukoll għall-abitanti l-oħra, per eżempju minħabba l-ħarsien tar-rotot tat-trasport),

— il-pajsaġġi għar-rikreazzjoni u t-turiżmu (essenzjali għaċ-ċittadini ta' kontinent urbanizzat u għall-kompetittività Ewropea),

— bijodiversità konsiderevoli,

— riżervi ta' ilma uniċi,

— prodotti ta' kwalità għolja, b'mod partikulari prodotti alimentari.

1.5 Mingħajr ġestjoni xierqa taż-żoni muntanjużi min-naħa tal-persuni li jgħixu fihom, il-produzzjoni ta' dawn il-prodotti u servizzi hija pperikolata.

1.6 Illum-il-ġurnata rridu naffaċċjaw sfidi ġodda importanti, kemm attwali kif ukoll futuri, bħat-tisħiħ tal-kompetittività ekonomika, it-transizzjoni demografika, il-bidla fil-klima, eċċ. Anke jekk dawn l-isfidi jikkonċernaw iż-żoni kollha, l-impatt tagħhom huwa ħafna iktar qawwi fiż-żoni muntanjużi u għalhekk jeħtieġ miżuri speċifiċi.

1.7 Ħafna mill-politiki applikati fiż-żoni muntanjużi huma settorjali u ta' sikwit jiġu adottati barra dawn iż-żoni mingħajr ma tingħata attenzjoni adegwata lill-ispeċifitajiet tagħhom. Il-politiki pubbliċi dwar iż-żoni muntanjużi għandhom it-tendenza li jitilfu l-użu speċifiku tagħhom, li jiġu applikati lil żoni oħrajn u li ma jagħtux biżżejjed attenzjoni lill-ispeċifitajiet ta' dawn iż-żoni. Fl-istess ħin, il-politiki pubbliċi Ewropej u nazzjonali qegħdin jiffokaw dejjem iktar fuq il-vantaġġi komparattivi taż-żoni li għandhom jiġu promossi jew żviluppati.

1.8 Minkejja l-importanza tagħhom fil-livell Ewropew, iż-żoni muntanjużi jbatu minn ċerta marġinalizzazzjoni fi ħdan il-politiki Ewropej u minn nuqqas ta' rikonoxximent tal-potenzjal konsiderevoli li dawn għandhom sabiex jagħtu kontribut lit-tkabbir u d-diversità ta' l-Ewropa, b'mod partikolari permezz ta' l-approċċi innovattivi tagħhom.

1.9 Għal din ir-raġuni, il-KESE jtkellem favur approċċ politiku li jkun ħafna iktar koerenti u integrat. Iż-żoni muntanjużi għandhom bżonn approċċ tansversali u territorjali għall-iżvilupp sostenibbli tagħhom.

(1) ĠU C 318, tat-23.12.2006, p. 93 (mhux disponibbli bil-Malti).

1.10 Green Paper Ewropea dwar il-ġejjieni tal-politika għaż-żoni muntanjużi toffri l-opportunità li jiġu rrazzjonalizzati u kkonsolidati l-politiki u l-inizjattivi eżistenti fil-livell Ewropew sabiex dawn ikunu iktar effikaċi fil-kuntest speċifiku taż-żoni muntanjużi. Dan huwa partikolarment rilevanti għall-agrikoltura taż-żoni muntanjużi, hekk kif tindika din l-opinjoni. Fil-fatt, fil-biċċa l-kbira tar-reġjuni muntanjużi Ewropej, l-agrikoltura hija l-bażi li fuqha jiġu żviluppata l-attivitajiet soċjo-ekonomiċi, agri-industrijali, turistiċi, eċċ. u li tiddetermina kemm reġjun ikun attraenti. Għalhekk, il-politika agrikola komuni għandha rwol ewlieni x'taqdi u għandha tkun integrata fl-analiżi tal-politiki Ewropej fiż-żoni muntanjużi hekk kif titlob il-Green Paper.

1.11 Għaldaqstant, il-KESE jitlob li l-Green Paper dwar il-ġejjieni tal-politika għaż-żoni muntanjużi tiġi inkluża kemm jista' jkun malajr fil-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni Ewropea sabiex jiġu identifikati s-suġġetti ta' importanza strateġika għaż-żoni muntanjużi fl-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea, jiġu ċċarati l-oġettivi individwali tad-diversi livelli ta' awtorità u setturi ta' l-ekonomija kif ukoll il-kooperazzjoni bejniethom, tiġi kkon-solidata d-data statistika speċifika li fuqha jkunu bbażati l-politiki għal dawn iż-żoni, jiġu studjati l-miżuri ta' għajnunha u appoġġ li għandhom jiġu stabbiliti f'dawn iż-żoni fid-dawl ta' l-oġettivi strateġiċi definiti mill-Unjoni Ewropea u jiġu ssuġġeriti

Brussell, it-12 ta' Diċembru 2007.

passi 'l quddiem għall-progress tal-politiki pubbliċi Ewropej u nazzjonali.

1.12 Billi tiffaċilita l-użu tal-vantaġġi komparattivi taż-żoni muntanjużi, il-**Green Paper dwar il-ġejjieni tal-politika għaż-żoni muntanjużi** ser issib postha fi ħdan l-Istrateġija mġedda ta' Lisbona u l-Istrateġija ta' Gothenburg. B'hekk ser tikkontribwixxi għall-oġettiv ta' tkabbir u xogħol u tgħin lill-Unjoni Ewropea ssir ekonomija ta' l-għarfien iktar kompetittiva fil-livell dinji fis-snin li ġejjin. Iż-żoni muntanjużi għandhom kontribut sinifikattiv x'jagħtu lill-Ewropa kollha kemm hi u huwa xieraq li l-potenzjal ta' innovazzjoni u tkabbir tagħhom jintuża bl-iktar mod adattat.

1.13 Is-Sinjura Danuta Hübner, membru tal-Kummissjoni inkarigata mill-politika reġjonali waqt is-sessjoni plenarja tal-KESE tal-11 u t-12 ta' Lulju 2007 semmiet l-"aġenda territorjali ta' l-UE" u ħabbret rapport dwar il-koeżjoni territorjali fl-2008 li ser janalizza l-impatt ta' l-isfidi l-kbar tal-ġejjieni fuq it-territorji u l-mezzi sabiex dawn jiġu indirizzati. Il-KESE jitlob li l-ispeċifitàjiet territorjali tar-reġjuni muntanjużi, kif ukoll dawk tar-reġjuni insulari u ultraperiferiċi, jiġu kkunsidrati b'mod adegwat fid-definizzjoni attwali tal-politika ta' koeżjoni ta' l-Unjoni Ewropea u t-tħejija ta' l-Aġenda Territorjali.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Dimitris DIMITRIADIS

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 998/2003 dwar il-kundizzjonijiet sanitarji ta' l-annimali li huma applikabbli għall-movimenti mhux kummerċjali ta' l-annimali domestiċi fir-rigward ta' l-estensjoni tal-perjodu ta' transizzjoni.

COM(2007) 572 finali — 2007/0202 (COD)

(2008/C 120/12)

Nhar it-23 ta' Ottubbru 2007, il-Kunsill iddeċieda, b'konformità ma' l-Artikoli 37 u 152(4) tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, li jikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 998/2003 dwar il-kundizzjonijiet sanitarji ta' l-annimali li huma applikabbli għall-movimenti mhux kummerċjali ta' l-annimali domestiċi fir-rigward ta' l-estensjoni tal-perjodu ta' transizzjoni

Billi l-Kumitat jikkunsidra li l-kontenut tal-proposta huwa kompletament sodisfaċenti u li barra minn hekk diġà ta' fehmte fl-opinjoni tiegħu CESE 1411/2000, adottata fid-29 ta' Novembru 2000 ⁽¹⁾, iddeċieda, matul l-440 sessjoni plenarja tiegħu tat-12 u t-13 ta' Diċembru 2007 (seduta tat-12 ta' Diċembru), b'131 vot favur, u 4 astensjonijiet, li jagħti opinjoni favorevoli għat-test propost u li jagħmel referenza għall-pożizzjoni li ħa fid-dokument imsemmi.

Brussell, it-12 ta' Diċembru 2007.

Il-President

Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Dimitris DIMITRIADIS

(¹) ĠUC 116, 20.4.2001, p. 54-56.

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

- **il-Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 76/768/KEE, 88/378/KEE, 1999/13/KE u d-Direttivi 2000/53/KE, 2002/96/KE u 2004/42/KE sabiex tadattahom għar-Regolament (KE) ... dwar il-Klassifikar, it-Tikkettar u l-Ippakkjar ta' Sustanzi u Taħlitiet, u li temenda d-Direttiva 67/548/KEE u r-Regolament (KE) Nru 1907/2006**
- **u dwar il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda r-Regolament (KE) Nru 648/2004 sabiex tadattaha għar-Regolament (KE) Nru ... dwar il-Klassifikar, it-Tikkettar u l-Ippakkjar ta' Sustanzi u Taħlitiet, u li temenda d-Direttiva 67/548/KEE u r-Regolament (KE) Nru 1907/2006**

COM(2007) 611 finali — 2007/0212 (COD)

COM (2007) 613 finali — 2007/0213 (COD)

(2008/C 120/13)

Nhar it-13 ta' Novembru 2007, il-Kunsill iddeċieda, b'konformità ma' l-Artikolu 95 tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, li jikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

Il-proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 76/768/KEE, 88/378/KEE, 1999/13/KE u d-Direttivi 2000/53/KE, 2002/96/KE u 2004/42/KE sabiex tadattahom għar-Regolament (KE) ... dwar il-klassifikar, it-tikkettar u l-ippakkjar ta' sustanzi u taħlitiet, u li temenda d-Direttiva 67/548/KEE u r-Regolament (KE) Nru 1907/2006

u dwar Il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttivi tal-Kunsill li temenda r-Regolament (KE) Nru 648/2004 sabiex tadattaha għar-Regolament (KE) Nru ... dwar il-klassifikar, it-tikkettar u l-ippakkjar ta' sustanzi u taħlitiet, u li temenda d-Direttiva 67/548/KEE u r-Regolament (KE) Nru 1907/2006.

Il-KESE japprova l-kontenut ta' dawn il-proposti u huwa tal-fehma li ma jirrikjedu l-ebda kumment min-naħa tiegħu.

Matul l-440 sessjoni plenarja tiegħu li nżammet nhar it-12 u t-13 ta' Diċembru 2007 (seduta tat-12 ta' Diċembru), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, b'139 vot u 3 astensjonijiet, iddeċieda li jagħti opinjoni favorevoli għall-proposti.

Il-Kumitat ser jippreżenta l-fehmiet tiegħu fuq il-kontenut tal-proposta tal-Kummissjoni dwar il-klassifikar, it-tikkettar u l-ippakkjar ta' sustanzi u taħlitiet ⁽¹⁾ f'opinjoni ⁽²⁾ li qed titħejja bħalissa u li hi pjanata għal adożjoni fis-Sessjoni Plenarja tal-Kumitat f'Marzu 2008.

Brussell, it-12 ta' Diċembru 2007.

Il-President

Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Dimitris DIMITRIADIS

⁽¹⁾ Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-klassifikar, it-tikkettar u l-ippakkjar ta' sustanzi u taħlitiet, u li temenda d-Direttiva 67/548/KEE u r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 — COM (2007) 355 finali.

⁽²⁾ NAT/367 — Rapporteur: is-Sur Sears.

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar L-impatt tat-territorjalità tal-liġi fiskali fuq il-bidliet industrijali

(2008/C 120/14)

Nhar is-16 ta' Frar 2007, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, b'konformità ma' l-Artikolu 29(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu, iddeċieda li jfassal opinjoni dwar:

L-impatt tat-territorjalità tal-liġi fiskali fuq il-bidliet industrijali.

Il-Kummissjoni Konsultattiva dwar il-Bidliet Industrijali, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar dan is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar it-13 ta' Novembru 2007. Ir-rapporteur kien is-Sur Scha-deck, filwaqt li l-ko-rapporteur kien is-Sur Gay.

Matul l-440 sessjoni plenarja tiegħu li nżammet fit-12 u t-13 ta' Diċembru 2007 (seduta tat-13 ta' Diċembru), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-Opinjoni b'102 voti favur, 7 voti kontra u 6 astensjonijiet.

Taqsimha 1 — Konklużjonijiet u Rakkomandazzjonijiet

A. L-ekonomija Ewropea hija integrata bil-kbir fl-ekonomija dinjija. Il-livell ta' integrazzjoni jvarja minn settur għall-ieħor; huwa partikularment għoli fil-każ ta' l-attivitajiet industrijali li huma l-aktar miftuħa għall-globalizzazzjoni. B'konsegwenza ta' dan, il-politika ekonomika u l-politika fiskali ta' l-Unjoni Ewropea (UE) għandhom ukoll ikunu definiti b'rabta mal-bidliet dinjija. Minkejja li din l-opinjoni tiffoka fuq l-impatt tat-territorjalità tal-liġi fiskali fuq il-bidliet industrijali fl-UE, l-Unjoni ma għandhiex titqies fiżolament mill-bqija tad-dinja.

B. L-UE u kull wieħed mill-Istati Membri tagħha huma responsabbli għall-ġestjoni tal-politiki ekonomiċi, finanzjarji, soċjali u ambjentali, li għandhom rekwiżiti tagħhom imorru lil hinn mid-dinamika tas-suq. Għaldaqstant huwa importanti li nieħdu ħsieb li t-territorjalità tal-liġi fiskali jkollha impatt pożittiv fuq il-bidliet industrijali fuq livell Ewropew; dawn naturalment iridu jwieġbu għad-dinamika tas-suq iżda wkoll jibbenefikaw mill-qafas usa' tal-politiki msemmija hawn fuq. In-natura nnifisha tal-proċess ta' Lisbona tiddependi minn bilanċ bejn il-komponenti varji (il-kompetittività, id-dimensjoni soċjali, il-ħarsien ta' l-ambjent), bilanċ li ta' min jieħu ħsiebu, inkluż fil-kuntest tal-kompetizzjoni fiskali bejn l-Istati Membri (*).

C. Il-Kumitat jinnota li l-kompetizzjoni fiskali hija waħda mir-realtajiet tas-suq intern li tista' twassal għall-ħolqien ta' distorsjonijiet tal-kompetizzjoni. Din il-kompetizzjoni għib magħha l-ħtieġa ta' regoli dwar it-trasparenza u l-identifikazzjoni ta' abbużi u Prattiki li jkunu ta' ħsara (²) u teħtieġ ukoll indikaturi li jservu ta' punt ta' referenza adattat għall-evalwazzjoni tal-qagħda

(*) Il-kompetizzjoni fiskali teżisti fejn id-deċizzjonijiet meħuda minn gvern (nazzjonali, reġjonali, jew lokali) jolqtu direttament il-kapaċitajiet ta' gvernijiet oħra u fejn il-mekkaniżmi tas-suq m'humiex biżżejjed sabiex jikkontrollaw din l-interazzjoni. (Sors: OECD); għal aktar dettalji, ara l-Appendiċi 1.

(²) Il-miżuri ta' taxxa li jkunu ta' ħsara huma definiti b'mod wiesa' fil-Kodiċi tal-Kondotta għat-tassazzjoni tal-kumpaniji bħala dawk li jolqtu, jew jistgħu jolqtu, b'mod sinifikattiv il-lok tal-kumpaniji fil-Komunità. Imbagħad, il-Kodiċi tiddefinixxi bħala potenzjalment ta' ħsara dawk il-miżuri li jipprovdu għal livell effettiv ta' tassazzjoni li jkun aktar baxx b'mod sinifikattiv, inkluża t-taxxa b'rata żero, mil-livelli ġeneralment applikabbli fl-Istat Membru kkonċernat. (Ara http://ec.europa.eu/taxation_customs/taxation/company_tax/harmful_tax_practices/index_en.htm). GÜ C 93, 27.4.2007.

tal-kompetizzjoni fiskali. Madankollu, il-KESE josserva li t-tassazzjoni m'hijiex fattur determinanti meta l-SMEs jieħdu deċizzjonijiet marbutin ma' l-investment. Ir-rwol tagħha huwa ferm iktar importanti fil-kumpaniji multinazzjonali, li huma iktar mobbli.

D. Il-kompetizzjoni fiskali ma toqotx biss it-tassazzjoni tal-kumpaniji. Flimkien mal-mobilità ta' l-assi finanzjarji, din il-kompetizzjoni toqot ukoll id-dħul mill-investment personali u t-tassazzjoni fuq il-kapital.

E. Il-Kumitat huwa tal-fehma li l-koordinazzjoni tad-dispożizzjonijiet fiskali bejn il-gvernijiet varji tista' sservi ta' lieva sabiex jissaħħaħ it-tħaddim tas-suq intern, billi jitneħħew l-elementi li ma jaħdmux tajjeb u l-ispejjeż tal-konformità fuq il-livell fiskali, partikularment fir-reġjuni konfinali. Il-KESE jsostni mill-ġdid ir-rakkomandazzjonijiet li għamel fl-opinjoni reċenti tiegħu dwar Fiscalis 2013 (³).

F. Fil-fehma tal-KESE, in-nuqqas ta' koordinazzjoni bejn is-sistemi nazzjonali tat-taxxa diretta ta' l-Istati Membri qiegħda twassal għal non-tassazzjoni (⁴), abbużi u distorsjonijiet oħra fit-tħaddim tas-suq intern. Din il-qagħda tista' twassal ukoll sabiex id-dħul globali mit-taxxi fl-UE jiġi destabilizzat, jew saħansitra jitnaqqar.

G. Il-kompetizzjoni fiskali bla limiti bejn l-Istati Membri ta' l-UE għib magħha r-riskju, minn naħa waħda, li l-persuni l-inqas mobbli li jħallu t-taxxa — bħalma huma n-negozji ż-żgħar u s-servizzi li ma jistgħux jirrilokaw — jiddaħħlu f'bażi tat-taxxa

(³) In-non-tassazzjoni doppja tista' tirriżulta minn nuqqas ta' qbil bejn is-sistemi fiskali nazzjonali, "pereżempju, bejn kif Stati Membri differenti jikkwalifikaw id-dejn u l-ekwiż. Stat Membru partikulari jista' jikkunsidra tranżazzjoni bħala kontribut ta' ekwiż, iktar milli self, u għalhekk ma jitrattax id-dħul mill-kapital bħala taxxabli, filwaqt li Stat Membru ieħor jista' jitratta s-self bħala dejn u jħalli l-interessi li jkunu tħallsu bħala tnaqqis għall-kumpanija li qed tħallas l-interessi. Dan jista' jirriżulta f'deduzzjoni fi Stat Membru wieħed u nuqqas ta' tassazzjoni korrispondenti fi Stat Membru ieħor. Qasam ieħor jikkonċerna l-użu ta' entitajiet ibridi, i.e. entitajiet li jitqiesu bħala entità korporattiva (mhux trasparenti) minn Stat Membru wieħed u bħala entità mhux korporattiva (trasparenti) minn Stat Membru ieħor; din id-differenza ta' kwalifika mill-Istati Membri tista' twassal għal eżenzjonijiet doppji jew deduzzjonijiet doppji" (COMM(2006) 823 finali, p. 8).

(⁴) Opinjoni dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar il-ħtieġa li tiġi żviluppata strateġija koordinata għat-tisħiħ tal-ġlieda kontra l-frodi fiskali (GÜ C 161, 13.7.2007, p. 8, mhux disponibbli bil-Malti).

aktar dejqa, u min-naħa l-oħra, li twassal għat-tqassim mill-ġdid tal-piż fiskali bejn min iħallas it-taxxa u l-konsumaturi sabiex jiġu koperti l-infiq pubbliku u t-trasferimenti soċjali. Il-punt ta' l-aħħar jista' jkun ta' ħsara għall-koeżjoni soċjali.

H. L-SMEs u l-kumpaniji tas-servizzi huma l-anqas attrezzati sabiex jibbenefikaw mill-kompetizzjoni fiskali. Il-Kumitat jissuġġerixxi li jitnedew servizzi ta' appoġġ u programmi ta' taħriġ għall-persunal maniġerjali ta' dawn il-kumpaniji (bħall-uffiċjali ta' l-amministrazzjonijiet pubbliċi) u wkoll li jitħejjew bażijiet tad-data adattati, b'mod partikulari fir-reġjuni konfinali u periferiċi ta' l-UE, sabiex jgħinu lil dawn il-kumpaniji fil-proċeduri meħtieġa għat-tkabbir tagħhom fuq livell internazzjonali.

I. Il-Kumitat jidher li l-għieda kontra l-frodi fiskali għandha tkun prijorità u jiġbed l-attenzjoni lejn il-konklużjonijiet ta' l-opinjoni reċenti tiegħu dwar is-suġġett ⁽⁵⁾.

J. It-trasferiment tal-piż tat-taxxa għal fuq il-fatturi tal-produzzjoni l-anqas mobbli jista' jwassal lin-negożji kkonċernati u l-impjegji tagħhom sabiex ikunu anqas kompetittivi fil-konfront tal-kompetituri barranin tagħhom. Dan it-trasferiment tal-piż ikun ta' ħsara għar-rata tat-tkabbir tal-PGD nazzjonali u, fin-nuqqas ta' riżorsi baġitarji ġodda, dan jista' jwassal għal tnaqqis fil-kapaċità ta' l-investiment pubbliku.

K. Il-kompetizzjoni fiskali twassal sabiex kull Stat Membru jtejjeb il-kontroll tiegħu fuq l-infiq pubbliku. Il-Kumitat jitlob li dan ma jsirx għad-detriment tal-firxa tas-servizzi pubbliċi u lanqas tal-kwalità tagħhom. Dawn is-servizzi huma essenzjali sabiex iżommu u jattiraw attivitajiet ekonomiċi li jgħid u l-impjegji u, fl-aħħar mill-aħħar, iwasslu għal żjieda fil-bażi fiskali. Il-kompetizzjoni fiskali m'għandhiex tkun ta' preġudizzju għall-kopertura jew il-finanzjar kollettiv tal-protezzjoni soċjali

L. Il-Kumitat jappoġġja l-impenn ta' l-Istati Membri li, sa mhux aktar tard mill-2010, jeliminaw il-kompetizzjoni fiskali ta' ħsara u għadd ta' miżuri fiskali ta' ħsara, bħalma jidher fil-Kodiċi tal-Kondotta li għet adottata fl-1997 ⁽⁶⁾. Isejjaħ ukoll lill-Kummissjoni sabiex, f'dan ir-rigward, tissokta fil-ħidma li bdiet fl-1997.

M. Il-Kumitat jappoġġja wkoll il-politika tal-Kummissjoni li għandha l-mira li tassigura li l-għajna mill-Istat, inklużi l-benefiċċji fiskali mogħtija b'mod selettiv lin-negożji, isservi sabiex jintlaħqu għanijiet sostenibbli ta' bidliet industrijali u ta' żvilupp reġjonali, filwaqt li tibqa' kompatibbli mal-politika tal-kompetizzjoni fi ħdan l-UE.

N. Il-Kumitat isejjaħ għall-introduzzjoni ta' bażi fiskali korporattiva komuni u konsolidata (CCCTB) ⁽⁷⁾, bil-għan li l-prattiki fiskali fl-Istati Membri kollha jsiru aktar sempliċi, ekwi u trasparenti. Dan għandu jwassal sabiex jinkiseb l-akbar benefiċċju possibbli mis-suq intern, filwaqt li jħares is-sovranieta' finanzjarja u fiskali ta' l-Istati Membri u jipproteġihom minn kunflitti potenzjali mad-dispożizzjonijiet tat-Trattat. Ġaladarba s-CCCTB x'aktarx

⁽⁵⁾ Dan id-dokument huwa aċċessibbli hawnhekk:

⁽⁶⁾ http://ec.europa.eu/taxation_customs/taxation/company_tax/harmful_tax_practices/index_en.htm#code_conduct. Ara wkoll l-Appendiċi 4.

⁽⁷⁾ Ara l-Komunikazzjoni riċenti mill-Kummissjoni dwar *L-implimentazzjoni tal-Programm Komunitarju għat-tisħiħ tat-tkabbir u l-impjegji u għat-titjib tal-kompetittività tan-negożju UE: Aktar Progress matul l-2006 u l-passi li jmiss lejn propożta għal Bażi Fiskali Korporattiva Komuni u Konsolidata (CCCTB) (COM(2007) 223 finali, 2.5.2007).*

li tiddaħħal fuq il-bażi ta' kooperazzjoni msaħħa, il-KESE jittama li jadottawha l-ikbar għadd possibbli ta' Stati Membri.

O. Il-Kumitat isejjaħ għal aktar tagħrif dwar il-kontenut, il-proċeduri u l-iżvilupp tal-proġett tas-CCCTB qabel ma jaġġorna l-opinjoni tiegħu dwar din il-kwistjoni strateġika kumplessa, fil-waqt li għalissa jirreferi għall-opinjoni esploratorja tiegħu ta' l-2006, imfassla fuq talba tal-Kummissarju Kovács ⁽⁸⁾.

P. Madankollu, il-Kumitat iqajjem għadd ta' punti ta' riflessjoni u ta' mistoqsijiet rigward is-CCCTB. Jidher li dan il-proġett fakultattiv għandu jiġi adottat mill-ikbar għadd possibbli ta' Stati Membri (ukoll jekk dan jeħtieġ li jittieħdu miżuri transitorji) u li l-Istati Membri għandhom jispiċċaw japplikaw sistema waħda ta' bażi fiskali għall-persuni kollha li jħallsu t-taxxa, wara perijodu ta' koeżistenza. Barra minn hekk, ta' min jeżamina wkoll jekk il-bażi komuni applikata lill-kumpaniji li joperaw fis-swieq esterni għandhiex tingħata f'idejn awtorità transnazzjonali. Fl-aħħarnett, ta' min jistħarreġ l-effetti ta' din il-bażi fiskali fuq ir-rati ta' taxxa, billi l-firxa tagħhom għandha mnejn tikber. F'dak il-każ, tista' tiġi stabbilita rata minima li tkun kemm kemm aktar baxxa mir-rata medja ta' l-Istati Membri l-ġodda.

Q. Il-KESE jirrakkomanda li l-Kummissjoni ssaħħa il-moni-toraġġ tagħha ta' Prattiki fiskali f'ċerti rifugi fiskali li jippruvaw jieħdu mid-dħul taxxabli tas-sistemi fiskali ta' l-Istati Membri.

Taqsim 2 — Sfond

1. Suġġett ta' l-opinjoni

1.1 It-tassazzjoni (il-livell tal-piż tat-taxxa u l-ammonti tat-taxxa miġbura) spiss tisemma bħala wieħed mill-kriterji għall-valutazzjoni ta' kemm żona tkun attraenti għall-attività industrijali, finanzjarja u kummerċjali. Madankollu, ma hemm l-ebda qbil dwar il-piż relattiv ta' dan il-kriterju meta mqabbel ma' oħrajn, bħalma huma l-qrubija tas-swieq, l-ispejjeż tal-produzzjoni, id-disponibbiltà ta' persunal ikkwalfikat, l-infrastruttura u l-faċilitajiet pubbliċi, il-fondi pubbliċi, eċċ.

1.2 Is-sistemi fiskali huma kumplessi u m'huwiex faċli li wieħed iqabbilhom bejniethom. Madankollu, huwa essenzjali li jit-qies jekk l-inċentivi fiskali ta' l-awtoritajiet diversi jilhqax l-għanijiet li jkun fasslu, li jiġi evalwat l-impatt li jista' jkollha kwalunkwe deċiżjoni li għandha l-mira li tiffavorixxi bidliet industrijali pożittivi fit-territorju tagħhom u li dawn jiġu relatati ma' l-ispiża stmata.

1.3 L-għan ta' din l-opinjoni huwa li tipprovdi linji gwida għall-antiċipar u l-ġestjoni tal-bidliet industrijali, l-isforz sostnut sabiex tintlaħaq kompetittività Ewropea dejjem akbar — skond il-miri ta' Lisbona — u l-ħolqien ta' suq intern ġenwin, b'kompetizzjoni b'saħħitha u mingħajr distorsjonijiet, jew għall-anqas aċċettabbli (kompatibbli mar-regoli tas-suq intern).

⁽⁸⁾ ĠU C 88, 11.4.2006.

2. Il-kompetizzjoni fiskali u l-mobilità tal-fatturi ekonomiċi

2.1 Din il-mobilità qiegħda tiżdied fi ħdan l-UE għar-raġunijiet li ġejjin:

- il-kumpaniji l-kbar iqisu s-suq intern ta' l-UE bħala suq uniku, is-suq domestiku tagħhom;
- il-kummerċ elettroniku ma jagħraf l-ebda fruntiera nazzjonali;
- kulma jmur, il-fatturi tal-produzzjoni u tad-distribuzzjoni qegħdin jifframentaw il-ktajjen tal-valur tagħhom u l-komponenti tagħhom qegħdin isiru aktar mobbli ⁽⁹⁾;
- it-titjib fl-infrastruttura tat-trasport u t-tnaqqis fl-ispejjeż bħala riżultat tar-ristrutturar tat-trasport tal-merkanzija jħeġġu l-kumpaniji u s-sussidjarji tagħhom jinfirxu ġeografikament;
- it-tendenza ta' l-għaqda u l-akkwist internazzjonali ta' kumpaniji qiegħda tiżdied;
- it-ktabbir ta' l-UE ukoll qiegħed jgħin ikattar il-mobilità ta' l-investimenti ekonomiċi, tan-nies u tal-kapital;
- il-livelli ta' għarfien kemm ġenerali kif ukoll lingwistiku qegħdin jogħlew u b'hekk jikkontribwixxu għal aktar mobilità tal-persuni.

2.2 Kull Stat Membru juża l-aspetti kollha, kemm speċifiċi kif ukoll strutturali, tas-sistema fiskali tiegħu sabiex jattira l-investiment u l-attività ekonomika lejn pajjiżu u b'hekk isaħħaħ il-potenzjal tiegħu għall-impjegi u l-bażi fiskali.

Min-naħa tagħhom, il-persuni li jħallsu t-taxxa (kemm il-kumpaniji kif ukoll l-individwi) jixħtu ħarsithom lil hinn minn pajjiżhom sabiex itejbu kemm jistgħu l-qagħda finanzjarja tagħhom. Il-kontribuzzjonijiet fiskali huma bilfors wieħed mill-fatturi strateġiċi, għadarba huma soġġetti għal diverġenzi fis-sistemi fiskali nazzjonali.

2.3 Kompetizzjoni fiskali ta' dan it-tip immirata sabiex tattira l-investimenti teżisti wkoll fi ħdan kull Stat.

2.4 M'huwiex faċli li wieħed ikejjel is-saħħa u l-impatt effettiv tagħha fuq il-mobilità tal-fatturi tal-produzzjoni u l-kapital. Fil-waqt li saru bosta studji, ma kien hemm l-ebda qbil dwar il-konklużjonijiet tagħhom, għajr li t-taxxa hija fattur fid-determinazzjoni ta' fejn imur l-investment mobbli. Dan il-punt ser jiġi trattat fid-dettall aktar 'il quddiem.

2.5 Bit-ktabbir ta' l-UE minn 15-il Stat Membru għal 27, ma hemm l-ebda dubju li kibret id-diversità fi ħdanha. Kull Stat Membru ġdid huwa kkaratterizzat mill-kuntest ġeografiku, storiku, kulturali, soċjali, politiku u ekonomiku speċifiku tiegħu u jgħib miegħu n-nisġa industrijali speċifika tiegħu, kif ukoll il-liġijiet fiskali partikulari tiegħu.

3. L-impatt tat-tassazzjoni fuq il-bidliet industrijali

a) It-tassazzjoni fuq l-impjeg u l-kapital

3.1 Fl-UE kollha kemm hi, id-dħul totali mit-taxxi u s-sigurtà soċjali jammonta għal medja ta' madwar 39 % tal-PGD ta' l-UE, u jista' jiġi analizzat kif ġej ⁽¹⁰⁾:

Taxxa korporattiva	10 %
Taxxa fuq id-dħul	25 %
Kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali	26 %
Tassazzjoni indiretta	30 %
Taxxi oħra	9 %
TOTAL tad-dħul mit-taxxi u s-sigurtà soċjali	100 %

3.2 It-tassazzjoni indiretta hija essenzjalment magħmula mit-taxxi fuq il-konsum, b'mod partikulari t-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT), li hija armonizzata fuq il-livell ta' l-UE, kif ukoll ċerti taxxi u dazji imposti fuq prodotti u servizzi speċifiċi, li huma parzjalment armonizzati fuq il-livell ta' l-UE, bħad-dazju tas-sisa. Għadarba t-tassazzjoni indiretta għandha biss rwol sekondarju fil-kwistjoni ta' l-għażla tal-lok ta' industrija, din l-opinjoni primarjament tiffoka fuq it-tassazzjoni fuq l-impjeg (punt 3.2.1) u fuq it-tassazzjoni tal-kapital investit min-negozji (punt 3.2.2).

3.2.1 **It-taxxa fuq id-dħul ta' l-impjegati u l-kontribuzzjonijiet kollha tas-sigurtà soċjali** jikkorrispondu għal madwar nofs id-dħul mit-taxxi u imposti oħra. Minħabba li din it-tassazzjoni hija bbażata direttament fuq l-impjeg, huwa ċar li żżid l-ispejjeż relatati mal-pagi tal-ħaddiema. Għadarba l-ispiża tax-xogħol hija fattur finanzjarju kruċjali għall-industrija, it-taxxi u l-imposti l-oħra — inkluża s-sigurtà soċjali — fuq id-dħul ta' l-impjegati jista' jkollhom impatt dirett u indirett fuq il-kompetittività ta' l-industrija ta' l-UE. Dan l-impatt huwa dirett meta l-awtoritajiet pubbliċi jiġbru mingħand il-kumpaniji t-taxxi u l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali ta' l-impjegati. Meta t-taxxi u l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali jitnaqqsu mid-dħul ta' l-impjegati, dan l-ewwelnett inaqqas id-dħul nett ta' l-impjegati u wara jista' jolqot indirettament in-negozjar tas-salarju gross, jew saħansitra joħloq migrazzjoni lejn reġjuni oħrajn u jskoraġġixxi l-iżvilupp ta' attivitajiet li ma jinvolvux manifattura b'pagi baxxi.

3.2.1.1 Spejjeż ogħla tax-xogħol naturalment iwasslu lill-kumpaniji sabiex jgħollu l-produttività tax-xogħol billi jkabbru s-sehem ta' l-investment tal-kapital. Dan jidher b'mod partikulari f'dawk l-Istati Membri bl-ogħla spejjeż tax-xogħol. Min-naħa l-oħra, l-ispejjeż relattivi tax-xogħol huma varjabbli (fost oħrajn) li lill-kumpaniji jimmotivahom sabiex iqiegħdu l-operazzjonijiet tagħhom b'użu intensiv tax-xogħol fl-Istati Membri bl-inqas spiża tax-xogħol. Għadarba t-taxxi u l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali għandhom it-tendenza li jkunu ogħla fi Stati Membri b'salarji li jaqbżu l-medja ta' l-UE (inklużi l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali u t-taxxi ta' min iħaddem), il-piż fiskali fuq ix-xogħol ikabbar id-diverġenza fl-ispiża tax-xogħol, u b'hekk imexxi l-ħolqien ta' l-impjegati lejn l-Istati Membri bi struttura ta' spejjeż aktar kompetittiva.

⁽⁹⁾ Ara l-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar *L-iżvilupp tal-katina tal-valur u tal-provvista f'kuntest globali u Ewropew* (CCMI/037 — ĠU C 168, 20.7.2007, p. 1).

⁽¹⁰⁾ Sors: OECD, *Revenue Statistics 1965-2004: 2006 Edition*. Id-data tirreferi għall-UE-15.

3.2.1.2 Mill-perspettiva tal-konsumatur, il-prezz tal-bejgħ tal-prodotti manufatturati huwa influwenzat biċ-ċar mill-fatturi kollha ta' l-ispejjeż, inkluża t-tassazzjoni. It-taxxi indiretti huma imposti fuq il-prodott fil-waqt tal-bejgħ lill-konsumatur u huma newtrali. Il-VAT hija imposta bl-istess rata fl-Istat Membru tal-konsumatur, sew jekk il-prodott ikun manufatturat f'kumpanija f'dak il-pajjiż, fi Stat Membru ieħor jew inkella barra mill-UE. Min-naħa l-oħra, it-taxxi imposti fl-UE fl-istadji differenti tal-produzzjoni, partikularment il-piż fiskali u l-imposti għall-ispejjeż tax-xogħol, huma imposti purament nazzjonali li jolqtu l-prodotti fil-post tal-produzzjoni tagħhom. Minn dan joħroġ li l-konsumaturi jistgħu jagħżlu bejn prodotti soġġetti għal livelli differenti ta' tassazzjoni, skond il-pajjiż tal-produzzjoni. Barra minn hekk, anke li kieku t-taxxi tax-xogħol u l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali kellhom ikunu armonizzati fl-UE, il-konsumatur xorta tibqagħlu l-għażla bejn prodotti maħduma fl-UE, li jkunu soġġetti għal piż fiskali x'aktarx tqil, u prodotti deħlin minn barra l-UE, soġġetti għal taxxi u imposti differenti jew saħansitra ħafna aktar baxxi. Għaldaqstant huwa importanti li mhux biss nikkoordinaw l-istrutturi tat-taxxi tax-xogħol u l-kontribuzzjonijiet soċjali fl-Unjoni, imma wkoll li fl-analiżi ninkorporaw aspetti marbutin mal-kummerċ bejn l-UE u l-bqija tad-dinja.

3.2.1.3 Il-KESE jirakkomanda li l-Kummissjoni ssaħħaħ il-monitoraġġ tagħha tal-prattiki ta' tassazzjoni f'ċerti rifuġji fiskali li jippruvaw jieħdu mid-dħul taxxabbli tas-sistemi fiskali ta' l-Istati Membri.

3.2.2 **It-tassazzjoni fuq il-kapital** primarjament tikkonċerna lill-kumpaniji nfušhom, imma wkoll lill-investituri, jew speċifikament lill-azzjonisti.

3.2.2.1 It-taxxa korporattiva tiġi imposta flivelli nominali ⁽¹¹⁾ li jvarjaw sostanzjalment bejn l-Istati Membri (ara t-tabella fl-Appendiċi 2). Il-Belġju, il-Ġermanja, Spanja u Malta għandhom rati ta' bejn 34 u 38 %, filwaqt li Ċipru, l-Irlanda, il-Litwanja u l-Latvja għandhom rati ta' bejn 10 u 15 %.

Ġeneralment, l-Istati Membri l-ġodda għandhom rati tat-taxxa korporattiva ħafna aktar baxxi minn dawk ta' l-Istati Membri l-antiki: il-medja għall-UE-15 hija ta' 29,5 %, filwaqt li dik ta' l-UE-10 hija ta' 20,3 % ⁽¹²⁾.

3.2.2.2 Madankollu, ir-rati nominali ma jagħtux stampa sħiħa tat-taxxi imposti. Filfatt, il-piż fiskali effettiv għandu jikkunsidra

⁽¹¹⁾ *Ir-rata statutarja tat-taxxa* hija r-rata imposta legalment.

Ir-rata effettiva tat-taxxa hija d-diviżjoni ta' l-ammont ta' taxxa li jitħallas minn individwu jew kumpanija wara jiġu inklużi l-kumpensi fiskali u l-pagamenti l-oħra mill-gvern, bid-dħul totali jew bid-dħul taxxabbli ta' l-individwu jew il-kumpanija.

Ir-rati impliċiti tat-taxxa huma definiti għal kull funzjoni ekonomika. Dawn jiġu kkalkolati bħala proporzjon bejn id-dħul totali mit-taxxa tal-kategorija (konsum, xogħol u kapital) u stima tal-bażi fiskali potenzjali definita skond il-kontijiet tal-produzzjoni u d-dħul tal-kontijiet nazzjonali.

Ir-rata impliċita globali tat-taxxa fuq il-kapital tiġi kkalkolata bħala proporzjon bejn id-dħul mit-taxxi kollha fuq il-kapital u (fil-prinċipju) id-dħul taxxabbli potenzjali kollu mill-kapital u l-kumpaniji fl-ekonomija. L-għan huwa li turrappreżenta l-piż fiskali medju li jaqa' fuq id-dħul mill-kapital.

(Sors tad-definizzjonijiet imsemmija hawn fuq: Il-Kummissjoni Ewropea, DG TAXUD — Ara *Structures of the taxation systems in the EU, 1995-2004*).

Tabelli komparattivi għar-rati nominali u impliċiti fuq il-kapital fl-UE jinsabu f'Appendiċi 2 u 3. Ma jistgħux jiġu inklużi tabelli ekwivalenti għar-rati effettivi billi jeżistu metodi differenti għall-kalkolu tagħhom.

⁽¹²⁾ Sors: Il-Kummissjoni Ewropea, *Structures of the taxation system in the European Union: 1995-2004 (Strutturi tas-sistema fiskali fl-Unjoni Ewropea: 1995-2004)*, p. 83 (dok. TAXUD E4/2006/DOC/3201). Id-data għall-Bulgarija u r-Rumanija m'hijiex disponibbli għalissa.

kif jiġi determinat id-dħul taxxabbli u l-proċessi tekniċi differenti li jintużaw fil-kalkolu tar-rata tat-taxxa. Għalhekk huwa utli wkoll li titqies ir-rata impliċita tat-taxxa fuq il-kapital, li tqabbel it-taxxa imposta fuq il-kumpaniji mal-bilanċ pożittiv gross ta' l-operat tagħhom ⁽¹³⁾ (ara t-tabella fl-Appendiċi 3).

3.2.2.3 Id-diskrepanza bejn iż-żewġ strumenti ta' kejl hija tas-sew notevoli.

— Uħud mill-Istati Membri għandhom rata nominali tat-taxxa korporattiva għolja ħafna, imma fil-fatt jidher li jimponu piż fiskali relattivament ħafif fuq il-kumpaniji tagħhom.

— Stati Membri oħra għandhom rata nominali tat-taxxa korporattiva ti"attraen" (baxxa ħafna), iżda fil-fatt jidher li jimponu piż fiskali relattivament tqil fuq il-kumpaniji tagħhom.

— Jidher ċar li ċerti Stati Membri japplikaw rata għolja fuq bażi fiskali dejqa, filwaqt li oħrajn japplikaw rata aktar baxxa fuq bażi fiskali usa'. Huwa ċar li l-piż fiskali effettiv huwa riżultat ta' dawn iż-żewġ varjabbli, b'tali mod li l-analiżi ma tistax tkun ibbażata biss fuq ir-rati nominali tat-taxxa. Din it-teorija jikkonfermawha per eżempju ċ-ċifri għall-Irlanda u l-Ġermanja ⁽¹⁴⁾.

3.2.2.4 Din l-istatistika fiha nnifisha turi l-kumplessità tal-kwistjoni fiskali ⁽¹⁵⁾. Minflok ma naslu għal konklużjonijiet prematuri abbażi ta' dan, ser niffokaw biss fuq id-differenzi bejn l-Istati Membri, differenzi li, f'ċerti sitwazzjonijiet, jistgħu jfissru li kumpanija industrijali partikulari li topera fis-suq ta' l-UE tista' tiffaċċja spejjeż tat-taxxa — inklużi l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali — li jvarjaw bil-kbir minn Stat Membru għall-ieħor.

b) Il-katina tal-valur miżjud tal-kumpanija

3.3 Kulma jmur, l-intrapriżi zġhar u ta' daqs medju (SMEs) dejjem qegħdin isiru iktar miftuħa għall-globalizzazzjoni tas-suq — kemm jekk jieħdu sehem fiha kif ukoll jekk ikunu soġġetti għaliha — partikularment dawk li jinsabu fir-reġjuni konfinali u periferiċi ta' l-UE. Dawn l-SMEs, li spiss ikunu kumpaniji ta' sjiċda ta' individwi jew ta' familja, ma jibbenefikawx mill-kompetizzjoni fiskali daqs il-kumpaniji multinazzjonali kbar. La għandhom l-organiżazzjoni, la l-kapaċitajiet ta' ġestjoni u lanqas

⁽¹³⁾ Għal analiżi metodoloġika u preżentazzjoni aktar dettaljata tad-data, ara *op. cit.*, p. 84-87.

⁽¹⁴⁾ Rigward il-Ġermanja u l-Irlanda, indikatur ieħor aktarx jikkonferma l-paradoss imsemmi hawn fuq. It-taxxi fuq il-kapital jirrappreżentaw 15 % tat-tassazzjoni totali fil-Ġermanja, filwaqt li għall-Irlanda ċ-ċifra hija 28 % (sors: Kummissjoni Ewropea, *Structures of the taxation system in the European Union, 1995-2004*, Tabella C.3 T).

⁽¹⁵⁾ F'din l-opinjoni, m'huwiex ser ikun possibbli li għal kull Stat Membru nanalizzaw id-data u nagħtu spjegazzjonijiet dettaljati, u lanqas li norbtu dawn l-indikaturi statistiċi ma' kollezzjonijiet oħra tad-data.

il-mezzi jew l-għarfien sabiex jiksbu l-akbar benefiċċju minn din il-kompetizzjoni. Bil-maqlub, l-assigurar tal-konformità tad-dikjarazzjonijiet fiskali bejn il-pajjiżi, kif ukoll id-differenzi nazjonali fil-bażijiet fiskali, ir-rati, l-eżenzjonijiet u r-regoli ta' ammortament, eċċ., ifissru spejjeż żejda għal dawn l-SMEs u jir-rappreżentaw ostaklu għall-aċċess għas-swieq esterni. Madankollu, fl-istess waqt, dawn l-SMEs internazzjonalizzati (jew li jkollhom l-aspirazzjoni li jsiru hekk) jir-rappreżentaw l-aħjar assi għat-tkabbir, f'termini tal-ħolqien tal-ġid, il-valur miżjud, l-innovazzjoni u — naturalment — l-impjiegi, b'konformità mal-proċess ta' Lisbona. Hemm bżonn ta' appoġġ għall-intrapriżi sabiex isibu għajnuma fil-proċeduri tagħhom. B'dan il-għan, il-persunal maniġerjali ta' l-SMEs għandu jitħarreġ bl-istess mod li jitħarreġ l-uffiċjali pubbliċi sabiex teħfief it-transizzjoni.

3.4 Bosta kumpaniji li għandhom impatt sinifikattiv fuq il-kummerċ intra-Komunitarju — speċjalment dawk involuti fil-kummerċ internazzjonali lil hinn mill-UE — ġeneralment joperaw fuq mudell ekonomiku ieħor, jiġifieri:

- dawn il-kumpaniji jieħdu s-sura ta' kumpaniji b'responsabilità limitata u l-azzjonisti tagħhom ma jkunux bilfors ibbażati fl-istess reġjun jew Stat Membru fejn il-kumpanija jkollha s-sede tagħha;
- ġeneralment jieħdu s-sura ta' kumpaniji holding u sussidjarji, li jiffurmaw grupp — bejn wieħed u ieħor integrat — ta' kumpaniji;
- id-diversi entitajiet tal-grupp joperaw f'għadd ta' Stati Membri;
- kull waħda mill-unitajiet tal-grupp ikollha funzjoni speċifika, kull waħda tkun involuta fil-ħolqien ta' valur miżjud u l-katina tal-valur miżjud tkun maqsuma biċ-ċar bejn il-kumpaniji varji, waqt li kull waħda tassumi funzjoni partikulari fl-istrateġija globali.

3.5 Il-gruppi industrijali moderni jwettqu firxa ta' funzjonijiet ekonomiċi marbutin waħda ma' l-oħra (il-ġestjoni tal-katina ta' valur u provvista, l-organizzazzjoni tal-fażijiet differenti tal-produzzjoni, l-ottimizzazzjoni ta' l-assi intanġibbli bħalma huma l-għarfien espert, il-brevetti u l-marki kummerċjali, eċċ.), bil-għan aħħari li l-prodotti tagħhom jitqiegħdu fis-suq skond strateġija bbażata fuq analiżijiet sistematiċi tas-suq. Il-lok ta' dawn il-funzjonijiet ekonomiċi differenti jidħol f'din l-istrateġija gloabli, fejn it-tassazzjoni hija wieħed mill-fatturi.

3.6 Fi struttura ta' grupp ta' dan it-tip, għandhom jiġu analizzati kemm l-entitajiet legali individwali kif ukoll il-grupp kollu kemm hu. Il-grupp jalloka funzjonijiet ekonomiċi lil kull waħda mill-entitajiet tiegħu skond id-data ekonomika tas-suq, bil-għan li kemm jista' jkun jilħaq l-ogħla effiċjenza u profittabilità globali. L-Istati Membri għandhom id-dritt li jirfinaw is-sistemi fiskali tagħhom sabiex imexxu l-quddiem l-attività ekonomika. L-intrapriżi wkoll għandhom id-dritt li jitrattaw it-tassazzjoni bl-istess mod li jitrattaw l-ispejjeż l-oħra.

3.7 Kull entità legali hija marbuta bil-liġi fiskali fis-seħħ fil-lok fejn tinsab u l-informazzjoni dwar is-sistema fiskali hija wie-

ħed minn bosta fatturi għat-teħid tad-deċiżjonijiet li jiġu kkunsidrati fil-ġestjoni globali tal-grupp.

3.8 Għaldaqstant is-sitwazzjoni li tapplika għall-gruppi industrijali li joperaw fis-swieq ta' l-UE hija kumplessa ħafna. Minflok ma dak li jkun jiddiskuti l-lok jew ir-rilokazzjoni ta' grupp, ikun aktar xieraq li jwettaq analiżi funzjonali tan-nisġa industrijali u jiddetermina l-fatturi ta' ta' l-għażla tal-lok li għandhom x'jaqsmu mal-funzjonijiet ekonomiċi diversi fil-livelli ta' l-Istati Membri u ta' l-UE, jew saħansitra lil hinn minnha. Ċerti funzjonijiet ekonomiċi huma aktar mobbli minn oħrajn, u għal ċerti funzjonijiet mobbli, it-tassazzjoni hija fattur ta' l-għażla tal-lok aktar importanti minn oħrajn. Filwaqt li jidher ċar li t-tassazzjoni hija waħda mill-fatturi għat-teħid tad-deċiżjonijiet, madankollu jkun żbaljat li jkollna stima għolja wisq ta' l-influenza tagħha fuq l-għażla tal-lok.

4. *Il-qafas għall-kompetizzjoni bejn l-Istati Membri bbażata fuq it-tassazzjoni fuq il-kumpaniji*

4.1 Il-kompetizzjoni fiskali fl-UE bħalissa hija mdaħħla fil-qafas ta' tliet miżuri:

- il-kodiċi tal-kondotta u s-sistema għall-komunikazzjoni ta' bidliet fil-liġi fiskali, li ġew introdotti fl-1997, waqqfu djalogu attiv bejn il-Ministri tal-finanzi, bil-għan li jiġi assigurat li l-miżuri legiſlattivi ma jħeġġux kompetizzjoni fiskali li tkun ta' ħsara (il-punti 4.2 sa 4.4);
- il-liġi ta' l-UE dwar il-kompetizzjoni, partikularment fir-rigward ta' l-għajuna mill-Istat, għandha l-għan li tassigura li l-introduzzjoni ta' ċerti miżuri fiskali jew l-applikazzjoni Prattika tal-liġijiet fiskali ma jispiċċawx sabiex effettivament jagħtu lil ċerti kumpaniji għajnuma mill-Istat li tmur kontra t-tħaddim tajjeb tas-suq intern (il-punti 4.5 sa 4.7);
- il-biċċa l-kbira ta' l-Istati Membri hađu miżuri legiſlattivi bil-għan li jiġi evitat il-ħolqien ta' strutturi artifiċjali u abużivi maħsuba sabiex iħallu lill-kumpaniji jibenefikaw minn sistemi fiskali preferenzjali (il-punt 4.8).

4.2 **Il-kodiċi tal-kondotta**, li m'hijiex legalment vinkolanti, timpenja lill-Istati Membri sabiex jirrispettaw il-prinċipji ta' kompetizzjoni fiskali *b'saħħitha*. Wara dan il-proċess, ġew identifikati għadd ta' miżuri legiſlattivi, regolatorji u amministrattivi li għandhom — jew li jista' jkollhom — impatt sinifikattiv fuq l-għażla tal-lok ta' l-intrapriża fi ħdan l-UE. L-Istati Membri kkonċernati hađu impenn sod sabiex, b'mod progressiv, ineħħu l-miżuri fiskali eżistenti li jikkostitwixxu kompetizzjoni fiskali ta' ħsara sa mhux aktar tard mill-2010, ħliet f'ċerti każijiet ⁽¹⁶⁾.

4.3 Il-Kumitat jilqa' r-riżultati ta' din il-kodiċi tal-kondotta, minħabba li, billi jeliminaw il-prattiki fiskali ta' ħsara ⁽¹⁷⁾, l-Istati Membri jkun qegħdin iqawwu l-kompetizzjoni fiskali *b'saħħitha* fi ħdan l-UE u jgħinu jikkompletaw is-suq intern.

Il-Kumitat iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tkompli din l-inizjattiva billi tespandi l-ambitu tal-kodiċi tal-kondotta u tanalizza ċerti miżuri fiskali li ddaħħlu f'dawn l-aħħar snin.

⁽¹⁶⁾ Għal ċerti miżuri, ġew stabbiliti skadenzi aktar fit-tul, sa l-2016.

⁽¹⁷⁾ Ara d-definizzjoni fin-Nota 2.

4.4 B'mod parallel ma' dan, ġiet stabbilita **sistema ta' komunikazzjoni** bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni, bil-għan li tivverifika li t-tibdiliet fil-liġi fiskali jkunu konsistenti mal-politika ta' l-UE. L-Istati Membri impenjaw ruħhom li joqogħdu lura milli jintroduċu miżuri li jitqiesu ta' ħsara għall-interessi ta' l-UE.

4.5 Skond **id-dispożizzjonijiet tat-Trattati ta' Ruma, l-Istati Membri huma projbiti milli jagħtu lill-intrapriżi għajna**, inkluż il-ħelsien mit-taxxa, li xxekkel (jew li thedded li xxekkel) il-kompetizzjoni fis-suq uniku, u r-responsabbiltà għall-monitoraġġ ta' dan ingħatat lill-Kummissjoni. Fl-1997, meta bdew il-ħidma marbuta mal-kodiċi ta' kondotta, il-Ministri tal-finanzi li ltaqgħu fil-Kunsill Ecofin taw mandat ċar lill-Kummissjoni sabiex tmexxi l-azzjoni tagħha dwar l-għajna mill-Istat bil-għan li telimina kwalunkwe leġislazzjoni fiskali ta' l-Istati Membri li ma tikkonformax mad-dispożizzjonijiet tat-Trattati msemmija hawn fuq.

4.6 Matul dawn l-aħħar għaxar snin, il-Kummissjoni, b'mod gradwali, saħħet l-azzjoni tagħha f'dan il-qasam. Mhux biss nediet proċess ta' kjarifika — b'konsultazzjoni ma' l-Istati Membri — li pprova kriterji aktar ċari li fuqhom tista' tibbaża l-azzjoni tagħha f'firxa ta' oqsma, imma wkoll ħadet azzjonijiet speċifiċi kontra miżuri fiskali partikulari adottati minn ċerti Stati Membri.

4.7 B'kuntrast mal-kodiċi tal-kondotta, li m'hijiex politika-vinkolanti, il-liġi dwar l-għajna mill-Istat hija vinkolanti. Il-Kummissjoni għandha awtorità kbira f'dan il-qasam, u tista' tipprojbixxi d-dħul fis-seħħ ta' miżuri ta' għajna inkompatibbli, tesiġi li tiġi mibdula, jew saħansitra ġġiegħel lill-Istat Membru kkonċernat jirkupra kwalunkwe għajna li ma tkunx kompatibbli mas-suq intern, f'każijiet fejn ma tkunx ġiet innotifikata qabel l-implimentazzjoni. F'dan il-każ, il-kumpaniji li jkunu rċevew l-għajna jkollhom l-obbligu jħallsu lura l-benefiċċji fiskali li jkunu ngħataw.

4.8 Il-biċċa l-kbira ta' l-Istati Membri għandhom **dispożizzjonijiet fiskali mmirati lejn il-għieda kontra l-evażjoni tat-taxxa u t-trasferiment ta' l-attivajiet** lejn ir-rifuġji fiskali. Fil-fatt, l-Istati Membri kollha jixtiequ jattiraw l-attività ekonomika lejn il-pajjiżi tagħhom, sabiex jiġġeneraw id-dħul mit-taxxi minn din l-attività u jevitaw ir-rilokazzjoni tal-bażijiet fiskali lejn pajjiżi oħra.

4.8.1 Minkejja li l-miżuri fiskali adottati jvarjaw minn Stat Membru għall-ieħor, għali tquom il-mistoqsija jekk dawn id-dispożizzjonijiet humiex kompatibbli mas-suq intern u l-moviment liberu fi ħdan l-UE, għadarba l-liġi fiskali applikata mill-Istati Membri kollha trid tikkonforma mal-liġi ta' l-UE. Il-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea ċċarat il-pożizzjoni tagħha f'dan ir-rigward: essenzjalment, id-dispożizzjonijiet immirati lejn il-għieda kontra l-evażjoni tat-taxxa u t-trasferiment tad-dħul mit-taxxa lejn rifuġji fiskali, fil-prinċipju, m'humiex kompatibbli mal-prinċipju tal-moviment liberu fi ħdan l-UE; madankollu, dispożizzjonijiet bħal dawn jistgħu jkunu ġġustifikati biss fejn ikunu limitati sabiex jiġġieldu, b'mod proporzjonat, it-twaqqif ta' strutturi artifiċjali u abbużivi.

4.9 Il-Kumitat jidher li l-għieda kontra l-frodi fiskali għandha tkun prijorità u jiġbed l-attenzjoni lejn il-konklużjonijiet ta' l-opinjoni reċenti tiegħu dwar is-suġġett ⁽¹⁸⁾.

4.10 L-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE jipprovdi li l-Kunsill, fil-waqt li jaġixxi bl-unanimità, għandu jadotta "*dispożizzjonijiet għall-armonizzazzjoni tal-leġislazzjoni li tittratta dwar taxxi fuq it-turnover (...) daqs kemm din l-armonizzazzjoni tkun neċessarja biex tiżgura l-istabbiliment u l-operazzjoni tas-suq intern*".

4.11 Il-Kummissjoni Ewropea nediet bosta inizjattivi interessanti bil-għan li tikkompleta s-suq intern permezz ta' miżuri li jolqtu t-tassazzjoni tal-kumpaniji. B'mod partikulari, fit-3 ta' Mejju 2007, il-Kummissjoni kkonfermat li ser tissokta hidmha sabiex iddaħħal bażi fiskali korporattiva komuni u konsolidata (CCCTB). Matul l-ewwel nofs ta' l-2008, il-Kummissarju għat-tassazzjoni beħsiebu jressaq proposta għal direttiva bil-għan li s-CCCTB tiġi implimentata sa l-2010. Il-KESE jaqbel mal-fehma tal-Kummissjoni li s-CCCTB għandha tagħmel kontribut kbir għas-suċċess tas-suq intern, minkejja li din ser tfisser aktar trasparenza u għaldaqstant kompetizzjoni fiskali aktar attiva. Il-Kumitat iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tkompli f'hidmha, minkejja l-kumplessità tal-kwistjonijiet. Madankollu, f'dan l-istadju, jidher li jkun prematur li jsiru kummenti aktar dettaljati dwar dan il-proġett, minħabba li l-Kummissjoni għadha ma ppreżentatx mudell dettaljat għad-definizzjoni ta' bażi komuni u konsolidata u għall-introduzzjoni ta' sistema fiskali konsolidata li tħaddan is-27 Stat Membru ta' l-UE. Minkejja dan, il-Kumitat iqajjem għadd ta' punti u mistoqsijiet dwar il-gejġieni tal-proġett tas-CCCTB għat-tassazzjoni fuq il-kumpaniji.

5. *Punti u mistoqsijiet li jixtieq iqajjem il-Kumitat dwar il-Bażi Fiskali Korporattiva Komuni u Konsolidata (CCCTB):*

5.1 Għadarba s-CCCTB tista' tkun fakultattiva għall-Istati Membri (x'aktarx abbażi tal-kooperazzjoni msaħħa), il-KESE jittama li tiġi adottata mill-akbar għadd possibbli ta' Stati Membri, ukoll jekk dan jeħtieġ li jittieħdu miżuri transitorji.

5.2 Jekk is-sistema tas-CCCTB tkun fakultattiva għall-intrapriżi, dan ifisser li l-amministrazzjonijiet ta' l-Istati Membri li jiehdhu sehem ser ikollhom jaħdmu b'żewġ sistemi differenti tat-taxxa u tad-dikjarazzjonijiet. Dan huwa konċepibbli fi żmien li fih il-biċċa l-kbira ta' l-Istati Membri qegħdin jippruvaw ikatru l-produttività tas-servizz pubbliku?

5.3 Jekk is-sistema tas-CCCTB tiġi adottata mill-kumpaniji multinazzjonali, ma jkunx hemm ir-riskju ta' trattament differenti (formalitajiet, kontabilità u sistemi fiskali) bejn kumpaniji fi Stat Membru partikulari li jkun favur l-applikazzjoni tas-CCCTB?

⁽¹⁸⁾ Opinjoni dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar il-ħtieġa li tiġi żviluppata strateġija koordinata għat-tisħiħ tal-għieda kontra l-frodi fiskali (ECO/187 — ĠU C 161, 13.7.2007, p. 8, mhux disponibbli bil-Malti).

5.4 Fir-rigward taż-żewġ punti preċedenti, m'għandniex nimiraw lejn sistema unika li għandha tiġi applikata gradwalment għall-persuni kollha li jħallsu t-taxxa fl-istess Stat Membru?

5.5 Jekk is-sistema tas-CCCTB għandha ġgħib magħha aktar trasparenza, il-bażi fiskali komuni għandha tingħata f'idejn awtorità transnazzjonali?

5.6 Bis-sistema tas-CCCTB, differenzi fit-taxxa li jkunu moħ-bija fil-kalkolu tal-bażijiet fiskali ser ikunu riflessi fir-rati ta' l-Istati Membri li jkunu adottaw is-CCCTB. Is-sistema tal-bażi fiskali komuni mhux ser twassal għal tifrix akbar tar-rati tat-taxxi (ta' l-anqas ir-rati nominali)? Hemm ir-riskju li tiħrax il-kompetizzjoni fuq ir-rati tat-taxxa ppubblikati. Studju tal-Kummissjoni

(2001) innota li l-tifrix tar-rati nominali kien il-kawża ewlenija ta' distorsjoni ekonomika relatata mal-kompetizzjoni fiskali!

5.7 Li kieku d-diverġenzi fir-rati tat-taxxa kellhom jibqgħu (kontra t-tendenza reċenti lejn il-konverġenza) — jew saħansitra jikbru — bejn l-Istati Membri li jagħżlu s-CCCTB, nistgħu nik-kontemplaw l-introduzzjoni ta' rata minima għal dawn l-Istati Membri? Per eżempju, din ir-rata minima tista' tiġi stabbilita b'tali mod li tkun kemm kemm aktar baxxa mir-rata adottata mill-Istati Membri l-ġodda. Il-qagħda m'hijiex ser tinbidel għal dawn il-pajjiżi fir-rigward ta' l-importazzjoni tal-kapital barrani. L-Istati Membri l-oħra jistgħu jadottaw rata ogħla tat-taxxa min-għajr il-biża' li politiki fiskali esterni aggressivi żżejjed jolqtulhom il-kapital ekonomiku tagħhom.

Brussell, it-13 ta' Diċembru 2007.

Il-President

tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Dimitris DIMITRIADIS

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar L-impatt tar-regoli ambjentali Ewropej fuq il-bidliet industrijali

(2008/C 120/15)

Fis-16 ta' Frar 2007, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, jaġġixxi taħt Regola 29(2) tar-Regoli tal-Proċedura tiegħu, iddeċieda jħejji Opinjoni fuq

L-impatt tar-regoli ambjentali Ewropej fuq il-bidliet industrijali.

Il-Kummissjoni Konsultattiva dwar il-Bidliet Industrijali, li hija inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar it-13 ta' Novembru 2007. Ir-rapporteur kien is-**Sur Pezzini** u l-ko-rapporteur kien is-**Sur Nowicki**.

Matul l-440 sessjoni plenarja tiegħu tat-12 u t-13 ta' Diċembru 2007 (seduta tat-12 ta' Diċembru), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-opinjoni b'137 voti favur, vot kontra u astensjoni.

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1 Attwalment, il-politika ambjentali hija waħda mill-isfidi soċjali prinċipali li qed jaffaċċjaw l-awtoritajiet pubbliċi u dawk responsabbli mit-teħid ta' deċiżjonijiet fil-qasam ta' l-ekonomija. Ir-risposta globali dewwemija għall-problemi ambjentali ma tistax tibqa' sservi ta' skuża għan-nuqqas ta' bidliet kemm legiſlat-tivi kif ukoll fl-imġiba li jridu jseħħu sabiex ikun jista' jinkiseb l-iskop fundamentali ta' l-UE, jiġifieri l-għan li jinkiseb l-iżvilupp sostenibbli.

1.2 L-industrija Ewropea għandha l-potenzjal kbir li ssir ekonomija sostenibbli iżda dan is-suċċess ser jiddependi dejjem aktar mill-abilità ta' l-innovazzjoni fil-qasam tal-bidliet industrijali. Din il-bidla neċessarja tista' sseħħ permezz tal-ftuħ tas-swieq, tal-globalizzazzjoni, tal-bidliet teknoloġiċi u tal-bidliet fl-imġiba, li qegħdin jaċċelleraw permezz ta' aċċettazzjoni akbar tal-bżonn tal-protezzjoni ta' l-ambjent u r-riżorsi naturali.

1.3 Il-Kumitat jemmen li l-operaturi ekonomiċi u soċjali — kemm jekk huma pubbliċi kif ukoll jekk huma privati, il-politiki-kanti u l-awtoritajiet pubbliċi għandhom jagħrfu li bħalissa qedgħdin naffaċċjaw revoluzzjoni industrijali ġdida, fejn fil-qalba ta' l-iżvilupp qed jitpoġġew il-kwalità tal-ħajja u ta' l-ambjent, bidliet li jirrikjedu aproċċ ġdid u integrat lejn il-proġettar, il-pro-duzzjoni u l-konsum u lejn il-konservazzjoni u l-ġestjoni tar-riżorsi naturali.

1.4 Il-Kumitat jemmen li hemm bżonn urġenti li nħallu warajna dak l-atteġġjament difensiv u reattiv u ngħaddu għal ieħor sod u proattiv, fejn titħejja t-triq lejn il-futur permezz tat-tnedija ta' qafas ċar u stabbli għal azzjonijiet pożittivi u sostenib-bli, fl-UE u fl-Istati Membri. Għalhekk hemm bżonn:

— ta' l-iżvilupp u l-applikazzjoni ta' teknoloġiji nodfa tal-pro-dott u tal-proċess;

— tal-promozzjoni ta' spirtu intraprenditorjali miftuħ għall-produzzjoni ekoloġika

— tat-taħriġ tal-personal tekniku kwalifikat.

1.5 Il-KESE jemmen li huwa importanti li dan l-approċċ proattiv għandu jkun ibbażat fuq il-prevenzjoni aktar milli fuq ħidma korrettiva fuq azzjoni li tkun diġà saret. Huwa għandu jkun ibbażat fuq proċeduri uniformi għal dawk kollha involuti, proċeduri li jagħmlu parti minn kodiċi ambjentali Ewropew utli għall-leġislaturi, l-operaturi u l-konsumaturi.

1.6 Il-Kumitat huwa konvint li l-iżvilupp teknoloġiku u l-innovazzjoni għandhom ikunu l-ewwel u qabel kollox ir-responsabbiltà ta' l-awtoritajiet intraprenditorjali u pubbliċi. Madankollu l-intraprendituri u l-awtoritajiet għandhom jiġu motivati, mħeġġa u appoġġjati wkoll minn politiki adegwati, Ewropej, nazzjonali u lokali u minn shubijji pubbliċi-privati li jissimplifikaw u jilliberaw ir-riżorsi. Dan huwa essenzjali sabiex ikunu jistgħu jintlaħqu l-isfidi.

1.7 Il-Kumitat jemmen li huwa essenzjali li fil-livell ta' l-UE, l-inizjattivi industrijali ġodda u sostenibbli jiġu inkorporati fil-Fondi Strutturali, fl-innovazzjoni Komunitarja, fil-programmi ta' riċerka u ta' taħriġ u fl-istrumenti finanzjarji rilevanti.

1.8 Il-Kumitat ifakkar lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri fil-bżonn li titħaffef il-proċedura ta' l-adozzjoni ta' miżuri konkreti ta' simplifikazzjoni sabiex jiġi eliminat ix-xogħol żejjed u sabiex jitnaqqsu l-ispejjeż burokratiċi u tekniċi imposti mill-leġislażzjoni attwali. Il-leġislażzjoni għandha tiġi semplifikata u konsolidata għall-konsistenza.

1.8.1 Hemm bżonn ta' koordinazzjoni tajba u ta' firxa wiesgħa ta' politiki u strumenti fuq livelli varji. Jeħtieġ ukoll li tiġi realizzata l-aktar politika ambjentali ċara possibbli, waħda li tista' tiġi applikata b'mod faċli u waħda li ma twassalx għal spejjeż finanzjarji addizzjonali, b'mod speċjali għall-SMEs. Il-prinċipju ta' "inqas leġislażzjoni iżda leġislażzjoni aħjar" irid jirrifletti ruħu f'testi regolatorji konsolidati u konsistenti fil-qasam ta' l-ambjent, testi li jipprovdu ċertezza legali u trasparenza fl-aġġustament għall-bidliet industrijali, u li jikkonċentraw fuq l-aħjar mezz li bih jistgħu jiġu protetti r-riżorsi u l-ambjent, u li bih jistgħu jiġu applikati innovazzjonijiet sostenibbli, kompetittivi u teknoloġiċi fis-suq globali. L-SMEs għandhom ikunu fil-pożizzjoni li jassorbu l-ispejjeż ta' konformità mingħajr ma jikkompromettu l-vantaġġ kompetittiv tagħhom.

1.9 Il-Kumitat jenfasizza l-importanza li tiġi adottata malajr strateġija komunitarja integrata għall-perijodu fit-tul li tagħti element ta' ċertezza lill-awtoritajiet pubbliċi u privati responsabbli mit-tehdid tad-deċiżjonijiet, u li tiffaċilita l-adattamenti teknoloġiċi u organizzattivi neċessarji sabiex jiġu rispettati livelli għoljin ta' protezzjoni ambjentali.

1.10 Il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir jista' jiġi modifikat sabiex jirrifletti aħjar l-Istrateġija ta' Lisbona u l-għanijiet ta' Gothenburg dwar is-sostenibbiltà ambjentali sabiex b'mod ċar u trasparenti u mingħajr ma jkun hemm ostakoli għall-kompetizzjoni jitħeġġeġ l-investment pubbliku fit-tul li hemm bżonn u li m'għandux jibqa' jaqa' taħt id-definizzjoni ta' "defiċit pubbliku".

1.11 Ir-rapporti annwali ta' l-Istati Membri dwar il-proċess ta' Lisbona, għandhom jinkludu d-dettalji tal-pjanijiet ta' investment ambjentali flimkien mar-riżultati ta' l-evalwazzjonijiet expost ta' l-attivajiet leġislattivi u finanzjarji tagħhom. L-informazzjoni disponibbli għandha tfisser aħjar l-aspett ambjentali, li għandu jsir parti integrali mir-rapport sommarju tal-Kummissjoni, li ser jibda jiġi ppreżentat kull sena lill-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa, lill-Parlament Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni.

1.12 Il-Kumitat jemmen li huwa importanti li l-politiki nazzjonali jirrimarkaw l-impatt pożittiv fuq l-ambjent li għandhom diversi strumenti ekonomiċi u inċentivi fiskali. Dan jgħodd b'mod speċjali għall-qasam tas-tassazzjoni, li għalih huma mixtieqa soluzzjonijiet Ewropej (!) u li għandu impatti fuq:

— il-produzzjoni u l-impjeg;

— l-użu tar-riżorsi naturali;

— il-livelli ta' tniġġis ambjentali;

— l-għażliet għal livelli għolja ta' protezzjoni ambjentali;

— l-innovazzjoni teknoloġika ambjentali tal-proċessi, tal-prodotti u ta' l-organizzazzjonijiet.

1.13 Hemm bżonn li jiġu definiti malajr numru ta' għanijiet komuni sabiex tkun tista' tittieħed azzjoni fuq id-deċiżjonijiet ambizzjużi tal-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa u l-Kunsill Ambjentali sussegwenti.

1.14 Il-Kumitat jisħaq mill-ġdid fuq ir-rwol essenzjali li għandhom jaqdu l-imsieħba soċjali u r-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili organizzata (fuq diversi livelli u jibdedw l-ewwel fil-livell Ewropew) fid-diskussjonijiet inter-settorjali u settorjali sabiex jindirizzaw il-problemi relatati mal-kompetittività, l-enerġija u l-ambjent. Dawn l-aspetti għandhom impatt sinifikanti fuq ħafna industrij, jirrikjedu bidliet strutturali importanti, b'mod partikolari fil-qasam tal-manifattura, u jirrikjedu koordinazzjoni stretta u organizzazzjoni integrata flimkien ma' sforz kontinwu għas-simplifikazzjoni u l-eliminazzjoni tal-burokrazija.

1.15 Il-Kumitat jemmen li l-problemi relatati ma' l-ambjent, ma' l-użu sostenibbli tar-riżorsi naturali, mal-holġien ta' opportunitajiet tas-suq u ta' impjegji ġodda u ekoloġiċi jridu jiġu akkumpanjati minn ambjent favorevoli għan-negozju u għall-ħaddiema, ambjent li jiffavorixxi l-kapaċità ta' l-innovazzjoni tal-ħaddiema, u ambjent fejn jingħata l-appoġġ meħtieġ lill-ħaddiema fl-isforzi ekonomiċi, soċjali, kulturali u ta' taħriġ li huma kontinwament mitluba li jagħmlu sabiex ilaħħqu mal-kompetittività tas-suq.

1.16 Il-KESE u r-rappreżentanti ewlenin mill-Kummissjoni, mill-Kunsill u mill-Parlament Ewropew spiss sostnew li huwa essenzjali li jitnaqqas il-piż amministrattiv u burokratiku minn fuq il-kumpaniji sabiex l-enerġija ekonomika u soċjali tagħhom tkun tista' toħroġ u tkun tista' titpoġġa mill-ġdid fuq il-modernizzazzjoni sostenibbli ta' l-ambjent u ta' l-istrutturi produttivi u organizzattivi.

(!) Ara wkoll is-Sistema tal-Eurovignette — Direttiva 2006/38/EC li temenda d-Direttiva 1999/62/EC dwar it-tassazzjoni a karigu tal-vekturi tal-merkanzija tqila għall-użu ta' xi infrastrutturi.

1.17 Hemm bżonn ta' politika ta' l-intrapriża integrata u proattiva, li tkun kapaċi tikkombina l-protezzjoni ambjentali ma' kompetittività msaħħa, u li tkun kapaċi tħares il-kwalità tal-ħajja u l-impjeg, u li tagħti spinta lill-livelli ta' l-impjeg permezz ta' riżorsi umani kwalifikati u ta' ċertu għarfien: l-RTD (il-Faċilità għat-Tqassim tar-Riskju Finanzjarju), il-Programm għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni u l-programm *Life Plus* għandhom jissaħħu permezz ta' aktar aċċessibilità u permezz tal-kompatibilità tagħhom ma' l-istrumenti strutturali u reġionali ta' koeżjoni.

1.18 L-isforzi komunitarji għall-iżvilupp ta' soċjetà ta' informazzjoni għandhom jimmiraw lejn l-integrazzjoni ta' kwistjonijiet ambjentali, fil-programmi ta' edukazzjoni u ta' taħriġ tagħhom. Dawn l-isforzi għandhom jibdew mill-iskola primarja u jibqgħu sejrjn sat-taħriġ professjonali, maniġerjali u xjentifiku.

1.19 Għandhom jiġu kkunsidrati b'konsistenza l-implikazzjonijiet domestiċi u internazzjonali tal-kwistjonijiet soċjali, ekonomiċi u ambjentali, sabiex il-kumpaniji jkunu jistgħu jikkompetu b'mod ugwali fis-suq globali u sabiex flimkien ma' l-iżvilupp sostenibbli tkun qed tiġi kkunsidrata wkoll l-interdipendenza ġdida u akbar li żvilupp bejn il-pajjiżi u ż-żoni kontinentali ekonomiċi ewlenin.

1.20 L-Ewropa għandha tkun kapaċi titkellem b'vuċi waħda fl-oqsma bilaterali u multilaterali sabiex jiġi assigurat li d-WTO u l-ftehim bilaterali mhux biss jingħataw dimensjoni soċjali iżda dimensjoni għal protezzjoni ambjentali b'saħħitha.

2. Daħla

2.1 Il-Kunsill Ewropew ta' Brussell tat-8 u d-9 ta' Marzu 2007, iffoka b'mod partikulari fuq l-ambjent u l-bidla fil-klima u stabbilixxa għanijiet konkreti.

2.1.1 L-għan dikjarat huwa li l-emissjonijiet tas-CO₂ jitnaqqsu minn 20 % għal 30 % sa l-2020 u minn 60 % għal 80 % sa l-2050, meta mqabbla mal-livelli ta' l-1990.

2.2 Ir-rapport ta' progress annwali ta' l-2007 tal-Kummissjoni dwar l-Istrateġija ta' Lisbona għat-ktabbir u x-xogħol iffoka fuq il-bidla fil-klima, l-eko-innovazzjoni, l-effiċjenza ta' l-enerġija, is-sorsi ta' enerġija rinnovabbli u s-swieq ta' l-enerġija.

2.2.1 Fir-rapport tagħha, il-Kummissjoni enfasizzat li jekk titteħed azzjoni impenjata f'dawn l-oqsma, ikunu jistgħu jinstabu soluzzjonijiet effiċjenti għall-problemi ambjentali, għall-użu sostenibbli tar-riżorsi naturali u għall-ħolqien ta' opportunitajiet ġodda tas-suq u ta' impjegi ġodda.

2.3 Il-Kunsill Ambjentali ta' l-20 ta' Frar 2007 enfasizza li l-istrateġija rinovata għall-iżvilupp sostenibbli ta' l-UE u l-Istrateġija ta' Lisbona għat-ktabbir u x-xogħol huma komplementari u li l-Istrateġija ta' Lisbona tagħmel kontribuzzjoni importanti għall-għan prinċipali ta' l-iżvilupp sostenibbli. Huwa iddikjara mill-ġdid l-importanza ta' titjib fil-protezzjoni ambjentali, tal-bżonn li wieħed isegwi fit-triq ta' l-iżvilupp sostenibbli u li l-kwistjonijiet ambjentali jiġu integrati fil-politiki kollha.

2.4 Politika ambjentali iddisinjata sew; waħda li tagħraf sew il-bżonn ta' perijodi ta' aġġustament, u li tkun ispirata minn prinċipji ta' regolamentazzjoni aħjar, u minn leġislazzjoni u burokrazija issimplifikati, tista' tagħti kontribut pożittiv għall-kompetittività, it-ktabbir u l-impjeg permezz tal-promozzjoni ta' l-eko-innovazzjoni u r-riżorsi effiċjenti. Għandhom jiġu evitati dawk il-manipulazzjonijiet legali li jirriżultaw f'tibdil kontinwu fil-leġislazzjoni.

2.5 Il-Kunsill talab lill-Kummissjoni sabiex fil-futur qarib tippreżenta Green Paper dwar strumenti ta' azzjoni ambjentali bbażati fuq is-suq. Il-green paper għandha tissuġġerixxi strumenti ambjentali ekonomiċi li għandhom jintużaw flimkien mar-regolamentazzjoni u l-inċentivi finanzjarji ta' l-Istati Membri. Miżuri bħal dawn m'għandhomx joħolqu distorsjonijiet inġusti; u għandhom jimmiraw għall-kisba ta' effiċjenza ambjentali f'kull settur individwali tal-produzzjoni sabiex ikunu jistgħu jiġu applikati soluzzjonijiet lokali għall-problemi lokali.

2.5.1 Kif saħaq sew il-Kumitat, "... sabiex l-istrateġija għall-iżvilupp sostenibbli tkun tista' tagħti impuls serju, għandha twassal għal objettivi u linji gwida konkreti u kwantifikabbli, ibbażati fuq analiżi dettaljata". Ir-reviżjoni tal-Kunsill, ta' l-Istrateġija għall-Iżvilupp Sostenibbli ta' l-UE, "tinkludi numru kbir ta' objettivi u miżuri, iżda ma tassocjahomx ma' analiżi kwantitattiva ta' tagħrif u tendenzi u lanqas ma' analiżi kwalitattiva ta' kwistjonijiet u problemi" (?).

2.6 Huwa għalhekk essenzjali li s-CCMI tiddiskuti t-tema vasta ta' l-impatt tar-regoli ambjentali Ewropej fuq il-bidliet industrijali, filwaqt li tikkunsidra l-esperjenza akkwistata mill-KESE u mis-CCMI waqt il-preparazzjoni ta' diversi opinjonijiet dwar dan is-suġġett.

2.7 Il-Kunsill tal-Kompetittività ta' l-4 ta' Diċembru 2006 enfasizza l-bżonn tal-promozzjoni ta' l-eko-innovazzjoni (b'mod partikolari fl-industrija), tal-kompetittività u tar-Riċerka u l-Iżvilupp sabiex ikun jista' jiġi sfruttat il-potenzjal kollu tas-swieq ewlenin. Għalhekk għandhom jiġu promossi:

- it-teknoloġiji sostenibbli u siguri, b'livell baxx ta' konsegwenzi negattivi fuq l-ambjent;
- l-eko-disinn tal-prodotti;
- is-sorsi ta' enerġija rinnovabbli;
- l-effiċjenza ta' l-enerġija u l-preservazzjoni tar-riżorsi naturali;
- is-servizzi tal-provvista ta' l-ilma.

Ma' din il-lista għandha tingħadd ukoll l-effiċjenza fl-użu tal-materjali (?).

2.7.1 L-għan huwa li l-Ewropa tkun minn ta' quddiem fejn tidħol l-eko-innovazzjoni u li ssir l-aktar post effiċjenti fid-dinja f'termini ta' l-użu ta' l-enerġija.

(?) Ara l-Opinjoni esploratorja tal-KESE NAT/348 — ĠU C 168, 20.7.2007 finali — rapporteur: Is-Sur Ribbe.

(?) L-Opinjoni tal-KESE dwar l-Iżvilupp Sostenibbli bħala l-forza ewlenija għall-bidliet industrijali, CCMI/029 — ĠU C 318, 23.12.2006 (mhux disponibbli bil-Malti).

2.8 Matul dawn l-aħħar snin, is-CCMI diversi drabi kkunsidrat fil-fond l-effetti ta' l-azzjoni li rriżultat mill-bżonn li wieħed il-aħħaq mad-domanda. Dan għamlitu fl-opinjoni adottati mill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew fil-25 ta' Settembru 2003 u fl-14 ta' Settembru 2006 ⁽⁴⁾: "Il-bidliet industrijali: is-sitwazzjoni attwali u l-prospettivi — Aproċċ globali"; "L-iżvilupp Sostenibbli bħala l-forza ewlenija għall-bidliet industrijali", CCM/029 — CESE 1142/2006. L-għan ewleni kien li tiġi studjata d-dinamika ta' żvilupp li jlaħħaq mal-bżonnijiet tal-ġenerazzjoni attwali mingħajr ma jikkomprometti l-bżonnijiet tal-ġenerazzjonijiet futuri ⁽⁵⁾.

2.9 L-għan ta' din l-Opinjoni fuq inizjattiva proprja madanakollu huwa li teżamina mill-qrib l-aspett tad-domanda ta' produzzjonijiet eko-sostenibbli, u li tanalizza d-dispożizzjonijiet ambjentali Ewropej li għandhom impatt kbir fuq l-operazzjonijiet ta' distribuzzjoni u produzzjoni u fuq il-prodotti, il-proċessi u l-provvista tas-servizzi.

2.10 Malli jiġi evalwat l-impatt operazzjonali tal-Politika Integrata tal-Prodotti (IPP), hija tkun tista' tibda tagħmel parti essenzjali mill-istrateġija komunitarja ta' l-iżvilupp sostenibbli. Il-prodotti kollha għandhom impatt fuq l-ambjent, kemm waqt il-produzzjoni kif ukoll waqt l-użu jew fil-fażi finali tal-prodott, jiġifieri ir-rimi tiegħu. Dan jgħodd ukoll għas-servizzi. L-UE qed ttipprova tħeġġeġ lill-operaturi ekonomiċi u lis-soċjetà ċivili sabiex jinvolvu ruħhom fil-protezzjoni ambjentali permezz ta' miżuri bħall-eko-tikkettar, l-iskema komunitarja ta' l-eko-ġestjoni u l-verifika jew permezz ta' ftehim volontarju.

2.11 Protezzjoni ambjentali effettiva tirrikjedi evalwazzjoni preċiża ta' l-impatt fuq l-ambjent tad-deċiżjonijiet u l-azzjonijiet tal-bniedem. Għalhekk ir-riperkussjonijiet fuq l-ambjent jistgħu jiġu eżaminati kemm mil-lenti tal-prevenzjoni (upstream) permezz ta' sistema ta' evelwazzjoni ta' l-impatt fuq l-ambjent u permezz ta' proġetti privati, u kemm mill-lenti tas-soluzzjoni (downstream) permezz ta' kontroll ambjentali, li jinvolvi l-partijiet interessati, fl-Istati Membri.

2.11.1 Għandha tingħata l-istess attenzjoni lill-politika industrijali sostenibbli u lill-konsum sostenibbli.

2.12 Il-ħsarat imwettqa fiż-żoni naturali li huma protetti u fil-baħar, kif ukoll il-kontaminazzjoni tal-ħamrija huma suġġetti għal sanzjonijiet. Il-prinċipju "min iniġġes iħallas" daħal fis-seħħ permezz ta' l-adozzjoni tad-direttiva tar-responsabbiltà ambjentali, skond liema dawk li huma responsabbli minn ħsarat ambjentali jistgħu jiġu mitluba jħallsu għax-xogħol ta' tiswiġa ta' dawk il-ħsarat. Barra minn hekk jeżistu regolamenti Ewropej li jkopru l-ġestjoni ta' l-iskart, l-imballaġġ, l-istorbju, l-ilma,

⁽⁴⁾ CCM/002 u CCM/029 — ĠU C 318, 23.12.2006.

⁽⁵⁾ CCM/029 — ĠU C 318, 23.12.2006, paragrafu B — mhux disponibbli bil-Malti.

it-tniġġis atmosferiku, il-bidla fil-klima, ir-riskji naturali u ekoloġiċi u l-inċidenti li jinvolvu ċerti sustanzi perikolużi ⁽⁶⁾.

2.13 F'suq dejjem aktar globali, l-inkorporazzjoni sistematika tar-rekwiżiti ambjentali fid-disinn tal-prodotti ⁽⁷⁾, sabiex matul iċ-ċiklu ta' ħajja tal-prodott, jitnaqqas l-impatt negattiv fuq l-ambjent, huwa għan estensiv. Dan huwa s-suġġett ta' regolament speċifiku Ewropew li huwa wieħed mill-prijoritajiet tas-sitt Programm ta' Azzjoni Ambjentali ta' l-UE (2002-2012), li jipprevedi l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' seba' strateġiji tematiki ⁽⁸⁾, li jikkonċernaw, kemm b'mod ġenerali kif ukoll b'mod speċifiku, is-sistema tal-produzzjoni u d-distribuzzjoni, u li l-KESE diġà esprima l-fehmiet tiegħu dwarhom.

2.14 Is-CCMI jilqa' l-għan li tittieħed konsiderazzjoni tar-rekwiżiti ambjentali fl-istadji inizjali tal-ġestjoni tal-prodotti, tal-produzzjoni u tal-proċess ta' distribuzzjoni, dejjem jekk dawn ikunu jagħmlu parti integrali mill-istrateġija ta' Lisbona, sabiex ikun jista' jerġa' jkun hemm sens ta' kompetittività fl-industrija Ewropea, li qed taffaċċja bidliet kemm fl-iżvilupp sostenibbli li jsegwi l-prinċipju ta' l-adeżjoni, kif ukoll fis-simplifikazzjoni u r-razzjonalizzazzjoni tal-piż tekniku u amministrattiv fuq il-kumpaniji, b'mod speċjali il-kumpaniji ż-żgħar.

2.15 Qafas koerenti ta' miżuri għall-integrazzjoni tar-rekwiżiti ekoloġiċi fl-istadju tad-disinn, l-iżvilupp, id-distribuzzjoni u r-rimi tal-prodotti li jikkonsmaw l-enerġija, jkopri aktar minn 70 % tal-prodotti li attwalment qed jiċċirkolaw liberalment fis-suq uniku ⁽⁹⁾. Dan il-qafas mhux limitat biss għall-aspetti tar-rendiment ta' l-enerġija iżda jkopri wkoll tip ta' impatt fuq l-ambjent (solidu, gass, storbju, emissjonijiet elettromanjetiċi eċċ.)

2.16 Madanakollu is-sistema ta' produzzjoni u distribuzzjoni hija affettwata minn firxa sħiħa ta' regolamenti ta' l-impatt ambjentali li jbiddu b'mod radikali l-manifattura tal-prodotti u l-mod li bih jiġu provduti s-servizzi fl-Unjoni Ewropea. Dan il-korp leġislattiv jeħtieġ it-trasparenza, s-simplifikazzjoni u l-kon-solidazzjoni. L-impenn komitarju fil-qasam tal-politika ambjentali jinqasam fil-miżuri tal-politiki l-oħra kollha, kemm jekk huma dawk li jinvolvu l-istandardizzazzjoni teknika, ir-regolamentazzjoni tas-sustanzi kimiċi skond ir-regolament REACH, il-politika ta' l-impjieg kif ukoll dawk li huma relatati mas-suq uniku u l-iskambju tal-prodotti u tas-servizzi.

2.17 L-implimentazzjoni tal-politika għandha tikkunsidra l-effetti kollaterali li ħafna drabi jnaqqsu l-iskop ta' l-objettivi prinċipali ⁽¹⁰⁾ iżda li jista' jkollhom konsegwenzi mhux mixtieqa fuq l-ekonomija jekk ma ssirx evalwazzjoni komprensiva li tkun tagħmel parti mill-qafas integrat ⁽¹¹⁾.

⁽⁶⁾ Id-Direttiva tal-Kunsill Nru 96/82/KE tad-9 ta' Diċembru 1996 dwar il-kontroll tar-riskji ta' inċidenti maġġuri li jinvolvu s-sustanzi perikolużi (Severo II Direttiva).

⁽⁷⁾ Direttiva 2005/32/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-6 ta' Lulju 2005, li tistabbilixxi qafas għat-twaqqif ta' rekwiżiti għall-disinn ekoloġiku għall-prodotti li jużaw l-enerġija u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 92/42/KEE (COM(2003) u d-direttivi 96/57/KE u 2000/55/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

⁽⁸⁾ L-istrateġiji tematiki huma:
— it-tniġġis ta' l-arja;
— l-ambjent tal-baħar;
— l-użu sostenibbli tar-riżorsi naturali;
— il-prevenzjoni u r-riċiklaġġ ta' l-iskart;
— il-protezzjoni tal-ħamrija;
— l-użu tal-pestiċidi;
— l-ambjent urban.

⁽⁹⁾ Ara d-Direttiva 2005/32/KE.

⁽¹⁰⁾ Ara TEN/274, rapporteur: Is-Sur Iozia, u TEN/287, rapporteur: is-Sur Zboril.

⁽¹¹⁾ Ara l-Opinjoni TEN/287 dwar l-użu tal-bijokarburanti u l-progress miksib — rapporteur: Is-Sur Iozia.

3. Il-qafas attwali tal-miżuri ambjentali komunitarji

3.1 Attwalment, il-politika ambjentali hija waħda mill-isfidi soċjali prinċipali li qed jaffaċċjaw l-awtoritajiet pubbliċi u dawk responsabbli mit-tehdid ta' deċiżjonijiet fil-qasam ta' l-ekonomija. Ir-risposta globali dewwemija għall-problemi ambjentali ma tistax tibqa' sservi ta' skuża għan-nuqqas ta' bidliet kemm legiŋslattivi kif ukoll fl-imġiba li jridu jseħħu sabiex ikun jista' jinkiseb l-iskop fundamentali ta' l-UE, jiġifieri l-għan li jinkiseb żvilupp sostenibbli, li huwa l-għan globali li qed jiffaċċjaw ukoll l-imsieħba tagħna madwar id-dinja kollha.

3.2 Fil-fehma tal-Kumitat⁽¹²⁾, l-iżvilupp sostenibbli għandu jwassal għal aktar prosperità u ġustizzja fis-soċjetà Ewropea, soċjetà li tiggarrantixxi ambjent aktar nadif, aktar sigur u aktar ta' ġid għas-saħħa, u li tipprovi kwalità ta' ħajja aħjar għalina, għal uliedna u għal ulied uliedna. Dan madanakollu ser jirrikjedi konsistenza akbar bejn il-politiki u l-istrumenti ta' l-UE, sabiex jiġi assigurat aproċċ proattiv aktar milli burokratiku, aproċċ li jirrispetta d-dimensjonijiet ekonomiċi u soċjali tal-bidliet industrijali u li jtejjeb il-kapaċità tal-kumpaniji li jikkompetu b'mod effiċjenti f'kundest globali.

3.3 Il-progress xjentifiku u teknoloġiku huwa essenzjali sabiex issir possibbli r-rikonċiljazzjoni bejn it-tkabbir ekonomiku u s-sostenibbiltà soċjali u ambjentali. Kif sostna sew il-Kumitat, "għandna bżonn ta' l-oġhla prestazzjonijiet fil-qasam xjentifiku u tekniku, li jinbidlu finnovazzjonijiet u f'forza ekonomika kompetittiva mil-lat intraprenditorjali, sabiex nissalvagwardaw il-futur tagħna, per eżempju fir-rigward tal-kwistjoni ta' l-enerġija u l-klima, inżommu u ntejbu l-pożizzjoni globali tagħna fil-preżent, u niżviluppaw minflok ma nipperikolaw il-mudell soċjali Ewropew"⁽¹³⁾.

3.4 Fis-7 Programm Qafas tal-Komunità Ewropea għar-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u l-attivitajiet ta' dimostrazzjoni, il-priorità li ngħatat lill-ambjent hija ċara. F'dan il-kundest, il-KESE sostna li l-protezzjoni ta' l-ambjent għandha importanza fundamentali għall-kwalità tal-ħajja u għall-pedamenti li proprju fuqhom hija mibnija l-ħajja tal-ġenerazzjonijiet attwali u dawk futuri. Li jiġu rikonoxxuti u riżolti l-problemi involuti, kemm jekk huma kkawżati mill-bniedem kif ukoll jekk huma naturali, huwa għan ambizzjuż ħafna u probabbilment anke indispensabbli. Din il-ħidma għandha relazzjoni intima ma' l-oqsma l-aktar diversi tar-riċerka u l-politika bħall-ekonomija, l-enerġija, is-saħħa u l-agrikoltura, inkluż il-monitoraġġ, dejjem b'konsiderazzjoni ta' l-aspetti globali u l-ftehimiet internazzjonali⁽¹⁴⁾.

3.4.1 Il-Pjattaformi tat-Teknoloġija Ewropea⁽¹⁵⁾ jipprovdu strument important li bih jista' jinfetħ il-potenzjal ta' l-innovazzjoni li għandha l-Ewropa. L-istess jista' jingħad għall-Pjan ta' Azzjoni għat-Teknoloġiji Ambjentali li jindirizza s-"swieq mexxejja".

⁽¹²⁾ ĠU C 117, 30.4.2004 dwar Strateġija għall-Iżvilupp Sostenibbli.

⁽¹³⁾ ĠU C 325, 30.12.2006 — Il-ftuħ u t-tisħiħ tal-potenzjali ta' l-Ewropa għar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni, rapporteur is-Sur Wolf (opinioni esploratorja).

⁽¹⁴⁾ ĠU C 185, 8.8.2006 dwar il-programmi speċifiċi tas-7 Programm Qafas 2007-2013, rapporteurs: Is-Sur Wolf u s-Sur Pezzini.

⁽¹⁵⁾ Il-Pjattaformi tat-Teknoloġija Ewropea huma organizzazzjonijiet privati informali li jiġbru flimkien il-partijiet interessati kollha u jformu-hom b'vizzjoni u approċċ komuni għall-iżvilupp ta' teknoloġiji f'oqsma partikolari, billi jiffukaw fuq kwistjonijiet strateġiċi fejn it-tkabbir, il-kompetittività u s-sostenibbiltà ta' l-UE jiddependu minn progress teknoloġiku kbir. Fil-bidu ta' l-2007 kien hemm 31 pjattaforma bħal dawn. Ara t-Tielet Rappr dwar il-Pjattaformi tat-Teknoloġija Ewropea, fit-tnejja tas-7 Programm Qafas, il-Kummissjoni Ewropea, Marzu 2007.

3.4.2 Is-settur tal-manifattura ser ikompli jaqdi rwol sinifikanti fl-attività ekonomika Ewropea dejjem jekk jiżviluppa b'tali mod li jikkunsidra l-parametri l-ġodda tal-kwalità tal-ħajja, l-ambjent u l-ġestjoni tajba tar-riżorsi f'termini:

- ta' mudelli ġodda tan-negozju;
- tal-prodotti u s-servizzi ta' livell għoli ta' valur miżjud;
- ta' inġinerija industrijali avvanzata permezz ta' l-użu ta' proċessi ekoteknoloġiċi;
- ta' teknoloġiji u xjenzi produttivi emerġenti sabiex jiġu stabbiliti standards ekoloġiċi u teknoloġiċi;
- ta' l-aġġornament tal-mudelli RTD u ta' l-infrastrutturi tat-taħriġ billi jiġu inkorporati parametri ambjentali ġodda;
- ta' żvilupp fl-akkwist ekoloġiku;
- tal-mezzi ta' finanzjament ġodda għat-teknoloġiji ambjentali kif previst fil-Pjan ta' Azzjoni⁽¹⁶⁾;
- ta' applikazzjoni aħjar ta' l-istandards tekniċi u tar-riċerka.

3.5 L-objettivi prijoritarji ta' **l-istrumenti tal-politika ta' koeżjoni 2007-2013** jiddedikaw spazju tajjeb għall-iżvilupp sostenibbli u għandhom l-għan li jinkoraġġixxu s-sinerġiji bejn id-dimensjonijiet soċjali u ambjentali b'baġit totali ta' EUR 308 biljun: Il-ħarsien ta' l-ambjent għandu jiġi kkunsidrat fil-preparazzjoni tal-programmi u l-proġetti bil-għan li jiġi promoss l-iżvilupp sostenibbli⁽¹⁷⁾.

3.5.1 L-ERDF jappoġġja dawk il-programmi li għandhom x'jaqsmu ma' l-iżvilupp reġjonali, mal-bidliet ekonomiċi, mat-tisħiħ tal-kompetittività u mal-kooperazzjoni reġjonali fl-Ewropa kollha. L-għanijiet tal-fondi tiegħu jinkludu l-ħarsien ta' l-ambjent u r-riċerka u l-prevenzjoni tar-riskju f'dan is-settur importanti, b'mod partikolari fir-reġjuni li għadhom lura fl-iżvilupp.

3.5.2 Il-fond ta' koeżjoni jgħin il-promozzjoni ta' interventi fis-settur ambjentali u tan-netwerks tat-trasport trans-Ewropej. Attwalment dan il-fond huwa disponibbli għall-Istati Membri bi dħul gross nazzjonali (DGN) ta' anqas minn 90 % tal-medja tal-Komunità⁽¹⁸⁾, madanakollu, meta mqabbla mas-settur tat-trasport bit-triq, jidher ċar li ma tantx hemm fondi għall-infrastruttura ferrovjarja b'effetti preokkupanti fuq l-ambjent u l-kwalità tal-ħajja.

3.5.3 Il-fondi ta' koeżjoni ser jibdeu jiġu allokati għal temi komuni bħar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku, l-innovazzjoni, l-intraprenditorja, is-soċjetà ta' l-informazzjoni, it-trasport u l-enerġija, kif ukoll is-sorsi ta' l-enerġija rinnovabbli, il-ħarsien ta' l-ambjent, u kwistjonijiet relatata mar-riżorsi umani u l-politika tas-suq tax-xogħol.

⁽¹⁶⁾ Ara COM(2004) 38 finali: "It-Tħeġġiġ tat-Teknoloġiji għall-Iżvilupp Sostenibbli: Pjan ta' Azzjoni dwar it-Teknoloġiji Ambjentali għall-Unjoni Ewropea".

⁽¹⁷⁾ Deċiżjoni 2006/702/KE: Deċiżjoni tal-Kunsil tas-6 ta' Ottubru 2006 dwar il-linji ta' gwida strateġiċi tal-Komunità dwar il-koeżjoni — mhux disponibbli bil-Malti

⁽¹⁸⁾ Artikolu 2 et seq., Regolament (KE) Nru 1084/2006 tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1164/94.

3.5.4 Kif indika l-Kumitat, il-Fondi Strutturali u ta' Koeżjoni antiċipaw l-għanijiet ta' l-Istrateġija ta' Lisbona fid-dimensjonijiet kollha tagħha: tkabbir, koeżjoni, aktar impjieg u impjieg ta' kwalità aħjar, sostenibbiltà ambjentali, eċċ. Il-fondi għinu sabiex jissaħħaħ il-mudell soċjali Ewropew ⁽¹⁹⁾.

3.5.5 Il-Kumitat laqa' bi pjaċir ⁽²⁰⁾, il-Programm Qafas għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni 2007-2013, li jiġbor fih ukoll il-programm **Intelligent Energy — Europe Programme**, li għandu l-għan tal-promozzjoni ta' l-iżvilupp sostenibbli fil-qasam ta' l-enerġija u tat-titjib fl-effiċjenza ta' l-enerġija, fis-sigurtà tal-provvista u fis-sorsi rinnovabbli. L-istrument finanzjarju **LIFE PLUS**, minkeja li nieqes mill-fondi ⁽²¹⁾, għandu l-għan li jagħti kontribut fl-iżvilupp u d-dimostrazzjoni ta' approċċi u strumenti innovattivi għall-politiki; isaħħaħ il-bażi ta' l-għarfien għall-iżvilupp; fil-valutazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni; l-iżvilupp tal-kapaċità; l-iskambju ta' prattiki tajba; it-titjib tal-gvernanza ambjentali; id-disseminazzjoni ta' l-informazzjoni; u li titqajjem kuxjenza dwar il-kwistjonijiet ambjentali.

3.5.6 Kif fakkar il-Kumitat f'opinjonijiet oħra tiegħu, ta' min isemmi wkoll il-fondi individwali mogħtija mill-Bank Ewropew ta' l-Investment għall-proġetti tal-ħarsien ta' l-ambjent. Dawn jirrappreżentaw terz tal-fondi individwali kollha, li ammontaw għal EUR 10,9 biljun, fl-Unjoni Ewropea fl-2005.

3.5.7 Il-Kumitat enfasizza li f'kuntest bħal tagħna, hekk mif-tuh għall-kompetizzjoni globali, kull strateġija ta' gvernanza għal żvilupp lokali u reġjonali li jkun soċjalment responsabbli, għandha tassigura dinamiċi sostenibbli għall-iżvilupp ekonomiku u għal standards soċjali għoljin, sabiex ikun hemm livelli għolja ta' sostenibbiltà ambjentali u soċjali kemm fl-iżvilupp tal-produttjoni kif ukoll fl-iżvilupp tal-konsum ⁽²²⁾.

3.5.8 Il-Kumitat jemmen ukoll li peress li 40 % ⁽²³⁾ ta' l-emissjonijiet tas-CO₂ ġejjin mill-bliet, politika ta' l-ippjanar urban "għandha tkun prijorita għall-konformità ma' l-istandards u r-regolamenti relatati mal-miri ta' l-UE rigward il-kwalità ta' l-arja fil-bliet ...".

3.6 Barra minn hekk, ir-regoli attwali dwar l-għajnuna statali fil-qasam ta' l-ambjent, li dwarhom il-KESE tkellem ukoll ⁽²⁴⁾, jagħrfu tliet tipi ta' għajnuna statali:

— għajnuna għall-operazzjoni, mogħtija għall-ġestjoni ta' l-iskart u għall-konservazzjoni ta' l-enerġija;

⁽¹⁹⁾ ĠU C 93, 27.4.2007, rapporteur: Is-Sur Derruine — mhux disponibbli bil-Malti.

⁽²⁰⁾ ĠU C 65, 17.3.2006, rapporteurs: Is-Sur Welschke u s-Sur Fusco.

⁽²¹⁾ ĠU C 255, 14.10.2005, rapporteur: Is-Sur Ribbe.

⁽²²⁾ Ara ĠU C 318, 23.12.2006 dwar Il-gvernanza territorjali tal-bidliet industrijali, rapporteurs: Is-Sur Pezzini u s-Sur Gibillieri — mhux disponibbli bil-Malti.

⁽²³⁾ Ara ĠU C 168, 20.7.2007 dwar It-trasport fiż-żoni urbani u metropolitani, rapporteur: Is-Sur Ribbe.

⁽²⁴⁾ ĠU C 318, 23.12.2006, dwar ir-riforma ta' l-għajnuna statali, rapporteur: Is-Sur Pezzini, fil-punt 3.10 fejn intqal li il-qafas Komunitarju għall-għajnuna statali għall-protezzjoni ta' l-ambjent ser jibqa' fis-seħħ sa l-2007. Intqal ukoll li f'dan il-qasam ukoll, huwa importanti li wieħed isegwi l-oġettivi ta' Lisbona li jiffaċilitaw l-introduzzjoni ta' l-iskema ta' l-iskambju ta' l-emissjonijiet tas-CO₂ (ETS National Allocation Plans) bħala parti mill-oġettivi tal-Protokoll ta' Kyoto.

— għajnuna għall-assistenza ambjentali jew parir, maħsuba għall-intrapriżi żgħira u ta' daqs medju (SMEs) ⁽²⁵⁾;

— għajnuna għall-investment meħtieġ sabiex jintlaħqu l-oġettivi ambjentali, sabiex jitnaqqsu jew jiġu eliminati t-tniġġis u l-pollutanti jew sabiex il-proċess tal-produttjoni jkun adattat għall-ħarsien ta' l-ambjent.

Dawn ir-regoli jridu jiġi riveduti sa l-aħħar ta' l-2007.

3.7 Il-Kumitat jemmen li hemm bżonn immedjat ta' l-azzjonijiet segwenti:

— it-titjib u tisħiħ ta' l-Iskema ta' l-Iskambju ta' l-Emissjonijiet ⁽²⁶⁾;

— l-iżvilupp ta' sistemi tal-ġabra u l-ħażna tal-karbonju;

— li jiġi limitat it-trasport ta' l-emissjonijiet;

— li l-attenzjoni għandha tkun fuq it-tkabbir sostenibbli;

— l-investigazzjoni tal-potenzjal ta' żieda fl-effiċjenza ta' l-enerġija permezz ta' titjib fl-informazzjoni tal-konsumatur, permezz ta' l-implimentazzjoni tal-linji gwida għall-użu ta' l-enerġija fil-bini u permezz tal-Karta Ewropea li jmiss dwar id-drittijiet tal-konsumaturi ta' l-enerġija ⁽²⁷⁾.

3.7.1 S'issa ġara li l-effett tat-titjib fl-effiċjenza tal-karburant ma tantx deher minħabba ż-żieda fit-trasport tal-passiġġieri u tal-merkanzija, li gābet magħha żieda netta fl-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra (ara d-database ta' l-*International Climate Change Partnership* — l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent) ⁽²⁸⁾. Fil-livell lokali għad hemm problemi serji bħall-konġestjoni tat-traffiku, it-tniġġis bil-ħoss u l-emissjonijiet ta' partikuli separati, għalkemm il-progress li sar fit-teknoloġiji tal-filtrazzjoni jaf ikollu riżultati tajba fil-futur ⁽²⁹⁾.

3.8 Fi-livell regolatorju u dak leġislattiv, kif ukoll mil-lat ambjentali, l-implimentazzjoni mhix sodisfaċenti għaliex, l-aħħar riżultati ta' l-Iskorbord tas-Suq Intern ta' Frar 2007, juru li l-akbar numru ta' ksur tad-dispożizzjonijiet tas-suq uniku saru fil-qasam ta' l-ambjent. Dawn jammontaw għal 18 % tal-ksur kollu. Jekk ma' din iċ-ċifra jiżded ukoll in-numru ta' ksur li jsir fl-oqsma ta' l-enerġija u t-trasport, dan ikun ifisser terz tal-ksur kollu ⁽³⁰⁾.

⁽²⁵⁾ Ara COM(2007) 379 tat-8 ta' Ottubru 2007 b'mod partikolari l-paragrafi 5.2, 5.3, 5.4 u 5.5.

⁽²⁶⁾ ĠU C 221 tas-17.9.2003 dwar il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi skema għall-iskambju tal-kwoti ta' l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE COM(2001) 581 final — 2001/0245 (COD), ĠU C 221 tas-17.9.2002, pp. 27-30.

⁽²⁷⁾ Ara COM(2007) 386 li dwarha bħalissa il-KESE (is-sezzjoni speċjalizzata għat-Trasport, l-Enerġija, l-Infrastruttura u s-Soċjetà ta' l-Infommazzjoni) qiegħed iħejji abbozz ta' opinjoni.

⁽²⁸⁾ ĠU C 80, 30.3.2004: Il-mekkaniżmi tal-proġett ta' Kyoto (II). Rapporteur: is-Sinjura Nouail Marliere.

⁽²⁹⁾ Ara ĠU C 318, 23.12.2006 — Strateġija Tematika dwar l-Ambjent Urban, rapporteur: Is-Sur Pezzini.

⁽³⁰⁾ Ara l-Iskorbord 15, is-Suq Intern, Diċembru 2006, paġna 21 (http://ec.europa.eu/internal_market/score/docs/score15bis/score15bis_en.pdf) "Breakdown of infringement proceedings per sector — Figura 16: 'Environment', 'energy and transport' and 'taxation and customs union' account for half of the infringement proceedings".

3.8.1 L-ewwel biċċa legislażzjoni komunitarja, li inkludiet il-prinċipju “min iniġġes iħallas” bħala wieħed mill-oġġettivi prinċipali tagħha, kienet id-Direttiva 2004/35/KE tal-21 ta' April 2004 dwar ir-responsabbiltà ambjentali fl-oqsma tal-prevenzjoni u t-tiswija tal-ħsara fuq l-ambjent u li l-Kumitat laqa' bi pjaciir⁽³¹⁾, l-għan prinċipali tagħha hija l-prevenzjoni tal-ħsara u r-restawr tan-natura għall-kondizzjoni oriġinali tagħha.

3.8.2 Fl-2006 saru diversi revizzjonijiet ta' biċċiet mil-legislażzjoni bl-għan li jtejbu, jissimplifikaw u jirrazzjonalizzaw il-mekkaniżmi regolatorji, leġislattivi u amministrattivi. Dawn huma:

- id-Direttiva 2002/95/KE (RoHS), dwar il-projbizzjoni u r-restrizzjoni ta' l-użu taċ-ċomb, tal-merkurju, tal-kadmju, tal-kromju essavalenti u tar-retardanti tal-fjammi tan-nar fit-tagħmir elettriku u elettroniku;
- id-Direttiva 2002/96/KE, magħrufa wkoll bħala d-Direttiva WEEE dwar il-prevenzjoni u r-restrizzjoni tal-flussi ta' l-iskart f'dumps, permezz tal-politiki ta' l-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ tat-tagħmir u l-komponenti;
- id-Direttiva ta' l-IPPC dwar il-Prevenzjoni u l-Kontroll Integrati tat-Tniġġis;
- id-Direttiva ta' Qafas dwar l-Iskart⁽³²⁾, li tiġbor flimkien dawn it-tliet direttivi msemmija hawn fuq.

3.8.3 Il-Kumitat jemmaen li dawn jipprovdu lill-produtturi b'opportunitajiet eċċellenti li jintegraw aspetti ambjentali fl-istrateġija industrijali tagħhom għall-perijodu fit-tul, u li jgħolqu opportunitajiet tas-suq permezz ta' prestazzjoni ambjentali mtejba tal-prodotti u tal-proċessi ta' produzzjoni.

3.8.4 Kif sostna l-Kumitat fl-Opinjoni tiegħu dwar is-suġġett⁽³³⁾, fir-rigward tal-Politika Integrata tal-Prodotti (IPP), għandha tingħata importanza speċjali lid-Direttiva ta' Qafas tal-EUP 2005/32/KE dwar l-eko-disinn ta' prodotti li jużaw l-enerġija, li tkopri t-tagħmir kollu li juża l-enerġija, kemm jekk hija ġenerata mill-elettriku kif ukoll jekk hija ġenerata mill-karburanti fossili, bl-għan li tippromovi qafas li jintegra l-konsiderazzjonijiet ambjentali fl-istadju tad-disinn f'numru ta' setturi industrijali.

3.8.5 Ir-Regolament KE/1907/2006, aktar magħruf bħala REACH jew Ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni u l-Awtorizzazzjoni ta' Sustanzi Kimiċi, ser tieħu l-post ta' madwar 40 regolament u toħloq sistema waħda għas-sustanzi kimiċi kollha. Fil-passat⁽³⁴⁾, il-Kumitat esprima tħassib dwar il-kumplessità tar-regolament u t-tul ta' l-annessi tekniċi tiegħu.

3.9 Fir-rigward tal-miżuri volontarji, illum il-ġurnata jeżistu strumenti utli li jvaraw minn Ftehim Ambjentali u l-iskema Ewropea ta' l-eko-disinn, għall-iskema Komunitarja ta' l-eko-ġestjoni u l-verifika (EMAS). Ma' din ta' l-aħħar jistgħu jingħaddu wkoll l-oqsfa proposti għar-responsabbiltà soċjali korporattiva u l-iżvilupp ta' territorji responsabbli soċjalment.

⁽³¹⁾ Ara ĠU C 241, 7.10.2002 rpporteur: Is-Sinjura Sanchez ĠU C 241 tas-7 ta' Ottubru 2002.

⁽³²⁾ COM(2005) 667 finali.

⁽³³⁾ ĠU C 117, 30.4.2004, rapporteur: Is-Sur Pezzini.

⁽³⁴⁾ ĠU C 294, 25.11.2005, rapporteur: Is-Sur Braghin.

3.9.1 Il-pjan ta' azzjoni tal-Ftehim Ambjentali, ippreżentat mill-Kummissjoni f'Lulju 2002⁽³⁵⁾, u li kien is-suġġett ta' opinjoni tal-KESE⁽³⁶⁾, kellu l-għan li jassigura strateġija għal aktar azzjoni kkoordinata sabiex jiġi ssimplifikat l-ambjent regolatorju, b'konformità mal-mandat tal-Kunsill Ewropew ta' Lisbona, li kien ikkonfermat fis-summits ta' Stokkolma, ta' Laeken u ta' Barcellona, għaċ-ċertezza legali u għall-promozzjoni ta' ambjent dinamiku għall-operaturi ekonomiċi.

3.9.2 Barra minn hekk, sa mill-1996, il-Kummissjoni kienet diġà nediet ftehim ambjentali volontarju fil-forma ta' strumenti ta' awto-regolamentazzjoni u ko-regolamentazzjoni, li għandhom il-vantaġġi li jisfruttaw l-attitudni antiċipattiva ta' l-industrija u li joħorġu b'soluzzjonijiet effettivi u adegwati għall-problemi. Dawn l-istrumenti jassiguraw ir-realizzazzjoni rapida ta' l-oġġettivi, titjib sinifikanti fil-qasam tal-metodi leġislattivi billi jagħmluhom anqas kumplessi, aktar flessibbli, aktar intelliġibbli u jqarrbuhom lejn iċ-ċittadini ta' l-Unjoni, u l-promozzjoni ta' l-adozzjoni ta' ftehim ambjentali volontarju fil-livell Komunitarju⁽³⁷⁾.

3.9.3 Fir-rigward ta' dan, il-Kumitat jinsisti li l-Kummissjoni dejjem għandha tikkunsidra jekk l-oġġettivi tagħha jirrikjedux qafas regolatorju jew jekk strumenti ta' awto-regolamentazzjoni u ko-regolamentazzjoni jkunux fil-verità biżżejjed. Il-KESE jemmaen li minn fost l-għażliet kollha disponibbli, għandu jintgħażel dak l-għan li permezz tiegħu jistgħu jintlaħqu l-istess oġġettivi bi prezz u piż amministrattiv irħas, u li permezz tiegħu jista' jiġi assigurat livell massimu ta' trasparenza u ta' parteċipazzjoni tal-partijiet interessati⁽³⁸⁾.

3.9.4 Is-suċċess potenzjali ta' l-eko tikketta Ewropea, li skond ir-Regolament (KE) 1980/2000, jistgħu jirrikjedu l-kumpaniji sabiex jippromovu daww il-prodotti li għandhom anqas effett fuq l-ambjent minn prodotti oħra ta' l-istess kategorija, u sabiex jipprovdu lill-konsumaturi b'informazzjoni ċara u xjentifika dwar il-prodott, jista' jitlef xi ftit mill-impatt tiegħu biss minħabba ż-żieda fit-tikketti Komunitarji u fl-eko tikketti nazzjonali oħra: L-adozzjoni ta' sistemi differenti ta' tikkettar ekoloġiku (inklużi l-green claims u l-awto-dikjarazzjoni), hija problematika, għaliex iġġib magħha l-bżonn ta' aktar strumenti u mekkaniżmi ta' monitoraġġ fil-livell nazzjonali, sabiex jivverifikaw il-validità ta' dawn is-sistemi. B'relazzjoni ma' dan, ta' min ifakkar li l-KESE, fl-opinjoni tiegħu dwar ir-Regolament⁽³⁹⁾ il-ġdid għall-eko tikkettar, iddikjara li huwa kontra ż-żieda fit-tikketti “ħodor” għaliex din tista' toħloq konfużjoni u tfixkil fost il-konsumaturi⁽⁴⁰⁾.

3.9.5 Il-Kumitat bi pjaciir laqa'⁽⁴¹⁾ l-applikazzjoni volontarja ta' l-iskema Komunitarja ta' l-eko-ġestjoni u l-verifika (EMAS) u jhars lejha bħala strument utli għall-kisba ta' l-oġġettivi prinċipali, dak tal-promozzjoni ta' tendenzi sostenibbli ta' produzzjoni

⁽³⁵⁾ COM(2002) 412 Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar Ftehim Ambjentali Komunitarju fi ħdan il-qafas tal-pjan ta' azzjoni għas-simplifikazzjoni ta' l-ambjent regolatorju u t-titjib tiegħu.

⁽³⁶⁾ ĠU C 61, 14.3.2003 — rapporteur: Is-Sur Gafo Fernández.

⁽³⁷⁾ ĠU C 61, 14.3.2003.

⁽³⁸⁾ Opinjoni esploratorja tal-KESE, CESE 562/2007 fin — INT/347: Is-simplifikazzjoni tal-kuntest leġislattivi fis-settur tal-makkinarju, rapporteur: Is-Sur Iozia.

⁽³⁹⁾ ĠU C 296, 29.9.1997, p. 77.

⁽⁴⁰⁾ CESE 925/2001 rapporteur: Is-Sur Pezzini.

⁽⁴¹⁾ ĠU C 258, 20.9.1999, rapporteur: Is-Sur Pezzini u CESE 1160/2006 dwar il-Bidla fil-klima — Ir-rwol tas-soċjetà ċivili, rapporteur is-Sur Ehnmark.

u konsum⁽⁴²⁾. L-użu ta' l-EMAS jippermetti lill-organizzazzjonijiet u l-istituzzjonijiet individwali sabiex jesploraw soluzzjonijiet konkreti sabiex ikejlu u jnaqqsu l-impatt ambjentali ta' diversi attivitajiet, per eżempju l-użu ta' l-enerġija u ta' materjali u l-ivjaġġar bil-karozza, bil-ferrovija jew bl-ajru⁽⁴³⁾.

3.9.6 Kif insista kemm-il darba l-Kumitat⁽⁴⁴⁾, ir-**responsabbiltà soċjali korporattiva** hija kontribut importanti sabiex ikun jista' jiġi realizzat l-oġġettiv li ħolqot għaliha nniffisiha l-UE fis-Summit ta' Lisbona. Dan il-prinċipju ma jistax jiġi iżolat mill-prinċipji l-oħra ta' territorji responsabbli soċjalment u ta' gvernanza territorjali tal-bidliet industrijali. Dan jista' jseħħ permezz tal-ġenerazzjoni u l-iżvilupp ta' negozji ġodda, ta' profili professjonali ġodda u aktar impjiegi u impjiegi ta' kwalità aħjar, filwaqt li jiġi preservat il-mudell soċjali Ewropew⁽⁴⁵⁾, li jkun hemm enfasi fuq ekonomija bbażata fuq l-għarfien u permezz ta' approċċ territorjali integrat sabiex titħeġġeġ il-protezzjoni ta' l-ambjent waqt il-bidliet ekonomiċi u industrijali⁽⁴⁶⁾. Bejn il-perijodu 2000-2005 in-nefqa ta' l-UE għall-protezzjoni ta' l-ambjent laħqet il-medja annwali ta' madwar 1,7 % tal-valur miżjud ta' l-industrija⁽⁴⁷⁾.

3.9.7 Is-suġġett ta' l-integrazzjoni ta' l-aspetti ambjentali fl-istandardizzazzjoni Ewropea ġie indirizzat diversi drabi fl-opinjoni tal-KESE⁽⁴⁸⁾ fejn il-Kumitat jistqarr li huwa konvint mill-bżonn li l-proċess ta' standardizzazzjoni għandu jitħaffef u m'għandux jiġi mxejkel aktar sabiex b'hekk ikun żgurat l-iżvilupp u l-kwalità għolja fl-oqsma kollha tas-suq intern, inkluż l-ambjent. L-għan għandu jkun li l-proċess isir aktar effiċjenti u irħas u li tinnaqqas il-burokrazija, filwaqt li bħala miżura preparatorja, tinbena l-kapaċità ta' l-istituzzjonijiet fl-Istati Membri.

3.9.8 Il-Kumitat jixtieq jerġa' jenfasisza l-bżonn ta' kompatibilità bejn ir-regolamenti ambjentali u l-istandards li ma jorbtux, li huma bbażati fuq għarfien akbar tal-konsiderazzjonijiet u tal-kwalità ambjentali. Barra minn hekk tenħtieġ il-promozzjoni ta' kodiċi tal-kondotta aktar flessibbli u li tista' tipprovdi proċessi ta' standardizzazzjoni li huma aktar ambjentali għall-kumpaniji u għall-SMEs b'mod partikolari.

⁽⁴²⁾ Il-membri tal-KESE kemm-il darba talbu li l-bini tas-sede tal-Kumitat jgħaddi miċ-ċertifikazzjoni ta' l-EMAS, hekk kif talbet li jsir il-Kummissjoni għall-bini tagħha.

⁽⁴³⁾ ĠU C 318, 23.12.2006 IL-bidla fil-klima — Ir-rwol tas-soċjetà ċivili, rapporteur: Is-Sur Ehnmark.

⁽⁴⁴⁾ ĠU C 169, 6.7.1992 dwar il-Green Paper dwar il-Promozzjoni ta' qafas Ewropew għar-responsabbiltà soċjali korporattiva, rapporteurs: Is-Sinjura Hornung Draus, Is-Sinjura Engelen-Kefer u s-Sur Hoffelt; ĠU C 223, 31.8.2005 dwar Strumenti ta' informazzjoni u ta' kejl għas-CSR f'ekonomija globalizzata, rapporteur: Is-Sinjura Pichenot; ĠU C 325, 30.12.2006 dwar L-Implimentazzjoni tas-sħubija għat-tkabir u l-impjiegi: Nagħmlu mill-Ewropa ċentru ta' eċċellenza fil-qasam tar-responsabbiltà soċjali korporattiva, rapporteur: Is-Sinjura Pichenot.

⁽⁴⁵⁾ ĠU C 185, 8.8.2006, rapporteur: Is-Sur Ehnmark.

⁽⁴⁶⁾ ĠU C 318, 23.12.2006 dwar Il-gvernanza territorjali tal-bidliet industrijali: ir-rwol ta' l-imsieħba soċjali u l-kontribut tal-Programm ta' Kompetittività u l-Innovazzjoni (opinjoni fuq inizjattiva proprja), rapporteurs: Is-Sur Pezzini u s-Sur Gibillieri.

⁽⁴⁷⁾ Il-GVA ta' l-industrija attwalment huwa ta' 22 % tal-PGD (71 % servizzi; 5 % kostruzzjoni u 2 % agrikoltura), sors: EUROSTAT.

⁽⁴⁸⁾ ĠU C 117, 30.4.2004; u ĠU C 74, 23.3.2005, rapporteur: Is-Sur Pezzini.

3.9.9 Il-Kumitat jemmen li huwa partikolarment importanti li l-ispeċifiċi ta' l-akkwist pubbliku jikkonformaw mar-reqwiżiti tal-protezzjoni ambjentali u tas-sostenibbiltà, kemm fil-ħidma u fil-konċessjonijiet pubbliċi kif ukoll fis-"setturi esklużi".

4. Komentari ġenerali

4.1 Il-Kumitat jemmen li minħabba r-rabta intima bejn il-kwistjonijiet tal-kompetittività, l-enerġija u l-ambjent, li għandhom impatt sinifikanti, b'mod partikolari, fuq l-industrija tal-prodotti bażiċi u intermedjarji, u li jimponu bidliet strutturali fil-qasam tal-manifattura, jeħtieġ koordinazzjoni stretta u aproċċ integrat għal numru ta' politiki u strumenti, fid-diversi livelli, flimkien ma' proċeduri ta' simplifikazzjoni u l-eliminazzjoni tal-burokrazija, b'mod speċjali għall-SMEs.

4.2 Sabiex tiġi assigurata l-koerenza ta' l-inizjattivi individwali u fl-istess waqt ikun hemm titjib fil-kompetittività u s-sostenibbiltà, il-Kumitat jemmen li hemm bżonn:

- tal-parteċipazzjoni bilanċjata tal-partijiet interessati kollha bil-għan li jinholq qafas regolatorju stabbli u prevedibbli fejn il-kompetittività, l-enerġija u l-ambjent jimxu id fid;
- ta' bilanċ ġust bejn l-istandardizzazzjoni, ir-regolamentazzjoni u l-awto-regolamentazzjoni volontarja;
- ta' mekkaniżmi ta' appoġġ li jinkoraġġixxu l-aġġustament strutturali u r-riċerka għal teknoloġiji ġodda, nodfa u kompetittivi;
- ta' taħriġ u taħriġ mill-ġdid għall-kumpaniji, fejn jiġu mħarrġa kemm id-dipartimenti tal-ġestjoni kif ukoll il-ħaddiema sabiex dawn isegwu l-bidliet industrijali sostenibbli li jistgħu joħlqu impjiegi ġodda u potenzjal kompetittiv ġdid;
- ta' valutazzjoni ta' l-impatt ex-ante u ex-post ta' l-istrumenti regolatorji u volontarji sabiex jiġu assigurati l-konsistenza, l-effettività u s-sostenibbiltà;
- ta' involviment akbar tal-konsumatur, il-produtturi u d-distributturi kemm fl-istadju tad-disinn kif ukoll fl-istadju tal-monitoraġġ u l-evalwazzjoni ta' l-applikazzjoni u l-konformità mal-miżuri ta' l-implimentazzjoni.
- ta' ħarsien tas-suq uniku Ewropew sabiex ikun hemm kompetizzjoni ġusta anke mil-lat ta' l-istandards ambjentali, fil-livell intern kif ukoll dak internazzjonali;

4.3 Il-miżuri li ttieħdu sabiex jiġu integrati l-konsiderazzjonijiet ambjentali fl-attivitajiet industrijali kellhom riżultati importanti. L-industrija tal-manifattura ta' l-UE, bejn l-1985 u l-2000, kisbet tnaqqis ta' aktar minn 11 % fl-emissjonijiet tas-CO₂ u fl-istess perijodu, il-produtturi fis-settur żdiedet b'31 %⁽⁴⁹⁾. Barra minn hekk, fl-industrija tal-manifattura seħħ diżakkuppjament (decoupling) mill-emissjonijiet ta' gassijiet aċidifikanti u ċertu livell ta' diżakkuppjament relattiv mill-użu ta' enerġija u ta' materji primi.

⁽⁴⁹⁾ Ara EIPRO, il-Kummissjoni, ĊKR, Mejju 2006.

4.4 Il-Kumitat huwa konvint li l-protezzjoni ambjentali tista' toffri opportunitajiet ġodda għal djalogu bejn l-imsieħba soċjali u s-soċjetà ċivili kemm fuq livell interprofessjonali kif ukoll fuq livell settorjali bil-għan li jiġu introdotti proċessi sostenibbli ta' bidliet industrijali.

4.5 Aktar riżorsi għandhom jiġu dedikati għar-riċerka u d-disinn sabiex jinstabu soluzzjonijiet għall-problemi minn stadju bikri u sabiex jinżammu livelli għolja ta' produzzjoni u impjeg aktar milli jsir skambju ta' ċertifikati mingħajr ma jissolvew il-problemi li jinqalgħu.

4.5.1 Il-Kumitat jemmen li viżjoni għal perijodu fit-tul u l-użu ta' pjanijiet ta' rotta (roadmaps) fl-indirizzar ta' l-isfidi li jġibu magħhom l-oġġettivi ambjentali, bħal per eżempju fil-każ tal-Pjattaforma ta' l-Azzar Ewropea — jiffaċilitaw it-titjib u l-koordinazzjoni ta' l-istrumenti u r-riżorsi disponibbli, sabiex isir l-aħjar użu mill-aċċess għall-eċċellenza xjentifika u l-għarfien teknoloġiku.

4.5.2 Leġislazzjoni nazzjonali li tittrasponi direttivi u regolamenti Ewropej għandha tagħti inċentivi varji sabiex tinkoraġġixxi approċċ għdid għad-disinn tal-prodotti, sabiex b'hekk ir-riċiklaġġ ta' dawn il-prodotti jkun aktar effettiv.

4.6 Teżisti relazzjoni intima bejn il-politiki tal-kompetittività, l-enerġija u l-ambjent u dawn għandhom impatt sinifikanti, b'mod partikolari, fuq industriji tal-prodotti bażiċi u intermedjarji.

4.7 Is-sosteniment ta' industrija sostenibbli jirrikjedi l-parteċipazzjoni bilanċjata tal-partijiet interessati kollha bil-għan li jinholq qafas regolatorju stabbli u prevedibbli fejn il-kompetittività, l-enerġija u l-ambjent jimxu id fid; il-kwistjonijiet li għandhom jiġu kkunsidrati jinkludu:

- l-implimentazzjoni konkreta ta' prinċipji ta' regolamentazzjoni aħjar;
- il-bidla fil-klima, b'mod partikolari l-iskema għall-iskambju ta' l-emissjonijiet;
- l-inizjattivi għall-promozzjoni ta' l-effiċjenza ta' l-enerġija u riżorsi rinnovabbli;
- l-operazzjoni tas-swieq ta' l-enerġija, b'mod partikolari s-siq ta' l-elettriku;
- l-implimentazzjoni ta' strateġija tematika għall-prevenzjoni u r-riċiklaġġ ta' l-iskart u l-leġislazzjoni relatata;

Brussell, it-12 ta' Diċembru 2007.

Il-President

tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Dimitris DIMITRIADIS

— it-titjib fl-effiċjenza tar-riżorsi u l-użu ta' teknoloġiji ambjentali u innovattivi.

4.8 Fir-rigward tal-politiki ambjentali li huma mmirati lejn is-servizzi pubbliċi lokali" bħall-kwalità ta' l-arja u l-ġonna munici-pali, huwa ovvju li l-bidliet fil-kwalità ta' l-ambjent ser ikollhom riperkussjonijiet lokali fuq il-prezzijiet tad-djar, l-impjeg, il-parteċipazzjoni ta' dawk il-klassijiet li ma jaqilgħuhiex tajjeb fid-deċizzjonijiet fil-qasam tal-protezzjoni ta' l-ambjent u l-kapaċità tagħhom li japplikaw l-istandards ta' l-effiċjenza sabiex jiffrankaw l-enerġija.

4.8.1 Fir-rigward ta' l-impjeg, filwaqt li qed jinħolqu impjegji fis-setturi pubbliċi u privati u jinqata' impjeg li m'għadux neċessarju, is-settur terzjarju jeħtieġ programm kbir ta' riċerka sabiex il-profilu professjonali jibdeu jieħdu approċċ internazzjonali, appoġġjat minn strateġija Ewropea għall-mobbiltà sostenibbli.

4.9 Sabiex jissaħħu l-effettività u l-impatt pożittiv tal-miżuri tal-protezzjoni ambjentali, il-Kumitat jemmen li hemm bżonn li tiġi assicurata dimensjoni internazzjonali għall-azzjonijiet kkoordinati tal-Komunità. Huwa importanti li l-Ewropa tara li jkun hemm l-aktar livelli għolja ta' impenn globali u ta' konformità mar-rekwiżiti tal-protezzjoni ta' l-ambjent, inkluż permezz ta' l-integrazzjoni ta' klawsole ta' konformità ambjentali fil-ftehim negozjat. Ir-regoli tal-kummerċ internazzjonali, b'mod partikolari, għandhom jikkunsidraw mhux biss id-dumping soċjali iżda wkoll dak ekoloġiku ⁽⁵⁰⁾, u jħeġġu t-trasferiment tat-teknoloġiji ambjentali u l-implimentazzjoni ta' l-eko-innovazzjoni fid-dinja kollha ⁽⁵¹⁾.

4.10 B'relazzjoni ma' dan hemm bżonn li jitħeġġu u jiġu appoġġjati l-inizjattivi għal pjanijiet ta' rotta ambizzjużi sabiex jiġu żviluppati punti ta' referenza internazzjonali u settorjali għall-effiċjenza ta' l-enerġija u t-tnaqqis ta' l-emissjonijiet perikolużi, bbażati fuq l-aqwa teknoloġiji disponibbli (BAT ⁽⁵²⁾).

4.11 L-Unjoni Ewropea għandha tippersisti mal-pajjiżi industrijalizzati u l-pajjiżi emerġenti prinċipali, b'mod partikolari iċ-Ċina u l-Indja, sabiex jinstabu toroq ġodda li jistgħu iwasslu lill-pajjiżi kollha lejn l-iżvilupp sostenibbli. Dan jaf jirrikjedi qafas għdid għall-politika ta' l-iżvilupp tal-Komunità ⁽⁵³⁾.

⁽⁵⁰⁾ Ara l-Green Paper dwar Żarmar Aħjar tal-Bastimenti, COM(2007) 269 tat-22 ta' Mejju 2007.

⁽⁵¹⁾ Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-għotja ta' impuls għdid lill-politika ambjentali ta' l-UE, 28/6/2007.

⁽⁵²⁾ BAT = Best Available Technologies.

⁽⁵³⁾ Ara Stimu ta' l-Impatt tas-Sostenibbiltà (SIA) skond in-negozjati ta' l-FSE mal-pajjiżi ta' l-AKP (ara l-opinjoni esploratorja REX/189 — ĠU C 65, 17.3.2006, ir-rapporteur: Is-Sur Pezzini, il-ko-rapporteur: Is-Sur Dantin).

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Il-Promozzjoni tas-Solidarjetà bejn il-Ġenerazzjonijiet

COM(2007) 244 finali

(2008/C 120/16)

Nhar l-20 ta' Ġunju 2007, il-Kummissjoni ddeċidiet, b'konformità ma' l-Artikolu 262 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, li tikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Il-Promozzjoni tas-Solidarjetà bejn il-Ġenerazzjonijiet.

Is-sezzjoni speċjalizzata għax-Xogħol, l-Affarijiet Soċjali u ċ-Ċittadinanza inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar l-14 ta' Novembru 2007, Ir-rapporteur kien is-Sur Jahier.

Matul l-440 sessjoni plenarja tiegħu li nżammet fit-13 ta' Diċembru 2007, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-opinjoni b'106 voti favur, 21 voti kontra u 28 astensjonijiet.

1. Sfond

1.1 Il-prinċipju tas-solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet huwa element strutturali fundamentali fil-mudell soċjali Ewropew u fid-dawl tal-konsegwenzi tan-nuqqas ta' bilanċ demografiku jitlob impenn ġdid u soluzzjonijiet ġodda li jippermettu li jissaħħaħ, fil-qafas tal-bilanċ ġdid finanzjarju li hu meħtieġ. Iż-żamma ta' dan il-prinċipju ta' solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet jitlob l-ewwel nett, aproċċ attiv fil-livelli varji ta' l-awtoritajiet pubbliċi u l-ħidma ta' l-atturi soċjali kollha, sabiex jiggarrantixxu servizzi soċjali ta' interess ġenerali li huma ta' kwalità, għall-familji, għaż-żgħażaġh u għall-persuni kollha f'kondizzjoni ta' dipendenza u kontinwità fis-sistema tal-pensjonijiet u ta' sigurtà soċjali.

1.2 Il-KESE diġà esprima ruħu reċentement f'serje ta' opinjonijiet⁽¹⁾ dwar dawn l-argumenti kollha, b'mod partikolari dwar il-konċiljazzjoni bejn il-ħajja professjonali u dik tal-familja, dwar il-promozzjoni ta' l-opportunitajiet indaqs u dwar il-promozzjoni tax-xogħol, b'referenza partikolari għall-impjiegi fost in-nisa, u r-rakkomandazzjonijiet tagħhom qed jergħu jinġabru u proposti mill-ġdid fil-kompletezza tagħhom f'din l-Opinjoni, kemm fil-parti analitika kif ukoll f'dik propożitiva.

1.3 Għalkemm il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni għandha t-titlu "Il-promozzjoni tas-solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet", hija tikkonċentra essenzjalment fuq il-problematika tal-familja anki fir-rigward tan-novità ta' l-Alleanza għall-familji, li ġiet deċiża reċentement mill-Kunsill Ewropew. L-attività li għaddeja bħalissa fil-livell Komunitarju hija filfatt qawmien importanti mill-ġdid ta' l-interess u ta' miżuri li jirrigwardaw il-familja, wara waqfa twila u — bħalma stqarret l-istess Komunikazzjoni — "l-ewwel pass lejn risposta Ewropea għall-isfidi li ġejjin mill-bidliet demografiċi". Għalhekk l-opinjoni preżenti tiffoka fuq dawn il-problematiki.

(1) Ara l-Opinjoni tal-KESE tas-16 ta' Diċembru 2004 Ir-relazzjonijiet bejn il-ġenerazzjonijiet (rapporteur: Bloch-Lainé), ĠU C 157 tat-28.6.2005; l-Opinjoni tal-KESE ta' l-14 ta' Marzu 2007 il-familja u l-bidla demografika (rapporteur: Buffetaut), ĠU C 161 tat-13.7.2007; l-Opinjoni tal-KESE ta' l-14 ta' Marzu 2007 L-impatt ekonomiku u baġitarju fuq il-popolazzjonijiet li qegħdin jixxjeh (rapporteur: Florio), ĠU C 161 tat-13.7.2007; Ir-rwol ta' l-imsieħba sociali fir-rikonċiljazzjoni tal-ħajja professjonali, familjali u privata (Rapporteur Clever), Lulju 2007; biex insemmu biss dawk prinċipali.

1.4 Fl-1983, il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni dwar il-politika Ewropea tal-familja, sabiex b'hekk, għall-ewwel darba, ta' prominenza lill-politika tal-familja u ppermetta, fuq kolloxx, li s-sena ta' wara, jiġu bbaġitjati xi fondi għall-promozzjoni ta' attivitajiet favur il-familji.

1.5 Fl-1989 inżammet l-ewwel laqgħa tal-Kunsill tal-Ministri tal-Familja li adotta xi miżuri importanti fuq il-bażi tal-proposti tal-Kummissjoni Ewropea. Għalhekk, saret talba lill-Kummissjoni sabiex jitwaqqaf Osservatorju Ewropew tas-sitwazzjoni soċjali, id-demografija u l-familja, illum magħruf bħala l-Osservatorju tad-demografija u tas-sitwazzjoni soċjali, u grupp ta' uffiċjali għolja governattivi tal-familja. Fl-aħħar, il-Kummissjoni ħolqot grupp imħallat li jiġbor servizzi differenti dwar id-dimensjoni tal-familja fil-politiki varji tal-Komunità. F'din l-okkażjoni il-Kunsill iddeċieda wkoll li jistituzzjonalizza l-kuntatti ma' l-organizzazzjonijiet tal-familja u mal-grupp tal-partiti mħallta dwar "Il-familja u l-ħarsien tat-tfal" tal-Parlament Ewropew.

1.6 Fl-1994, fl-1999 u fl-2004, il-Parlament adotta riżoluzzjonijiet ġodda, filwaqt li fl-1988 twaqqaf il-grupp mħallat dwar il-Familja.

1.7 Il-kriżi, fl-1998, tat-titoli ta' l-estimi finanzjarji u tal-bażi legali tagħhom, sfortunatament wasslet sabiex jispiċċaw anke l-allokkazzjonijiet li kienu mmirati li jappoġġjaw lill-familji.

1.8 Il-Komunikazzjoni li qiegħda tiġi kkunsidrata hija s-segwitu tar-riflessjoni tal-Kummissjoni dwar id-demografija, li bdiet mal-Green Paper ta' l-2005 dwar l-isfidi demografiċi⁽²⁾ u li tkomplet bil-komunikazzjoni *Il-ġejjieni demografiku ta' l-Ewropa, il-bidla ta' sfida f'opportunità*⁽³⁾ Barra minn hekk, hija parti minn attività istituzzjonali ħafna aktar wiesgħa li nbdiat

(2) COM(2005) 94 finali.

(3) COM(2006) 571 finali li dwarha il-Kumitat esprima ruħu fl-Opinjoni esplorattiva ta' l-14 ta' Marzu 2007, fuq it-talba tal-Presidenza Ġermaniża, *Il-familja u l-Evoluzzjoni Demografika* (rapporteur is-Sur Buffetaut), ĠU C 161 tat-13.7.2007.

mill-presidenza Ġermaniża bil-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa u ntemmet bil-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Ministri dwar l-Alleanza għall-familja tat-30 ta' Mejju 2007, li mbagħad reġgħu ssemmev fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-21-22 ta' Ġunju 2007.

1.9 Il-komunikazzjoni tfakkar li fl-Ewropa jeżistu essenzjalment tliet tipi ta' miżuri ta' appoġġ lill-familji: kumpensi għall-ispejjeż, diretti jew indiretti, marbuta mal-familja; servizzi ta' appoġġ lill-ġenituri għall-kustodja u l-edukazzjoni tat-tfal u għall-kura tal-persuni dipendenti; adattar tal-ħinijiet u tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-okkupazzjoni u ta' l-organizzazzjoni ta' l-aċċess għas-servizzi soċjali ta' interess ġenerali fil-livell lokali. Dawn id-dimensjonijiet kellhom żvilupp varjat fl-Istati Membri differenti skond l-għażliet politiki u l-oġġettivi tagħhom. Filwaqt li l-Kummissjoni tqis li huwa diffiċli li wieħed jindika liema huma l-aktar politiki effettivi, tenfasizza, madankollu li xi Stati (il-pajjiżi Skandinavi) rnexxielhom joħlqu pakkett ta' politiki li jippromovu r-rikonċiljazzjoni bejn ix-xogħol, il-ħajja tal-familja u l-ugwaljanza bejn is-sessi b'tali mod li, fl-istess waqt, jiffavorixxi rata għolja ta' twelid u ta' okkupazzjoni fost in-nisa.

1.10 Filwaqt li l-politika tal-familja hija, f'sens strett, il-kompetenza esklussiva ta' l-Istati Membri, il-Kummissjoni tfakkar li l-Unjoni Ewropea minn dejjem ippruvat, fil-miżuri politiki tagħha, li tagħti kas tal-familja u tal-kwalità tal-ħajja tal-membri tagħha. Barra minn hekk, il-konċiljazzjoni bejn il-ħajja tal-familja u l-ħajja professjonali, saret waħda mill-prinċipji bażiċi tal-politiki Komunitarji dwar l-okkupazzjoni, fil-qafas ta' l-Istrateġija ta' Lisbona.

1.11 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni mbagħad tkompli billi tiddekrivi il-karatteristiċi ta' l-Alleanza Ewropea għall-familja u l-azzjoni komunitarja li hi mmirata li ssostrniha. B'mod partikolari huwa previst li jkun hemm grupp ta' livell għoli ta' esperti tal-gvernijiet dwar kwistjonijiet demografiċi, l-organizzazzjoni tal-forum u ta' networks Ewropej, kif ukoll nazzjonali, reġjonali u lokali, osservatorju ta' prattiċi tajba li jitwaqqaf fi ħdan il-Fondazzjoni Ewropea għat-titjib tal-kondizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol, u għalhekk serje ta' għodod tar-riċerka li huma bbażati b'mod partikolari fuq is-Seba' Programm ta' Qafas. Fl-aħħar il-Kummissjoni għandha l-ħsieb li tuża r-riżorsi tal-fondi strutturali Ewropej sabiex tappoġġja l-parità ta' l-opportunitajiet u l-konċiljazzjoni bejn il-ħajja familjari u dik professjonali.

2. Kummenti u sfidi

2.1.1 Il-kwistjoni tas-solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet żgur li hija pjuttost wiesgħa u kumplessa u tagħmel parti minn sitwazzjoni aktar ikkumplikata ta' l-isfidi li ġejjin mid-diversi bidliet soċjali, ekonomiċi u internazzjonali li qed iseħħu, fosthom it-tixjeh tal-popolazzjoni, u li ser ikollhom impatt impor-

tanti fuq il-ħajja futura taċ-ċittadini Ewropej, b'mod partikolari fuq il-kondizzjonijiet tax-xogħol u l-kondizzjonijiet soċjali. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, tinnotta li l-istrateġija ta' Lisbona tipprovi l-bażi li fuqha l-politika tal-familja tista' tkun modernizzata bil-promozzjoni ta' opportunitajiet indaqs u fuq kollox billi ttejjeb ir-rikonċiljazzjoni tax-xogħol mal-ħajja tal-familja u dik privata, li żżid il-parteċipazzjoni tan-nisa' fis-suq tax-xogħol. Din ir-rikonċiljazzjoni hija wkoll enfasizzata fil-linji gwida integrati għat-tkabbir u l-impjieg, li skonthom il-politika ta' l-impjieg għandha tkun imfassla skond iċ-ċirkostanzi tal-ħajja familjari u tibdil f'dawn iċ-ċirkostanzi matul il-perijodi differenti tal-ħajja. Il-metodu ta' koordinament miftuħ, li għandu effett fuq il-protezzjoni u l-integrazzjoni soċjali, jiffoka fuq it-titjib tas-sitwazzjoni tat-tfal foqra u l-familji tagħhom, jappoġġja l-kura fit-tul ta' dawk li huma dipendenti u l-immodernizzar tas-sistemi tal-pensjonijiet.

2.1.2 It-tlaqqiegħ tal-ġenerazzjonijiet, li jseħħ u jiżviluppa fi ħdan il-familja, sar sfida kbira anke fl-Ewropa. Dan huwa l-post privileġġjat fejn tiżviluppa b'mod fiżjoloġiku s-solidarjetà bejn is-sessi, u taċ-ċiklu tal-ħajja. Il-bidliet soċjali wasslu għal firxa wiesgħa ta' strutturi ta' familji differenti. Meta jtfasslu l-miżuri għandhom ikunu kkonidrati il-varjetà tas-sitwazzjonijiet, tal-familji b'rispett lejn is-sussidjarjetà u l-leġislazzjonijiet nazzjonali ⁽⁴⁾.

2.1.3 L-aktar rapporti reċenti dwar is-sitwazzjoni soċjo-demografika jindikawna li fil-pajjiżi differenti n-numru ta' nuklei familjari qiegħed jżied, filwaqt li d-daqs tagħhom qiegħed jiekien. Fl-istess waqt, l-istruttura tal-familja qiegħda tinbidel ħafna aktar malajr milli kienet fil-passat minħabba fit-tnaqqis fin-numru ta' żwiġijiet (minn 8 għal kull 1 000 abitant fis-snin sittin għal 5.1 għal kull 1 000 abitant fl-1999), fl-età aktar avvanzata meta wieħed jiżżewweġ, fiż-żieda tas-separazzjonijiet u d-divorzji, fiż-żieda fin-numru ta' nies li qegħdin jgħixu għal rashom u fiż-żieda fin-numru ta' tfal li qegħdin jitwieldu barra miż-żwieġ. F'dan ir-rigward, in-numru ta' tfal, fl-UE li jgħixu f-familja b'ġenitur wieħed żdied b'50 % mill-1983, u bħalissa 13 % tat-tfal ta' l-Unjoni jgħixu f-familja b'ġenitur wieħed (fil-quċċata l-Gran Brittanja) ⁽⁵⁾. Numru dejjem jżied ta' tfal qegħdin jgħixu f-familji fejn ġenitur wieħed jew l-ieħor ilaqqgħu flimkien it-tfal tagħhom minn żwiġijiet ta' qabel, li għandhom nanniet u tfal/aħwa minn żwiġijiet oħra. L-adozzjoni ta' tfal minn barra l-Ewropa qed tiżdied u tfaċċaw kulturi familjari ġodda bħala riżultat ta' l-immigrazzjoni.

2.1.4 Ir-rata ta' fekondità fl-Ewropa llum hija ta' madwar 1.45 tarbija għal kull mara li għalhekk hija ħafna aktar baxxa mir-rata ta' sostituzzjoni tal-popolazzjoni. L-aktar livelli baxxi jinsabu fil-pajjiżi tal-Mediterran u tal-Lvant It-tnaqqis fir-rata tat-twelid huwa fenomenu kważi universali fl-Unjoni Ewropea u niżel b'aktar minn 45 % mis-sittinijiet l'hawn.

⁽⁴⁾ Ara l-opinjoni tal-KESE tat-28.9.2005 dwar il-"Green paper dwar il-liġi applikabbli u l-ġurisdizzjoni fi kwistjonijiet ta' divorzju", rapporteur: is-Sur Retureau (ĠU C 24, tal-31.1.2006), fejn hemm dikjarat li "l-Green Paper (b'mod għaqli) m'hijex qed tipproponi li tarmonizza l-liġi sostantiva".

⁽⁵⁾ Eurostat, *Il-Popolazzjoni fl-Ewropa*, 2005. Għalkemm il-prevalenza tal-familji b'ġenitur wieħed tvarja minn pajjiż għall-ieħor fl-Unjoni Ewropea (Fl-Italja hija inqas mifruxa, għall-kuntrarju ta' l-Isvezja), il-kompożizzjoni tas-sess hija bejn wieħed u ieħor l-istess fin-nazzjonijiet kollha (bi prevalenza netta ta' nisa), bl-uniku eċċezzjoni tkun l-Isvezja fejn 26 % tal-ġenituri singoli bit-tfal huma rġiel.

2.1.5 Għaldaqstant fis-soċjetajiet tagħna qegħdin jonqsu ż-żgħażaġh u t-tfal u jiżiedu l-pensjonanti u l-persuni anzjani b'mod ġenerali. Fl-1950, 40 % tal-popolazzjoni fl-UE tal-25 kellha inqas minn 25 sena. Fl-2000 din il-kwota kienet biss 30 % u fl-2025 ser tinżel għal 25 %. Għal kuntrarju, fl-1950 persuna waħda biss għal kull 10 kellha aktar minn 65 sena, filwaqt li fl-2000 kienet 1 minn kull 6 u fl-2025 ser nersqu lejn 1 minn kull 4. Dawn iċ-ċifri jindikaw bidliet profondi fl-istruttura tal-konsumi, fil-ħtiġijiet ta' alloġġ u tal-kura, fl-imġieba soċjali u fl-istess prioritajiet tal-politiki pubbliċi.

2.1.6 Żgur li llum, bis-saħħa tal-mudelli varji ta' sigurtà soċjali li jeżistu fl-Ewropa, il-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-progressi fil-mediċina l-parti l-kbira tal-persuni anzjani jistgħu jistennaw li jkollhom ħajja itwal bi dħul li hu relattivament komdu. Madankollu jeżistu problemi kbar ta' faqar, li jmissu ta' l-anqas mara minn kull 6 li għandha l fuq minn 65 sena, u b'mod ġenerali madwar kwart tal-persuni anzjani li jgħixu waħidhom⁽⁶⁾. Il-faqar u l-esklużjoni fost in-nisa' anzjani hija ġeneralment frott ta' storja ta' impjeg dgħajfa jew mhux eżistenti. Din is-sitwazzjoni ssir ovvjament aktar serja għal dawk li għandhom aktar minn sebgħin u tmenin sena, u dan joħloq piż dejjem aktar insostenibbli għall-familji sakemm is-sistema tas-sigurtà soċjali u l-kura ma tkunx tistà tipprovdi servizzi adegwati.

2.2 Skond l-Ewrobarometru⁽⁷⁾, 97 % ta' l-Ewropej iqisu l-familja fost l-aspetti l-aktar importanti f'ħajjithom u tiġi eżatt wara s-saħħa. L-opinjoni pożittiva ta' l-Ewropej tirriżulta aktar importanti jekk jiġu mitluba li jesprimu rwieħhom dwar il-futur⁽⁸⁾. L-importanza tal-familja toħroġ meta wieħed jiġi bżonn l-għajnuna: 70 % jgħidu li jduru fuq is-sieħeb jew is-sieħba tagħhom, filwaqt li 25 % jitolbu l-għajnuna lil xi membru ieħor tal-familja, b'mod speċjali f'każ ta' mard (88 %), fil-ħtieġa ta' xi parir (78 %) jew fil-bżonn ta' flus (68 %).

2.3 Il-familji fl-Ewropa qegħdin dejjem aktar imorru jgħixu fil-periferiji tal-bliet kbar. Dan il-mudell, però, jaħbi differenzi kbar ta' faxxa ta' età: il-persuni li huma xjuħ ħafna u ż-żgħażaġh għandhom tendenza akbar li jgħixu fil-bliet il-kbar, mentri il-familji bit-tfal u l-persuni ta' età pensjonabbli x'aktarx jiċċaqilqu lejn iċ-ċentri ż-żgħar. Il-fatt li persuni ta' etajiet differenti għandhom it-tendenza li jgħixu fl-okkalitajiet differenti joħloq problemi ġodda fil-ġestjoni tas-servizzi u tal-koeżjoni soċjali fiż-żoni l-kbar tal-metropoli, fenomen li hu eżasperat anki minn fenom-

eni migratorji, li jinhasu aktar fil-bliet fejn il-ħtieġa ta' had-diema hija akbar.

2.4 B'referenza għall-età tal-popolazzjoni, il-persentaġġ tal-popolazzjoni Ewropea li għandha iktar minn ħamsa u sittin sena żdied u laħaq is-17.2 % fl-2005 (UE-15). In-nisa, li jgħixu aktar fit-tul, jiffurmaw il-parti l-kbira minn-numru li qiegħed jikber ta' anzjani fil-pajjiżi kollha Ewropej u jirrappreżentaw aktar minn 50 % tal-popolazzjoni ta' età l fuq minn 65 sena.

2.5 Il-faqar jolqot madwar 72 miljun persuna fl-UE-25 (jiġifieri 15 %) u 26 miljun jinsabu f'riskju ta' faqar⁽⁹⁾. Minn dawn, madwar 12-il miljun huma persuni anzjani; 9 % tal-popolazzjoni ta' l-UE għexet ffamilja bi dħul baxx għal tnejn mill-aħħar tliet snin ta' ħajjitha; ir-riskju ta' faqar huwa akbar fost il-familji b'aktar tfal. Madwar 20 % mill-94 miljun żagħżuġh u żagħżuġha li għandhom inqas minn 18-il sena fl-Ewropa huma esposti għar-riskju tal-faqar u tul dawn l-aħħar tliet snin sena r-rata ta' faqar fost it-tfal kibret fl-Istati kollha ta' l-Unjoni. Illum hija ogħla minn dik tal-popolazzjoni ġenerali, bl-aktar sitwazzjonijiet gravi fost il-familji b'ġenitur wieħed, il-familji li jinsabu f'sitwazzjonijiet ta' qagħad jew sottoimpjeg kroniku u l-familji numerużi. It-tfal ta' familji foqra jbagħtu min nuqqasijiet, huma żvantaġġati ħafna, għandhom problemi akbar ta' saħħa, riżultati akkademiċi ħżiena, u dan għandu riperkussjonijiet soċjali, ekonomiċi u politiċi ċari għall-futur. Dan in-nuqqas ta' interess dwar id-drittijiet tat-tfal iwassal għad-delinkwenza minorili, għall-isfruttament u għat-traffikar tat-tfal.

3. Kummenti ġenerali

3.1 Minkejja dak li ntqal fil-premessa, l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea s'sissa wrew diffikultajiet kbar biex jikkunsidraw il-familja bħala struttura soċjali li taqdi rwol essenzjali fis-soċjetà kontemporanja u li għalhekk għandha tingħata attenzjoni akbar mill-Komunità.

3.2 Filwaqt li x-xenarju internazzjonali u Ewropew huma għanja fid-Dikjarazzjonijiet uffiċjali — min-naħa ta' firxa wiesgħa ta' korpi pubbliċi — li jattribwixxu lill-familja rwol fundamentali fis-soċjetà, b'mod prattiku l-Ewropa tidher li għadha ma inkludix il-familja fost il-prioritajiet tagħha, li fundamentalmment huma bbażati fuq żewġ pilastri: min-naħa, il-forzi tas-suq ħieles

⁽⁶⁾ Il-faqar hawnhekk huwa kkalkulat b'mod relattiv mal-livell tad-dħul f'kull Stat Membru, b'mod li jirriżulta inqas f'xi Stati Membri ġodda (per eżempju, 6 % biss fil-Polonja), filwaqt li hija ħafna aktar għolja f'oħrajn bħall-Irlanda (44 %), il-Greċja (33 %), il-Portugall (30 %), il-Belġju (26 %) u l-Gran Brittanja (24 %). Ir-realtà soċjali fl-Ewropa, Dokument ta' Konsultazzjoni mill-BEPA, Marzu 2007.

⁽⁷⁾ Ewrobarometru Speċjali 273, Ir-Realtà Soċjali Ewropea, Frar 2007.

⁽⁸⁾ Ara f'dan ir-rigward ara il-ktieb Valori a confronto (Valuri mqabbli), R. Gubert u G. Pollini (edituri), Milan 2006, li jibbaża fuq ir-riżultati tar-riċerka tal-European Values Study li sar fost 40 000 ċittadini fi 33 Stat Ewropew (mas-27 Stati Membri ta' l-UE jiżiedu xi Stati Membri oħra tal-Kunsill ta' l-Ewropa) bil-ħidma ta' diversi universitajiet Ewropej. Anki r-riċerka "Il-futur demografiku ta' l-Ewropa", mill-Istitut Robert Bosch, flimkien ma' l-Istitut Federali Ġermaniż tar-Riċerka Demografika, fejn ġew intervistati 34 000 ċittadini minn 14-il stat Ewropew, tik-konferma r-rabta qawwija ta' l-Ewropej ma' l-istituzzjoni tal-familja.

⁽⁹⁾ Kalkolu magħmul fuq il-bażi li l-linja tal-faqar hija ta' 60 % tad-dħul medju. Is-Sitwazzjoni soċjali fl-Ewropa 2004 u Eurostat 2003. Ara wkoll l-aħħar Rapport dwar is-sitwazzjoni soċjali fl-Ewropa 2005-2006, ippubblikat fir-Rebbieġha ta' l-2007 mill-Kummissjoni, bit-tema l-ekwilibriju bejn il-ġenerazzjonijiet f'Ewropa li qed tixxjeh.

u l-kompetizzjoni, u min-naħa l-oħra l-ugwaljanza ta' l-opportunitajiet għaċ-ċittadini kollha. Ir-referiment għal dawn iż-żewġ pilastri huwa evidenti per eżempju fi ħdan l-Istrateġija ta' Lisbona u l-Aġenda soċjali 2005-2010.

3.3 B'mod ġenerali, il-Kummissjoni Ewropea taffronta it-tema tal-familja taħt il-profil tal-politika soċjali, l-okkupazzjoni u l-parità ta' l-opportunitajiet ⁽¹⁰⁾. Bħala regola, però l-ħafna dokumenti li jmissu aspetti bħaż-żgħażaġh, id-drittijiet tat-tfal, il-kwistjonijiet ta' formazzjoni, eċċ, l-istess idea ta' familja hija kważi dejjem nieqsa u l-approċċ prevalenti huwa orjentat biss lejn perspettiva tad-drittijiet inividwali, jiġifieri tal-persuna bħala suġġett ekonomiku. Din rarament tiġi kunnsidrata fid-dimensjoni relazzjonali tagħha, li l-ewwel nett jpoġġiha bħala parti minn familja u minn sistema ta' relazzjonijiet soċjali li jduru mal-familja, filwaqt li l-familja tkompli tagħti sehem importanti fis-sostenn ta' l-iżvilupp tal-persuna, fl-akkompanjament ta' l-inseriment soċjali u fid-dinja tax-xogħol u anke fit-tehd tar-responsabbiltà fil-każ ta' mard, kif ukoll fl-eventwalità ta' kondizzjonijiet ta' diżabbiltà temporanji jew permanenti u ta' dipendenza. Is-servizzi li joffru l-amministrazzjonijiet pubbliċi, is-settur privat jew dak soċjali jibqgħu fundamentali speċjalment fil-promozzjoni tar-rikonċiljazzjoni tal-ħajja tax-xogħol mal-ħajja tal-familja, il-prevenzjoni ta' faqar fil-familja u n-nuqqas ta' impjieg, u fl-appoġġ u l-ghajjnuna lill-familji milquta mil-mard, abbuż mid-droga, problemi ta' trobbija tat-tfal u vjolenza domestika. Iżda dawn is-servizzi waħidhom ma jstgħux ikunu soluzzjoni sostituttiva għall-bżonnijiet emotivi u affettivi tal-persuna, kemm dik li qiegħda tirċievi l-kura kif ukoll dik li qiegħda tikkura ⁽¹¹⁾.

3.4 It-talba dejjem tikber min-naħa taċ-ċittadini Ewropej ta' attenzjoni għall-familja madankollu tidher li ntliaqat tajjeb mill-presidenza Ġermaniża ta' l-UE, li pproponiet "alleanza kbira" bejn l-istituzzjonijiet sabiex tiffavorixxi politiki koordinati li jstgħu jibbilanċjaw it-tnaqqis fir-rata tat-twelid u ż-żieda ta' l-anzjani. F'dawn l-aħħar sentejn fil-fatt kien hemm sforz ġdid mill-istituzzjonijiet kollha ta' l-Unjoni li huwa kkaratterizzat minn approċċ aktar sistematiku, strateġiku u orjentat lejn il-futur u għalhekk għandu potenzjal ikbar.

3.5 Dan huwa evidenti l-ewwelnett fid-dispożizzjonijiet tal-Karta tad-drittijiet fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea rigward il-familja ⁽¹²⁾, anke jekk kienet tkun apprezzata l-inklużjoni ta' referenza espliċita għal "l-appoġġ għall-ħajja tal-familja" f'Artikolu 3 ddedikat lill-għanijiet ta' l-Unjoni Ewropea fir-reviżjoni tat-Trattati ta' l-Unjoni Ewropea.

⁽¹⁰⁾ Il-kwistjonijiet li jirrigwardaw il-familja huwa fdati lid-Direttorat Ġenerali ta' l-okkupazzjoni, l-affarijiet soċjali u l-opportunitajiet indaqs. Huwa possibbli li wieħed isib dokumenti speċifiċi fuq il-portal ta' l-Alleanza Ewropea għall-familji http://ec.europa.eu/employment_social/families/index_en.html. Madankollu huwa dnuh li għadu mhux possibbli li wieħed jaċċedi għax-xogħol kollu estensiv li sar fis-snin ta' qabel l-2000 mill-Osservatorju dwar il-Familja, li diġà ssemma u li ġie stabbilit fl-1989, u għall-attività importanti li ilha ssir għal aktar minn deċennju.

⁽¹¹⁾ Susy Giullari u Jane Lewis, *The adult Worker Model Family, Gender equality and care; politique sociale et développement, Document de programme 19, Institut de recherche des Nations Unies pour le développement social, April 2005.*

⁽¹²⁾ Dawn huma artikoli 7, 9, 14, 24-3, 33, 34.

3.6 Il-KESE jersprimi l-apprezzament tiegħu għall-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni, li tippreżenta aġenda operattiva konkreta sabiex l-Alleanza għall-familji prospettiva jkollha saħħa. Hija pjattaforma kostruttiva li tilqa' ħafna mill-indirizzi li l-KESE u b'mod aktar ġenerali d-dibattitu ta' dawn is-snin diġà fformula, sabiex jirrispondu għall-isfidi tal-bidliet demografiċi, jgħin il-kooperazzjoni u s-sħubija bejn atturi differenti sabiex jinkoraġġixxi t-titjib fir-risposta għall-ħtiġijiet tal-familji fil-kura ta' l-ulied u ta' persuni fi stat ta' dipendenza, titjib fil-livell tar-rikonċiljazzjoni tax-xogħol mal-ħajja tal-familja u dik privata, anke permezz ta' investment qawwi f'sistema ta' servizzi ta' kwalità għall-infanzja u l-familji, sabiex b'hekk jikkontribwixxu lejn sforz ġdid aktar b'saħħtu ta' solidarjetà interġenerazzjonali.

3.7 Mandankollu ta' min wieħed jiddeplora l-fatt li minħabba li xi Stati Membri ma tawx l-appoġġ tagħhom, ma jistax jiġi applikat il-metodu ta' koordinament miftuħ għal dan il-qasam, li kien jagħti lill-Alleanza piż strateġiku u strutturali akbar. Il-KESE madankollu jagħraf li din il-komunikazzjoni toffri bażi possibbli għall-iżvilupp ta' pjattaforma organika, li ma tippreġudikax il-possibbiltà ta' żviluppi oħra, ibbażati fuq koordinazzjoni aktar espliċita.

3.8 Għalhekk wieħed irid joqgħod attent li wara l-ispinta deċiżiva li tat il-presidenza Ġermaniża ta' l-Unjoni, ma naqgħux fil-perikolu li din il-linja ġdida ta' ħidma tiġi marġinalizzata. Fil-qafas ta' l-interess ġdid u aktar b'saħħtu tal-korpi Ewropej varji dwar il-kwistjoni soċjali u tal-benesseri taċ-ċittadini, il-familja qiegħda tibda tkun fiċ-ċentru ta' l-attenzjoni, riflessjoni u azzjoni. Dan l-ewwel ftuħ kawt irid jissaħħaħ b'mod progressiv u mwessa', bis-saħħa ta' pjan ta' ħidma elaborat li għandu jikkonkludi fit-13-il forum demografiku Ewropew, previst fl-2010.

3.9 B'mod aktar ġenerali hemm bżonn li jiġi rikonoxxut b'mod pragmatiku l-kontribut prattiku u sostanzjali li l-familji jkomplu jggarantixxu lis-soċjetajiet tagħna u b'mod konkret il-kura tal-persuni f'kull fażi tal-ħajja, u minn din il-perspettiva jit-qiesu wkoll kemm l-utilità soċjali u ekonomika kif ukoll iż-żidiet eventwali u insostitwibbli fl-ispejjeż tas-servizzi tal-welfare kemm il-darba l-familja ma tiġix appoġġjata b'mod adegwat u inkuraġġuta fil-qadi tar-rwol tagħha.

3.10 Minn din l-ottika l-imsieħba soċjali fil-livelli varji diġà qed jaqdu rowl importanti. Fil-qafas ta' l-ewwel programm ta' ħidma konġunta 2003-2006 tagħhom, l-imsieħba soċjali Ewropej ppreżentaw skeda ta' azzjoni fir-rigward ta' l-opportunitajiet indaqs, b'referiment partikolari għall-konċiljazzjoni bejn il-ħajja tal-familja u dik professjonali u s-suġġetti kollha marbuta ma

dan. It-tieni programm tagħhom għall-2006-2008 huwa bbażat fuq analiżi wiesgħa ta' l-isfidi prinċipali tas-suq tax-xogħol⁽¹³⁾. Il-KESE jinkuraġġixxi lill-imsieħba soċjali sabiex ikomplu f'din id-direzzjoni.

3.11 Wieħed irid iqis ukoll dejjem aktar id-dimensjoni strutturali tar-rwol tal-produzzjoni u r-riproduzzjoni tal-kapital soċjali u relazzjonali, li dejjem iktar qiegħed jiġi rikonossut bħala fundamentali għall-benesseri taċ-ċittadini individwali u tas-soċjetà kollha kemm hi. Il-ħin iddedikat lill-ulied u għall-familja żgur li huwa ħin li qiegħed jonqos mill-karriera, iżda huwa wkoll investment fil-kura u l-formazzjoni tal-persuni u għalhekk irid jiġi rikonossut u apprezzat: wieħed għandu jirrifletti fuq il-possibbiltà li flimkien mal-miżuri li diġà jeżistu (benefiċċji, tnaqqis mit-taxxa, leave għall-ġenituri, eċċ) ikun hemm ukoll forma ta' rikonossiment fil-pensjoni għall-ħin li wieħed jiddeklara lill-kura ta' persuni dipendenti li jgħixu fil-familja⁽¹⁴⁾, sabiex b'hekk jiġi evitat li s-solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet toħloq żbilanċ aktar 'il quddiem (fis-sens ta' pensjonijiet inadegwati u bħala konsegwenzja riskju akbar ta' faqar), li jaffettwa l-aktar lin-nisa.

3.12 Għalhekk wieħed irid iqis ukoll id-dimensjoni ta' l-ġhotti b'xejn tal-ħin, li wieħed diffiċilment jista' jsarraf fi flus u għalhekk jibqa' ma jidhriex iżda li xorta jaffettwa b'mod profond il-kwalità tal-ħajja soċjali, fatt li huwa dejjem aktar imfittex u apprezzat mill-parti l-kbira tal-persuni.

3.13 Għalhekk huwa meħtieġ li jkun hemm apprezzament soċjali differenti, espliċitu u pożittiv, ta' din id-dimensjoni strutturali u fondattiva tal-persuna, oriġinarja u ġenerattiva tar-rabta soċjali li ggħib maġħha żvilupp u adattament aħjar ta' dawk il-kondizzjonijiet ta' ambjent u servizz, li b'hekk ikunu jistgħu jippermettu li jiġu sodisfatti l-aspettattivi tal-familja, tan-numru ta' ulied mixtieqa u tal-possibbiltà li wieħed jieħu ħsieb dawk li jħobb b'moħħ mistrieħ.

4. Kummenti speċifiċi

4.1 Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni diġà identifikat xi linji ta' ħidma pożittivi u strutturati tajjeb fl-intenzjonijiet u fl-ewwel applikazzjonijiet (bħall-fil-każ tat-twaqqif ta' grupp ta' livell għoli ta' esperti governattivi dwar il-kwistjoni demografika). Il-KESE jappoġġja dawn il-linji ta' ħidma, jinkuraġġixxi l-iżvilupp sħiħ tagħhom u jittama li tingħatalhom pubbliċità adegwata u kostanti u li jiġi kkomunikat b'mod wiesgħa il-progress li jkun sar, sabiex b'hekk tiġi mfittxa l-aktar parteċipazzjoni wiesgħa possibbli fil-proċess.

⁽¹³⁾ FLulju 2007 is-sħab soċjali Ewropej bagħtu ittra lill-Kummissarju Spidla fejn esprimew ir-rieda tagħhom li jikkjarifikaw id-direttiva dwar il-leave tal-familja u s-sitwazzjoni li għandha x'taqsam mar-rikonċiljazzjoni tal-ħajja tax-xogħol mal-ħajja tal-familja fl-UE. Għal dan il-għan l-organizzazzjonijiet waqfu grupp ta' ħidma konġunt li għandu jissottometti rapport waqt is-samit dwar l-affarijiet soċjali Ewropej li għandu jseħħ f'Marzu 2008.

⁽¹⁴⁾ Ara per eżempju — il-miżuri l-ġodda previsti fil-Finlandja, fejn il-partijiet soċjali nnegozzjaw riforma importanti fis-sistema pensjonistika fl-2003, li wara ġiet approvata mill-Parlament fl-2004 u li daħlet fis-seħħ fl-2005. Għal aktar informazzjoni, ara l-paġni Ingliżi fuq is-sit www.tyoelake.fi

4.2 Fir-rigward tal-parteċipazzjoni pożittiva ta' l-atturi lokali u reġjonali, li għandha importanza partikolari minħabba fir-rwol dejjem aktar sinifikanti u ċentrali ta' dawn l-istituzzjonijiet fil-forniment tas-servizzi soċjali u fl-implimentazzjoni ta' innovazzjonijiet effettivi, jidher li ta' min wieħed mhux biss jinkuraġġixxi it-tweġġ ta' forum reġjonali u lokali, iżda jistieden ukoll lill-Kummissjoni li tieħu rwol proattiv u bi ftehim mal-partijiet interessati, tipprepara u tappoġġja pjan elaborat ta' fora u inizjattivi fil-pajjiżi kollha ta' l-Unjoni, sabiex toħloq adegwazzjoni kemm jista' jkun wiesgħa għall-proċess.

4.3 Il-KESE jqis lil-ħolqien ta' l-Osservatorju ta' prattiki tajba fil-qasam tal-politiki tal-familja fi ħdan il-Fondazzjoni Ewropea għat-titjib tal-kondizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol, għandu jkun meħjun, u jaħseb illi jkun tajjeb li jseħħ fil-qafas ta' konsultazzjoni stretta ta' l-atturi fis-soċjetà ċivili, b'mod partikolari ta' l-assoċjazzjonijiet tal-familji, fil-fażijiet differenti ta' dan il-proċess, kemm sabiex jiġu identifikati prattiki tajbin, kif ukoll mumentu opportuni ta' diskussjoni u analiżi.

4.4 Wieħed, imbagħad irid joqgħod attent sabiex l-enfasi prinċipali ta' dan l-osservatorju ma taqax biss fuq kwistjonijiet familjari relatati mal-ħajja tax-xogħol, iżda tkunu indirizzata pjuttost lejn l-iżvilupp ta' għarfien preċiż tal-ħtiġijiet tal-familja u tal-ġenerazzjonijiet, kif ukoll tal-miżuri u l-fondi ddestinati sabiex iħarsu u jippromovu l-iżvilupp ta' solidarjetà ġdida bejn il-ġenerazzjonijiet. B'dan il-mod isir kontribut lejn l-għarfien mill-istat ta' l-infrastruttura taċ-ċittadinanza soċjali li llum teżisti fil-pajjiżi ta' l-Unjoni⁽¹⁵⁾.

4.5 Fejn tidħol ir-riċerka, il-KESE jissuġġerixxi dawn l-oqsma speċifiċi ta' ħidma:

— ir-rwol u l-impatt tal-politiki fiskali (kemm fejn jidħlu l-benefiċċji kif ukoll l-eżenzjonijiet fiskali) implimentati mill-pajjiżi differenti ta' l-Unjoni fuq l-appoġġ jew il-penalizzazzjoni tal-ħajja familjari, b'mod partikolari fejn jidħlu l-ulied (mit-twelid, għat-trobbija, għall-edukazzjoni) u l-persuni adulti fir-responsabbiltà tan-nuklei familjari individwali, il-konċiljazzjoni tal-ħajja professjonali u dik tal-familja, l-impjeg tan-nisa u qsim aktar ekwu tax-xogħol bejn l-irġiel u n-nisa;

— il-politiki u l-miżuri fil-qasam tat-terza età attiva, għalkemm wieħed irid iqis li jeżisti perjodu dejjem aktar sinifikanti bejn iż-żmien tal-pensjonament u s-sitwazzjoni ta' dipendenza minħabba f'mard jew età avvanzata — anke fir-rigward ta' żieda fl-inizjattivi ta' impenn u koinvolġiment tal-persuni anzjani fattivitajiet soċjali u kulturali favur il-komunità ta' appartenenza, ħaġa li tkabbar il-kwalità tal-kapital soċjali komplessiv;

⁽¹⁵⁾ Ara l-Opinjoni tal-KESE ta' l-10 ta' Diċembru 2003 *Aġenda għal politika soċjali* (rapporteur: Jahier), ĠU C 80 tat-30.3.2004.

— il-perspettiva taċ-ċiklu tal-ħajja sabiex tiġi mistħarrġa jekk hux possibbli li mad-dimensjoni lonġitudinali fl-iżvolġiment medju attwali tal-ħajja ⁽¹⁶⁾ hux possibbli li tinstab struttura aktar flessibbli, fejn l-investiment fil-familja, il-waqfiet sabiex wieħed jieħu ħsieb l-ulied jew persuni oħra li għandhom bżonn tal-kura jew għall-formazzjoni personali, ma jkunux aktar ikkunsidrati eċċezzjonijiet fortunati u l-anqas ma jwasslu għall-penalizzazzjoni inevitabbli fil-karriera, speċjalment għan-nisa, iżda progressivament isiru konidzzjoni normali u ordinarja għall-parti l-kbira ta' l-irġiel u n-nisa li jkunu jixtiequ ⁽¹⁷⁾.

— F'dan ir-rigward, ir-riċerka trid tqis ukoll iż-żieda konsiderevoli fin-numru tal-familji b'ġenitur wieħed, imsemmija aktar 'l fuq, iġġib magħha r-riskju ta' sitwazzjonijiet ta' solitudni fix-xjuħija, fejn l-ispejjeż obbligatorji jkollhom impatt negattiv qawwi u aproċċ flessibbli lejn iċ-ċiklu tal-ħajja jista' jkollu impatt serju fuq il-livell ta' għejxien. Barra minn hekk hemm bżonn li wieħed jistudja liema miżuri għandhom jittieħdu sabiex il-pensjonijiet ikunu jistgħu jiggarrantixxu livell ta' għejxien dekoruż lill-kulħadd, filwaqt li tiġi esplorata wkoll il-possibbiltà li l-pensjonijiet jiġu personalizzati fi ħdan il-familja.

— L-impatt soċjali u l-ispejjeż tal-faqar fost it-tfal (li jinkludi t-traffikar tat-tfal u l-kriminalità kontra t-tfal, l-ghajjnuna mogħtija lill-familji biex ilħaqqu man-nuqqas ta' xogħol, mard, abbuż ta' droga, problemi ta' saħħa mentali, vjolenza domestika u problemi ta' trobbija tat-tfal, u ostakli li jwaqqfu liż-żgħażaġħ milli jkunu indipendenti u jibnu familja.

4.6 Jeżistu mbagħad żewġ oqsma li f'tit ġew esplorati u li dwarhom il-KESE iqis li hija meħtieġa attenzjoni akbar min-naħa tal-Kummissjoni fil-qafas ta' l-istrategġija attwali.

— il-politiki tad-djar, li għandhom jiġu maħsuba b'mod sostanzjali fi ħdan iċ-ċiklu tal-ħajja fejn il-parti ddedikata għax-xogħol hija nettament superjuri, iżda li m'għadiex tidher li tikkorrispondi għar-realtà attwali ⁽¹⁸⁾. B'mod partikolari fil-qasam tal-*housing* soċjali, kemm b'referiment għall-iżvilupp ta' rifuġji familjari kif ukoll għad-dritt u l-possibbiltà konkreta għal ħafna persuni dipendenti li jgħixu id-dar.

— is-sitwazzjoni tal-persuni b'diżabilità jew f'kondizzjoni ta' dipendenza kbira, li spiss jgħixu fid-dar tagħhom jew fid-dar tal-familja, li tirrappreżenta sfida kemm biex wieħed idaħħal

dawk is-servizzi u l-prodotti li jistgħu jgħinu dawn il-persuni biex jgħixu b'mod awtonomu f'darhom kif ukoll minħabba fid-dinamika ta' solitudni għall-persuna u għall-familji, li wieħed isir konxju tagħha biss meta tispodi xi traġedja soċjali.

4.7 Imbagħad, tidher li timmerita attenzjoni partikolarment il-proposta reċenti li ġiet mibgħuta lill-istituzzjonijiet varji Ewropew minn konsorzju wiesgħa ta' organizzazzjonijiet familjari fil-livell Ewropew ⁽¹⁹⁾. Din hija talba għal revizzjoni tar-rata tal-VAT fuq oġġetti għat-trabi, bħan-nappies. F'dan ir-rigward kien hemm diġà impenn politiku preċiż mill-Kummissjoni fid-19 ta' Lulju 2006 sabiex tiġi ppreżentata proposta ta' revizzjoni tas-VI direttiva u b'mod partikolari ta' l-anness H tad-direttiva 2006/112/KE, li jelenka il-prodotti u s-servizzi li għalihom l-Istati membri huma awtorizzati li eventwalment japplikaw rata mnaqqsa ta' mhux inqas minn 5 % ⁽²⁰⁾. Dawn l-oġġetti huma spiża li medjament taffettwa b'mod deċiżiv il-baġit familjari fl-Ewropa kollha. Il-KESE jappoġġja din il-proposta, li tista' tkun mod konkret, u li jidħol fil-kompetenza ta' l-Unjoni Ewropea, sabiex tinkoraġġixxi lill-Istati Membri ħalli joffru sostenn ekonomiku lill-familji kollha.

4.8 Fl-aħħar jidher li huwa l-każ li wieħed ifakkar żewġ linji ta' ħidma speċifiċi.

— Il-ħtieġa li jiġi stabbilt *Family mainstreaming* preċiż tal-politiki differenti ta' l-Unjoni, sabiex jitqies b'mod sistematiku kemm l-impatt ta' kull miżura li tittieħed fuq il-familji, kif ukoll tad-dimensjoni familjari fi ħdan is-setturi differenti ta' azzjoni soċjali u ta' l-ekonomija ta' l-Unjoni. Għal dan il-għan, il-KESE iqis li l-Kummissjoni għandha terġa twaqqaf il-grupp Interservizzi, li twaqqaf fl-1989 iżda mbagħad ma tkomplex, u li jkun jippermettilha li tikkoordina aħjar il-miżuri tagħha f'dan il-qasam

— Il-ħtieġa ta' konsultazzjoni sistematika maċ-ċittadini Ewropej u b'mod partikolari ta' l-assoċjazzjonijiet tal-familja u ta' l-imsieħba soċjali, sabiex jippermettu valutazzjoni aħjar tal-miżuri waqt il-proċess, diffużjoni ta' l-informazzjoni li hi aktar korretta u effettiva, u li dan il-proċess jiġi sostnut kemm finanzjarjament kif ukoll permezz tat-twaqqif ta' proċeduri u ta' fora adegwati Il-KESE jista' jkun sede tajba ħafna għal dan il-għan billi jagħti stabbiltà strutturali lil din il-ħidma.

⁽¹⁶⁾ Żvolġiment tal-ħajja li llum medjament jipprevedi sekwenza assolutament riġida tal-fażijiet tal-kobor, formazzjoni, inseriment fid-dinja tax-xogħol li huwa diffiċli u li jieħu ż-żmien, b'konsegwenzi inevitabbli fuq iż-żminijiet għal familja u possibbilment tat-twelid, sabiex wieħed jispiċċa mbagħad fl-età tal-maturità avanzata fejn irid ilaħħaq mal-piż doppju ta' appoġġ lill-ulied u l-kura tal-ġenituri anzjani u dipendenti.

⁽¹⁷⁾ F'dan ir-rigward wieħed għandu jinkoraġġixxi u jwessa' bl-aktar mod assolut il-linji ta' riċerka diġà indikati mill-Fondazzjoni ta' Dublin.

⁽¹⁸⁾ Dwar dan ara wkoll *Id-djar u l-politika reġjonali* (rapporteur is-Sur Grasso u ko-rapporteur is-Sinjura Prud'Homme), ĠU C 161 tat-13.7.2007.

⁽¹⁹⁾ Fil-15 ta' Mejju li għadda, fl-okkażjoni tal-Ġurnata Internazzjonali tal-Familja, l-ELFAC (Konfederazzjoni Ewropea tal-familji numerużi), flimkien ma ħafna organizzazzjonijiet bħal Coface u oħrajn, li bagħtu appell lill-awtoritajiet ta' l-istituzzjonijiet bit-titlu *Need for reduced VAT on essential items for child raising*. Għal aktar dokumentazzjoni u informazzjoni ara www.elfac.org.

⁽²⁰⁾ Sal-lum, diġà hemm xi Stati Membri li japplikaw rata mnaqqsa tal-VAT fuq in-nappies, iżda hemm bżonn li tittieħed deċiżjoni aktar importanti li tinkludi l-prodotti differenti kollha tat-trabi, minn dawk għall-ikel, sal-ħwejjeġ, li s'issa huma suġġetti għar-rati massimi.

5. Konklużjonijiet

5.1 Filwaqt li wieħed jilqa' l-importanza ta' l-isfida li toffri l-kwistjoni demografika, it-tema tas-solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet ma għandiex tiffoka fuqha u għalhekk tillimita ruħha għalha biss, iżda għandha dejjem aktar tinftiehem bħala problema prijoritarja għas-snin li ġejjin, li tħaddan ċentri ta' responsabbiltà orizzontali (istituzzjonijiet, imsieħba soċjali, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, eċċ) u lonġitudinali (żgħażaġh, anzjani eċċ), għalix huma determinanti għall-iżvilupp Ewropew (ekonomiku, soċjali u kulturali) u għat-tiġdid ta' l-istess patt soċjali li fuq huma bbażati d-demokrazzji tagħna.

Filfatt, il-kulturi tas-solidarjetà li s'issa kkaratterizzaw l-iżvilupp Ewropew, ippermettew soluzzjonijiet oriġinali u daqstant ieħor sostenibbli, li rriżultaw determinanti għall-iżvilupp uman, soċjali u ekonomiku tagħna: mis-sistemi nazzjonali tal-welfare, għar-

relazzjoni bejn id-drittijiet u d-dmirijiet soċjali, l-iżvilupp tad-drittijiet taċ-ċittadinanza, u t-tlaqqieġh u l-kontinwità tar-responsabbiltà fost il-ġenerazzjonijiet fil-familja.

5.2 Kif kien qal il-kittieb Franċiż Antoine de Saint-Exupery, mhix sempliċement kwistjoni li tbassar il-futur iżda li tagħmlu possibbli. Għalhekk wieħed irid jaħdem sabiex titkattar fiduċja ġdida fil-futur, miċ-ċittadini kollha, b'mod partikolari il-familji u fuq kolloxx iż-żgħażaġh. Għalhekk huma ma jkunux imġiegħla li jiffaċċjaw ambjent soċjali tant sfavorevoli f'termini ta' riżorsi, servizzi u żmien li jkollhom jipposponu wisq id-deċiżjoni li jwettqu l-proġetti tagħhom għal familja u li jkollhom in-numru ta' tfal li jixtiequ. Iżda pjuttost iħossu s-solidarjetà ta' alleanza qawwiya u mġedda bejn il-ġenerazzjonijiet u jkunu f'qagħda li jagħtu l-kontribut tagħhom u b'hekk ikunu jistgħu jiffaċċjaw l-isfidi taż-żminijiet tagħna.

Brussell, it-13 ta' Diċembru 2007.

Il-President

tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Is-Sur Dimtris DIMITRIADIS

APPENDIĊI

għall-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Qiegħda titniżżel hawn taħt l-emenda li, minkejja li ma ġietx milqugħa waqt id-diskussjoni, ġabet numru ta' voti favorevoli li jlaħħqu ta' l-anqas kwart tal-voti miħhuta (artikolu 54(3) tar-regolament intern).

Punt 4.3

Immodifika kif ġej:

"Il-KESE jqis li l-ħolqien ta' l-Osservatorju ta' prattiċi tajba fil-qasam tal-politiki tal-familja fi ħdan il-Fondazzjoni Ewropea għat-titjib tal-kondizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol, għandu jkun meġhjun, u jaħseb illi jkun tajjeb li jseħħ fil-qafas ta' konsultazzjoni stretta ma' l-atturi fis-soċjetà ċivili, b'mod partikolari ta' l-assoċjazzjonijiet tal-familji, fil-fażijiet differenti ta' dan il-proċess, kemm sabiex jiġu identifikati prattiċi tajbin, kif ukoll mumentu opportuni ta' diskussjoni u analiżi. Il-KESE jitlob lill-Kummissjoni, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sabiex jieħdu l-passi neċessarji għall-ħolqien ta' osservatorju tal-familja fil-Fondazzjoni ta' Dublin u biex jipprovdru l-mezzi finanzjarji neċessarji għal dan il-għan."

Riżultat tal-Votazzjoni

Voti favorevoli: 63 Voti kontra: 67 Astensjonijiet: 22.

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar Ir-Raba' Rapport dwar il-Koeżjoni Ekonomika u Soċjali

COM (2007) 273 finali

(2008/C 120/17)

Nhar it-30 ta' Mejju 2007, il-Kummissjoni Ewropea ddeċidiet, b'konformità ma' l-Artikolu 262 tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, li tikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

Ir-Raba' Rapport dwar il-Koeżjoni Ekonomika u Soċjali.

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għall-Unjoni Ekonomika u Monetarja u l-Koeżjoni Ekonomika u Soċjali, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar it-8 ta' Novembru 2007. Ir-rapporteur kien is-Sur Derruine.

Matul l-440 sessjoni plenarja tiegħu li nżammet fit-12 u t-13 ta' Diċembru 2007 (seduta tat-13 ta' Diċembru 2007), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-opinjoni b'88 vot favur, l-ebda vot kontra u l-ebda astensjoni.

1. Introduzzjoni

1.1 B'konformità ma' l-Artikolu 159 tat-Trattat, il-Kummissjoni hi marbuta li tippubblika rapport kull tliet snin dwar il-qagħda tal-koeżjoni ekonomika u soċjali fl-Ewropa.

1.2 Billi r-rapport jiġi ppubblikat fis-sena li tippreċedi l-aġġornament tal-linji gwida integrati ta' l-Istrateġija ta' Lisbona, il-KESE jittama li, kif diġà talab, l-ideat tiegħu jitqiesu mhux biss fil-politika reġjonali li jmiss iżda sa mit-tfassil tal-linji gwida integrati (LGI) l-ġodda ⁽¹⁾.

1.3 Aspett innovattiv fit-Trattat il-ġdid huwa d-dħul tal-koeżjoni territorjali fost il-miri ġenerali ta' l-UE (Artikolu 3) li ma kinitx hemm sakemm il-Konvenzjoni dwar il-Futur ta' l-Ewropa introducietha u l-Konferenza Intergovernattiva (KIG) ta' l-2007 ikkonfermatha.

2. Rimarki ġenerali

2.1 Il-komunikazzjoni marbuta mar-rapport tqajjem dibattutu dwar il-ġejjieni tal-politika strutturali billi tistaqsi sensiela ta' domandi. Fil-fehma tal-KESE tħallew barra żewġ domandi ta' interess kbir u li jisthoqqlhom tweġiba konkreta.

— huwa inutli li niddiskutu l-politika ta' koeżjoni li tammonta għal kważi terz tal-baġit Ewropew jekk fl-istess ħin ma nid-diskutux ukoll il-mezzi disponibbli sabiex nimplimentawha. Il-KESE jixtieq ifakkar li l-baġit approvat fil-ftehim dwar il-prospettivi finanzjarji mhux biżżejjed sabiex jintlaħqu l-miri li għandha l-Ewropa. B'mod aktar speċifiku, tista' tingħad l-istess ħaġa dwar il-politika strutturali: 0,36 % tal-PGD ma jiżgurax il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali fl-Ewropa ⁽²⁾.

⁽¹⁾ Ara punt 1.4 ta' l-opinjoni tal-KESE dwar "L-impatt u l-konsegwenzi tal-politiki strutturali għall-koeżjoni ta' l-Unjoni Ewropea", ĠU C 93, 27.4.2007, p. 6 (mhux disponibbli bil-Malti).

⁽²⁾ Mingħajr ma nantiċipaw l-opinjoni fuq inizjattiva proprja tal-KESE dwar dan is-suġġett, ser nergħu nitkellmu dwar xi proposti li diġà saru.

— ir-rwol ta' l-imsieħba soċjali u s-soċjetà ċivili organizzata: għadd ta' domandi jindirizzaw tajjeb il-kwistjoni tal-gvernanza, però din hija limitata biss għad-dimensjoni politika. Madanakollu, b'xorti ħażina ma ssemmewx is-sehem ta' l-imsieħba soċjali u dak tas-soċjetà ċivili organizzata, minkejja li huma indispensabbli sabiex jassiguraw li l-proġetti jkunu adattati għall-bżonnijiet lokali, jirċievu appoġġ kbir min-naħa tal-pubbliku u jikkontribwixxu għat-trasparenza fl-użu tar-riżorsi.

2.2 Iċ-ċifri li jinsabu fir-rapport jistgħu jqarrqu bil-qarrejja attenti peress li mhux dejjem ċar jekk jirreferux għall-UE bi 15-il pajjiż, b'25 jew b'27. Barra minn hekk, meta r-rapport jitkellem dwar l-iżvilupp, id-dati ta' referenza jistgħu joħlqu l-konfużjoni. Fil-fatt, ir-rapport jitkellem ta' sikwit dwar il-koeżjoni ta' l-UE-27 imma juża l-1996 bħala data ta' referenza u f'dak iż-żmien l-Istati Membri kienu għadhom kemm telgħu għal 15. Min dan joħroġ li t-tendenzi li jinsabu fir-rapport m'humix ta' l-UE biss iżda jinkludu wkoll pajjiżi li (minħabba x-xejra tar-relazzjonijiet kummerċjali tagħhom) ma kinux, jew jekk kienu ftit li xejn, mil-quta mill-politiki settorjali Ewropej (suq intern, kompetizzjoni, politika reġjonali). Fi kliem ieħor, dan ma jħallinix naslu għal konklużjonijiet ċari dwar il-kontribut speċifiku tal-politiki strutturali fit-tweġiq ta' koeżjoni akbar minkejja li l-kontribut tagħhom huwa indiskutibbli ⁽³⁾.

2.3 Il-kriterju tal-75 % tal-PGD *per capita* sabiex jiġi determinat jekk l-iżvilupp fxi reġjun jinsabx fit-triq it-tajba jew le ma baqax validu wara t-tkabir. Dan ġara għaliex il-PGD *per capita* naqas wara l-adeżjoni ta' pajjiżi ħafna anqas sinjuri minn dawki li kien hemm qabel (l-effett statistiku). L-istess ġara wara l-adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija. Għaldaqstant, ma nistgħux inqabblu s-sitwazzjoni tal-koeżjoni qabel l-2004 mas-sitwazzjoni attwali b'mod dirett. Għandna nikkunsidraw il-prestazzjoni tat-12-il pajjiż li qabżu dan il-livell peress li ma nistgħux inkunu ċerti li dan ma ġarax minħabba l-effett statistiku.

⁽³⁾ Opinjoni tal-KESE dwar l-impatt u l-konsegwenzi tal-politiki strutturali fuq il-koeżjoni ta' l-Unjoni Ewropea, ĠU C 93, 27.4.2007, p. 6 (mhux disponibbli bil-Malti).

2.4 Ir-rapport iħabbar li sal-bidu tal-perijodu ta' program-mazzjoni li jmiss 9 mit-12-il Stat Membru li ssieħbu fl-2004 u fl-2007 ser ikunu qabżu l-livell tal-75 % tal-PGD Ewropew *per capita*. Għalhekk dan il-kriterju ta' referenza ser ikun inqas rilevanti. Jaqbel għalhekk li nibdew naħsbu minn issa dwar din il-kwistjoni.

2.5 Għalkemm ir-rapport fih ħafna informazzjoni dettaljata, din l-informazzjoni mhux dejjem hija ppreżentata b'mod koe-renti.

— Għalhekk, jekk per eżempju taqra l-punti 2.1.3, 3.2, 2.2.4 (b'mod partikolari l-graff) u 2.2.6 ta' l-Anness I, toħroġ sew id-diffikultà li jiġu kkombinati t-tkabbir ekonomiku u l-iżvilupp armonjuż (f'dan il-każ, il-ħolqien ta' impjiegi li minnu jibbenefikaw ir-reġjuni kollha). Din hija sfida reali, speċjalment għal xi Stati Membri ġodda (il-Polonja, l-Ungerija, ir-Rumanija, il-Bulgarija u r-Repubblika Ċeka).

— Filwaqt li huwa vera li l-pajjiżi l-qodma tal-koeżjoni, l-Irlanda, il-Greċja u Spanja, qabdu għal kollox jew parzjalment, xi ngħidu dwar is-sostenibbiltà tat-tkabbir tagħhom? Kif tista' tkun ottimist dwar l-iżvilupp fil-futur meta l-produttività fis-siegħa mqabbla mal-medja Ewropea ilha tonqos għaxar snin jew meta t-tkabbir huwa bbażat fil-biċċa l-kbira fuq is-settur tal-proprjetà (Spanja)? Kif tista' tispjega l-fatt li minkejja t-tkabbir qawwi fl-Irlanda, li permezz tiegħu telgħet għat-tieni post fil-klassifika tal-PGD *per capita* reali u nħolqu ħafna impjiegi, kważi raġel u mara minn kull ħamsa qegħdin iħabbtu wiċċhom mat-theddida tal-faqar?

— In-nuqqas ta' l-aspett tal-kwalità tax-xogħol, li ġie meqjus bħala mira essenzjali f'Lisbona fis-sena 2000, jinħass ħafna f'dan ir-rapport⁽⁴⁾. Aħna tal-fehma li kull Stat Membru għandu jivverifika sewwa jekk l-impjiegi appoġġjati jew maħluqa bis-saħħa tal-Fondi Strutturali humiex impjiegi li għenu lin-nies jidħlu fis-suq tax-xogħol b'kondizzjonijiet ta' l-għajxien deċenti u paga xierqa.

2.6 Il-KESE jiġbed ukoll l-attenzjoni lejn in-nuqqas ta' referenza għall-ekonomija soċjali fejn joperaw 10 % ta' l-intrapriżi Ewropej u għas-sehem tiegħu fil-koeżjoni (b'mod partikolari l-għajnuna mogħtija lil dawki li huma l-aktar vulnerabbli fis-suq tax-xogħol). Dan il-qasam joħloq impjiegi ta' kwalità u jikkontribwixxi għall-iżvilupp sostenibbli billi jistabbilixxi l-impjiegi fil-livell territorjali, jstimola ż-żoni rurali, joħloq kapital soċjali u jbassar il-proċess ta' ristrutturazzjoni settorjali u territorjali. Għaldaqstant, ikun tajjeb li jkollna statistika komparabbli fil-kwantità u fil-kwalità għall-Istati Membri kollha, sabiex intejbu l-għarfien tagħna dwar dan is-settur.

⁽⁴⁾ Dan l-aspett jissemma iżda l-unika informazzjoni li hemm hija dwar il-livell ta' edukazzjoni/tagħlim filwaqt li l-COM(2003) 728 tidentifika 10 aspetti tal-kwalità tax-xogħol li huma analizzati permezz ta' numru kbir ta' indikaturi.

2.7 Il-KESE jaħseb li diversi aspetti tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, per eżempju l-opportunitajiet indaqs fis-suq tax-xogħol, għandhom jiġu eżaminati aktar fid-dettall jew mill-ġdid.

2.8 Jekk għad irridu nikkonvinċu ruħna mill-ħtieġa tal-politika ta' koeżjoni fl-UE, ir-rapport joffri dawn il-punti ġodda li ġejjin:

— id-dinamika tas-suq tagħti prijorità lill-bliet kapitali u l-had-diema kif ukoll in-nies qiegħda kollha jmorru fihom għalkemm il-ġenna ta' l-art li jwiegħdu hija ħafna drabi qarrieqa. Dan l-aspett għandu jingħata l-importanza li tistħoqqlu fid-dibattiti, bl-iskop li jippromovu l-mobilità fil-kuntest tal-ġlieda kontra l-qgħad.

— barra minn hekk, il-bliet kapitali huma ħafna drabi l-uniku xprun tat-tkabbir. Fi tliet pajjiżi biss jeżistu ċentri sekondarji ta' żvilupp li għandhom impatt internazzjonali u sostenibbiltà ekonomika. Minn hawn nindunaw għaliex ir-rata medja tat-tkabbir fil-livell reġjonali tvarja bejn 0 % u 8,6 % (1997-2004);

— filwaqt li pajjiż jista' jilħaq il-limitu kritiku ta' 75 % bis-saħħa tal-belt kapitali, ħafna reġjuni jdumu ħafna iktar sabiex jagħmlu dan.

Għaldaqstant, huwa importanti li l-koeżjoni territorjali, li milli jidher kulma jmur qiegħda ssir pedament tal-koeżjoni ekonomika u soċjali, għandha titqies bħala mira ġenerali ta' l-UE.

2.9 Il-KESE jilqa' l-istampa ġdida u ċara tal-koeżjoni fl-Ewropa mibnija fuq it-tqabbil mas-sitwazzjoni tal-kompetituri dinjija tagħha, fuq is-sehem tal-bliet kapitali u l-implikazzjonijiet ta' dan fuq is-sostenibbiltà ta' l-iżvilupp (l-aktar l-iżvilupp żbilanċjat u l-pressjoni ambjentali) u r-riperkussjonijiet tal-bidla fil-klima fuq ir-reġjuni.

2.10 Il-KESE jappoġġja l-għan ta' l-Unjoni Ewropea li tkun ta' eżempju fil-ġlieda kontra l-bidla fil-klima. Madanakollu, jekk il-pajjiżi barra l-UE ma jseguw fuq l-istess passi, dan ser jipperikola l-kompetittività u jolqot lill-politika Ewropea ta' koeżjoni. Id-distorsjoni tal-kompetizzjoni tiffavorixxi r-rilokazzjoni ta' l-intrapriżi lejn pajjiżi li m'humiex involuti fil-politika ta' bidla fil-klima.

2.11 Il-KESE jilqa' l-attenzjoni li qiegħda tingħata mill-ġdid lill-aspett territorjali tal-koeżjoni li sa issa, minkejja l-adozzjoni ta' l-Iskema ta' Żvilupp fiż-Żona Komunitarja (1999), kienet marġinali: l-Istrateġija ta' l-Iżvilupp Urban, l-Aġenda Territorjali, il-Karta ta' Leipzig b'lista ta' prinċipji importanti għall-iżvilupp fiż-żoni urbani, kif ukoll iż-żoni metropolitani enfasizzati mill-KESE u l-clusters fil-qafas tal-politika industrijali u ta' l-innovazzjoni.

2.12 L-aħħar kapitolu li jippreżenta r-rabta bejn il-politiki komunitarji u l-koeżjoni huwa l-inqas wieħed konvinċenti: f'dan il-kapitolu nsibu l-lista ta' azzjonijiet li saru fil-kwadru ta' l-Istrateġija ta' Lisbona iżda l-impatti konkreti u affidabbli fuq il-koeżjoni ma jissimmew imkien b'mod ċar.

3. Rakkomandazzjonijiet

3.1 Mingħajr ma jantiċipa l-opinjoni fuq inizjattiva proprja futura bħala tweġiba għall-konsultazzjoni pubblika tal-Kommissjoni dwar il-baġit Ewropew li jmiss, il-KESE jixtieq ifakkar f'xi rakkomandazzjonijiet preċedenti.

3.1.1 Bħalissa l-Fond Strutturali hu bażikament limitat għall-għotja ta' sussidji. F'opinjonijiet preċedenti⁽⁵⁾ l-KESE ssuġġerixxa li ssir riforma tal-mod kif jitħaddem il-mekkaniżmu finanzjarju tal-Fond Strutturali sabiex l-effett tiegħu jitqawwa, billi jiġu involuti l-Fond Ewropew ta' l-Investment u l-BEI. Huwa ppropona li dawn is-sussidji jissarrfu f'derivattivi finanzjarji sabiex jinħoloq effett ta' lieva: per eżempju b'ewro mfaddal sabiex jiggarantixxi self ta' kapital riskjuż, wieħed ikun jista' jiffinanzja minn ħames sa għaxar ewro f'investimenti ta' l-SMEs. L-eżempju ta' JEREMIE għandu jiġi żviluppat aktar⁽⁶⁾.

3.1.2 Mingħajr ma jidded il-kontribut finanzjarju ta' l-Istati Membri, jistgħu jitħallew xi riżorsi għal proġetti b'valur miżjud għall-UE (b'mod partikolari, il-konnessjonijiet nieqsa f'netwerks trans-Ewropej (TEN), u l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (EGF)).

3.1.2.1 Il-KESE kemm-il darba kkritika s-sistema tal-VAT li tidħol fil-baġit Ewropew minħabba l-ispejjeż żejda tal-ġbir, il-ġestjoni u l-kontroll tagħha⁽⁷⁾. Dawn l-ispejjeż għandhom jinnawqsu; b'hekk ikun hemm aktar riżorsi għall-proġetti komuni.

3.1.2.2 Meta xi somom ta' flus mill-baġit ta' l-UE, li huwa diġà żgħir biżżejjed, ma jintużawx, m'għandhomx jibqgħu jin-għataw lura lill-Istati Membri. Għalkemm dawn is-somom ta' flus jirrappreżentaw persentaġġ żgħir mill-baġit annwali, matul il-perijodu 2000-2005 dawn telgħu għal kważi 45 biljun ewro li setgħu ntużaw b'mod aktar produttiv⁽⁸⁾.

3.1.2.3 Waqt li l-Istati Membri kollha qegħdin iħabbtu wiċċ-hom ma' popolazzjoni dejjem tixxjeh, jiġifieri ma' żieda fl-ispejjeż soċjali, u l-Patt ta' Stabbiltà qiegħed jimponi fuqhom restrizzjonijiet baġitarji, is-sħubiji bejn is-settur pubbliku u dak privat jistgħu jkunu soluzzjoni alternattiva, dejjem jekk l-amministrazzjoni pubblika (b'mod speċjali fil-livell subnazzjonali) tkun tista' tinnegozja ftehimiet ekwilibriati mas-settur privat. Dan jimplika t-tisħiħ tal-kapaċitajiet amministrattivi.

3.2 L-orjentazzjonijiet strateġiċi li jmxexx l-politika reġjonali huma mfassla fuq l-Istrateġija ta' Lisbona. Il-KESE jipproponi li fil-politika reġjonali titqies l-Istrateġija għall-Iżvilupp Sostenibbli b'mod aktar ibbilanċjat. Din l-istrateġija hija marbuta l-aktar mal-koeżjoni, fil-forom kollha tagħha, billi l-Istrateġija ta' Lisbona, li tkompli magħha, tiffoka fuq il-kompetittività⁽⁹⁾.

	LISBONA	ŻVILUPP SOSTENIBBLI
Perijodu ta' żmien	2010	Mingħajr skadenza, perijodu fit-tul
Oqsma	Unjoni Ewropea	Tmur lil hinn mill-qafas Ewropew permezz tad-dimensjoni esterna tagħha
Prijoritajiet ⁽¹⁾	Insaħħu t-tkabbir u l-impjiegi, nassiguraw id-dinamiżmu u l-andament tajeb taż-żona ewro, niġbdu aktar investituri u ħaddiema lejn l-Ewropa, nużaw l-għarfien u l-innovazzjoni għat-tkabbir, niġbdu u nżommu aktar nies fis-suq tax-xogħol u nġeddu l-iskemi tal-protezzjoni soċjali, intejbu l-kapaċità tal-ħaddiema u l-intrapriżi li jistabbilixxu ruħhom fl-Ewropa u nkabbru l-flessibilità tas-suq tax-xogħol, ninvestu aktar fir-riżorsi umani billi nsaħħu l-edukazzjoni u l-kompetenzi	Nilqgħu għall-bidla fil-klima, nippromovu s-saħħa pubblika ta' kwalità tajba, niġġieldu kontra l-esklużjoni soċjali u nilqgħu għat-tibdil demografiku, nimmaniġjaw aħjar ir-riżorsi naturali, nagħmlu t-trasport sostenibbli, niġġieldu kontra l-faqar fid-dinja, nippromovu l-iżvilupp

(1) COM(2005) 141 finali "Linji ta' gwida integrati għat-tkabbir u għax-xogħol (2005-2008)"; COM(2005) 658 finali "Komunikazzjoni mill-Kommissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar ir-reviżjoni ta' l-Istrateġija ta' Żvilupp Sostenibbli — Pjattaforma għall-Azzjoni".

(5) Opinjonijiet tal-KESE dwar l-"Orjentazzjonijiet strateġiċi tal-politika ta' koeżjoni (2007-2013)", ĠU C 185, 8.8.2006.

(6) Opinjonijiet tal-KESE dwar il-"Komunikazzjoni tal-Kommissjoni: Il-politika ta' koeżjoni għall-promozzjoni tat-tkabbir u l-impjiegi — Orjentazzjonijiet strateġiċi tal-politika ta' koeżjoni (2007-2013)", ĠU C 185, 8.8.2006, p. 52.

(7) Opinjonijiet tal-KESE dwar is-"Sistema tar-riżorsi ta' l-UE stess", ĠU C 267, 27.10.2005, p. 57.

(8) Opinjonijiet tal-KESE dwar "L-impatt u l-konsegwenzi tal-politiki strutturali għall-koeżjoni ta' l-Unjoni Ewropea", ĠU C 93, 27.4.2007, p. 6.

(9) Fl-okkażjoni tat-tnedija mill-ġdid ta' l-Istrateġija ta' Lisbona f'Marzu 2005, il-Kunsill Ewropew sostna li din l-istrateġija għandha tiġi kkunsidrata fil-kuntest usa' ta' l-iżvilupp sostenibbli fejn jeħtieġ li nsibu tweġibiet għall-bżonnijiet ta' l-lum mingħajr ma' niċħdu lill-ġenerazzjonijiet ta' għada l-possibbiltà li jissodisfaw il-bżonnijiet tagħhom. Il-Kunsill Ewropew stqarr mill-ġdid l-għożża tiegħu għall-iżvilupp sostenibbli bħala prinċipju ewlieni li jmxexx l-politiki u l-azzjonijiet kollha ta' l-Unjoni. Konklużjoni tal-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2005.

3.2.1 Il-mapep ta' l-ESPON (European Spatial Planning Observation Network) li ġejjin juru ż-żieda kontinwa fil-polarizzazzjoni u l-"metropolitanizzazzjoni" sa l-2030 jekk l-Istrateġija ta' Lisbona tibqa' mixxa fuq l-orjentazzjonijiet attwali. Permezz ta' sitwazzjoni ffokata fuq il-koeżjoni, il-fulkru ta' l-ekonomija jkun jista' jinfirx u, barra minn hekk, jkun jistgħu jinħolqu wkoll ċentri oħra ta' żvilupp (ir-reġjuni madwar il-Baħar Baltiku, żona fuq in-naħa tal-lvant li tinkludi Vjenna, Berlin, Varsavja u Budapest, in-naħa ta' isfel ta' Franza u l-Katalonja).

3.2.2 F'dan ir-rigward, il-KESE jixtieq ifakkar ⁽¹⁰⁾ fl-importanza ta' l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' policentriżmu f'żewġ livelli fil-kuntest ta' żvilupp armonjuż sabiex nevitaw l-effetti ħżiana tal-polarizzazzjoni ⁽¹¹⁾: l-ewwel livell jiffaċilita l-ħolqien ta' ċentri ta' żvilupp fl-Ewropa sabiex jippromovu t-kabbir u l-impjeggi barra l-fulkru ta' l-ekonomija (il-pentagonu), it-tieni livell isaħħaħ ir-rabtiet u s-sinerġiji bejn iċ-ċentri kbar fil-bliet u ż-żoni (kważi)rurali, l-aktar sabiex nevitaw diviżjonijiet territorjali fi ħdan in-NUTS (Nomenklatura ta' l-Unitajiet Teritorjali għall-Istatistika) stess.

3.3 Minħabba l-importanza dejjem tikber tal-bliet kapitali bħala sors ta' ġid, attività u impjeggi, l-aktar fi wħud mill-Istati Membri l-ġodda ⁽¹²⁾, u l-korrelazzjoni qawwija bejn ir-rata tat-kabbir tal-PGD u l-inflazzjoni, il-gvernijiet u s-soċjetà ċivili tal-pajjiżi li ser jissieħbu fiż-żona ta' l-ewro għandhom jagħtu attenzjoni partikolari lill-impatt ta' l-introduzzjoni tal-munita unika fuq il-koeżjoni interna. Din tista' tiġi espota għal ċerta pressjoni meta d-diversi reġjuni ta' l-istess pajjiż ikollhom rati ta' tkabbir differenti. Għaldaqstant, mingħajr ma jintesew il-vantaġġi li ġgħib magħha l-ewro ⁽¹³⁾, minbarra l-fatt li l-politika tar-rata ta' l-imgħaxx unika tista' ma tkunx tajba għall-bżonnijiet partikolari ta' l-ekonomija nazzjonali, l-impatt ta' din il-politika jista' jinħass b'mod differenti fiċ-ċentri industrijali l-kbar (fosthom il-belt kapitali) u r-reġjuni l-oħra. B'mod komplementari, il-koordinazzjoni tal-politiki ekonomiċi ta' l-Istati Membri għandha tissaħħaħ sabiex ittaffi dan il-fenomena ⁽¹⁴⁾.

3.4 Ir-rapport jerġa' jenfasisza l-importanza tas-servizzi ta' interess ġenerali (SIG). Fid-dawl tal-protokoll ġdid dwar is-servizzi ta' interess ġenerali mfassal mill-KIG ta' l-2007, il-KESE jisħaq fuq it-talba tiegħu li, fil-livell komunitarju, jiġu definiti n-normi komuni għas-servizzi ta' interess ġenerali kollha (ekonomiċi u mhux ekonomiċi), inklużi s-servizzi soċjali ta' interess ġenerali, li għandhom jinżammu f'direttiva qafas, adottat bil-proċedura ta' ko-deċiżjoni, fejn ikun jista' jiġi stabbilit qafas komunitarju marbut mal-partikolaritajiet tagħhom ⁽¹⁵⁾.

⁽¹⁰⁾ Ara l-opinjoni tal-KESE dwar "Iż-żoni metropolitani Ewropej: Implikazzjonijiet soċjo-ekonomiċi għall-futur ta' l-Ewropa", ĠU C 168, 20.7.2007, p. 10; "L-impatt u l-konsegwenzi tal-politiki strutturali għall-koeżjoni ta' l-Unjoni Ewropea", ĠU C 93, 27.4.2007, p. 6 (mhux disponibbli bil-Malti) u l-"Aġenda Territorjali", ĠU C 168, 20.7.2007, p. 16.

⁽¹¹⁾ Dwar dan ara l-istudju dettaljat għall-kummissjoni REGI tal-Parlament Ewropew, "Id-differenzi reġjonali u l-koeżjoni: strateġiji għall-ġejjieni", Meju 2007.

⁽¹²⁾ Fgħeluq l-għaxar snin mit-twaqqif ta' l-UME fl-2008 ser tiġi eżaminata din il-kwistjoni f'opinjonijiet futuri.

⁽¹³⁾ Fgħeluq l-għaxar snin mit-twaqqif ta' l-UME fl-2008 ser tiġi eżaminata din il-kwistjoni f'opinjonijiet futuri.

⁽¹⁴⁾ Fl-okkażjoni tat-tnedija mill-ġdid ta' l-Istrateġija ta' Lisbona f'Marzu 2005, il-Kunsill Ewropew sostna li din l-istrateġija għandha tiġi kkunsidrata fil-kuntest usa' ta' l-iżvilupp sostenibbli fejn jeħtieġ li nsibu tweġibiet għall-bżonnijiet ta' l-lum mingħajr ma' niċħdu lill-ġenerazzjonijiet ta' għada l-possibbiltà li jissodisfaw il-bżonnijiet tagħhom. Il-Kunsill Ewropew stqarr mill-ġdid l-għożża tiegħu għall-iżvilupp sostenibbli bħala prinċipju ewlieni li jmxexxi l-politiki u l-azzjonijiet kollha ta' l-Unjoni. Konklużjoni tal-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2005.

⁽¹⁵⁾ Ara l-opinjoni tal-KESE dwar il-"Komunikazzjoni tal-Kummissjoni — L-implimentazzjoni tal-programm Komunitarju ta' Lisbona: Is-servizzi soċjali ta' interess ġenerali fl-Unjoni Ewropea", ĠU C 161, 13.7.2007, p. 80 (mhux disponibbli bil-Malti).

3.5 Fil-fehma tal-KESE, ma nistgħux nibbażaw il-koeżjoni fuq il-PGN biss [frapporti reċenti l-Parlament Ewropew ħa l-istess pożizzjoni]. Jixtieq li jiġi stabbilit indikatur aktar rappreżentattiv tal-koeżjoni [li jkun jinkludi], flimkien mal-PGN, ir-rati ta' l-impjeg u tal-qgħad, l-estensjoni tal-protezzjoni soċjali, il-livell ta' aċċess għas-servizzi ta' interess ġenerali, eċċ. ⁽¹⁶⁾ Dawn l-indikaturi għandhom ikunu kkompletati b'indikaturi dwar l-inugwaljanza fil-qligħ (il-koeffiċjent ta' Gini jew l-inter-quintile ratio u l-emissjonijiet tas-CO₂ (għal kull abitant jew bidla mill-1990 lil hawn). B'mod ġenerali, jeħtieġ li ntejbu l-għodod Ewropej għall-istatistika, speċjalment fil-livell tan-NUTS, u r-rabtiet bejn l-Eurostat u l-Uffiċċji Nazzjonali ta' l-Istatistika sabiex ikollna data kemm jista' jkun sħiħa u eżatta mill-aktar fis possibbli ⁽¹⁷⁾.

3.6 Il-KESE jipproponi analiżi ta' jekk jagħmilx aktar sens li, matul il-fażi tat-tqassim tal-Fondi Strutturali li jmiss, jintuża d-Dħul Gross Nazzjonali (DGN) bħala indikatur ekonomiku min-flok il-PGD, bħalma diġà qiegħed isir fil-Fond ta' Koeżjoni. B'hekk ikunu jistgħu jiġu kkunsidrati l-ħaddiema li jaqsmu fruntiera sabiex jilhq u l-post tax-xogħol tagħhom (commuters), li bl-impatt ekonomiku tagħhom iżidu ma' l-iżbilanċ, kif inhu enfasizzat f'taqsima tar-rapport, filwaqt li l-mobilità f'kull livell, kif ukoll il-flussi ta' investiment barrani dirett, li parti mid-dħul tiegħu jerġa' lura fil-pajjiż minn fejn ikun ħareġ, jingħataw spinta 'l quddiem. Għaldaqstant, għall-kuntrarju tal-PGD, fid-DGN jit-qiesu l-flussi deħlin u ħerġin. F'ċerti pajjiżi (fil-Lussemburgu, fl-Irlanda, fir-Repubblika Ċeka, fl-Estonja, f'Ċipru, fl-Ungerija u f'tit inqas fil-Polonja u fir-Rumanija) din id-differenza tista' tista' tkun sostanzjali u twassal għal tqassim mhux ideali tal-Fond Strutturali. Ta' min jinnota wkoll li din id-data mhix disponibbli fil-livell tan-NUTS, ħaġa li kemm jista' jkun għandha tinbidel.

4. Tweġibiet għal xi mistoqsijiet tal-konsultazzjoni

4.1 Ir-reġjuni kif jistgħu jirreaġixxu għall-pressjoni ta' kompetituri dinamiċi fis-setturi li m'humiex tekniċi haġna?

4.1.1 Fir-rigward ta' l-ispinta li ħadu l-intrapriżi Ewropej, joħroġ ċar li l-approċċ tas-Seba' Programm Qafas għar-Riċerka u l-Iżvilupp Teknoloġiku (RDFP) u tal-Programm ta' Kooperazzjoni bejn l-Universitajiet (PKU), maħsuba sabiex isaħħu l-SMEs u r-reġjuni ta' l-għarfien, għadu top-down wisq. Jaqbel li nipromovu d-dħul fin-netwerks ta' eċċellenza xjentifika u teknoloġika, l-oqsma industrijali, il-pontijiet strutturali bejn is-settur akkademiku, l-industrija u l-gvern. Fl-istess ħin irridu noqogħdu attenti għall-fatt li l-obbligju li ninnovaw jista' joħloq ir-riskju ta' frammentazzjoni għada jekk ma jkunx hemm kompetenzi ġodda

⁽¹⁶⁾ Opinjonijiet tal-KESE dwar "L-impatt u l-konsegwenzi tal-politiki strutturali għall-koeżjoni ta' l-Unjoni Ewropea", ĠU C 93, 27.4.2007, p. 6, punt 1.3 (mhux disponibbli bil-Malti).

⁽¹⁷⁾ Fl-okkażjoni tat-tnedija mill-ġdid ta' l-Istrateġija ta' Lisbona f'Marzu 2005, il-Kunsill Ewropew sostna li din l-istrateġija għandha tiġi kkunsidrata fil-kuntest usa' ta' l-iżvilupp sostenibbli fejn jeħtieġ li nsibu tweġibiet għall-bżonnijiet ta' l-lum mingħajr ma' niċħdu lill-ġenerazzjonijiet ta' għada l-possibbiltà li jissodisfaw il-bżonnijiet tagħhom. Il-Kunsill Ewropew stqarr mill-ġdid l-għożża tiegħu għall-iżvilupp sostenibbli bħala prinċipju ewlieni li jmxexxi l-politiki u l-azzjonijiet kollha ta' l-Unjoni. Konklużjoni tal-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2005.

sabiex iċ-ċittadini jitravmu lejn il-bidla ⁽¹⁸⁾. Dan jitolb li nikkonċentraw b'mod aktar serju fuq l-aspett kwalitattiv tax-xogħol. Dan għalix minbarra ż-żieda ta' l-investment fir-riċerka u l-iżvilupp kif ukoll l-investimenti in ġenerali u l-investment fl-edukazzjoni u t-taħriġ sabiex nilqgħu għall-bżonnijiet tas-soċjetà ta' l-għarfien u ta' l-informazzjoni, it-titjib tal-kwalità tal-ħajja professjonali huwa vitali għaż-żieda tal-produttività u għall-innovazzjoni fl-intrapriżi. Dan jidher ċar fl-istudji xjentifiċi dwar ir-rabta bejn il-kwalità tax-xogħol u l-produttività u dwar xi jfisser "xogħol tajjeb" għall-ħaddiema kkonċernati sabiex ikunu motivati li jagħmlu xogħol ta' kwalità ⁽¹⁹⁾.

4.1.2 Riward il-politika industrijali, l-identifikazzjoni ta' sinerġiji u l-involvement tal-partijiet kollha kkonċernati għas-suċċess tat-tibdil strutturali jistgħu jagħmlu t-tibdil industrijali soċjalment aċċettabbli jekk l-imsieħba soċjali jkun involuti b'mod sistematiku fit-tbassir u fil-ġestjoni ta' dan it-tibdil u jekk ikun segwit b'mod koerenti għan doppju: il-kompetittività ta' l-intrapriżi u t-tnaqqis tal-konsegwenzi soċjali negattivi ⁽²⁰⁾.

4.1.3 Fir-reġjuni transkonfinali, it-tibdil industrijali jista' jkun megħjun billi jitwettaq il-qafas transnazzjonali fakultattiv għan-negozzazzjoni kollettiva bħalma huwa mħabbar fl-aġenda soċjali 2005-2010 ⁽²¹⁾.

4.1.4 Il-Kumitat jappoġġja t-talba mressqa mill-Parlament Ewropew dwar l-evalwazzjoni tar-rilokazzjonijiet u s-segwitu tagħhom fil-livell territorjali (impjeggi meqruda/maħluqa, it-tip ta' impjeg, l-impatt fuq il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali) u sabiex isiru proposti speċifiċi fil-forma ta' rapporti perjoċi ⁽²²⁾.

4.1.5 Parti mill-kontribuzzjonijiet tal-baġit li ma jintużawx jistgħu jiżiedu mal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (EGF). Dan l-istrument ġdid jgħin lill-ħaddiema "vittmi tal-globalizzazzjoni" li jkun u tilfu xogħolhom malajr u fuq bażi temporanja. Minħabba l-fatt li l-SMEs jirrapreżentaw 99,8 % ta' l-intrapriżi (fosthom 91,5 % huma mikro-intrapriżi) u 67,1 % tax-xogħol globali, jaqbel ukoll li l-kriterji ta' eliġibilità għal dan il-fond jiġu riveduti.

4.1.6 Il-perijodu ta' 7 snin li matulu l-intrapriża li rċeviet l-għajjnuna trid tintrabat li żżomm l-investment għandu jibqa' fid-dispożizzjonijiet ġenerali tal-Fond Strutturali.

4.1.7 Milli jidher mill-ewwel evalwazzjoni, l-inizjattiva JEREMIE ser tkun iffokata wisq fuq is-setturi prinċipali u l-SMEs li ma joperawx f'dawn is-setturi mhux ser jistgħallu biżżejjed minnha.

⁽¹⁸⁾ Opinjoni tal-KESE dwar "Il-governanza territorjali tal-bidiet industrijali: ir-rwol ta' l-imsieħba soċjali u l-kontribuzzjoni tal-programm għall-kompetittività u l-innovazzjoni", ĠU C 318, 23.12.2006, p. 12 (mhux disponibbli bil-Malti).

⁽¹⁹⁾ Opinjoni tal-KESE dwar "Il-kwalità tal-ħajja professjonali, il-produttività u x-xogħol fil-kuntest tal-globalizzazzjoni u l-isfidi demografiċi", ĠU C 318, 23.12.2006, p. 157 (mhux disponibbli bil-Malti).

⁽²⁰⁾ Opinjoni tal-KESE fuq inizjattiva proprja dwar "Id-djalogo soċjali u l-involvement tal-ħaddiema huma vitali għat-tbassir u l-ġestjoni tat-tibdil industrijali", ĠU C 24, 31.1.2006, p. 90 (mhux disponibbli bil-Malti).

⁽²¹⁾ Opinjoni tal-KESE dwar il-"Komunikazzjoni tal-Kummissjoni: Il-politika ta' koeżjoni sabiex tippromovi t-tkabbir u l-impjeggi — Orjentazzjonijiet strateġiċi tal-politika ta' koeżjoni (2007-2013)", ĠU C 185, 8.8.2006, p. 52 (mhux disponibbli bil-Malti).

⁽²²⁾ Rapport dwar ir-rilokazzjoni fil-kuntest ta' l-iżvilupp reġjonali (rapporteur: Hutchinson, it-30 ta' Jannar 2006).

4.1.8 Mhux ir-reġjuni Ewropej kollha ser ikunu kapaċi jżommu fil-quċċata ta' l-ekonomija ta' l-għarfien minħabba n-nuqqas ta' infrastruttura jew ta' riżorsi umani, kif ukoll minħabba d-daqs tagħhom li jxekkel l-ekonomiji ta' skala. Sabiex ilaħħqu ma' żoni metropolitan qrib tagħhom, dawn ir-reġjuni jridu jżviluppaw l-ekonomija residenzjali jew jispeċjalizzaw f'setturi fejn l-effetti ta' l-agglomerazzjoni jinħassu inqas jew fejn hija meħtieġa massa kritika iċken. Il-KESE jirrifjuta li ż-żoni rurali jiġu inkorporati f'żoni agrikoli mingħajr prospettivi oħra.

4.1.9 Waħda mill-alternattivi l-oħra tinsab fis-settur turistiku u f'setturi relatati miegħu. Dan ifisser li jistgħu jżviluppaw professjonijiet rurali ġodda: kummerċ speċjalizzat fil-prodotti lokali; prodotti ta' l-artiġjanat alimentari u tradizzjonali; servizzi marbuta ma' l-isports u r-rikreazzjoni ekoloġika; ċentri awjodviżivi u virtwali; promozzjoni tal-kultura; kura tat-tfal, siti tal-kampeġġ, hostels; mediċina naturali; estetika tal-ġisem; kostruzzjoni tradizzjonali u tiswija ta' uffiċċji; internet kafes; reklamar tal-proprietà lokali; għajjnuna fattivitajiet ġodda; produzzjoni ta' prodotti u servizzi bażiċi; servizzi speċjalizzati għall-anzjani ⁽²³⁾. Lkun għaqli li jingħataw attenzjoni u appoġġ mill-akbar lill-ekoturiżmu, li huwa bbażat fuq ġestjoni bijoloġika. L-għan ta' l-ekoturiżmu huwa li jeduka liċ-ċittadini dwar l-iżvilupp sostenibbli li jirrispetta l-ambjent u ma jfixkilx il-bilanċ naturali. Il-Fond Soċjali Ewropew u l-EAFRD (Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali) għandhom jikkontribwixxu wkoll.

4.1.10 It-turiżmu kulturali jista' joffri opportunitajiet interessanti lil numru kbir ta' reġjuni. F'dan ir-rigward, l-Unjoni Ewropea tista' tippromovi l-aħjar Prattika relatata mal-ġestjoni tas-servizzi turistiċi kulturali billi tfassal sistemi kompetittivi u skemi ta' rikonnoximent fil-programmi tagħha, speċjalment fil-programm "Kapitali Ewropej tal-Kultura" u fil-programm futur "Destinazzjonijiet Ewropej ta' Eċċellenza". Barra minn hekk, l-UE tista' toffri l-parir tagħha lill-bliet u t-territorji li japplikaw għal dawn iż-żewġ programmi u toffrilhom għajjnuna finanzjarja ikbar minn dik attwali, u saħansitra sistema mtejbja għall-użu tal-Fond Strutturali ⁽²⁴⁾.

4.2 Il-bidla fil-klima hija sfida għall-politika ta' koeżjoni?

4.2.1 Bħall-ESPON ⁽²⁵⁾, il-KESE jaħseb li l-konsegwenzi tal-bidla fil-klima jvarjaw skond ir-reġjuni u jeħtieġu soluzzjonijiet differenti għal kull reġjun. Il-mira taċ-ċentri ekonomiċi għandha tkun li l-ekonomija tibqa' produttiva u fl-istess ħin jtnaqqsu l-effetti negattivi ta' l-agglomerazzjoni (it-tniġġis ta' l-arja u l-emissjonijiet tas-CO₂) permezz ta' sistemi innovattivi u effiċjenti

⁽²³⁾ Opinjoni tal-KESE dwar "Il-kontribut tat-turiżmu għall-irkupru ekonomiku u soċjali taż-żoni li sejrjn lura", ĠU C 24, 31.1.2006, p. 1 (mhux disponibbli bil-Malti).

⁽²⁴⁾ Opinjoni tal-KESE dwar it-"Turiżmu u kultura: żewġ mezzi għat-tkabbir", ĠU C 110, 9.5.2006, p. 1 (mhux disponibbli bil-Malti).

⁽²⁵⁾ ESPON: "Kif jista' jkun it-territorju ta' l-Ewropa fil-ġejjieni", Mejju 2007.

tat-trasport kollettiv u ta' ġestjoni aħjar ta' l-art. L-isfida ewlenija fir-reġjuni tan-nofsinar ta' l-Ewropa kif ukoll fil-muntanji hija l-mod kif jillimitaw l-użu kaotiku ta' l-art u l-konstruzzjoni. Iż-żoni mbiegħda għandhom bżonn soluzzjonijiet innovattivi sabiex itejbu l-aċċess għal bnadi oħra bis-saħħa ta' miżuri li ma jħallux effetti negattivi fuq perijodu twil ta' żmien.

4.2.2 Il-KESE jissuġġerixxi li l-Fond ta' Solidarjetà, li bħalissa joffri għajna urġenti f'każ ta' diżastri naturali, jissaħħaħ fil-livell tal-baġit u kkompletat. Sabiex l-UE turi b'mod aktar ċar li qiegħda tiġġieled kontra l-bidla fil-klima, għieda li teħtieġ proġetti għal perijodi ta' żmien itwal, il-KESE jipproponi li l-Fond ta' Solidarjetà jibda jikkofinanzja wkoll proġetti li għandhom l-għan li jikkontrollaw ir-riskji b'mod preventiv.

4.2.3 Jeħtieġ li jintgħażlu kriterji ta' eliġibiltà ċari u trasparenti għall-finanzjament tal-proġetti fi ħdan id-diversi programmi u linji baġitarji. Dawn il-kriterji għandhom ikunu marbutin b'mod speċjali ma' l-iżvilupp sostenibbli u għandhom jikkunsidraw il-konsegwenzi tal-proġett fuq l-ambjent, is-saħħa, ix-xogħol u l-kompetittività Ewropea ⁽²⁶⁾.

4.3 *Il-politika ta' koeżjoni kif tista' tippromovi aktar l-iżvilupp armonjuż, ibbilanċjat u sostenibbli, u fl-istess ħin tqis id-diversità tat-territorji fi ħdan l-UE, bħal per eżempju r-reġjuni, il-gżejjer, iż-żoni rurali u żoni tal-kosta kif ukoll il-bliet l-aktar żvantaġġati, ir-reġjuni industrijali li sejrni lura, u reġjuni oħra b'partikolaritajiet ġeografiċi?*

4.4 Il-KESE kemm-il darba tkellem favur l-iżvilupp tal-poliċentriżmu fuq it-territorju Ewropew. Ir-raba' rapport jenfasizza d-dominazzjoni taċ-ċentru ekonomiku (pentagonu) u l-importanza dejjem tikber tal-bliet kapitali kif ukoll fuq l-iżvantaġġi soċjali u ambjentali marbuta magħhom. Il-KESE jappoġġja wkoll l-iżvilupp ta' ċentri sekondarji ta' l-iżvilupp u ta' żoni metropolitani bit-tisħiħ tas-sinerġiji u r-relazzjonijiet tajba bejn il-bliet u r-reġjuni l-aktar żvantaġġati ⁽²⁷⁾. Jista' jsir rapport b'mod regolari bl-aġġornamenti dwar is-sitwazzjoni soċjo-ekonomika taż-żoni metropolitani. Dan jirrikjedi għodda għall-monitoraġġ ta' l-istatistika ⁽²⁸⁾. Għal dan il-għan, il-KESE jaħseb li patti territorjali għall-iżvilupp fil-kuntest tal-globalizzazzjoni jistgħu jkunu utli, b'mod partikolari jekk dawn ikollhom il-mira li jagħtu kontribut għall-iżvilupp kulturali tas-soċjetà u li jinkludu lil kulħadd ⁽²⁹⁾.

4.4.1 Fil-kuntest ta' l-ambjent urban, il-KESE jemmen li jkun siewi li jiġi applikat mudell tat-“territorju soċjalment responsabbli”, jiġifieri territorju li, bħalma jistipula l-ftehim ta' Bristol ⁽³⁰⁾ (Diċembru 2005), jiffoka l-iżvilupp fuq il-prinċipji

⁽²⁶⁾ Opinjoni tal-KESE dwar “Ir-rwol ta' l-iżvilupp sostenibbli fi ħdan il-prospettivi finanzjarji li jmiss”, ĠU C 267, 27.10.2005, p. 22 (mhux disponibbli bil-Malti).

⁽²⁷⁾ Opinjoni tal-KESE dwar “L-impatt u l-konsegwenzi tal-politiki strutturali għall-koeżjoni ta' l-Unjoni Ewropea”, ĠU C 93, 27.4.2007, p. 6 (mhux disponibbli bil-Malti).

⁽²⁸⁾ Iż-żewġ opinjonijiet tal-KESE dwar “Iż-żoni metropolitani: Implikazzjonijiet soċjo-ekonomiċi għall-futur ta' l-Ewropa” ĠU C 302, 7.12.2004, p. 101 u ĠU C 168, 20.7.2007, p. 10.

⁽²⁹⁾ Opinjoni tal-KESE dwar “Il-governanza territorjali tal-bidliet industrijali: ir-rwol ta' l-imsieħba soċjali u l-kontribuzzjoni tal-programm għall-kompetittività u l-innovazzjoni”, ĠU C 318, 23.12.2006, p. 12 (mhux disponibbli bil-Malti).

⁽³⁰⁾ www.odpm.gov.uk.

tas-sostenibbiltà billi jikkunsidra l-aspetti ekonomiċi, soċjali u ambjentali kif ukoll l-impatt soċjo-ekonomiku tal-popolazzjoni li dejjem qiegħda tixjeh. Għaldaqstant huwa essenzjali li tiġi appoġġjata l-parteċipazzjoni ta' l-atturi tas-soċjetà ċivili fit-tfassil tat-triq li rridu naqbd u bbażata fuq is-Sitt Programm Qafas għar-Riċerka u l-Iżvilupp Teknoloġiku. Is-Seba' Programm Qafas għar-Riċerka u l-Iżvilupp Teknoloġiku jħabbar attivitajiet speċifiċi għas-settur ta' l-iżvilupp uman u tal-popolazzjoni dejjem tixjeh ⁽³¹⁾.

4.4.2 Billi ż-żoni fejn hemm l-impjegji u l-attività kummerċjali jstgħu jaqbd u l-qafas nazzjonali, jaqbel li dawn iż-żoni jin-għataw aktar għajna mill-Interreg sabiex tiġi promossa l-koo-perazzjoni transkonfinali ⁽³²⁾.

4.4.3 Fir-rigward tar-reġjuni l-aktar imbiegħda, il-KESE bi pjaċir jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li, fil-qafas tal-konverġenza, tistabbilixxi mekkaniżmu partikolari maħsub sabiex jikkompensa għad-dgħujfijiet kollha tar-reġjuni l-aktar imbiegħda kif ukoll ta' dawk milquta minn nuqqasijiet strutturali permanenti ⁽³³⁾. Fid-dawl tal-fatt li 50 % tal-fondi maħsuba għar-riċerka u l-iżvilupp jingħataw li xi ftit reġjuni, il-KESE jappella għal tisħiħ tal-miżuri li jħeġġu t-trasferiment tat-teknoloġiji bejn ir-reġjuni. Il-KESE jaħseb li l-politika Ewropea tar-reġjuni bi żvantaġġi permanenti għandha tkun ibbażata fuq tliet prinċipji ewlenin li huma 1) il-permanenza (il-kunċett ta' “rkupru” ma jgħoddx għal dawn ir-reġjuni), 2) id-diskriminazzjoni favur dawn ir-reġjuni sabiex ikunu jstgħu jlaħħqu mar-reġjuni l-oħra u 3) il-proporzjonalità sabiex ikunu meqjusa d-diversità tal-karatteristiċi ġeografiċi, demografiċi u ambjentali tar-reġjuni kif ukoll il-limitazzjonijiet li jridu jħabtu wiċċhom magħhom. Sabiex niġġieldu kontra l-inugwaljanza hemm bżonn nieħdu azzjoni permezz ta' miżuri soċjali bħalma huma “l-għajna diretta li tingħata lil xi attivitajiet kummerċjali jew fornituri ta' servizzi, prezzijiet speċjali għar-residenti sabiex jivvjaġġaw bil-baħar jew bl-ajru, l-eżistenza ta' servizzi pubbliċi ta' kwalità, eċċ”. ⁽³⁴⁾.

4.4.3.1 Il-Kummissjoni għandha raġun targumenta li l-limitazzjonijiet ta' aċċessibbiltà li jiffaċċjaw il-gżejjer ġeja mill-fatt li t-tul tal-vjaġġ bil-karozza jew bil-ferrovija jittawwal minħabba l-qsim tal-baħar. L-aċċessibbiltà hija problema partikolari li jridu jħabtu wiċċhom magħha l-gżejjer. Il-Kummissjoni għandha raġun ukoll tenfasizza l-problema ta' popolazzjoni żgħira. Fil-fatt ħafna mill-gżejjer ma jstgħux jiddependu mis-suq domestiku tagħhom. Hemm ukoll problemi oħra li jiddeterminaw il-prospetti ta' żvilupp fuq perijodu fit-tul, per eżempju r-riżorsi limitati, ir-riskji naturali u l-ambjent fraġli.

⁽³¹⁾ Opinjoni tal-KESE dwar il-“Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u l-Parlament Ewropew dwar strateġija tematika għall-ambjent fil-bliet”, ĠU C 318, 23.12.2006, p. 86 (mhux disponibbli bil-Malti).

⁽³²⁾ Opinjoni tal-KESE dwar il-“Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-twaqqif ta' Raggruppament Ewropew għall-Kooperazzjoni Transkonfinali (EGCC)”, ĠU C 255, 14.10.2005, p. 76, Artikolu 3.4 (mhux disponibbli bil-Malti).

⁽³³⁾ Opinjoni tal-KESE dwar it-“Tielet rapport dwar il-koeżjoni ekonomika u soċjali — sħubija ġdida għall-koeżjoni: konverġenza, kompetittività u kooperazzjoni”, ĠU C 302, 7.12.2004, p. 60.

⁽³⁴⁾ Opinjoni tal-KESE dwar “Kif nistgħu nintegraw aħjar ir-reġjuni milquta minn żvantaġġi naturali jew strutturali permanenti”, ĠU C 221, 8.9.2005, p. 141 (mhux disponibbli bil-Malti).

4.4.3.2 L-Artikolu 16 tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea jistipula li "... l-Istati Membri, skond il-poteri rispettivi tagħhom u fl-iskop ta' l-applikazzjoni ta' dan it-Trattat, għandhom jieħdu ħsieb li dawk is-servizzi joperaw fuq il-bażi ta' prinċipji u kondizzjonijiet li jippermettulhom li jwettqu l-missjonijiet tagħhom".

4.4.3.3 Fost strumenti oħrajn, wieħed jista' jikkwota mudell unifikat tas-servizz universali għas-setturi tas-servizzi pubbliċi, li l-applikazzjoni tiegħu f'dawn l-oqsma hija prevista mid-dokumenti politiċi u mid-dokumenti regolamentarji ta' l-Unjoni Ewropea. Din l-għodda tidher fil-Green Paper dwar is-servizzi ta' interess ġenerali ⁽³⁵⁾.

4.4.4 Il-KESE jixtieq ifakkar fl-importanza li l-intrapriżi li jibenefikaw mis-sussidji ta' l-EU iżda jiċċaqalqu xi mkien ieħor qabel ma jgħaddu seba' snin jiġu penalizzati. Dan għaliex ir-riżorsi pubbliċi ma jistgħux jinhlaw f'sussidji li jnaqqsu l-impjigi.

4.5 *X'inhu l-impatt ta' l-isfidi analizzati f'dan ir-rapport fuq l-aspetti sostanzjali tal-koeżjoni soċjali bħall-inklużjoni, l-integrazzjoni u l-opportunitajiet għal kulħadd? Jinħtieġu sforzi ġodda sabiex nilqgħu għal dawn l-effetti?*

Jekk inżommu quddiem għajnejna d-differenzi kbar fir-rati tat-twelid u ta' l-imwiet u l-migrazzjoni fil-livell reġjonali, x'inhu s-sehem tal-politika ta' koeżjoni sabiex tindirizza t-tibdil demografiku?

4.5.1 L-importanza trasversali ta' l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa hija mfissra b'mod espliċitu fir-regolamenti tal-Fond Strutturali. Però jidher li l-importanza ta' dan il-prinċipju ġiet applikata biss fil-kuntest ta' kwistjonijiet marbuta mas-suq tax-xogħol. L-Istati Membri għandhom jiġu mqanqla li jadottaw approċċ integrat (possibbilment permezz tal-linji gwida integrati ta' Lisbona u, jekk hemm bżonn, b'rakkomandazzjonijiet individwali). Id-data maqsuma skond is-sess hija indispensabbli sabiex issir evalwazzjoni tal-programmi operattivi.

4.5.2 Sabiex jagħtu lill-koppji l-possibbiltà li jkollhom in-numru ta' tfal li jixtiequ, l-Istati Membri għandhom jieħdu diversi miżuri bħas-sostenn finanzjarju dirett, l-adattament fiskali u l-provvista ta' faċilitajiet pubbliċi u privati (per eżempju, diversi tipi ta' day care centres għat-tfal, inklużi day care centres ta' kumpanija jew maqsuma bejn kumpaniji differenti), skejjel u servizzi li jibqgħu sejrjn wara l-ħin normali; f'dan ir-rigward jeħtieġ li niżguraw ruħna mhux biss mill-kwantità iżda wkoll mill-kwalità tal-faċilitajiet ⁽³⁶⁾. Barra minn hekk, il-KESE jfakkar li wara l-Kunsill Ewropew ta' Barċellona (f'Ġunju 2002), l-Istati Membri qablu li sa l-2010 iwaqqfu l-istrutturi meħtieġa biex jilqgħu lil mhux inqas minn 90 % tat-tfal ta' bejn it-tliet snin u l-età ta' l-iskola obbligatorja u mhux inqas minn 33 % tat-tfal taħt it-tliet snin. Jeħtieġ ukoll li nistabbilixxu limitu għall-għajjnuna finanzjarja li tingħata għat-tfal u l-familji, jiġifieri

għall-investimenti fil-ġejjieni, sabiex ma jkunx hemm iċ-ċans li ninvestu r-riżorsi kollha f'popolazzjoni dejjem tixjeh, ħaġa li tista' tkun prijoritarja għal elettorat anzjan ⁽³⁷⁾. F'dan il-kuntest, ikun interessanti li naħsbu dwar il-ħolqien ta' Fond Demografiku. Il-mira tiegħu tkun li jappoġġja l-isforzi nazzjonali favur it-twelid u l-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol. U fl-istess ħin ikun hemm finanzjament Ewropew ikbar għall-faċilitajiet ta' kura għat-tfal u l-anzjani kif ukoll investimenti fir-rinnovazzjoni/modernizzazzjoni ta' l-iskejjel, b'mod partikolari fiż-żoni rurali.

4.5.3 Flimkien mas-sostenn tad-demografija, jeħtieġ li intejbu u nibżgħu għas-saħħa u s-sigurtà tat-tfal, noffru edukazzjoni ta' kwalità tajba lil kulħadd, nipproponu sistemi ta' għajjnuna u sostenn għall-ġenituri sabiex ikunu jistgħu jlaħħqu mal-bżonnijiet u d-diffikultajiet tagħhom. Għandna nagħtu importanza partikolari lill-familji u t-tfal li jgħixu f'faqar kbir, lil dawk li għandhom bżonn sostenn partikolari u lil dawk li ġejjin mill-immigrazzjoni. Minkejja li l-popolazzjoni dejjem qiegħda tixjeh u li t-tiġdid tal-ġenerazzjonijiet huwa indispensabbli għal ħajjet il-kontinent, il-KESE jixtieq ifakkar li t-tnaqqis tal-qgħad, l-opportunitajiet ta' xogħol stabbli għaż-żgħażagħ ta' bejn il-25 u t-30 sena, u s-sigurtà reali tax-xogħol in ġenerali, għandhom jgħinu l-finanzjament tal-pensjoni, kemm jekk tkun attiva u kemm jekk le ⁽³⁸⁾. Il-fond soċjali Ewropew għandu jagħti kontribut sostanzjali għal din l-intrapriża.

4.5.4 Il-KESE huwa wkoll tal-fehma li numru ta' miri komuni dwar l-aċċess għall-akkomodazzjoni u l-istandards minimi għall-kwalità ta' l-akkomodazzjoni li jiddefinixxu l-kunċett ta' akkomodazzjoni deċenti għandhom jiġu stabbiliti fil-livell Ewropew ⁽³⁹⁾.

4.5.5 L-istituzzjonijiet finanzjarji Ewropej għandhom ikunu jistgħu jallokaw riżorsi b'rata baxxa ħafna għall-programmi integrati tal-proprietà għaż-żgħażagħ, il-familji bit-tfal, il-migranti, l-anzjani jew il-persuni b'diżabilità, il-gruppi soċjali friskju, eċċ., u b'hekk itejbu l-mobilità professjonali, isaħħu t-taħlit soċjali u jipprovdu prezz li jista' jintlaħaq minn min jokkupa d-dar. Il-KESE jinnota li l-użu tal-programm "JESSICA" ser jipprovdi l-elementi neċċessarji għall-ħolqien ta' fond ta' garanzija għall-proġetti kbar ta' l-akkomodazzjoni soċjali u jitlob li l-evalwazzjoni li ssir f'nofs il-perijodu tal-Fond Strutturali tanalizza din il-kwistjoni ⁽⁴⁰⁾.

4.6 *X'inhuma l-kwalifiki essenzjali għall-ġejjieni sabiex iċ-ċittadini tagħna jkun jistgħu jissieltu ma' l-isfidi l-ġodda?*

4.6.1 Il-patti territorjali għall-iżvilupp imsemmija fit-tweġiba 2.1 joffru approċċ interessanti sabiex titwieġeb din il-mistoqsija peress li s-sitwazzjonijiet differenti u l-isfidi konkreti jeħtieġu strumenti u kompetenzi differenti (ara 1.1). Għandhom jiġu involuti b'mod attiv l-imsieħba soċjali, li ilhom mill-2002 jippreżentaw rapporti dwar l-implicazzjoni tagħhom fit-tagħlim matul il-ħajja lill-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa.

⁽³⁷⁾ Ibid.

⁽³⁸⁾ Ibid.

⁽³⁹⁾ Opinjoni tal-KESE dwar "L-akkomodazzjoni u l-politika reġjonali", ĠU C 161, 13.7.2007, p. 17 (mhux disponibbli bil-Malti).

⁽⁴⁰⁾ Ibid.

⁽³⁵⁾ COM(2003) 270 finali.

⁽³⁶⁾ Opinjoni tal-KESE dwar "Il-familja u l-bidla demografika", ĠU C 161, 13.7.2007, p. 66 (mhux disponibbli bil-Malti).

4.6.2 Il-KESE jixtieq ifakkar li l-użu tat-teknoloġiji ta' l-informatika u tal-komunikazzjoni fit-tagħlim matul il-ħajja, b'mod partikolari fiż-żoni rurali u fil-bliet iż-żgħar tal-Komunità, jiddependi l-ewwel u qabel kollox mis-sostenn ta' l-UE u tal-gvernijiet ta' l-Istati Membri sabiex jiġu stabbiliti konnessjonijiet ta' l-internet broadband ⁽⁴¹⁾ għax b'hekk wieħed ikun jista' jaċċessa s-sistemi ta' tagħlim b'mod elettroniku. F'dan il-kuntest, il-KESE jappella lill-Kummissjoni sabiex il-kwistjoni ta' l-aċċess għall-konnessjoni broadband titqies bħala element minn strateġija iktar wiesgħa li twassal għall-konsiderazzjoni tal-possibilità ta' l-aċċess għas-servizzi elettroniċi bħala servizz ta' interess ġenerali. Jeħtieġ li ninsistu fuq ir-riskju li jkun hemm firda kbira wisq bejn il-ġenerazzjonijiet ⁽⁴²⁾.

4.7 *Fid-dawl tal-ħtieġa ta' ġestjoni effiċjenti tal-programmi tal-politika ta' koeżjoni, liema hu l-aħjar tqassim tar-responsabilitajiet bejn il-livell komunitarju, dak nazzjonali u dak reġjonali f'sistema ta' gvernanza b'diversi livelli?*

4.7.1 Il-KESE jixtieq ifakkar bis-sħiħ li hu kontra kull tentattiv ta' nazzjonalizzazzjoni mill-ġdid tal-politika ta' koeżjoni li bla dubju toffri valur miżjud Ewropew fis-sens ta' solidarjetà, tkabbir u impjeggi. Iċ-ċittadini Ewropej jistgħu jaraw l-effetti tagħha b'mod ċar.

4.7.2 Il-KESE jfakkar li, skond it-Trattat (Artikoli 2, 158 u 159), il-politiki komunitarji, nazzjonali, trasversali u settorjali kollha għandhom jikkontribwixxu għall-mira ta' koeżjoni. Għaldaqstant, jeħtieġ li l-koeżjoni, speċjalment l-aspett territorjali tagħha, tiġi kkunsidrata fil-linji gwida integrati u fl-analiżi ta' l-impatt tagħhom ⁽⁴³⁾.

4.7.3 Il-KESE jilqa' l-introduzzjoni tal-koeżjoni territorjali fil-miri ta' l-UE u l-proġett tal-Kummissjoni li jkun hemm unità ġdida msejja "Koeżjoni Territorjali" fid-DG REGIO. Din l-unità għandha tieħu ħsieb li l-politiki settorjali jkunu kollha favur il-mira ta' koeżjoni. Peress li l-proġetti eliġibbli għall-għajjnuna mill-UE jeħtieġu kofinanzjament mill-awtorità nazzjonali, jaqbel li ssir riflessjoni dwar is-sinjali ta' allarm għall-baġit definiti fil-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir u l-konsegwenzi tagħhom fuq il-finanzjament tan-netwerks trans-Ewropej, b'mod aktar speċifiku fuq is-setturi neqsin.

Ta' min ifakkar għadd ta' linji gwida ġenerali. Uħud kienu diġà jidhru fit-Trattati filwaqt li oħrajn iddaħħlu wara l-Konferenza Intergovernattiva ta' l-2007. Dawn jistipulaw hekk: "Meta tkun qiegħda tiddefinixxi u timplimenta l-linji ta' politika u l-attivitatijiet tagħha, l-Unjoni:

⁽⁴¹⁾ Aċċess għall-internet permezz tal-broadband: kanal tal-komunikazzjoni b'kapaċità qawwija li bih tkun tista' taċċessa l-informazzjoni u s-sistemi tat-tagħlim elettroniku faċilment u malajr (sors: <http://www.elearningeuropa.info/>).

⁽⁴²⁾ Opinjoni tal-KESE dwar "It-tagħlim matul il-ħajja bbażat fuq it-teknoloġiji ta' l-informatika: il-kontribut għall-kompetittività ta' l-Ewropa, għat-tibdil industrijali u għall-iżvilupp tal-kapital soċjali", ĠU C 318, 23.12.2006, p. 20 (mhux disponibbli bil-Malti).

⁽⁴³⁾ Opinjoni tal-KESE dwar "L-impatt u l-konsegwenzi tal-politiki strutturali għall-koeżjoni ta' l-Unjoni Ewropea", ĠU C 93, 27.4.2007, p. 6 (mhux disponibbli bil-Malti).

— għandha tikkunsidra r-rekwiżiti marbuta mal-promozzjoni ta' livell għoli ta' l-impjeggi, mal-garanzija ta' protezzjoni soċjali xierqa, mal-ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali kif ukoll ma' livell għoli ta' edukazzjoni, taħriġ u protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem (Artikolu 9 ġdid tat-Trattat dwar il-funzjonament ta' l-UE);

— għandha tftitex li tikkumbatti kull diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess, ir-razza jew l-oriġini etnika, ir-reliġjon jew il-konvinzjoni, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali (Artikolu 10 ġdid tat-Trattat dwar il-funzjonament ta' l-UE);

— għandha tintegra l-ħtiġijiet għall-ħarsien ta' l-ambjent, partikolarment bl-iskop li jinkoraġġixxu l-iżvilupp sostenibbli (Artikolu 6 tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea li nżamm fit-Trattat il-ġdid)."

Id-dispożizzjonijiet tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, rikonnoxxuta mit-Trattat dwar l-UE (Artikolu 6), għandhom ukoll jiġu kkunsidrati fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-politiki strutturali.

4.7.4 Il-KESE jiddispijaċi ħafna li din il-konsultazzjoni ma tittrattax is-sehem ta' l-imsieħba soċjali u tas-soċjetà ċivili organizzata fil-ħolqien, l-elaborazzjoni u l-implimentazzjoni tal-Fond Strutturali. Il-parteċipazzjoni ta' l-imsieħba soċjali hija kruċjali għall-implimentazzjoni tal-proġetti kofinanzjati u għall-bżonnijiet tagħhom sakemm dawn ikunu konformi mal-linji gwida strateġiċi. Għall-futur il-KESE jixtieq li jiġi stabbilit sett ta' linji gwida dwar kif jiġu konsultati d-dokumenti ta' strateġija u ta' programmazzjoni li jtfasslu fi ħdan l-Istati Membri. L-Istati Membri jridu jispjegaw kif qeġdin jorganizzaw il-għbir ta' informazzjoni dwar kif jitħaddem il-prinċipju ta' sħubija fil-kuntest tal-kumitati għall-monitoraġġ. Il-KESE jemmen li l-Istati Membri u l-awtoritajiet reġjonali għandhom jużaw aktar il-potenzjal li għandhom l-organizzazzjonijiet fi ħdan is-soċjetà ċivili billi jinvolvuhom fl-ippjanar tal-promozzjoni. Għandu jkun hemm ukoll sostenn għall-inizjattivi ġodda bis-saħħa ta' riżorsi finanzjarji adegwati li jkunu disponibbli għall-promozzjoni u l-informazzjoni dwar il-Fond Strutturali. Tajjeb ukoll li fil-każ tal-programmi transkonfinali jew interreġjonali nipromovu l-konsultazzjonijiet konġunti u s-sħubiji soċjoprofessjonali ⁽⁴⁴⁾.

4.7.5 Wara l-Open Days li saru u l-inizjattiva *Regions for Economic Change*, il-KESE jappoġġja bis-sħiħ:

— il-ħolqien ta' Aġenzija Ewropea għat-Turiżmu li sservi ta' osservatorju bil-mira li tippovdi informazzjoni u data affidabbli u komparabbli dwar it-turiżmu lill-Komunità, lill-Istati Membri u lir-reġjuni ⁽⁴⁵⁾;

⁽⁴⁴⁾ Ara ż-żewġ opinjonijiet tal-KESE dwar il-"Komunikazzjoni tal-Kummissjoni: Il-politika ta' koeżjoni sabiex tippromovi t-tkabbir u l-impjeggi — Orientazzjonijiet strateġiċi tal-politika ta' koeżjoni (2007-2013)", ĠU C 185, 8.8.2006, p. 52 (mhux disponibbli bil-Malti) u "L-impatt u l-konsegwenzi tal-politiki strutturali għall-koeżjoni ta' l-Unjoni Ewropea", ĠU C 93, 27.4.2007, p. 6 (mhux disponibbli bil-Malti).

⁽⁴⁵⁾ Opinjoni tal-KESE dwar it-"Turiżmu u kultura: żewġ mezzi għat-tkabbir", ĠU C 110, 9.5.2006, p. 1 (mhux disponibbli bil-Malti).

- l-introduzzjoni ta' premji għall-Bliet Ekoloġiċi Ewropej maħsuba għat-tisħiħ ta' l-isforzi u l-imġiba ta' l-awtoritajiet lokali kif ukoll ta' l-atturi pubbliċi u privati tagħhom ⁽⁴⁶⁾;
- il-ħolqien ta' għajjnuna teknika għall-proġetti ta' l-akkomodazzjoni flimkien mar-rappreżentanti u n-netwerks ta' awtoritajiet lokali u reġjonali u bil-għajjnuna tal-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri (kapitalizzazzjoni tal-proġetti u tal-metodi sabiex il-proġetti ta' l-akkomodazzjoni jiġu integrati aħjar fil-programmi ta' riġenerazzjoni urbana) ⁽⁴⁷⁾.

Għandha tingħata importanza partikolari lit-tixrid ta' l-esperjenzi u ta' l-aħjar Prattiki.

4.8 *Liema huma l-possibilitajiet ġodda għall-kooperazzjoni bejn ir-reġjuni kemm fl-Ewropa kif ukoll barra mill-Ewropa?*

4.8.1 Il-KESE jaħseb li għandu jkun hemm laqgħat ta' diskussjoni bejn iż-żoni metropolitani u l-Kummissjoni sabiex jippromovu l-poliċentriżmu u sabiex jitjieb l-għarfien f'dawn iż-żoni. Jista' jinħoloq grupp ta' ħidma sabiex jidentifika u jxerred il-prattiki t-tajba ⁽⁴⁸⁾.

4.8.2 L-entitajiet legali maħluqa fil-qafas ta' l-EGCC, bħal fil-każ tal-Fondi Strutturali l-oħra, għandhom ikunu responsabbli mill-koordinazzjoni tad-diversi sorsi ta' finanzjament. B'dawn

il-fondi jkun jista' jiffassal u jitnieda proġett li jippromovi politika industrijali fir-reġjun ikkonċernat u fl-istess ħin ir-rappreżentanti tad-diversi partijiet interessati fil-livell reġjonali għandu jkollhom aċċess għal dawn il-mezzi. It-twaqqif ta' dawn l-entitajiet legali ser jikkontribwixxi għat-tisħiħ tax-xewqa li jkun hemm kooperazzjoni transkonfinali, ir-reġjuni interessati jibdedw iħossuhom li jistgħu jikkontrollaw il-ġejjieni tagħhom iktar u jkunu mħeġġa sabiex jarmonizzaw il-liġijiet tagħhom ⁽⁴⁹⁾.

4.8.3 F'dan il-kuntest jaqbel li nippromovu l-konsultazzjonijiet konġunti u s-sħubiji soċjoprofessionali transkonfinali jew interreġjonali u li nistimolaw l-inizjattivi ta' djalogu soċjali f'dawn il-livelli, b'mod partikolari billi nikkonkretizzaw il-qafas transnazzjonali fakultattiv għan-negozzazzjoni kollettiva bħalma huwa mħabbar fl-aġenda soċjali 2005-2010 ⁽⁵⁰⁾.

4.8.4 Qasam ieħor fejn il-kooperazzjoni reġjonali tista' tippromovi l-koeżjoni huwa s-settur ta' l-enerġija, peress li għandu impatt fuq l-ispejjeż tal-produzzjoni, il-familji u l-iżvilupp ekonomiku. Dan jista' jsir permezz ta' skambju ta' enerġija inter-reġjonali bejn reġjuni li għandhom kwantitajiet ikbar ta' riżorsi bi nfiq iktar baxx meta mqabblin ma' reġjuni ifqar. Illum dan jista' jsir permezz ta' sistema regolata ta' netwerks, li hi aktar flessibbli, u l-ftuħ ta' 'borża elettrika'.

Brussell, it-13 ta' Diċembru 2007.

Il-President

tas-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Dimitris DIMITRIADIS

⁽⁴⁶⁾ Opinjoni tal-KESE dwar il-“Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u l-Parlament Ewropew dwar strateġija tematika għall-ambjent fil-bliet”, ĠU C 318, 23.12.2006, p. 86 (mhux disponibbli bil-Malti).

⁽⁴⁷⁾ Opinjoni tal-KESE dwar “L-akkomodazzjoni u l-politika reġjonali”, ĠU C 161, 13.7.2007, p. 17 (mhux disponibbli bil-Malti).

⁽⁴⁸⁾ Iż-żewġ opinjonijiet tal-KESE dwar “Iż-żoni metropolitani: l-implikazzjonijiet soċjo-ekonomiċi għall-ġejjieni ta' l-Ewropa” ĠU C 302, 7.12.2004, p. 101 u ĠU C 168, 20.7.2007, p. 10.

⁽⁴⁹⁾ Opinjoni tal-KESE dwar “Il-ġestjoni tal-bidliet industrijali fiż-żoni transkonfinali wara t-tkabbir ta' l-Unjoni Ewropea”, ĠU C 185, 8.8.2006, p. 24 (mhux disponibbli bil-Malti).

⁽⁵⁰⁾ Opinjoni tal-KESE dwar il-“Komunikazzjoni tal-Kummissjoni: Il-politika ta' koeżjoni sabiex tippromovi t-tkabbir u l-impjegi — Orjentazzjonijiet strateġiċi tal-politika ta' koeżjoni (2007-2013)”, ĠU C 185, 8.8.2006, p. 52 (mhux disponibbli bil-Malti).

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar Migrazzjoni u żvilupp: opportunitajiet u sfidi

(2008/C 120/18)

Matul is-sessjoni plenarja li nżammet nhar is-16 ta' Frar 2007, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew iddeċieda, b'konformità ma' l-Artikolu 29(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħi, li jħejji opinjoni fuq proprja dwar

Migrazzjoni u żvilupp: opportunitajiet u sfidi.

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għar-Relazzjonijiet Esterni, inkarigata sabiex tipprepara l-hidma tal-Kumitat dwar is-sugġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar it-3 ta' Ottubru 2007. Ir-rapporteur kien is-Sur Sukhdev Sharma.

Matul l-440 sessjoni plenarja tiegħu li nżammet fit-12 u t-13 ta' Diċembru 2007 (seduta tat-12 ta' Diċembru), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-opinjoni b'125 vot favur u 5 astensjonijiet.

1. Sinteżi eżekuttiva

1.1 Din l-opinjoni fuq inizzjattiva proprja tinkorpora rakkomandazzjonijiet ta' politika dwar kwistjonijiet li huma rilevanti għall-oqsma interdendenti tal-migrazzjoni u l-iżvilupp.

1.2 Meta tiffoka fuq eżempji prattiċi, suġġerimenti u ftehim ta' kooperazzjoni li jkun ta' benefiċċju reċiproku, il-migrazzjoni tista' titqies bħala "għodda għall-iżvilupp". Permezz ta' l-introduzzjoni ta' miżuri speċifiċi, il-Kumitat jixtieq li d-dibattitu jimxi mil-livell politiku għal-livell ta' ppjanar.

1.3 L-aħjar mod sabiex isseħħ applikazzjoni tal-politiki tal-migrazzjoni u l-iżvilupp li tkun ta' benefiċċju huwa billi jiġi ffaċilitat ir-rwol tar-rimessi (3.4 — 3.8) sabiex il-livelli tad-dħul tad-destinatariji jiżdiedu, u possibbilment billi jiġu rregolati l-flussi migratorji għall-benefiċċju ta' pajjiżi li huma inqas żviluppati jew sezzjonijiet tal-popolazzjoni li għandhom dħul baxx fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw (4.2). Il-kunċetti ta' kożvilupp għandhom il-potenzjal li jgħaddu r-rimessi privati lill-proġetti ta' infrastruttura li huma ta' benefiċċju għall-pubbliku ġenerali (5.1 — 5.2). Forom oħra ta' żvilupp konġunt jaħdmu bi sħab ma' organizzazzjonijiet tad-dijaspora sabiex jimmobilizzaw ir-riżorsi umani u/jew riżorsi monetarji għal investimenti diretti barranin, trasferiment ta' għarfien u teknoloġija, u rimessi soċjali u kulturali (5.3 — 5.8). Il-politiki tal-migrazzjoni u l-iżvilupp jstgħu jtaffu l-effetti negattivi tat-telf ta' l-aħjar imħuħ permezz tal-ħolqien ta' bank intellettuali u billi jiġu ffaċilitati mudelli ta' migrazzjoni ċirkolari u virtwali (6.2 — 6.6.4). Fl-aħħarnett, il-Kumitat jargumenta li l-politiki tal-migrazzjoni u l-iżvilupp jirnexxu biss jekk ikunu integrati f'oqsma ta' politika rilevanti oħra u tkun żgurata l-koerenza politika (7.1 — 7.3).

1.4 Din l-opinjoni tkomplementa l-opinjoni tal-Kumitat *Immigrazzjoni fl-UE u l-politika ta' kooperazzjoni mal-pajjiżi ta' oriġini għall-promozzjoni ta' l-iżvilupp* (rapporteur: is-Sur Pariza Castaños) ⁽¹⁾. Barraminhekk, tapoġġja l-*Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-emigrazzjoni ċirkolari u l-partenarjati ta' mobbiltà bejn l-Unjoni Ewropea u pajjiżi terzi* ⁽²⁾.

⁽¹⁾ SOC/268 Immigrazzjoni u kooperazzjoni għall-iżvilupp ta' l-4 ta' Ġunju 2007.

⁽²⁾ COM(2007) 248 finali, 16.5.2007.

2 Migrazzjoni u globalizzazzjoni

2.1 Il-proċess tal-globalizzazzjoni wassal għall-moviment illiberalizzat ta' kapital, prodotti, u servizzi. Il-moviment tan-nies, iżda, xorta jibqa' l-fergħa l-aktar ristretta tal-globalizzazzjoni. Sabiex l-ekonomija inqas żviluppati jingħataw sehem ikbar fit-tkabbir ekonomiku xprunat mill-globalizzazzjoni, għandha tingħata aktar attenzjoni lill-moviment iktar liberu tan-nies. Din l-opinjoni ssegwi l-idea li l-migrazzjoni hija opportunità għall-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw sabiex jieħdu sehem b'mod aktar ugwali fl-ekonomija globalizzata ta' llum. Il-migrazzjoni għandha l-potenzjal li tnaqqas l-inugwaljanza; iżda, il-migrazzjoni ma għandhiex titqies bħala sostitut għall-iżvilupp tradizzjonali.

2.2 Żewġ konsiderazzjonijiet jagħmluha possibbli li jinħoloq kunċett li jagħti valur lill-migrazzjoni bħala rabta bejn il-globalizzazzjoni u l-iżvilupp. L-ewwelnett, ix-xejriet demografiki juru li n-nuqqas ta' ħaddiema li diġà jeżisti fil-pajjiżi ta' l-UE huma mistennija li jiżdiedu fil-futur qrib, speċjalment fi ħdan is-setturi ta' servizzi ta' xogħol intensiv. It-tieninett, l-istima tal-Bank Dinji hija li l-potenzjal ta' migrazzjoni ġestita sew tista' fil-futur twasal għal assistenza monetarja sinifikanti fil-forma ta' rimessi lil nies ta' pajjiżi fqar ⁽³⁾. Iċ-ċirkolazzjoni ta' rimessi fi ħdan il-pajjiżi ta' l-OECD, imma wkoll mill-OECD għal pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw u anki bejn pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw qiegħda tiżdied b'mod stabbli ⁽⁴⁾. Għalhekk, il-migrazzjoni internazzjonali tista' tkun komponent importanti sabiex jinkisbu l-Għanijiet ta' Żvilupp għall-Millennju. Ir-rimessi kif ukoll il-kunċetti ta' kożvilupp u migrazzjoni ċirkolari għandhom potenzjal ta' żvilupp sinifikanti. Aktar importanti minn hekk, il-potenzjal ta' żvilupp tagħhom huwa mħeġġeġ mill-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol ta' l-Ewropa tal-Punent.

⁽³⁾ Bank Dinji 2006. Global Economic Prospect.

⁽⁴⁾ Skond il-Bank Dinji mill-2001 sa l-2005 ċ-ċirkolazzjoni tar-rimessi rduppjat għal ċifra rekord ta' 249 biljun Dollaru Amerikan fl-2005, li minnhom pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw irċevew 180 biljun — erbgħa sa ħames darbiet l-ammont ta' assistenza uffiċjali ta' l-iżvilupp (Bank Dinji 2006). International Migration Aġenda and the World Bank — Managing Risks and Enhancing Benefits). Oxfam tistma li l-influss annwali ta' rimessi lil pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw huwa ta' 80 biljun Dollaru Amerikan (International Development Committee Inquiry on Migration and Development, Oxfam, 2003). Il-Kummissjoni Globali dwar il-Migrazzjoni Internazzjonali testima li r-rimessi totali li rċevew pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw kienu ta' 93 biljun Dollaru Amerikan kull sena Migration and Development, Policy Analysis and Research Programme, 2003). B'kollox, ir-rimessi jikkostitwixxu 2,2 % tal-prodott gross domestiku tal-pajjiżi kollha li qegħdin jiżviluppaw. (Fond Monetaru Internazzjonali 2005).

2.3 Din l-opinjoni tisħaq dwar il-ħtieġa għal approċċ fir-rigward tal-politiki tal-migrazzjoni u l-iżvilupp li jkun żviluppaw sew, komprensiv u integrat, li għandu l-potenzjal li johljoq sitwazzjoni fejn kulħadd johljoq rebbieħ.

2.4 Approċċ bħal dan jirrikonoxxi l-iżbilanċ ta' l-impatt pożittiv u negattiv tal-migrazzjoni fuq il-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw u jindirizza l-fatturi tan-nefqa u l-benefiċċju kif jixraq. Filwaqt li fxi pajjiżi l-migrazzjoni ttaffi l-pessjoni minn popolazzjoni żejda u l-qgħad, u l-esportazzjoni deliberata ta' had-diema tas-sengħa tistabbilixxi sorsi barra l-pajjiż għal rimessi fil-futur, investimenti diretti barranin u trasferiment tal-għerf; għal pajjiżi oħra l-iżbokk permanenti ta' riżorsi umani jtellef severament lill-iżvilupp. Għalhekk, migrazzjoni ġestita sew issaħħaħ l-effetti pożittivi tal-migrazzjoni filwaqt li fl-istess ħin tnaqqas l-effett negattiv tagħha.

2.5 Il-Kumitat jappoġġja l-analiżi ta' organizzazzjonijiet ta' l-iżvilupp internazzjonali bħall-Bank Dinji, id-Dipartiment tar-Renju Unit għal Żvilupp Internazzjonali, l-Oxfam u oħrajn li kollha jixħtu dawl fuq il-potenzjal ta' żvilupp tal-migrazzjoni internazzjonali sabiex jinkiseb solliev mill-faqar u jkun sostnut l-iżvilupp ekonomiku fil-pajjiżi ta' oriġini. Trasferimenti ta' rimessa jwasslu għal żidiet fid-dħul sinifikanti għal familji li huma benefiċjarji, u huma mutur b'saħħtu għas-solliev tal-faqar fi żmien qasir u, jekk immexxi bil-għaqal, jistgħu jwasslu ukoll għal żvilupp sostenibbli fuq medda twila ta' żmien. Dan ta' l-aħħar huwa appoġġjat minn kunċetti ta' "kożvilupp" bħalma hija l-filantropija tad-djaspóra, rimessi soċjali, trasferimenti ta' l-għerf, u networks tan-negożju tranżnazzjonali.

2.6 Is-saħħa ta' politiki tal-migrazzjoni u l-iżvilupp ġestiti sew għandha tinstab fil-ħila tagħhom li jħarsu pajjiżi vulnerabbli, kważi l-Afrika kollha 'l isfel mis-Sahara, minn limitazzjonijiet fl-iżvilupp maħluqa minn migrazzjoni. Pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw li jibbenefikaw mill-inqas minn rimessi u filantropija bosta drabi jgħorru l-ogħla prezz tal-migrazzjoni: it-telf ta' nies li għandhom sengħa kbira u talenti. Mudelli ta' migrazzjoni ċirkolari u virtwali jistgħu jittrattaw, sa ċertu punt, in-nuqqasijiet ta' emigrazzjoni bla kontroll. Il-politiki tal-migrazzjoni u l-iżvilupp jistgħu jindirizzaw il-ħtiġijiet u l-partikularitajiet ta' setturi li huma partikularment vulnerabbli għall-migrazzjoni bħalma huwa s-settur ta' l-edukazzjoni jew is-settur tal-kura tas-saħħa. Jekk kemm-il darba s-sistemi tal-migrazzjoni jżommu t-telf ta' persunal li għandhom sengħa fil-kura tas-saħħa f'żoni li huma severament effettwati mill-HIV/AIDS, sforzi oħra ta' l-iżvilupp ma jkunux sostenibbli. Sħubiji bilaterali u reġjonali fil-migrazzjoni bejn pajjiżi destinatariji u pajjiżi ta' l-oriġini jista' jkollhom sehem importanti fil-protezzjoni ta' dawn is-setturi li huma kruċjali għall-iżvilupp tagħhom.

2.7 Il-Kumitat ħa nota tal-bosta metodi u mezzi ta' kif il-migrazzjoni tefettwa b'mod profond il-pajjiżi ta' oriġini u dawk ta' destinazzjoni. Uħud minnhom jintgħarfu biss snin wara li jkun b'dew il-movimenti migratorji. Din hija kwistjoni li qiegħda żżid l-inkwjet għat-tfal tal-migranti li jibgħu fil-pajjiżi ta' oriġini u l-prospetti sanitarji u edukattivi tagħhom f'familji

b'ġenitur wieħed. Mil-lat tas-soċjetà, żoni effettwati mill-migrazzjoni juru sinjali ta' proporzjon żbilanċjat bejn is-sessi li ċertament żgur ser iħalli timbru fuq il-kundizzjonijiet tal-qafas soċjo-ekonomiku għal żvilupp fuq medda twila ta' żmien. Dan it-tħas-sib għandu jittqies fl-ippjanar u l-implimentazzjoni ta' politiki tal-migrazzjoni internazzjonali.

2.8 Il-Kumitat jenfasizza l-interdipendenza soċjo-ekonomika eżistenti bejn il-pajjiż ospitanti u dak ta' oriġini. Migranti li jkun r-nexxew ekonomikament f'pajjiżi ospitanti għandhom xejra li jibagħtu iktar flus. Bl-istess mod, migranti li jkun integrati sew soċjalment għandhom potenzjal ta' effett ikbar fuq il-kożvilupp ta' pajjiżhom permezz tal-filantropija, rimessi soċjali u migrazzjoni ċirkolari jew virtwali meta mqabbla ma' migranti li huma integrati inqas sew. Konsegwentement, pajjiżi ospitanti għandhom jikkunsidraw kunċetti li jilqgħu kontra l-ħela ta' l-imħuħ: dawn ivarjaw minn integrazzjoni soċjali aħjar b'mod ġenerali għal kiswa ta' ugwaljanza fil-paga u għal titjib fil-kundizzjonijiet tax-xogħol; inkluż aċċess għal unions jew jindirizzaw l-istatus legali problematiku tal-migranti li kemm-il darba jkun ta' problema. Dinil-linja timmassimizza dak li jagħtu l-migranti lill-pajjiż ospitanti, u barraminhekk hekk iżżid il-potenzjal tagħhom għall-iżvilupp.

2.9 Bl-istess mod huma kkonnnettjati ma' xulxin kunċetti mfassla sabiex irażżnu l-migrazzjoni irregolari. Il-migrazzjoni irregolari tagħmel ħsara lill-pajjiżi destinatari minħabba r-rabtiet tagħha ma' xogħol illeċitu. Hija ta' theddida bl-istess mod għall-migranti (irregolari) għaliex bosta drabi huma jkun f'qagħda dgħajfa f'relazzjoni ta' sfruttament perikoluż fejn ikunu qegħdin jiffaċċjaw kondizzjonijiet ta' xogħol ħorox bi ftit li xejn standards dwar saħħa u sigurtà. Barraminhekk, il-migrazzjoni irregolari taħbi konsegwenzi ta' żvilupp negattivi: hemm opportunità limitata għal integrazzjoni f'pajjiżi ospitanti u l-ispejjeż għolja ta' migrazzjoni bħal din inaqqas l-prospetti ta' rimessi lill-pajjiżi ta' oriġini. Madankollu, ir-regolarizzazzjoni tal-migranti li m'għandhomx dokumenti iżda li huma diġà integrati fil-pajjiż ospitanti tibqa' eżiġenza umana u b'żonn ekonomiku u soċjali. Iż-żieda fl-opportunitajiet għal migrazzjoni regolari ssaħħaħ il-potenzjal tagħha ta' żvilupp filwaqt li fl-istess ħin tnaqqas id-domanda għal organizzazzjonijiet kriminali involuti fil-kuntrabandu u t-traffikar tan-nies. Il-migrazzjoni legali għalhekk timminimizza l-isfruttament.

2.10 Il-Kumitat jirrikonoxxi li l-migrazzjoni min-Nofsinar għan-Nofsinar hija l-aktar forma komuni ta' migrazzjoni internazzjonali. Pajjiżi ġirien jew ir-reġjun immedjat huma l-aktar destinazzjonijiet magħżula għal migranti internazzjonali⁽⁵⁾. Barra minn hekk, meta jittqies li l-migrazzjoni tinvolvi riskju u tirrikjedi riżorsi finanzjarji, ħiliet u networks, isir ovvju li, speċjalment għal nies foqra, il-moviment fi ħdan il-fruntieri nazzjonali huwa l-aktar forma prevalenti ta' migrazzjoni⁽⁶⁾. Għalhekk, approċċ komprensiv fir-rigward tal-politiki tal-migrazzjoni u l-iżvilupp għandu jkollhom l-impatt potenzjali tal-migrazzjoni reġjonali u interna fuq it-tnaqqis tal-faqar u l-iżvilupp ekonomiku.

⁽⁵⁾ Speċjalment l-Afrika t'Isfel li għorr piż żejjed għax bosta drabi tkun il-pajjiż magħżul ta' l-immigrazzjoni għar-reġjun kollu.

⁽⁶⁾ Ara r-rapport tad-DFID: "Moving out of poverty — making migration work better for poor people" (<http://www.dfid.gov.uk/pubs/files/migration-policy-paper-draft.pdf>).

2.11 Il-Kumitat jappella sabiex l-Istati Membri japplikaw l-istandards ikkodifikati fil-Konvenzjoni Internazzjonali dwar il-Ħarsien tad-Drittijiet tal-Ħaddiema Migranti kollha u l-Membri tal-Familji tagħhom (1990).

3 Migrazzjoni u soliev tal-faqar — l-iffaċilitar tar-rimessi

3.1 Il-Kumitat jirrikonoxxi l-potenzjal ta' żvilupp ta' rimessi bejn il-migranti u l-familji tagħhom li jibqgħu għax fil-pajjiż ta' oriġini tagħhom Ir-riċerka turi li r-rimessi jżidu direttament il-livell tad-dħul ta' flus tal-benefiċjarji tagħha u għalhekk itaffu l-faqar.

3.2 Iżda, parti mhux speċifika imma sinifikanti tar-rimessi — bejn wieħed u żewġ terzi — jiċċirkolaw minn mezzi informali. Dan għandu konsegwenzi negattivi għall-emigrant u r-reċipjent, kif ukoll għall-pajjiż ospitanti u dak ta' oriġini. Minħabba nuqqas ta' kompetizzjoni fost min jipprovi servizz finanzjarju fis-settur informali, il-migranti u l-benefiċjarji ma għandhom ebda għażla għajr li jaċċettaw spejjeż għolja ta' tranżazzjoni li min-naħa tagħhom inaqqu d-dħul ta' flus tal-migranti. Għal pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw li huma dgħajfa finanzjarjament, ir-rimessi joffru sors kbir għall-munita barranija u, jekk jgħaddu minn istituzzjonijiet bankarji uffiċjali, itejbu l-iżvilupp finanzjarju billi jżidu l-livelli meħuda f'daqqa ta' depożiti u kreditu intermedjati mis-settur bankarju lokali (⁷). Ir-rimessi għalhekk jiġġeneraw żvilupp makro-ekonomiku pożittiv. Il-pajjiżi ospitanti ġeneralment jorbtu l-preokkupazzjonijiet tagħhom dwar is-sigurtà mas-settur bankarju informali; il-money laundering jew il-finanzjament ta' organizzazzjonijiet terroristiċi, li t-tnejn li huma bosta drabi jsiru permezz ta' metodi ta' tranżazzjoni finanzjarja informali.

3.3 Hemm bosta raġunijiet għala għar-rimessi l-migranti ta' spiss jagħżlu mezzi irregolari minflok servizzi bankarji uffiċjali. Għadd kbira ta' migranti jagħżlu mezzi irregolari għat-trasferimenti għar-raġuni li l-provvedituri uffiċjali ta' dan is-servizz iqumu ħafna flus, jieħdu ħafna żmien, huma burokratiċi żżejjed jew sempliċiment mhumiex aċċessibbli. Il-migranti juru wkoll nuqqas ta' fiduċja fl-istituzzjonijiet bankarji ta' pajjiżhom jew il-biża' ta' varjazzjonijiet fir-rata tal-kambju. Il-benefiċjarji l-foqra, speċjalment dawk li jgħixu f'żoni remoti u rurali, ma għandhom ebda aċċess fiżiku għal faċilitajiet bankarji. Ħafna iktar ma jistgħux jaffordjaw il-ħlas meħtieġ sabiex jinżamm kont bankarju. Ħlas għal rimessi jagħmlu impatt disproporzjonat fuq familji bi dħul ta' flus baxx li jibagħtu ammonti regolari iżda żgħar ta' flus. Għal migranti bla dokumenti n-netwerks bankarji mhumiex aċċessibbli għaliex ma jkollhomx dokumenti, xi ħaġa li hija prerekwiżit ħalli jinfetħu kontijiet bankarji.

3.4 Il-Kumitat iħeġġeġ lill-Istati Membri, lill-Kummissjoni, lill-Parlament u lill-Kunsill sabiex jikkunsidraw l-inizjattivi li ġejjin bħala għodda sabiex jinkoraġġixxu żvilupp.

(⁷) Konsegwentement, il-banek huma kapaċi li jgħollu l-finanzjament orħos u fuq medda itwal ta' żmien minn swieq kapitali internazzjonali billi joffru sigurtà għal rimessi fil-futur.

3.4.1 Kontijiet tat-tfaddil f'munita barranija għal migranti li jgħixu u jaħdmu barra l-pajjiż għandhom ikunu disponibbli minn istituzzjonijiet bankarji domestiċi f'pajjiżi ta' oriġini.

3.4.2 Is-servizzi bankarji għandhom ikunu disponibbli għal familji bi dħul baxx ta' flus billi jkunu offruti rati bankarji li jistgħu jaffordjawhom u għandhom ukoll ikunu provduti lil komunitajiet "li ma għandhomx banek". Dan ta' l-aħħar jista' jinkiseb billi ssir rabta bejn is-servizzi bankarji u industrijiet li joffru servizzi li huma iktar mifruxa bħan-netwerks tal-posta jew tal-bejgħ bl-immnut jew unions ta' kreditu eżistenti. Tnaqqis tal-ħlas ta' rimessi, madankollu, ma għandux ikun ibbilanċjat b'rati tal-kambju mhux favorevoli, iddettati għall-benefiċċju ta' l-istituzzjonijiet bankarji.

3.4.3 Il-kompetizzjoni fost fornituri ta' servizzi fil-qasam tar-rimessi għandha tissaħħaħ sabiex jitnaqqsu l-ispejjeż tat-trasferiment. L-NGOs (għaqdiet mhux governattivi) u l-awtoritajiet pubbliċi fil-pajjiżi ospitanti jistgħu jinkoraġġixxu l-kompetizzjoni billi jxerrdu informazzjoni fuq il-prezzijiet kompetittivi ta' fornituri tas-servizzi. Miżura li tista' tittieħed bħala eżempju hija l-webpage www.sendmoneyhome.org. B'żieda ma' dan, iż-żieda fil-litteriżmu finanzjarju tal-migranti hija attività ewlenija li s-soċjetà ċivili għandha tiffaċilita, f'kooperazzjoni ma' istituzzjonijiet finanzjarji.

3.4.4 Titjib fit-teknoloġija bankarja fil-pajjiżi ta' oriġini jista' b'mod sinifikattiv inaqas l-ispejjeż ta' tranżazzjoni, iżid il-ħeffa fl-ipproċessar u jsaħħaħ is-sigurtà tat-transazzjoni. It-teknoloġija ta' l-informazzjoni bis-satellita f'żoni remoti sabiex tappoġġja sistema msaħħa ta' ġestjoni u trasferiment elettroniku żżid iktar l-effiċjenza. L-introduzzjoni ta' kards tad-debitu jew tat-telefonija ċellulari bħala servizzi addizzjonali hija soluzzjoni innovattiva sabiex tkun estiża l-attività ta' komunikazzjoni. Dawn il-miżuri kollha ta' bini fil-kapaċità jeħtieġu investimenti li jistgħu jkunu xprunati minn assistenza uffiċjali ta' l-iżvilupp jew permezz ta' sħubijiet pubbliċi-privati.

3.4.5 Ir-rekwiżiti ta' identifikazzjoni stretti huma deterrent għall-migranti li jixtiequ jifethu kont bankarju. Il-banek għandhom jiżviluppaw ideat dwar kif jitjeb l-aċċess għal servizzi bankarji għal migranti li m'għandhomx dokumenti. L-Istati Membri għandhom jikkunsidraw bidliet raġonevoli fl-ambjent regolatorju li hemm għas-settur bankarju, sabiex ikunu jistgħu jgħinu dan il-proċess.

3.5 It-tnaqqis fl-ispejjeż tar-rimessi huwa l-ewwel pass meħtieġ sabiex jissaħħaħ l-effett tagħhom fuq l-iżvilupp. L-iffaċilitar taċ-ċirkolazzjoni huwa t-tieni pass. Pajjiżi destinatari għandhom għalhekk jibnu sħubijiet ma' pajjiżi ta' oriġini li jriċievu volumi kbar ta' rimessi. Dawn is-sħubijiet jistgħu jiffaċilitaw b'mod xieraq miżuri li jtejjbu l-aċċess għal nies foqra għal istituzzjonijiet bankarji, isaħħu l-abbiltà ta' fornituri ta' servizzi finanzjarju sabiex jiffaċilitaw ċirkolazzjoni ta' rimessi, u sabiex jinħolqu inċentivi għall-użu ta' mezzi formali ta' trasferiment.

3.6 Il-Kumitat iħeġġeġ lill-istituzzjonijiet bankarji li joperaw fi ħdan l-Unjoni Ewropea sabiex jiżviluppaw politiki ta' servizzi bankarji b'responsabbiltà soċjali korporattiva ffukata li twettaq is-sehem ċentrali tal-banek f'li jkunu ttrattati l-hteġġijiet tal-migranti u l-familji tal-migranti.

3.7 Il-Kumitat iħeġġeġ bis-saħħa sħubijiet li jmessu prijorita-jiet li jseddqu l-użu ta' rimessi għal fini ta' żvilupp billi jbaxxu l-ispejjeż u jżidu l-aċċess. Hawn isfel hawn imfissra żewġ mudelli bħala eżempju:

3.7.1 L-Assoċjazzjoni tal-GSM l-entità kummerċjali ta' l-operaturi taċ-ċellulari MasterCard l-kumpanija li tipproċessa l-pagamenti waqfqu sistema li tippermetti lill-migranti li jittfegħu l-flus fit-telefon ċellulari tagħhom, u jagħmlu ordni sabiex jibagħtu flushom lil numru ta' telefon ċellulari barra l-pajjiż, fejn il-benefiċjarju jirċievi messaġġ bil-kitba li jgħid li l-flus waslu.

3.7.2 Il-bank Lloyds TSB li huwa bbażat fir-Renju Unit b'kol-laborazzjoni mal-bank Indjan ICICI jippermetti lir-residenti Indjani sabiex jagħmlu rimessi bla hłas lejn l-Indja sakemm jinżamm bilanċ minimu fil-kont li jkollhom ma' ICICI.

3.8 B'mod partikulari fi żminijiet ta' konflitt u kriżi jew wara diżastri naturali, ir-rimessi wrew li huma mekkaniżmu effettiv u mgħaġġel sabiex ikunu ttrattati l-hteġġijiet tar-refuġjati u l-vittimi fil-pajjiżi ta' l-orijini. Organizzazzjonijiet ta' l-għajnuna umanitarja u dawk li jwieġbu l-ewwel għandhom jikkonsidraw li jipprovdu aċċess għal rimessi bħala parti mill-pakketti ta' għajnuna ta' wara l-konflitt/wara d-diżastru.

4 Migrazzjoni u tnaqqis ta' l-inugwaljanza — ir-regolazzjoni tal-flussi migratorji regolari għall-benefiċċju tar-reġjuni sottożviluppati

4.1 Minkejja l-potenzjal tagħhom li jikkaġunaw sollied mill-faqar fi żmien reali għall-benefiċjarji tiegħu, l-effett għal fini ta' żvilupp tar-rimessi bħala tranżazzjonijiet privati huwa limitat billi l-benefiċċju li dak li jkun jirċievi rimessi minn barra mhux-wieix intiż għall-foqra. B'kuntrast, nies li huma kapaċi jerfegħu l-ispejjeż tal-bidu tal-migrazzjoni huma dawk minn familji fil-faxxa l-baxxa ta' dawk bi dħul medju ta' flus. B'żieda ma' dan, ir-rimessi primarjament jiċċirkolaw lejn pajjiżi ta' l-emigrazzjoni kbar b'politiki apposta ta' esportazzjoni ta' kapital uman. Inqas minn terz imur lejn l-inqas pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw. L-influss kontinwu ta' rimessi huwa dipendenti ħafna fuq l-iżbukk kontinwu ta' migranti u għalhekk huwa vulnerabbli għal bidliet ta' politiki ta' l-immigrazzjoni jew tkabbir ekonomiku fil-pajjiżi ospitanti.

4.2 Sabiex isaħħu l-effett tas-sollied tal-faqar u jnaqqsu l-inugwaljanza fl-istess ħin, pajjiżi destinatari għandhom mhux biss jiġġestixxu u jiffaċilitaw aħjar iċ-ċirkolazzjoni tar-rimessi kif

muri hawn fuq, imma wkoll jiġġestixxu aħjar iċ-ċirkolazzjoni tal-migrazzjoni preċedenti. Ir-restrizzjonijiet dwar in-numru ta' migranti legali aċċettati fil-pajjiżi ospitanti sejjer ikollu impatt negattiv fuq il-flussi ta' rimessi lill-pajjiżi ta' orijini. Barramin-hekk, il-pajjiżi destinatari jistgħu jiddeterminaw b'mod effettiv id-direzzjoni li jieħdu dawn il-flussi billi ċerti gruppi speċifiċi ta' immigranti minn ċerti pajjiżi jew reġjuni ta' orijini jingħataw trattament preferenzjali. Dan jassigura li networks tal-migranti li jkunu jeżistu minn qabel ma jwasslu għal preferenzi reġjonali f'pajjiż speċifiku, u lanqas iwasslu għal livelli ogħla ta' inugwaljanza fil-pajjiżi ta' orijini. Għaldaqstant, il-pajjiż ospitanti jgin b'mod proattiv lir-reġjuni l-inqas żviluppati fil-pajjiżi ta' orijini u b'hekk jgħin sabiex l-inugwaljanzi jonqsu. Pass ieħor li jassigura li r-rimessi jaslu għand l-inqas żviluppati huwa billi jkunu identifikati membri ta' dawn il-familji bi dħul baxx ta' flus u mbagħad il-proċess ta' migrazzjoni tagħhom jiġi ffaċilitat.

5 Migrazzjoni u (ko)żvilupp

5.1 Il-kożvilupp jiddeskrivi l-attivitajiet minn migranti li jikkomplementaw, mhux jissostitwixxu l-iżvilupp. Dawn l-attivitajiet huma kkaratterizzati minn programmar ibbażat fuq ħtiġijiet, sostenibbiltà u l-abbiltà li jkunu kkonnettjati l-gruppi tad-dijaspora mal-komunitajiet fil-pajjiżi ta' orijini. L-investimenti fl-infrastrutturi intiżi għat-tagħlim u għas-servizzi bażiċi tas-saħħa, li jistgħu jsiru grazzi għat-trasferimenti ta' fondi, jikkostitwixxu waħda mill-forom ta' kożvilupp li tilħaq lil-livelli kollha tad-dħul tal-komunità benefiċjarja. Il-Kumitat għalhekk japprova li r-rimessi jagħmlu parti integrali mill-kożvilupp.

5.1.1 Inizjattiva eżemplari hija l-programm ta' fondi tal-kontraparti. Kull rimessa li l-migranti jagħtu għal finijiet ta' żvilupp komunalni fil-pajjiż tagħhom ta' l-orijini tiġi mqabbla ma' ammont ugwali minn kull wieħed mis-sieħba istituzzjonali tal-programm⁽⁸⁾. Ideament, dawn l-imsieħba jkunu organizzazzjonijiet ta' għajnuna għall-iżvilupp li jgħibu magħhom fil-programm kompetenzi u persunal b'esperjenza. Dawn jikkooperaw mal-gvern lokali għall-fini ta' sostenibilità. Dawn il-programmi ta' fondi tal-kontraparti għandhom ikunu pubbliċi fuq livell wiesa' u aċċessibbli faċilment permezz ta' pjattaformi ta' informazzjoni li jippromovu wkoll l-użu ta' mezzi bankarji uffiċjali għal rimessi. Ġaladarba jiġu identifikati l-programmi ta' fondi tal-kontraparti li jaħdmu kif suppost, għandhom jiġu inklużi msieħba addizzjonali "tal-kontraparti". B'mod speċjali, il-kumpaniji li jimpjegaw porzjon sinifikanti ta' migranti kif ukoll fornituri ta' servizzi finanzjarji li jiffaċilitaw ir-rimessi għandhom jiġu mħeġġa li jipparteċipaw u jeżerċitaw is-sehem tagħhom fir-responsabbiltà soċjali korporattiva. Dawn is-sħubiji pubbliċi-privati jibbenefikaw minnhom il-parteċipanti kollha: l-effett ta' l-iżvilupp jidjed minħabba rimessi kollettivi ikbar u l-kumpaniji u l-banek jibnu l-fiducia fost il-klijenti tagħhom. Madankollu,

⁽⁸⁾ Eżempju ta' dan huwa l-komunità ta' migranti mill-Istat ta' Zacatecas, il-Messiku, li emigraw għall-Istati Uniti. Fil-kuntest tal-programm "Tlieta għal wieħed", għal kull dollaru mibgħut mill-assoċjazzjonijiet tal-migranti fil-pajjiż ta' orijini tagħhom, il-gvern federali Messikan jagħti dollaru ieħor u l-istat ta' Zacatecas jagħti ieħor. F'kull każ, sabiex dawn l-inizjattivi jirnexxu, jinħtieġ li l-immigranti jkunu integraw sew fil-komunitajiet tal-pajjiż ospitanti sabiex ikunu jistgħu jorganizzaw lil-hom innifishom.

il-Kumitat huwa konxju li kooperazzjoni bejn pajjiż ta' oriġini u pajjiż ospitanti għandha tqis il-livelli kollha: il-gvernijiet u l-awtoritajiet istituzzjonali iżda wkoll l-imsieħba soċjali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. B'dan il-mod, l-iżvilupp ta' prattiki u ta' Karti kontra l-korruzzjoni jimpedixxi l-iżvilupp ta' prattiki fejn isir użu qarrieq mill-fondi trasferiti.

5.2 Forom oħra ta' kożvilupp jiffukaw fuq rimessi apposta għal attivitajiet intraprenditorjali jew relatati ma' investment.

5.2.1 Inċentivi li pajjiżi ta' oriġini jistgħu joffru sabiex iżidu ċ-ċirkolazzjoni globali ta' rimessi għal kożvilupp, ivarjaw minn eżenzjonijiet mit-taxxa fuq id-dħul għal migranti meta jinvestu f'negozji lokali għal eżenzjonijiet minn dazji ta' importazzjoni għal investimenti tan-negozju.

5.2.2 Il-Kumitat ihegġegħ lill-istituzzjonijiet bankarji u aġenziji ta' żvilupp sabiex jittestjaw programmi bi prova li jikkolegaw i-rimessi u l-istituzzjonijiet mikro-finanzjarji f'pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw.

5.2.3 Istituzzjonijiet bankarji f'pajjiżi ta' oriġini u ospitanti għandhom ikunu inkuraġġuti sabiex jiżviluppaw sħubijiet ta' rimessi sabiex ikunu faċilitati servizzi finanzjarji komplementari, per eżempju billi jkunu offruti krediti lil negozji żgħar jew krediti għad-djar, flimkien ma' servizzi ta' rimessi.

5.2.4 Sabiex ikunu appoġġjati u miżjuda dawn l-attivitajiet aġenziji ta' żvilupp u organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili għandhom jgħarrfu lill-komunitajiet ta' migranti f'pajjiżi ospitanti dwar possibbiltajiet ta' investment, jipprovdu taħriġ fin-negozju u jiffaċilitaw netwerks li jgħaqqdu l-migranti ma' intraprendituri li għandhom bżonn il-kapital f'pajjiżi ta' l-oriġini. Intraprendituri migranti fil-pajjiżi ospitanti u intraprendituri mill-pajjiż ta' oriġini għandhom jiġu raggruppati f'netwerks strateġiċi ta' l-intrapriżi u l-iżvilupp.

5.3 Uħud mill-miżuri msemmija hawn fuq jirrikjedu l-kooperazzjoni ta' organizzazzjonijiet tad-dijaspora f'pajjiżi ospitanti. In-netwerk ta' rabtiet bejn id-dijaspora u l-pajjiż ta' oriġini huwa prinċipalment ir-riżultat ta' individwi jew gruppi li jaġixxu b'inizjattiva tagħhom stess. Dawn in-netwerks huma sors prinċipali ta' investimenti diretti barranin, trasferimenti ta' l-għerf u t-teknoloġija, filantropija u rimessi soċjali u kulturali. Huma jistgħu anki jkollhom sehem fi proċessi ta' paċi u kostruzzjoni mill-ġdid. Madankollu, il-pajjiżi l-inqas żviluppatti għandhom nuqqas ta' kapaċità li jsewgu l-migranti barra l-pajjiż u jibnu netwerks li jisfruttaw dawn ir-riżorsi għal żvilupp (rimessi, investimenti, ħilet, għerf).

5.4 L-isfida għalhekk hija li tkun mibnija l-kapaċità f'organizzazzjonijiet tad-dijaspora li joriġinaw fil-pajjiżi l-inqas żviluppatti

u jitqiegħed fil-mira żvilupp għas-sezzjonijiet bl-inqas dħul ta' flus.

5.5 Il-proċess ta' bini fil-kapaċità għandu jagħti kas li l-komunitajiet tad-dijaspora huma f'bosta każi, organizzati informalment u liberament; huma għandhom strutturi li huma speċifiċi għall-pajjiż u joperaw flimkien ma' dinamiċi idjosinkratiċi ta' interazzjoni mal-pajjiż tagħhom ta' oriġini.

5.6 L-identifikazzjoni ta' gruppi adegwati tad-dijaspora u tis-hih ta' l-abbiltà tagħhom sabiex jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' pajjiżi ta' oriġini jistgħu jirriżultaw fil-ħolqien ta' *bank intelletwali*. Dan jinkiseb minn programmi ta' kapital uman li jirreġistraw migranti (jew it-tfal tagħhom) fil-programmi ta' żvilupp tas-settur pubbliku jew privat. Dawn il-programmi jisfruttaw kemm ħilet fil-lingwa kif ukoll kompetenzi kulturali u jagħmlu disponibbli ħilet professjonali miksuba dan l-aħħar, kompetenzi, u kuntatti għal pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw.

5.6.1 Pass neċessarju sabiex jinbnew sforzi fil-bini ta' kapaċità għal organizzazzjonijiet tad-dijaspora u pajjiżi ta' oriġini u l-inqas żviluppatti, huwa l-proċess li jkunu identifikati u elenkati dawn l-organizzazzjonijiet u n-netwerks. Il-Kumitat għalhekk jirakkomanda t-fassil ta' reġistri volontarji ta' migranti b'sengħa minn pajjiżi li huma effettwati minn *telf ta' l-aħjar imħuħ* li huma residenti f'pajjiżi ospitanti u ta' negozji ta' migranti minn pajjiżi żgħar u ta' daqs medju li qegħdin jiżviluppaw, li bħalissa qegħdin joperaw fi ħdan pajjiżi ospitanti.

5.6.2 Ġaladarba identifikati, l-organizzazzjonijiet tad-dijaspora għandhom ikunu kapaċi li jingħaqdu ma' pajjiżi ta' l-oriġini u jikkontribwixxu għall-iżvilupp. Pajjiżi destinatariji u organizzazzjonijiet ta' żvilupp internazzjonali għandhom joffru pjatta-formi u fora, stipendji għas-safar, boroż ta' studju u laqgħat tan-negozju sabiex jiffaċilitaw dan il-proċess.

5.7 L-eżistenza ta' komunitajiet tad-dijaspora ma tigarantixxi effett ta' żvilupp pożittiv awtomatiku fuq il-pajjiż ta' oriġini. Il-kundizzjonijiet politiċi u soċjo-ekonomiċi u l-politiki ta' pajjiż li qiegħed jiżviluppa għandhom l-istess sehem importanti, jekk mhux sehem predeterminanti. Iżda, l-organizzazzjonijiet tal-migranti għandhom b'mod ġenerali jkunu involuti aktar fi kwistjonijiet ta' żvilupp. Għalhekk, l-organizzazzjonijiet ta' żvilupp huma mitluba li jersqu lejn l-organizzazzjonijiet tal-migranti ħalli jiddiskutu kooperazzjoni siewja.

5.8 Il-Kumitat jappoġġja l-ħolqien ta' Fond tal-Migrazzjoni u Żvilupp speċifiku sabiex l-attivitajiet ta' żvilupp imsemmija hawn fuq ikunu jistgħu jseħħu.

6 Migrazzjoni u l-mitigazzjoni ta' l-effetti tat-telf ta' l-aħjar imħuħ — il-ħolqien ta' bank intellettuali u l-promozzjoni ta' migrazzjoni ċirkolari u virtwali

6.1 L-eżodju volontarju ta' kapital uman ħafna drabi jiġġenera konsegwenzi ta' benefiċċju ekonomiku għal pajjiżi ta' oriġini. Il-migrazzjoni internazzjonali ttaffi l-pressjoni kkawżata minn popolazzjoni żejda u l-qgħad għal bosta pajjiżi ta' oriġini. Xi pajjiżi jespportaw b'suċċess nies tax-xogħol deliberatament sabiex jibnu provvisti barra għal rimessi, investimenti diretti baranin u trasferimenti ta' l-għerf. Iżda, l-eżodju permanenti ta' riżorsi umani, speċjalment ta' dawk li għandhom sengħa kbira u talenti kbar, ixekkel l-iżvilupp fil-pajjiżi l-inqas żviluppatti li la jkollhom il-kapaċità ekonomika u lanqas istituzzjonali sabiex jinħolqu sostituzzjonijiet.

6.2 Il-Kumitat għalhekk iħeġġeġ lill-atturi kollha sabiex, l-ewwel, jieħdu l-passi neċessarji kollha sabiex itaffu l-effetti tat-telf ta' l-aħjar imħuħ, u t-tieninett, jiżviluppaw pjanijiet sabiex jevitaw aktar deprezzament tal-kapital uman f'ekonomiji u setturi vulnerabbli. Il-Kummissjoni diġà saħqet fil-komunikazzjoni riċenti tagħha li sabiex jittaffew l-effetti tat-telf ta' l-aħjar imħuħ huma involuti kunċetti ta' migrazzjoni ċirkolari u virtwali⁽⁹⁾. Kodiċi ta' kondotta fl-etika, dħul oġhla ta' flus u fondi ta' kumpens huma modi li jżommu lil professjonisti bis-sengħa milli jtilqu. Barraminhekk, esternalizzazzjoni li tkun organizzata b'mod tajjeb ta' kuntratti minn pajjiżi ta' l-OECD lil pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw tista' tnaqqas il-pressjoni migratorja f'dawn il-pajjiżi speċifiċi. Madankollu, konsiderazzjonijiet simili li qegħdin ikunu diskussi sabiex jevitaw *ħela ta' mħuħ* f'pajjiżi destinatarji żviluppatti għandhom ikunu applikati għal ħaddiema impjegati f'industriji lokalizzati f'pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw li ngħataw kuntratt estern.

6.3 Il-faċilità fil-migrazzjoni ċirkolari u virtwali tibni fuq il-kapaċitajiet imsemmija hawn fuq ta' gruppi tad-dijaspora u l-abbiltà tagħhom li jikkonnettjaw mal-pajjiżi tagħhom ta' l-oriġini — il-ħolqien ta' bank intellettuali. Migranti tas-sengħa li jkunu kisbu edukazzjoni terzjarja jew taħriġ professjonali f'pajjiżi destinatarji jistgħu jkunu assi għal pajjiżi ta' oriġini jekk ikun possibbli għalihom li jittrasferixxu l-ħiliet u s-servizzi tagħhom.

6.4 Il-ħolqien ta' bank intellettuali huwa kunċett komplementari għat-telf ta' l-aħjar imħuħ għaliex it-telf nett f'pajjiżi ta' oriġini idealment jagħmel tajjeb fil-bank intellettuali imsejjes fuq il-migrazzjoni f'pajjiżi destinatarji. Imma iktar importanti, il-bank intellettuali potenzjalment ittaffi wħud mill-effetti detrimentali tat-telf ta' l-aħjar imħuħ f'pajjiżi ta' oriġini. Migranti individwali jistgħu joffru l-ħiliet jew il-kapaċitajiet organizzattivi tagħhom lill-pajjiż ta' oriġini tagħhom jew fuq bażi temporanja — ritorn temporanju — jew fuq bażi virtwali permezz ta' applikazzjonijiet ibbażati fuq l-internet u pjattaformi onlajn.

6.4.1 Sistemi ta' viża għandhom ikunu aġġustati skond dan sabiex jippermettu lil professjonisti ħalli "jivvjaġġaw" bejn pajjiżi

⁽⁹⁾ Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar Migrazzjoni ċirkolari u shubji ta' mobilità bejn l-Unjoni Ewropea u pajjiżi terzi.

ospitanti u dak ta' oriġini. Organizzazzjonijiet ta' l-iżvilupp internazzjonali għandhom jikkonsidraw skemi għal żvilupp li jittrasferixxu *virtwament* servizzi u għerf ta' migranti ta' sengħa kbira, bħal kardjoloġisti f'pajjiżi destinatarji li jużaw l-internet sabiex janalizzaw tagħrif mediku mill-pajjiż ta' oriġini, ġeoloġisti li jipprovdu aċċess għal laboratorji ta' l-aħħar teknoloġija f'pajjiżi ospitanti, jew analisti finanzjarji li jassessjaw pjanijiet tan-negożju għal programmi mikro-finanzjarji. L-offerta ta' viżi li jippermettu aktar minn dħul wieħed hija mekkaniżmu li tiffaċilita l-migrazzjoni ċirkolari.

6.4.2 Inċentiv b'saħħtu ieħor għal migrazzjoni tar-ritorn jew ċirkolari hija l-ġarr tal-benefiċċji tal-pensjonijiet u l-benefiċċji tas-sigurtà soċjali tal-migranti mill-pajjiż ospitanti lejn il-pajjiż ta' oriġini.

6.4.3 Jinħtieġ li pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw ikunu meġġuna jagħrfu l-possibbiltajiet eżistenti ta' kożvilupp u aktar minn hekk ikunu mħeġġa u jkollhom il-ħila jibnu rabtiet ta' netwerk mal-komunitajiet tad-dijaspora tagħhom barra l-pajjiż.

6.4.4 Dawn il-kunċetti sintendi jirrikjedu l-integrazzjoni b'suċċess ta' migranti fis-soċjetà ospitanti. Pajjiżi destinatarji għandhom inaqqsu l-*ħela fl-imħuħ* eżistenti, (migranti li jaħdmu xogħlijiet li huma inqas mill-edukazzjoni u taħriġ li kisbu oriġinarjament), billi janalizzaw aħjar il-ħiliet tagħhom u konsegwentement jirrikonoxxu l-grad u ċ-ċertifikati minn pajjiżi ta' oriġini. Dan iżid il-kontribuzzjoni tagħhom lis-soċjetà ospitanti u l-impatt ta' żvilupp tagħhom fuq il-pajjiżi ta' oriġini.

6.5 Ir-regolazzjoni ta' l-emigrazzjoni għandha tkun il-mas-sima fir-rigward ta' setturi partikolari bħall-edukazzjoni u l-kura tas-saħħa. Il-protezzjoni ta' dawn is-setturi vulnerabbli b'mod partikolari minn *telf ta' l-aħjar imħuħ* teħtieġ miżuri li jitrattaw il-fatturi li jimbottaw u jattiraw il-migrazzjoni.

6.5.1 Il-Kumitat iħeġġeġ sabiex pajjiżi żviluppatti ma jirreklutawx kapital uman minn dawn il-pajjiżi vulnerabbli li qegħdin jiżviluppaw. Il-Gvern Inġliż implimenta kodiċi ta' kondotta li għandha sservi ta' eżempju dwar reklutaġġ etiku, li jorbot lil istituzzjonijiet mediċi pubbliċi u privati sabiex ma jdaħħlux persunal ġdid f'pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw u li qegħdin iħabbtu wiċċhom ma' kriżi fir-riżorsi umani fis-settur tal-kura tas-saħħa.

6.5.2 Bl-istess mod, politiki ta' immigrazzjoni ta' ħaddiema ta' pajjiżi destinatarji jistgħu jkunu aġġustati sabiex iżommu baxxa ċ-ċirkolazzjoni ta' nies bi snajja' għolja minn pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw u li huma friskju.

6.6 Skond ir-riżorsi disponibbli f'pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw li huma friskju u partikularment vulnerabbli, hemm diversi għażliet li huma disponibbli sabiex jilqgħu l-impatt tat-telf ta' l-aħjar imħuħ.

6.6.1 Għażla minnhom hija li jinħoloq eċċess ta' kapital uman li jiftaħ il-possibbiltà li tkun segwita strateġija ta' żvilupp tal-bniedem orjentata lejn l-esportazzjoni. Dawn l-isforzi fit-taħriġ jistgħu jkunu ffinanzjati minn taxxi tal-ħruġ għal professjonisti ta' sengħa kbira li jagħżlu li jemigraw. Dawn it-taxxi jistgħu jsiru fuq il-pajjiż ta' l-emigrant jew il-pajjiż destinatariju.

6.6.2 Ftehimiet ta' ħlas mill-ġdid (fondi ta' kumpens) bejn il-pajjiż migratorju u l-pajjiż ta' oriġini qabel it-tluq jistgħu jiskuraġġixxu migrazzjoni permanenti u l-pajjiż ta' oriġini ikun rimborżat għall-ispejjeż ta' l-educazzjoni u t-taħriġ li jipprovdi fil-bidu ⁽¹⁰⁾.

6.6.3 Il-ħolqien ta' bank intellettwali għal pajjiż ta' oriġini u li huma effettwati severament minn telf ta' l-aħjar imħuħ.

6.6.4 Professjonisti b'ħiliet għolja li jiksbu aktar taħriġ jew isegwu speċjalizzazzjoni f'pajjiż li mhux qegħdin jiżviluppaw jistgħu jingħataw dispożizzjonijiet ta' dħul mill-ġdid mill-pajjiż ospitanti jew viżi għal żmien qasir li jkunu aċċessibbli faċilment. Dawn il-mekkaniżmi ta' migrazzjoni *ċirkolari* jistgħu jinkoraġġixxu migrazzjoni tar-ritorn lejn pajjiż ta' oriġini.

Brussell, it-12 ta' Diċembru 2007.

Il-President

tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Dimitris DIMITRIADIS

⁽¹⁰⁾ Għal aktar taġrif dwar fondi ta' kumpens potenzjali bejn pajjiż migratorji u pajjiż ta' oriġini, jekk jogħġbok ara l-opinjoni esploratorja tal-KESE *Saħħa u migrazzjonijiet* (rapporteur: is-Sur Sharma u ko-rapporteur: is-Sinjura Cser), ĠU C 256, 27.10.2007.

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar Ir-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Moldova: X'inhu r-rwol tas-soċjetà ċivili organizzata?

(2008/C 120/19)

Matul is-sessjoni plenarja tiegħu li nżammet fil-15 ta' Frar 2007, b'konformità ma' l-Artikolu 29(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew iddeċieda li jħejju opinjoni dwar

Ir-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Moldova: X'inhu r-rwol tas-soċjetà ċivili organizzata?

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għar-Relazzjonijiet Esterni, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar il-15 ta' Novembru 2007. Ir-rapporteur kienet is-Sinjura Pichenot.

Matul l-440 sessjoni plenarja tiegħu li nżammet fit-12 u t-13 ta' Diċembru 2007 (seduta tat-12 ta' Diċembru), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-opinjoni b' 117-il vot favur, 2 voti kontra u astensjoni waħda.

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1 *Il-promozzjoni tar-rwol tas-soċjetà ċivili fir-relazzjonijiet ta' bejn l-UE u l-Moldova*

1.1.1 Is-sena 2005 kkostitwixxiet **mument deċiżiv** fir-relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea u l-Moldova. Bl-adozzjoni ta' pjan ta' azzjoni UE-Moldova (2005-2008), il-ħolqien ta' delegazzjoni ta' l-UE fil-kapitali u n-nomina ta' rappreżentant għoli fin-negożjati tal-konflitt Tranżnistrijan, il-kondizzjonijiet ta' l-implimentazzjoni tal-ftehim ta' sħubija u tal-kooperazzjoni ġew b'mod ċar rinforzati. F'dan il-kuntest, din l-ewwel opinjoni tal-KESE dwar il-kooperazzjoni ta' bejn l-UE u l-Moldova, għandha l-għan li tippromovi r-rwol tas-soċjetà ċivili fit-tisħiħ ta' din id-dinamika u li tintroduċi aġenda komuni permezz ta' għadd ta' inizjattivi fil-futur qrib.

1.1.2 Kollaborazzjoni rinforzata bejn l-Unjoni Ewropea u l-Moldova ma tistax tissejjes ħlief fuq il-komprensjoni reċiproka ta' valuri komuni, notevolment fil-qasam tar-rispett tal-libertajiet fundamentali, ta' impenn favur soċjetà demokratika miftuħa għal kulħadd, ta' l-aċċettazzjoni tal-prinċipju ta' djalogu bbażat fuq l-indipendenza ta' l-imsieħba tas-soċjetà ċivili. Is-soċjetà ċivili tik-kostitwixxi l-muftieħ għall-identità stess tal-Moldova. Hija tistrieħ fuq ir-rikkezza tar-riżorsi umani akkumulati f'art b'konfluenza interkulturali u lingwistika. Din ir-rikkezza hija vantaġġ konsiderevoli.

1.1.3 Bla dubju, il-Moldova m'għandhiex l-istess esperjenza u lanqas m'għandha tradizzjoni ta' organizzazzjonijiet indipendenti tas-soċjetà ċivili bħalma għandhom pajjiżi oħra membri tal-Komunità ta' Stati Indipendenti. Madankollu, fid-dawl ta' l-iżviluppi li għaddejjin bħalissa, il-Kumitat jemmen li huwa kruċjali li jsiru kuntatti sabiex jiġu identifikati msieħba li huma miftuħin għall-progress fir-rigward tar-rispett ta' valuri komuni.

1.1.4 Il-KESE jfakkar b'insistenza kemm is-suċċess tal-Pjan ta' Azzjoni UE-Moldova⁽¹⁾ fil-qafas tal-politika tal-viċinat huwa marbut mal-kapaċità li **l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jiġu assoċjati u jingħataw iċ-ċans jipparteċipaw** fl-implimentazzjoni tiegħu. Għalhekk huwa mixtieq li l-Kummissjoni tibgħat sinjal ċar billi tipproponi kriterji, proċeduri u strumenti li jipper-

mettu involviment aħjar tas-soċjetà ċivili. Madankollu, il-KESE jilqa' l-isforzi tad-delegazzjoni Ewropea ta' Chisinau għall-attenzjoni li din tagħti lill-għarfien tas-soċjetà ċivili tal-Moldova. Dan għandu jwitti t-triq sabiex ir-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili jkunu involuti b'mod informali fir-reviżjoni tal-pjan ta' azzjoni li ser issir f'April 2008 u fl-istadji li jmiss ta' sħubija msaħħa.

1.1.5 Il-KESE jirrakkomanda li tinbena relazzjoni soda mas-soċjetà ċivili tal-Moldova fi proċess ta' progress billi tinbena strukturazzjoni tar-relazzjonijiet tagħna. Għal dan l-għan, għandha tiġi organizzata **konferenza** fl-2008, li titħejja permezz ta' missjoni preċedenti sabiex jiġu identifikati l-imsieħba li juru x-xewqa li joperaw b'mod trasparenti. Dan l-avveniment, li ser jinkludi atturi lokali u reġjonali, ser jimmira sabiex bil-kooperazzjoni tal-partijiet kolla jifassal pjan ta' ħidma msejjes fuq il-proposti li jidhru hawn taħt:

- Il-valutazzjoni l-mekkaniżmi ta' **informazzjoni u ta' konsultazzjoni** eżistenti fil-Moldova kemm min-naħa tal-Gvern kif ukoll min-naħa Ewropea u inkluż l-evalwazzjoni ta' l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni (2005-2008);
- Il-preparazzjoni u **t-taħriġ tas-soċjetà ċivili** sabiex is-sħubija tibqa' tiġi segwita wara l-2008; u
- l-aċċess ta' l-organizzazzjonijiet tal-Moldova għall-**mekkaniżmi ta' l-istrument finanzjarju** Ewropew.

Pjan ta' ħidma ta' din ix-xorta jirrikjedi impenn ta' finanzjament ta' l-inizjattivi tas-soċjetà ċivili permezz tal-programmi ta' l-Unjoni Ewropea.

1.1.6 Wara li saret evalwazzjoni tal-konferenza ta' l-2008 mas-soċjetà ċivili tal-Moldova, għandhom jiġu mnedija inizjattivi ġodda. Fi ħdan il-“grupp tal-viċinat” tal-Kumitat, għandu jkun hemm relazzjonijiet imsejsa fuq **inizjattiva ta' progress** bl-għan li dawn ir-relazzjonijiet jieħdu qies tal-prinċipji li fuqhom huma msejsin il-gvernanza tajba u l-iżvilupp sostenibbli. Fil-qalba ta' din l-istrateġija msejsa fuq l-inċentiv ser ikun hemm il-prinċipji li jinstabu diġà fil-ftehim “SPG+” jiġifieri:

- Is-16-il konvenzjoni prinċipali tan-NU u ta' l-ILO⁽²⁾ relatati mad-drittijiet tal-bniedem u ma' dawk tal-ħaddiema;

⁽²⁾ L-opinjoni tal-KESE dwar *Il-proposta għal Regolament tal-Kunsill li tapplika skema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati għall-perjodu mill-1 ta' Jan-
nar 2006 sal-31 ta' Diċembru 2008*, rapporteur: is-Sur Pezzini, adotta-
tata fid-9 u l-10 ta' Frar 2005 (ĠU C 221, 8.9.2005, p. 15).

⁽¹⁾ Ara Appendiċi B.

— Il-11-il konvenzjonijiet prinċipali relatati ma' l-ambjent u mal-prinċipji ta' gvernanza tajba ⁽³⁾.

1.1.7 B'hekk l-Unjoni Ewropea tippovdi inċentiv għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili tal-Moldova sabiex huma jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-istandards Ewropej ta' indipendenza, ta' rappreżentanza u ta' trasparenza. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tibqa' tinkorpora taqsima speċifika f'kull rapport ta' progress tal-PAN, ikkonsagrata għar-rispett tad-drittijiet fundamentali, fosthom il-libertà ta' l-assoċjazzjoni u ta' l-espressjoni u żżid ukoll analiżi tad-dritt trejdnunjinistiku.

1.1.8 Fil-fehma tal-KESE, jenħtieġ li l-ewwelnett il-Moldovani għandhom jerġgħu jakkwistaw gradwalment l-għodod u l-kompetenzi mpoġġija għad-dispożizzjoni tagħhom mill-istituzzjonijiet internazzjonali jew Ewropej. Il-KESE jappoġġa l-appell tal-Kunsill ta' l-Ewropa sabiex jingħata appoġġ lis-soċjetà ċivili fil-għieda kontra l-korruzzjoni (prinċipju ta' l-approċċ tal-GRECO ⁽⁴⁾). Huwa jsejjaħ għall-kooperazzjoni transkonfinali fil-għieda kontra l-kriminalità organizzata.

1.1.9 Il-KESE jappoġġa l-inizjattiva tad-donaturi Ewropej u internazzjonali li jkun hemm kooperazzjoni sabiex l-azzjonijiet tagħhom ikunu koerenti. Huwa jirrakkomanda li jittieħdu azzjonijiet prijoritarji fir-rigward tas-servizzi soċjali ta' bażi f'dawn il-programmi ta' tnaqqis tal-faqar u jinsisti notevolment fuq it-titjib tal-kondizzjonijiet ta' ħajja fl-orfanatrofji, ir-roħs fil-prezzijiet tal-mediċini antiretrovirali u l-għajnuna ta' inserzjoni mill-ġdid tal-vittmi tat-traffikar tal-bniedem.

1.1.10 In-nixfa twila tas-sajf ta' l-2007 xeħtet lill-pajjiż f'sitwazzjoni diffiċli kkaġunata minn annata ħażina, li wasslet għall-falliment u dejn eċċessiv. Il-gvern appella għal operazzjoni internazzjonali ta' għajnuna fi prodotti ta' l-ikel u għal appoġġ tekniku mill-FAO. Il-Kumitat huwa tal-fehma li huwa importanti ħafna li jinħolqu rabtiet ma' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili attivi fis-settur agro-alimentari. Bħala miżura għal żmien qasir, il-Kummissjoni Ewropea allokat EUR 3 miljun f'għajnuna umanitarja lill-familji Moldovani li huma l-aktar vulnerabbli.

1.1.11 Il-KESE huwa tal-fehma li huwa partikularment importanti li jkun hemm netwerk u proġetti komuni bejn il-poplu tal-Moldova kollu inklużi l-organizzazzjonijiet ta' l-abitanti tat-Tranżnistrija. Il-Kumitat jinkuraġġixxi lill-UE sabiex tibqa' għaddejja bl-isforzi tagħha bl-iskop li tinstab soluzzjoni għal dan il-kunflitt **li tippreżerva** l-unità territorjali tagħha u li tkompli l-ħidma tagħha ta' assistenza fil-fruntieri (EUBAM).

1.1.12 Il-KESE jirrakkomanda li jiġu ffaċilitati l-iskambji ta' Prattiki demokratiċi bejn l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, billi l-kelliema tal-Moldova jiġu mistiedna jikkonsultaw il-pubblikazzjonijiet tal-KESE li huma disponibbli fuq l-Internet (notevolment bir-Rumen) u x-xogħolijiet tal-KES nazzjonali, li huma disponibbli permezz tal-link KES. Il-KESE jinkuraġġixxi lill-KES nazzjonali ta' l-Istati Membri (b'mod partikulari tar-Rumanija u

tal-Bulgarija) u l-AICESIS ⁽⁵⁾ sabiex jaħdmu flimkien sabiex is-soċjetà tal-Moldova tiġi f'kuntatt ma' l-għodda u l-prattiki tas-soċjetà ċivili Ewropea.

1.1.13 Il-KESE jixtieq li s-soċjetà ċivili tal-Moldova tipparteċipa b'mod aktar effettiv fid-djalogu mal-Balkani tal-Punent u fid-djalogu reġjonali tal-Baħar l-Iswed, notevolment permezz tal-kooperazzjoni interreġjonali u transkonfinali madwar dan l-ispazju strateġiku fil-futur qrib. Il-kooperazzjoni ta' l-Unjoni Ewropea u tal-Moldova tista' titqies fil-qafas ta' kooperazzjoni kkonsolidata mal-pajjiżi ġirien u b'mod partikulari mar-Russja.

1.2 *It-tisħiħ ta' l-appoġġ immirat għall-organizzazzjonijiet bi prospettivi tajbin u organizzazzjonijiet ta' rikonċiljazzjoni*

1.2.1 Il-bidu ta' djalogu soċjali kostruttiv

Fid-dawl tad-dgħjufija tar-relazzjonijiet professjonali tagħha, il-KESE jfakkar l-impenn tal-Moldova mhux biss fir-rigward tal-konvenzjonijiet ta' l-ILO iżda wkoll fir-rigward tal-Karta Soċjali tal-Kunsill ta' l-Ewropa u l-mekkaniżmu tiegħu sabiex jittressqu lmenti. Huwa jirrakkomanda li l-ILO joffri assistenza teknika sabiex jiġu ttrattati l-konflitti tax-xogħol permezz ta' ġurisdizzjonijiet speċifiċi.

1.2.2 Il-konkretizzar ta' l-impenn sabiex jiġu mħeġġa l-kuntatti mas-soċjetà Ewropea

Il-KESE jappoġġa bi-sħiħ l-iffinalizzar tal-ftehim dwar il-viżi u l-ammissjoni mill-ġdid li ser jagħti bidu għal sistema ta' ffaċilitar ta' akkwist ta' viżi sabiex jiżiedu b'mod partikulari l-iskambji taċ-ċittadini li joffru futur bħalma huma l-universitarji, ix-xjentisti, il-ġurnalisti u r-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili. Hu jirrakkomanda li l-aċċess għall-programmi Komunitarji jkun aktar vast, b'mod partikulari għaż-żgħażagħ permezz ta' Erasmus Mundus. Il-ftehim dwar l-iffaċilitar ta' l-għoti tal-viżi u l-ammissjoni mill-ġdid, li kien iffirmat f'Ottubru 2007 ⁽⁶⁾, jista' għalhekk jikkontribwixxi sabiex tiġi riżolta l-kwistjoni ta' l-għadd sostanzjali ta' talbiet miċ-ċittadini tal-Moldova li jkunu qegħdin ifittxu li jakkwistaw iċ-ċittadinanza Rumena.

Il-KESE jistieden lill-Gvern tal-Moldova jassoċja lis-soċjetà ċivili fl-avvenimenti Ewropej u internazzjonali (WTO, OSCE, il-Kunsill ta' l-Ewropa u l-Francophonie). Il-KESE jinkuraġġixxi lill-Istati Membri sabiex jirriċerkaw u jiffinanzjaw kuntatti u skambji mas-soċjetà ċivili tal-Moldova (boroż universitarji, ġemellaġġ, kooperazzjoni transkonfinali).

1.2.3 Tiġi kkunsidrata l-prestazzjoni ambjentali

Il-KESE jirrakkomanda li jiġu appoġġati organizzazzjonijiet ambjentali ansjużi li jipproċedu bil-qerda tal-ħażna ta' l-armi u tal-munizzjonijiet mhux adatti għat-trasport, ta' l-iskart militari, ta' radam industrijali u l-purifikazzjoni tat-tniġġis ta' l-ilmijiet.

⁽³⁾ Il-lista tinsab fl-Appendiċi.

⁽⁴⁾ Il-Kunsill ta' l-Ewropa: Grupp ta' Stati kontra l-Korruzzjoni.

⁽⁵⁾ AICESIS (l-Assoċjazzjoni Internazzjonali tal-Kunsilli Ekonomiċi u Soċjali u ta' l-Istituzzjonijiet Simili).

⁽⁶⁾ Dawn il-ftehimiet humamistennija li jkunu ratifikati qabel l-aħħar ta' l-2007.

2. Karatteristiċi ewlenin tas-sitwazzjoni soċjo-ekonomika tal-Moldova

2.1 B'PGD għal kull abitant ta' madwar 1 000 dollaru, il-Moldova hija l-aktar pajjiż fqir tal-kontinent Ewropew u l-uniku, li tidher fil-klassi tal-pajjiżi bi dħul baxx tal-Bank Dinji. Il-popolazzjoni tal-Moldova qed tonqos (anqas minn 4 miljun fl-2004), dan jirriżulta fi tkabbir fir-rata ta' l-imwiet (b'mod partikulari għall-irġiel), f'nuqqas fir-rata tat-twelid u f'influss migratorju importanti.

2.2 Jekk il-faqar kellu livelli drammatiċi mill-1999 sa l-2005, dan naqas iżda illum il-ġurnata għadu jinsab flivell għoli li javviċina l-medja ta' 30 %. It-titjib jopera b'mod inugwali, u dan johlqo gruppi b'faqar assolut (2 dollari/kuljum) li l-vittmi tagħhom huma fi proporzjon kbir tfal u xjuħ. Żoni rurali u bliet żgħar għad għandhom rati ta' faqar minn 40 sa 50 % tal-popolazzjoni.

2.3 Għadd kbir ta' tfal jinsabu f'riskju potenzjali li jiġu sfruttati minħabba li ma għandhomx saqaf fuq rashom, minħabba x-xogħol f'età żgħira tat-tfulija, minħabba t-traffikar u l-prostituzzjoni. Dan il-livell ta' faqar żied ukoll b'mod konsiderevoli l-fenomeni msejjaħ ta' "l-orfni soċjali", ta' tfal li jitpoġġew mill-familji tagħhom f'orfanatrofji billi finanzjarjament ma jistgħux irabbuhom.

2.4 In-nisa huma suġġetti għad-diskriminazzjoni li żdiedet minħabba sitwazzjoni soċjali diffiċli ħafna. Huma qed ibatu minn qgħad għoli, minn nuqqas ta' kwalifiki, minn salarji baxxi u minn xogħol staġunali fl-agrikultura. Huma aktar esposti mill-irġiel għar-riskji tal-faqar b'mod partikulari minħabba nuqqas ta' benefiċċji soċjali (saħħa, edukazzjoni u familja) u minħabba l-livell tal-pensjonijiet. Dawn is-sitwazzjonijiet iwasslu lin-nisa, lill-ommijiet tal-familji, li jaċċettaw proposti illegali jew perikolużi billi jesponu lilhom infushom u jispiċċaw vittmi tat-traffikar tal-bniedem. Il-parti l-kbira ta' dawn il-vittmi huma nisa żgħażaġh li jkunu qed ifittxu x-xogħol.

2.5 Fl-2004, il-Moldova adottat programm ta' tkabbir u ta' għieda kontra l-faqar appoġġat mill-Bank Dinji, mill-UNDP u minn donaturi oħrajn. F'Diċembru 2006, id-donaturi tad-diversi istituzzjonijiet finanzjarji u ta' l-UE ħolqu koordinazzjoni, metodu eżemplari sabiex joħlqu koerenza u effiċjenza fl-immunizzazzjoni tal-kundizzjonalitajiet u impenjaw lilhom infushom li jagħtu EUR 1 biljun f'donazzjonijiet u f'għotjiet għall-erba' snin li jmiss.

2.6 Suq tax-xogħol fi kriżi

2.6.1 Is-sitwazzjoni tas-suq tax-xogħol ħżienet b'mod konsiderevoli fil-Moldova matul is-snin 90, fl-istess waqt li seħħ il-kollass ekonomiku. Wara l-kriżi Russa ta' Awissu 1998, il-livelli ta' impjeg waqgħu u mbagħad reġgħu żdiedu fl-2003. Ir-rata ta' qgħad għalhekk għaddiet minn 11 % fl-1999 għal madwar 7,4 % tal-popolazzjoni attiva reġistrata fl-aħħar ta' l-2006. Madwar 35 % tal-popolazzjoni tax-xogħol jeżerċitaw attivitajiet informali (7).

2.6.2 Għalkemm id-dħul reali baqa' jżdied, is-salarju medju għadu baxx ħafna, u kien jammonta għal USD 129 fl-2006 (8). Madankollu jenħtieġ li jiġu kkunsidrati sorsi oħrajn ta' dħul ta' flus. Minn naħa, proporzjon għoli ta' familji jirċievi flus minn wieħed mill-qraba tagħha li jgħix barra l-pajjiż. Minn naħa l-oħra, għad hemm numru sinifikanti ta' impjegji li ma jkunux

iddikjarati: skond l-entità uffiċjali ta' l-istatistika, aktar minn 200 000 ħaddiem (jiġifieri 15 % tal-popolazzjoni attiva) huma impjegati fl-intrapriżi li mhumiex irreġistrati, filwaqt li 35 % tal-persunal ta' l-intrapriżi magħrufin mhumiex iddikjarati mis-sidien tagħhom (l-aktar fil-kostruzzjoni, l-agrikultura u l-industrija tal-foresti).

2.6.3 Ħafna ċittadini Moldovani halaw pajjiżhom sabiex jaħdmu f'pajjiżi barranin, il-biċċa l-kbira tagħhom b'mod illegali. Dan l-esodu — li pjuttost jiddependi mill-istaġuni — li huwa stmat li jista' jitle' sa miljun adult jirrappreżenta madwar 30 % tat-total tal-ħaddiema. It-telf fil-kapital uman u t-telf ta' l-aħħar imħuħn-nuqqas ta' kontribuzzjonijiet finanzjarji lill-assigurazzjoni tas-saħħa u s-sigurtà soċjali huma fost il-konsegwenzi negattivi ta' din l-imxija migratorja. Minħabba l-livell ta' faqar, jidher li huwa probabbli li l-migrazzjoni għax-xogħol ser tibqa' realtà fis-snin li ġejjin.

2.7 Id-dgħufijiet ta' l-ekonomija tal-Moldova

2.7.1 Ekonomija iżolata fl-isfera ta' l-influwenza Russa

2.7.2 Il-kollass serju tal-PGD Moldovan tas-snin 90 kien ir-riżultat ta' kawżi esterni bħat-telfa tas-swieq, id-dipendenza fuq l-enerġija, l-emigrazzjoni ta' ħaddiema kkwalifikati u s-separazzjoni tar-reġjun industrijali tat-Tranżnistrija.

2.7.3 Minkejja li t-tkabbir ħa spinta mill-2000 (sa 6-8 % fis-sena), l-ekonomija għadha vulnerabbli ħafna (tkabbir ta' 4 % fl-2006) u għad hemm il-possibilità li din tiddgħajef aktar fl-2007. Il-kawża prinċipali ta' dan it-tnaqqis fir-ritmu huwa l-irduppar tal-prezz tal-gass fl-2006 impost mid-distributtur Gazprom.

2.7.4 Irritata minħabba l-orjentazzjoni pro-Ewropea tal-President Moldovan, ir-Russja użat il-fatt tal-projbizzjoni fuq l-esportazzjoni ta' l-inbid Moldovan fis-suq tagħha bħala miżura ta' pressjoni politika. Fl-2006, il-Moldova kienet imċaħħda minn wieħed mis-sorsi prinċipali ta' dħul tagħha mill-esportazzjoni (l-inbid Moldovan jirrappreżenta 35 % ta' l-esportazzjonijiet li 85 % tiegħu hu fis-suq Russu).

2.8 Ekonomija ddominata mis-settur agro-alimentari

2.8.1 Il-Moldova għadha pajjiż li l-parti l-kbira tiegħu hija rurali. L-industrija agri-alimentari tipprovdi akat minn 30 % tal-PGD (9) u proporzjon sinifikanti ta' esportazzjonijiet (65 %); l-agrikultura familjali hija fattur prinċipali fl-awto-suffiċjenza tal-bliet u ż-żoni rurali. L-industrija agri-alimentari taqdi wkoll rwol importanti fl-ekonomija. Il-kwalità u l-kwantità tal-ħsad jinfluwenzaw is-setturi ta' l-industriji ħief kemm fil-ħoloq tal-bidu u kemm ta' l-aħħar fil-katina ekonomika (downstream u upstream) (fertilizzanti kimiċi, fliexken, ippakkjar).

2.9 Ir-rwol deċiżiv tat-trasferimenti ta' flus minn migranti lill-familji tagħhom

2.9.1 Wara din ir-reċessjoni profonda, bil-fors li wieħed jistqarr li l-ftit riżultati ekonomiċi pożittivi li kien hemm ma kinux dovuti għar-rikostruzzjoni ta' l-ekonomija iżda minħabba injezzjoni massiva ta' rimessi (30 % tal-PGD Moldovan) mill-Moldovani li marru jaħdmu f'pajjiżi barranin: Dawn baġtu EUR 1 biljun f'pajjiżhom fl-2006.

(7) Statistika ta' l-awtoritajiet pubbliċi tal-Moldova.

(8) Statistika ta' l-awtoritajiet pubbliċi tal-Moldova.

(9) Statistika ta' l-awtoritajiet pubbliċi tal-Moldova.

2.9.2 Fin-nuqqas ta' klima li tkun vantaġġuża għall-investiment, dawn l-ghajjniet ma servewx sabiex jiġu ffinanzjati attivitajiet ekonomiċi ġodda. Dan l-influss finanzjarju jiġib miegħu prezzijiet għolja fil-bini, domanda qawwija għal prodotti importati u finalment pressjonijiet inflazzjonarji.

3. Id-demokrazija, ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u tal-gvernanza tajba

3.1 L-iżvilupp uman

3.1.1 Fl-2005 l-Moldova kienet tinstab fil-114-il post fuq l-indikatur ta' l-iżvilupp uman tal-UNDP jiġifieri, l-aktar wieħed baxx fl-Ewropa iżda wkoll wieħed mill-aktar baxxi fir-repubbliki li haġru minn l-eks Unjoni Sovjetika.

3.1.2 In-nuqqas ta' indipendenza tal-mezzi tax-xandir, ta' rispett tad-drittijiet tal-bniedem u l-problemi fit-tħaddim tas-sistema ġudizzjarja jostakolaw l-inizjattivi taċ-ċittadini Moldovani u l-kapaċità ta' organizzazzjoni tas-soċjetà ċivili.

3.1.3 L-indipendenza tal-mezzi tax-xandir hija waħda mill-kwistjonijiet ewlenin li saħaq fuqha r-rapport tal-Kunsill ta' l-Ewropa (Settembru 2007) ⁽¹⁰⁾. Bla dubju, ir-riforma tal-leġislazzjoni dwar il-libertà tal-kelma hija importanti iżda mhux biżżejjed biex tigarantixxi dil-libertà fil-prattika. L-imparjalità u l-etika huma meħtieġa wkoll fil-ġurnaliżmu. Dan ifisser li l-ġurnalisti ma jkunux suġġetti għal pressjoni mill-awtoritajiet politiċi, partikolarment fil-qasam tax-xandir awdjoviżwali.

3.2 Livell għoli ta' korruzzjoni

3.2.1 Il-kriminalità organizzata hija problema kruċjali ta' sigurtà li xxekkel l-istituzzjonijiet u l-investimenti. Id-delitti kommissi huma dannużi ħafna: l-inkuraġġiment ta' l-evazzjoni fiskali, il-kuntrabandu u l-korruzzjoni. L-inċiċi ta' korruzzjoni fid-dinja fl-2006, stabbilit mit-*Transparency International*, jagħti lill-Moldova l-marka ta' 3.2 minn 10 (it-88 post) fir-rigward ta' pajjiżi li huma kkunsidrati korrotti ħafna. Iż-żieda żgħira li kien hemm fir-rigward tal-klassifikazzjoni tal-Moldova turi li l-gvern u s-soċjetà ċivili għandhom ir-rieda li jiġġieldu l-korruzzjoni.

3.3 Il-fraġilità tad-drittijiet demokratiċi fi tradizzjoni ta' poter awtoritarju

3.3.1 Il-KESE jitlob lill-awtoritajiet tal-Moldova jqisu l-konklużjonijiet ta' l-osservaturi internazzjonali (tim ta' 100 ruħ mill-OSCE) li assistew għall-elezzjonijiet lokali li saru f'Ġunju 2007, bl-għan li jiġu indirizzati l-oqsma kollha li ma jissodisfawx bis-siħ l-istandards ta' l-UE fir-rigward ta' l-elezzjonijiet u sabiex ikun żgurat li l-elezzjonijiet parlamentari ta' l-2009 jkunu aktar demokratiċi.

3.3.2 Ir-rapporti tal-Kunsill ta' l-Ewropa jinkuraġġixxu lill-Moldova sabiex issegwi l-isforzi tagħha, notevolment fil-qasam ta' l-indipendenza u l-effikaċja tal-ġustizzja, il-pluraliżmu tal-mezzi tax-xandir u t-tisħiħ tad-demokrazija lokali. Il-Moldova bbenefikat mill-assistenza ta' l-Inizjattiva Ewropea għad-demok-

razija u għad-drittijiet tal-bniedem (EIDHR) fil-qafas tal-proġetti reġjonali għas-snin 2002-2004 u mill-2007 'l hawn. L-EIDHR appoġġa inizjattivi mis-soċjetà ċivili għall-promozzjoni tad-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem.

3.4 It-Tranżnistrija, sfida ġeopolitika tal-viċinat

3.4.1 It-Tranżnistrija li tiddependi mill-appoġġ tar-Russja u tal-preżenza ta' kontinġent mill-armata Russa, tibqa' għajn ta' tensjoni u ta' nuqqas ta' sigurtà mal-fruntieri ta' l-UE u tikkostitwixxi parti mit-taħbila tal-moħħ ġeopolitika tar-reġjun.

3.4.2 It-ftitxija ta' soluzzjoni politika għas-separazzjoni tat-Tranżnistrija tikkostitwixxi wkoll prijorità fil-pjan ta' azzjoni ta' l-UE. Din uriet aktar interess f'din il-kontroversja, bi thejjiġa għall-adeżjoni tar-Rumanija u l-Bulgarija, liema fatt ipoġġi lill-Moldova fuq il-fruntiera ma' l-UE. L-involvement ta' l-UE f'din il-kwistjoni fl-2005 ssaħħaħ bin-nomina ta' Rappreżentant Speċjali (is-Sur Kalman Mizsei minn Marzu 2007) bħala osservatur fil-qafas tan-negozjati b'format imsejjaħ 5+2. Attwalment, in-negozjati waqfu.

3.4.3 Barraminhekk, din iż-żona hija meqjusa bħala fulkru ta' kriminalità organizzata (traffikar ta' armi, ta' materjal strateġiku, money laundering, droga u t-traffikar tal-bnedmin) li huwa ta' profitt kemm għall-organizzazzjonijiet kriminali lokali kif ukoll għal dawk mir-Russja, l-Ukraina u pajjiżi oħra.

3.5 Missjoni ta' l-UE ta' Assistenza fil-Fruntiera bejn il-Moldova u l-Ukraina (EUBAM)

3.5.1 Ir-relazzjonijiet ta' bejn l-Ukraina u l-Moldova, li huwa mdawwar bit-territorju Ukrain, huma kkumplikati minħabba l-konflitt tat-Tranżnistrija u r-relazzjonijiet bejn ir-Russja u l-UE, li jwassal biex din is-sitwazzjoni tiġi deskritta bħala "t-taħwida" Moldovana. Il-Moldova kienet kemm post ta' mogħdija u ta' ħruġ ta' traffikar billi l-fruntieri tal-Moldova ma kinux imghassa tajjeb u joffru ħruġ lejn il-Baħar l-Iswed mill-port ta' Odessa.

3.5.2 Il-missjoni ta' assistenza u ta' sorveljanza tal-fruntieri (EUBAM), immedija mill-UE f'Diċembru 2005, ikkostitwixxiet pass deċiżiv għall-istabbilizzazzjoni tal-pajjiż u għall-ġlieda kontra l-kuntrabandu fuq talba konġunta tal-Presidenti ta' l-Ukraina u tal-Moldova. Madwar mitt uffiċjal tad-dwana u għassiesa mal-fruntieri minn 17-il pajjiż ta' l-UE qed josservaw u jassistu fil-ħidma tal-kollegi Moldovani u Ukraini tagħhom u b'hekk qed jiftgħu pressjoni sinifikanti fuq il-gvern li pproklama lilu nnifsu fit-Tranżnistrija. Din il-missjoni tikkonċentra l-isforzi tagħha fuq persuni u żoni li huma friskju u kellha xi suċċessi reali.

3.5.3 F'Novembru 2006, din il-missjoni ġiet msaħħa b'sistema awtomatizzata ta' skambju ta' informazzjoni sabiex tissaħħa l-effikaċja ta' dan il-kontroll tal-fruntiera. Din il-missjoni għadha kif ġiet estiża sa Novembru 2009. Il-KESE jittama li jibqa' jsir l-isforz meħtieġ sabiex il-fruntiera jkollha s-sigurtà neċessarja.

⁽¹⁰⁾ Rapport tal-Kumitat fi ħdan il-Kunsill ta' l-Ewropa dwar *Ir-rispett ta' l-obbligji u l-impenji mill-Moldova*, Settembru 2007.

4. Ħarsa ġenerali lejn is-soċjetà ċivili tal-Moldova u l-ħidma tagħha

4.1 Ir-rimarki prinċipali tal-missjoni tal-KESE fl-2004

4.1.1 F'dan il-kuntest politikament u ekonomikament diffiċli, iċ-ċirkostanzi ma kinux vantaġġu għall-attivitajiet tas-soċjetà ċivili. In-numru ta' rġiel jew ta' nisa potenzjalment disponibbli għal ħidma fl-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll fil-livell lokali naqas ferm, notevolment minħabba l-emigrazzjoni, speċjalment fost iż-żgħażaġħ adulti li għandhom livell tajjeb ta' edukazzjoni. Ir-relazzjonijiet bejniet-hom u l-entitajiet statali kienu biss sporadiċi. Iċ-ċentralizzazzjoni ta' l-istrutturi amministrattivi fixklet l-iżvilupp tal-movimenti soċjali. B'mod ġenerali, il-paternaliżmu li huwa ankrat fis-soċjetà, jagħti lill-Istat ir-responsabbiltà prinċipali tal-benesseri tal-popolazzjoni. Il-funzjoni presidenzjali tirrappreżenta l-volontà tal-maġġoranza tal-popolazzjoni li titmexxa minn bniedem b'saħħtu.

4.1.2 Minn barra l-istatus tal-partiti politiċi, il-kostituzzjoni ma tagħmel l-ebda referenza għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jew tad-dritt li jinżammu l-laqgħat. Madankollu, jidher kemm id-dritt li "jitwaqqfu trejdnjins u li jissiehu f'ihom" (Artikolu 42) kif ukoll l-għarfien tal-libertà ta' assoċjazzjoni (Artikolu 40). Il-kundizzjonijiet għall-ħolqien ta' organizzazzjonijiet mhux governattivi tjebu bil-"liġi dwar il-korpi pubbliċi u l-fondazzjonijiet" (1997). Fil-prattika, wieħed jista' josserva trikkib bejn, fuq naħa, il-personalitajiet li jaħdmu għall-Istat u l-partiti fil-gvern u, fuq in-naħa oħra, korpi li jirrappreżentaw l-interessi ekonomiċi jew politiċi.

4.1.3 Fil-fehma ta' l-osservaturi, b'mod partikulari mill-Kunsill ta' l-Ewropa (11), il-leġislażzjoni dwar is-sistema ġudizzjarja kienet riformata sabiex jiġi żgurat rispett tal-liġi inġenerali u s-soċjetà ċivili b'mod partikulari. Madankollu, il-Moldova għadha s-suġġett ta' proċedura ta' monitoraġġ tal-Kunsill ta' l-Ewropa, li hija intiża prinċipalment li tiggarantixxi l-indipendenza tal-korp ġudizzjarju.

4.2 Aġġornament dwar l-istat tas-soċjetà ċivili fl-2007 skond studji minn esperti (12)

4.2.1 Skond diversi sorsi, wieħed jinnota żieda impressjonanti taċ-ċifra globali ta' l-NGOs. In-numru żdied minn madwar 3 000 fl-2004, skond l-estimi ta' studju tal-KESE, għal aktar minn 7 000 fl-2007 (13), għalkemm l-istudju jippreċiża li 54 % tan-numru totali ma jistgħux ikunu kkuntattjati. Skond dawn il-kalkoli attwali hemm anqas minn 20 % mill-organizzazzjonijiet irreġistrati li huma attivi. Barra minn hekk, wieħed jinnota żieda sostanzjali fl-NGOs fil-livell lokali u reġjonali, inkluż fir-reġjun tat-Tranżnistrija.

(11) (Kunsill ta' l-Ewropa, 14 ta' Settembru 2007) *Rispett ta' l-obbligi u l-impenji mill-Moldova*.

(12) Studji dwar is-soċjetà ċivili tal-Moldova: *L-Unjoni Ewropea u s-Soċjetà Ċivili tal-Moldova* — il-konklużjonijiet tal-konferenza ta' l-AETI/ECAS li nżammet f'Ġunju 2006; It-tisħiħ tad-djalogu bejn il-gvern u s-soċjetà ċivili tal-Moldova dwar l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni ta' l-UE u l-Moldova, il-konklużjonijiet tal-konferenza ta' l-Eurasia Foundation, il-Ministru Moldovan ta' l-Affarijiet Barranin u l-US Aid, April 2006; It-tisħiħ tas-settur ta' l-NGOs fiż-żona ta' konflitt tal-Moldova, IMAC, Frar 2007; Studju dwar l-iżvilupp ta' l-NGOs fil-Moldova għat-tlaqqigħ tad-donaturi, proġett tal-UNDP (United Nations Development Programme), Mejju 2007; Studju dwar l-NGOs li huma attivi fil-qasam soċjali tal-Moldova, proġett ta' l-UE, TRANSTEC, Mejju 2006; *Iż-żieda fis-sostenibbiltà finanzjarja ta' l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-Moldova*, UNDP & SOROS, 2005. Sondaġġ dwar l-iżvilupp ta' l-NGOs fil-Moldova; Rapport ta' segwirtu tal-Kunsill ta' l-Ewropa, Settembru 2007; Pajjiżi fi transizzjoni 2007: Moldova, CEPS; George Dura u Nio Popescu 2007; *Is-sitwazzjoni fit-Tranżnistrija, People in Need*, CZ, Novembru 2006.;

(13) Studju tal-UNDP, Mejju 2007.

4.2.2 Il-konċentrazzjoni ġeografika ta' l-NGOs madwar il-belt kapitali Chisinau għadha predominanti, għalkemm qiegħda tonqos f'termini relattivi: Matul l-aħħar 4 snin, 67 % ta' l-NGOs irreġistrati ġew installati fil-livell nazzjonali u 82 % fil-livell lokali (14) L-oqasma ta' l-attivitajiet ta' l-NGOs jikkonċernaw il-kategoriji kollha tas-soċjetà Moldovana, iżda l-attivitajiet prijoritari tagħhom huma spiss iġġwadati minn donaturi esterni.

4.2.3 Apparentement minn dejjem kien hemm ftit li xejn relazzjonijiet bejn l-organizzazzjonijiet trejdnjinistiċi u ta' min iħaddem ma' l-NGOs b'interessi diversi. Dan hu minħabba nuqqas ta' għarfien u nuqqas ta' fiduċja reċiproka. Eċċezzjoni waħda li ħarġet fid-deher fit-Tranżnistrija bl-iffaċċjar ta' relazzjonijiet bejn xi NGOs u grupp ta' negozjanti.

4.2.4 Id-dħul fis-seħħ tal-pjan ta' azzjoni fl-2005 bejn l-UE u l-Moldova nieda sforz ġdid mis-soċjetà ċivili, b'mod partikulari fl-ambitu ta' l-assoċjazzjonijiet, għat-tweqqif ta' proġetti multipliċi minkejja n-nuqqas ta' konsultazzjoni fil-preparazzjoni ta' dan il-pjan.

5. Tibdil fl-istruttura ta' l-imsieħba soċjali

5.1 Preżentazzjoni ta' l-organizzazzjonijiet ta' min iħaddem

5.1.1 Sa mill-1999, il-Kamra tal-Kummerċ u ta' l-Industrija (CCI), li għandha rabta mal-Eurochambres, hija l-aktar rappreżentant importanti ta' l-intrapriżi. Hija tirrappreżenta aktar minn 1 500 intrapriża tas-setturi kollha. Is-CCI tal-Moldova ma għadhiex toħroġ ċertifikati ta' oriġini għall-prodotti kkummerċjalizzati lejn is-CIS filwaqt li l-kontroll ta' l-esportazzjonijiet lejn l-UE issa għadid f'idejn id-dwana sabiex ikunu jistgħu jibbenefikaw mis-SPG (Sistema ta' Preferenzi Ġeneralizzati). Din qiegħda tinbidel prinċipalment f'kamra tal-kummerċ għas-servizz ta' l-intrapriżi. Is-CCI tappoġġa l-esportazzjoni tal-prodotti Moldovani u t-twaqqif ta' intrapriżi konġunti ma' intrapriżi barranin. Hija toffri ħafna servizzi lill-intrapriżi (15). Is-CCI tagħmel parti mir-rappreżentanza uffiċjali fi ħdan l-ILO u għandha ċentru ta' informazzjoni Ewropew. Is-Sur Tarlev, il-Prim Ministru sa mill-2001, qabel kellu kariga mportanti fi ħdan is-CCI tal-Moldova. L-SMEs b'inqas minn 30 impjegat ifformaw assoċjazzjoni separata b'rabtiet mill-qrib mas-CCI, mil-lat ta' organizzazzjoni u finanzjarju.

5.1.2 Attwalment, teżisti "Konfederazzjoni Nazzjonali ta' Min Iħaddem" li tagħmel parti wkoll mir-rappreżentazzjoni Moldova fil-konferenzi internazzjonali ta' l-ILO u li tirrappreżenta lil min iħaddem fil-laqgħat soċjali msejħa mill-Presidenza Moldova. Fl-2006, il-gvern ippermetta t-tnaqqis fiskali tal-kontribuzzjonijiet ta' min iħaddem lill-organizzazzjonijiet tagħhom billi wiegħeb b'mod pożittiv għal ilment imressaq lill-ILO.

(14) Studju tal-UNDP, 2007, p. 3.

(15) Nota ta' informazzjoni tas-CCI, Mejju 2007.

5.1.3 L-imsieħba soċjali kkonkludew tliet konvenzjonijiet kollettivi ġodda fil-livell nazzjonali u ħdax-il konvenzjoni kollettivi settorjali u lokali. L-effett veru tagħhom għadu limitat għad-djalogu soċjali billi s-CCI, anki jekk hija rikonnoxxuta mill-OIE, għadha qabel kollox kamra tal-kummerċ għas-servizz ta' l-intrapriżi.

5.2 *Żviluppi fis-sitwazzjoni tat-trejdunjin*

5.2.1 Sa l-2000, il-ħaddiema fil-Moldova kienu rappreżentati mill-Federazzjoni Ġenerali tat-Trejdunjin tar-Repubblika tal-Moldova, Federazzjoni unitarja mwaqqfa fl-1990 msejsa fuq il-mudell tat-trejdunjin ta' l-Unjoni Sovjetika. Din l-istruttura ngħatat l-isem ta' Konfederazzjoni fl-2000, biex b'hekk saret il-Konfederazzjoni tat-Trejdunjin tar-Repubblika tal-Moldova (CSRM). Tensjonijiet interni deħru fi ħdan din l-organizzazzjoni, li rriżultatw f'oppożizzjonijiet bejn l-agrikoltura, l-industrija u s-servizzi, bejn il-popolazzjoni li titkellem bil-Moldovan u dik li titkellem bir-Russu, bejn il-grupp lemini nazzjonali u l-Partit Komunista. Fl-2000, ċertu numru ta' federazzjonijiet professjonali — 14-il federazzjoni industrijali, flimkien ma' dawk tal-kultura u ta' l-amministrazzjoni pubblika — ħallew is-CSRM, u waqqfu konfederazzjoni ġdida, is-CSL SOLIDARITATEA. Wara r-riżenja tad-diriġenti tas-CSRM, l-organizzazzjoni sabet kap ġdid, Petru Chiriac. Minkejja li kien hemm tentattiv ta' medjazzjoni mill-Konfederazzjoni Internazzjonali tat-Trejdunjin (l-eks CISL) — li s-CSRM kienet membru tagħha mill-1997, sforzi sabiex isseħħ riunifikazzjoni sfaw fix-xejn. Il-kawżi ta' dan kienu diversi: konflitti minħabba nuqqas ta' qbil bejn individwi, konflitti dwar il-qsim tal-patrimonju trejdunjinistiku u fuq kollox differenzi ta' sensibilitajiet politiċi bejn is-CSRM li hija aktar viċin tal-partijiet li jtkellmu bil-Moldovan, tal-lemin, kristjanidemoċratiċi u demokratiċi u Solidaritatea li affirmaw lilhom infushom mill-bidunett li kienu viċin tal-Partit Komunista, iddominat minn dawk li jtkellmu bir-Russu.

5.2.2 Id-diviżjoni trejdunjinistika kkompilat ruħha fl-2001, bis-suċċess elettorali tal-Partit Komunista u l-elezzjoni tal-kap tagħhom, Vladimir Voronin, fil-presidenza tar-Repubblika. L-għażla, minn Solidaritatea ta' attitudni ta' kooperazzjoni li timmira li tiġbor progressi soċjali u l-impenn tas-CSRM b'aktar azzjonijiet industrijali u aktar kritika, ħolqu tensjoni bejn l-awtorità u ż-żewġ organizzazzjonijiet trejdunjinistiċi. Il-gvern, meġġun mill-kuntatti fil-livell tal-Partit Komunista u ta' l-amministrazzjoni, għażel li jipprivileġġa b'mod sistematiku lil Solidaritatea u li jdgħajef lis-CSRM.

5.2.3 L-indhila ripetut u sistematiku ta' l-awtoritajiet pubbliċi waslu lis-CSRM, li kienet appoġġata f'dan mill-Konfederazzjoni Internazzjonali tat-Trejdunjin (International Trade Union Confederation l-eks ICFTU), u mill-federazzjonijiet professjonali (IUF u PSI) sabiex tippreżenta f'Janar 2004 l-impenn minħabba ksur tal-libertà ta' assoċjazzjoni lill-Kumitat tal-Libertà ta' Assoċjazzjoni (Committee on Freedom of Association CFA) ta' l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO). Fir-rapport intermedjarju ta' l-2006, is-CFA talab li jsir s'f'indipendenti dwar id-diversi fatti ta' interferenza msemminja minn dawk li ressqu il-impenn; huwa nnota wkoll li l-Moldova ma għandhiex mekkaniżmu li jippermetti li jiġu ssanzjonati b'mod dissważiv id-diversi każijiet ta' ksur tal-liġijiet trejdunjinistiċi u għalhekk jassigura r-rispett tan-normi internazzjonali f'dan il-qasam. Ġiet organizzata missjoni tal-Bureau ta' l-ILO fl-2005. L-ICFTU għidet l-attenzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar is-sitwazzjoni fil-pajjiż billi ppreżentat rapport kritiku, fl-2005, fil-qafas tas-SPG mogħtija lil dan il-pajjiż. S'issa, ma tteħdet ebda miżura

mill-Gvern tal-Moldova, la sabiex jirregola l-leġislazzjoni u lanqas sabiex jikkonforma mar-rakkomandazzjonijiet tas-CFA. Minkejja d-diversi fatti rreġistrati fl-impenn imressaq quddiem is-CFA, l-awtoritajiet tal-Moldova kkunsidraw li. Bażikament, is-sitwazzjoni hija waħda ta' rivalità bejn żewġ organizzazzjonijiet trejdunjinistiċi.

5.2.4 Fil-fatti, l-awtoritajiet seġhu b'mod aktar u aktar miftuħ — id-diskors tal-President Voronin fil-kongress ta' Solidaritatea (fl-2005) — għat-twaqqif mill-ġdid ta' trejdunjin ċentrali unika. Mill-2005-2006, il-bilanċ ta' poter bejn iż-żewġ organizzazzjonijiet beda jixxaqleb gradwalment (fl-2001, is-CSRM kella 450 000 membru, Solidaritatea 200 000). Fl-2006 kienet ħaġa ċara li Solidaritatea kienet saret l-akbar organizzazzjoni. F'Ġunju 2007, kongress unifika mill-ġdid iż-żewġ organizzazzjonijiet. Il-Konfederazzjoni Internazzjonali tat-Trejdunjin (ITUC) diġà għarrfithom li ma kinitx lesta tittrasferixxi l-affiljazzjoni tas-CSRM fl-organizzazzjoni l-ġdida riunifikata. Jenħtieġ li l-ewwel turi l-indipendenza tagħha fir-rigward ta' l-awtoritajiet pubbliċi u turi b'mod ċar l-impenn tagħha favur il-prinċipji tal-libertà ta' assoċjazzjoni u tal-libertà tan-negozjar kollettiv.

6. **Ħarsa ġenerali lejn l-assoċjazzjonijiet u l-NGOs**

6.1 *It-tagħlimiet prinċipali mil-istudju tal-KESE ta' l-2004*

6.1.1 In-numru ta' l-NGOs irreġistrati fil-livell lokali u nazzjonali fil-Moldova tala' għal madwar 2 800 mill-indipendenza — li seħħet fl-1991 — 'l hawn. Għadd ta' NGOs irreġistrati fir-reġistru ta' l-Istat, notevolment dawk imwaqqfa minn atturi ekonomiċi jew mill-awtoritajiet, kellhom iwettqu missjoni proviżorja fil-bidu tal-perijodu ta' transizzjoni. Minħabba f'hekk, huma ma jistgħux jiġu kkunsidrati bħala atturi indipendenti tas-soċjetà ċivili. Jenħtieġ ukoll jiġu kkunsidrati l-organizzazzjonijiet li mexxew dimostratezzjonijiet kbar flimkien ma' l-oppożizzjoni kontra l-Gvern Komunista sa mill-2001.

Bħal f'pajjiżi oħra li għaddejjin minn perijodu ta' tranżizzjoni, l-attivitajiet ta' l-NGOs jikkonċentraw fuq il-belt kapitali tal-pajjiż, sabiex jippruvaw jeżerċitaw influwenza fuq il-mexxejja attwali. Fil-kuntest politiku, qed tiżdied l-interferenza li qed iġarrbu l-NGOs, notevolment fl-oqsma l-ġodda ta' attivitajiet tagħhom li huma l-politika taż-żgħażaġh, il-protezzjoni tal-konsumaturi u l-ambjent. Fit-Tranżnistrija, l-attivitajiet tagħhom huma mxekkla minħabba kontroll politiku strett.

6.1.2 Xi donaturi ewlenin (Soros, USAID, Eurasia, Hebo, British Peace Building) li huma involuti fl-oqsma ta' l-edukazzjoni, il-kultura u d-drittijiet tal-bniedem.

6.1.3 L-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh, li l-bażi ta' reklutaġġ tagħhom qed tonqos minħabba ż-żieda fl-emigrazzjoni, qed jappellaw lill-gvern tagħhom għal politika favur l-Ewropa li ma tkunx biss deklamatorja. Huma jixtiequ li l-UE toffrilhom il-possibiltà li jipparteċipaw fi programmi ta' skambji. Fl-opinjoni tal-parti l-kbira tar-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili, fil-gejġieni, il-programmi Komunitarji ta' għajjuna, ma għandhomx jiġu negozjati u eżegwiti mhux biss mal-gvern (bħalma kien il-każ għat-TACIS), iżda wkoll mar-rappreżentanti ta' l-NGOs attivi.

6.2 *L-osservazzjonijiet dwar l-iżvilupp reċenti tan-netwerk assoċjattiv skond l-istudji ta' l-esperti*

6.2.1 Matul l-aħħar elezzjonijiet fl-2005, madwar 200 NGO iffurmat għall-ewwel darba koalizzjoni magħqda u indipendenti li implimentat kampanja ta' osservazzjoni nazzjonali. Din

il-“Koalizzjoni Ċivili 2005”⁽¹⁶⁾ viżibbli u influwenti ħafna fil-mezzi tax-xandir reġgħet dehret fl-elezzjonijiet ta' l-2007 u kkontribwixxiet fiż-żieda tal-kredibilità ta' l-NGOs fost il-popolazzjoni.

6.2.2 Jeżistu tliet kategoriji ta' NGOs fil-Moldova. L-ewwel kategorija tiġbor fiha organizzazzjonijiet kbar mgħammra tajjeb u magħrufin sew, stabbiliti fil-belt kapitali u li jagħmlu parti minn netwerks internazzjonali⁽¹⁷⁾. It-tieni kategorija tiġbor fiha numru kbir ta' NGOs anqas żviluppata u ta' spiss dawn ikunu “one man shows”, b' kapacià operattiva limitata u fi bżonn ta' finanzjament. It-tielet grupp huwa fformati minn fitt NGOs operati mill-gvern, imsejħa “GONGOs” (government-operated NGOs) li, bħal f'pajjiżi oħra huma mwaqqfa u ffinanzjati totalment mill-gvernijiet tagħhom.

6.2.3 Fit-Tranżnistrija, il-grupp tal-GONGOs huwa omnipreżenti peress li r-reġim ta' Smirnow għad għandu bżonn ta' alleati fis-soċjetà ċivili sabiex jappoġġa l-istrateġija tiegħu u jibqa' fil-poter. Studju reċenti li sar minn NGO Ċeka jsemmi wkoll żewġ kategoriji oħra fost id-900 NGO fit-Tranżnistrija, jiġifieri kemm organizzazzjonijiet tradizzjonali bħal movimenti tal-ħaddiema, tan-nisa u taż-żgħażaġh kif ukoll NGOs zġhar miftuħa għall-kuntatti ma' Chisinau, u ma' netwerks internazzjonali⁽¹⁸⁾. Xi wħud jagħżlu li jirreġistraw lilhom infushom ma' l-awtoritajiet Moldovi u b'hekk ikollhom aċċess għall-għajnuna Ewropea.

6.3 Mekkaniżmi attwali għal konsultazzjoni mas-soċjetà ċivili u negozjar ma' l-imsieħba soċjali

6.3.1 Mill-2005 'l hawn, diversi ministeri tal-gvern bdew, jew saħħew, id-djalogu ma' parti mis-soċjetà ċivili, b'dawn il-modi: laqgħa konsultattiva fix-xahar fil-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u l-Integrazzjoni Ewropea u konferenza nazzjonali f'April 2006 li fformulat 18-il konklużjoni sabiex tittejjeb il-kollaborazzjoni bejn il-gvern u s-soċjetà ċivili. Simultanjament ministeri oħrajn, notevolment dak tal-Ġustizzja, ta' l-Agrikoltura u dak tal-Finanzi kellhom kuntatti regolari ma' elementi mis-soċjetà ċivili. Hemm diversi proġetti għaddejjin, partikularment mal-UNPD sabiex jiġu ffaċilitati l-proċessi ta' reġistrazzjoni u sabiex tittejjeb is-sitwazzjoni finanzjarja prekarja ta' bosta NGOs.

6.3.2 Il-Parlament tal-Moldova, fuq insistenza ta' Marian Lupu, implimenta mill-2006 kunċett ta' kooperazzjoni bejn il-parlament u s-soċjetà ċivili, b' għanijiet ambizjużi ħafna, u li jip-

proponi sensiela ta' mekkaniżmi u ta' forum ta' kooperazzjoni bħalma hija “konsultazzjoni permanenti on-line”, laqgħat *ad hoc* jew seduti pubbliċi mal-kummissjonijiet parlamentari, u konferenza annwali.

6.3.3 Minn sentejn 'l hawn diversi NGOs għamlu l-almu tagħhom sabiex jipparteċipaw b'mod konkret fl-implimentazzjoni ta' pjan ta' azzjoni ma' l-UE f'diversi oqsma ta' azzjoni, imħeġġin notevolment mill-esperjenzi pożittivi tal-ġirien Rumeni u Ukraini tagħhom. Dan il-proċess kien imħeġġeġ ukoll mill-Parlament Ewropew li adotta rapport f' Mejju 2007.

6.3.4 Fir-rigward tar-relazzjonijiet professjonali, mhix sorpriża li d-djalogu soċjali fil-Moldova huwa proċess li miexi bil-mod ħafna. Kienet teżisti “Kummissjoni Repubblikana għan-Negozjar Kollettiv” li kienet tiffunzjona aktar bħala lok ta' informazzjoni dwar id-deċiżjonijiet meħudin xi mkien ieħor milli bħala spazju veru ta' konsultazzjoni u ta' djalogu. L-imsieħba ma kellhomx kontroll fuq l-aġenda ta' din il-Kummissjoni — għalhekk ma kienx possibbli la li jiġi diskuss l-ilment lanqas is-segwiti għar-rakkomandazzjoni tas-CFA. Il-Kummissjoni ma kellhiex segretarjat u lanqas ma kellha strutturi deċentralizzati reġjonali jew strutturali. Barraminhekk, nirimarkaw li s-CGSRM kienet żviluppata programmi differenti ta' kooperazzjoni mal-konfederazzjoni tat-Tranżnistrija bl-appoġġ ta' l-eks ICFTU u ta' l-organizzazzjonijiet trejdninjistiċi Ewropej.

6.3.5 Fl-2006, ġiet adottata liġi dwar l-organizzazzjoni u t-tħaddim ta' kummissjoni nazzjonali ta' ftehim kollettiv b'sottokummissjonijiet settorjali u territorjali. Tnax mit-18-il membru tal-kummissjoni nazzjonali jiġu nnominati mill-imsieħba soċjali.

Bħala konklużjoni ta' dak li nġhad, għadu kmieni wisq biex jiġi vvalutat kif jiffunzjonaw fir-realtà l-mekkaniżmi reċenti ta' konsultazzjoni u ta' negozjar jew l-effikaċja ta' din il-kooperazzjoni mibdija mill-gvern. Dan jitkejjel maż-żmien abbażi ta' prinċipji u ta' metodi li jkunu ddefiniti b'mod ċar.

Fid-dawl ta' l-iżviluppi attwali fir-relazzjonijiet ta' bejn l-UE u l-Moldova, u meta jitqies il-fatt li dal-forom ġodda ta' djalogu soċjali u ċivili qegħdin fi stadju bikri, il-KESE jawgura li jkun jista' jibni kuntatti mas-soċjetà ċivili tal-Moldova.

Il-Kumitat jirrakkomanda li tinżamm konferenza sa mill-2008 sabiex il-kuntatt inizjali mas-soċjetà ċivili jikkoinċidi mat-tħejjija ta' qafas għid bejn l-UE u l-Moldova.

Brussell, it-12 ta' Diċembru 2007.

Il-President

tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Dimitris DIMITRIADIS

⁽¹⁶⁾ Rapport ta' valutazzjoni tal-fondazzjoni Eurasia (Ottubru 2005).

⁽¹⁷⁾ Ara l-eżempji kkwotati fir-rapport *NGO Scores for Moldova, 2005*, ippubblikat mill-US AID.

⁽¹⁸⁾ Ondrej Soukop, *NGO People in need*, Praga 2007.

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar L-implimentazzjoni ta' l-Istrateġija ta' Lisbona: sitwazzjoni attwali u prospettivi futuri

(2008/C 120/20)

Nhar is-27 ta' Settembru 2007, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew iddeċieda, b'konformità ma' l-Artikolu 29(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu, li jħejji opinjoni dwar:

L-implimentazzjoni ta' l-Istrateġija ta' Lisbona: sitwazzjoni attwali u prospettivi futuri.

Il-Bureau tal-Kumitat ta' istruzzjonijiet lill-Grupp *ad hoc* tal-Bureau "Il-Grupp ta' Lisbona" sabiex iħejji l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett. Ir-rapporteurs kienu s-Sur van Iersel u s-Sur Barabás.

Billi l-ħidma kienet urġenti, matul l-440 sessjoni plenarja tiegħu li nżammet fit-12 u t-13 ta' Diċembru 2007 (seduta tat-13 ta' Diċembru), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ħatar lis-Sur van Iersel bħala rapporteur ġenerali u s-Sur Barabás bħala ko-rapporteur ġenerali u adotta din l-opinjoni b'122 vot favur, vot kontra u 3-il astensjoni.

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1 Il-KESE jqis li tkun ħaġa rakkomandabbli li s-soċjetà ċivili organizzata fl-Istati Membri, b'mod partikulari l-Kunsilli Ekonomiċi u Soċjali (KES) nazzjonali, fejn jeżistu ⁽¹⁾, ikunu involuti fl-implimentazzjoni ta' l-aġenda ta' Lisbona bħala msieħba. Għal dan il-għan il-KESE jipproponi dan li ġej:

1.1.1 Apparti mill-gvernijiet, il-gruppi tas-soċjetà għandhom irawmu approċċi kreattivi u jieħdu miżuri attivi, prattiċi u konkreti fil-kuntest tal-bidla. Hemm bżonn ta' sħubijiet addizzjonali u alleanzi ġodda sabiex il-proċess ta' Lisbona jkun ta' suċċess u sabiex tiġi approvata l-implimentazzjoni tiegħu ⁽²⁾. Għal dan il-għan din l-opinjoni tittratta primarjament dwar il-kontribut tal-KES nazzjonali u s-soċjetà ċivili organizzata.

1.1.2 B'segwitu tal-prattiki tajbin f'bosta Stati Membri, l-informazzjoni, il-konsultazzjoni u t-trasparenza huma meħtieġa kullimkien għat-tfassil u l-implimentazzjoni tal-Programmi Nazzjonali ta' Riforma (PNR), u l-implimentazzjoni ta' rakkomandazzjonijiet speċifiċi għal kull pajjiż.

1.1.3 Huwa importanti wkoll li s-soċjetà ċivili organizzata tkun involuta fi stadju bikri fit-tfassil tal-prospetti futuri għaċ-ċiklu li jmiss wara l-2010 li għandu jissejjes fuq it-tkabbir, l-impjieg, il-koeżjoni soċjali u l-iżvilupp sostenibbli.

1.1.4 Il-KESE jenfasizza li implimentazzjoni effettiva ttejjeb il-viżibilità mixtieqa u l-konsistenza ta' l-aġenda ta' Lisbona fuq perijodu fit-tul.

1.1.5 L-iskambji tal-fehmiet u l-prattiki bejn il-KESE u l-KES nazzjonali fir-rigward tal-PNR u l-aġenda ta' Lisbona jistgħu jkunu utli ferm. Il-KESE jista' jkun ta' appoġġ f'dan il-proċess.

⁽¹⁾ F'dan ir-rigward, il-qafas istituzzjonali fl-UE huwa eteroġenu: il-KES huma preżenti f'għadd sinifikanti ta' Stati Membri, fil-biċċa l-kbira ta' l-Istati Membri l-ġodda hemm l-hekk imsejħa Kummissjonijiet Tripartitiċi (l-imsieħba soċjali flimkien mal-gvern), f'numru żgħir ta' l-Istati Membri m'hemm l-ebda KES. Il-KESE qiegħed jipprova jiġbor kemm jista' jkun kontributi minn korpi rappreżentattivi, ara l-Appendiċi 2.

⁽²⁾ Ara r-riżoluzzjoni tal-KESE dwar *L-Implimentazzjoni ta' l-Istrateġija Mġedda ta' Lisbona*, ĠU C 97, 27.4.2007.

1.1.6 Il-KES nazzjonali kollha għandhom jiġu inklużi fil-konsultazzjonijiet annwali tal-Kummissjoni. Ir-rappreżentanti tal-Kummissjoni jistgħu jiġu mistiedna mill-KES nazzjonali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili sabiex jiddiskutu ideat u approċċi rakkomandabbli fil-kuntest nazzjonali.

1.1.7 Fir-rigward tal-ħidma fil-Kunsill, il-KESE huwa interesat li jieħu sehem fil-Grupp ta' Ħidma għall-Metodoloġija ta' Lisbona, taħt l-awspiċi tal-Kumitat għall-Politika Ekonomika tal-Kunsill.

1.1.8 Il-KESE jissuġġerixxi li l-Kunsill Ewropew jagħti mandat lill-KESE sabiex kull sena jippubblika rapport li jinkludi informazzjoni, kif tkun disponibbli, dwar il-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili organizzata, u tal-KES nazzjonali fejn jeżistu, fil-progress ta' l-Istrateġija ta' Lisbona, li jinkludi suġġerimenti konkreti u titjib rakkomandabbli ⁽³⁾.

1.1.9 L-approċċ tal-KESE jikkorrispondi ma' l-azzjoni li ttieħdet mill-Parlament Ewropew u mill-Kumitat tar-Reġjuni fir-rigward tal-parlamenti nazzjonali u r-reġjuni. Il-KESE huwa favur it-tisħiħ addizzjonali tal-kooperazzjoni.

2. Introduzzjoni

2.1 Mill-2005 'l hawn, il-proċess ta' Lisbona għamel progress kemm fil-kontenut kif ukoll mil-lat istituzzjonali. Hemm unanimità dejjem tikber fost l-Istati Membri dwar il-fatt li jinħtieġu aġġustamenti strutturali fil-kompetittività — soċjetà bbażata fuq l-għarfien — it-tkabbir u l-impjieg sostenibbli.

⁽³⁾ Il-KESE jinnota li bl-ebda mod mhu qiegħed jintervjeni fl-Istati Membri, u b'mod partikulari fi Spanja, fil-proċedura eżistenti tal-konsultazzjoni, il-kompetenzi u l-leġittimità ta' l-imsieħba soċjali.

2.2 Mil-lat istituzzjonali, il-metodoloġija ta' l-istrateġija mgħedda ta' Lisbona għaddiet minn bidliet benefiċjali. Dawn jinkludu:

- aġenda ċara għal-Linji Gwida Integrati;
- Programmi Nazzjonali ta' Riforma (PNR) dettaljati;
- kjarifika dwar ir-rwol tal-Kummissjoni;
- monitoraġġ tal-proċessi nazzjonali mill-Kummissjoni;
- rakkomandazzjonijiet speċifiċi skond il-pajjiż;
- peer pressure.

2.3 L-evidenza Prattika turi li l-għaqda ta' aġenda Ewropea ddefinita sew u miftiehma flimkien ma' qawmien mill-ġdid ta' metodu siewi ta' koordinazzjoni miftuħ li jirrispetta s-sussidjarjetà, bdiet tagħti l-frott. Fost l-Istati Membri hemm ftuħ dejjem jikber għall-fehim reċiproku u l-iskambji essenzjali tal-fehmiet dwar l-aġġustamenti. Bħala riżultat tal-metodoloġija ġdida, numru jiżdied ta' Stati Membri huma iktar ħerqana li jħarsu lil-hinn mill-fruntieri nazzjonali u janalizzaw l-aħjar Prattiki.

2.4 Madankollu, hemm differenza bejn ir-rettorika u r-realtà. Il-kwistjoni ġenwina hija l-implimentazzjoni, li ħafna drabi ma tkunx kompluta jew preċiża. F'ħafna mill-każijiet hemm nuqqas ta' għanijiet konkreti, objettivi li jistgħu jitkejlu u skedi.

2.5 Barraminhekk, hemm differenzi sostanzjali bejn l-Istati Membri. Mhux l-Istati Membri kollha jaċċettaw malajr il-kommenti ta' kritika minn pajjiżi msieħba jew mill-Kummissjoni. Bħalissa, fil-kuntest ta' l-eżerċizzju tas-Sorveljanza Multilaterali li qiegħda titwettaq attwalment, hemm ċertu livell ta' analiżi reċiproka tal-PNR mill-Istati Membri.

2.6 Fil-biċċa l-kbira tal-gvernijiet inħatar/inħatret is-Sur jew is-Sinjura Lisbona bħala ko-ordinatur. Din id-dispożizzjoni għandha tkun ta' benefiċċju għas-semplifikazzjoni tal-kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-gvernijiet, u għat-trasparenza. Madankollu, fil-maġġoranza tal-każijiet, dan il-Ministru/Segretarju ta' l-Istat għad irid jiddefinixxi r-rwol tiegħu kemm fi ħdan il-gvern kif ukoll fir-rigward tal-Parlament u s-soċjetà.

2.7 Hemm għajdut li l-istrateġija ta' Lisbona hija l-iktar sigriet imħares ta' l-Ewropa billi ma tantx tintuża l-espressjoni "Strateġija ta' Lisbona". Madankollu, wara t-tnedija mill-ġdid tagħha fl-2005, minħabba l-aġġustamenti fil-metodoloġija, ir-riformi bbażati fuq linji miftiehma qegħdin jitwettqu b'mod gradwali fil-Istati Membri.

2.8 Il-proċess issa qabad sew, iżda s-sentejn li ġejjin ser ikunu kruċjali fir-rigward tal-kontinwità u l-profondità. L-ewwel u qabel kollox, huwa kruċjali li l-proċess ta' Lisbona jkollu struttura ċara u aċċettata, li hija magħrufa bħala strateġija pan-Ewropea, inkluż minn atturi mhux governattivi, u li twassal għal aġġustamenti u konverġenza fil-politiki tal-gvern.

3. Il-ko-responsabilità tal-KESE, il-KES nazzjonali u s-soċjetà ċivili organizzata fil-proċess ta' Lisbona

3.1 L-aġenda ta' Lisbona tittratta dwar l-iffaċilitar tas-soċjetà Ewropea sabiex tkun tista' tiffaċċja l-isfidi tas-seklu 21 u sabiex tassigura l-pożizzjoni u r-rwol tagħha fir-rigward ta' numru dejjem jiżdied fl-għadd ta' atturi dinjin. Hija tittratta wkoll dwar spirtu u attitudni.

3.2 Dan il-proċess ma jstax sempliċement ikun ristrett għall-politiki, il-leġislaturi u l-gruppi ta' livell għoli. Għandu jkun **proċess għal kulħadd, ma' kulħadd u minn kulħadd**, għal żewġ raġunijiet:

— huwa rakkomandabbli li jsir kontribut minn diversi gruppi tas-soċjetà sabiex jiġu ddefiniti l-aħjar approċċi possibbli;

— l-implimentazzjoni fl-Istati Membri tiddependi l-iktar fuq il-kooperazzjoni bejn il-partijiet interessati kollha. Il-ko-proprjetà hija essenzjali.

3.3 Il-ko-responsabilità u l-impenn attiv ta' l-imsieħba soċjali u gruppi oħrajn tas-soċjetà ċivili jsaħħu l-proċess, billi jgħaqqdu l-approċċ mill-ogħla livell sa l-inqas livell ma' l-approċċ mill-inqas livell sa l-ogħla wieħed. Dawn iqanqlu wkoll appoġġ pubbliku ta' kwalità għolja li huwa indispensabbli.

3.4 S'issa, f'bosta Stati Membri, il-KES nazzjonali u s-soċjetà ċivili, fejn kellhom, kellhom biss aċċess limitat għall-proċess ta' Lisbona. Hemm bżonn li jittieħdu passi addizzjonali sabiex titkattar il-ko-responsabilità. Fl-Istati Membri fejn ma jeżistux il-KES nazzjonali għandhom jiġu żviluppatti mezz istituzzjonali oħrajn ta' parteċipazzjoni.

3.5 L-imsieħba soċjali u organizzazzjonijiet oħrajn tas-soċjetà ċivili għandhom jieħdu sehem fl-istadji kollha tal-proċess ta' Lisbona matul is-sena. Dawn l-istadji huma: l-evalwazzjoni (taċ-ċiklu għaddej), it-tħejjija, l-implimentazzjoni u l-azzjonijiet ta' segwitu tal-PNR u r-rakkomandazzjonijiet skond il-pajjiż fuq il-perijodu iktar fit-tul.

3.6 Il-KESE jikkunsidra bħala rakkomandabbli li l-KES nazzjonali jimpenjaw ruħhom għall-aġenda ta' Lisbona f'erba' modi:

— permezz ta' informazzjoni u konsultazzjoni adegwata;

— b'analiżi kritika ta' l-implimentazzjoni nazzjonali;

— billi jagħmlu proposti konkreti;

— billi tingħata iktar viżibilità lill-aġenda ta' Lisbona permezz ta' profil ogħla tad-dibattitu nazzjonali.

3.7 F'pajjiżi mingħajr KES nazzjonali jew Kummissjonijiet Tripartitiċi, iridu jinstabu mezz oħra sabiex l-imsieħba soċjali jiġu impenjati fil-proċess ta' konsultazzjoni. Dan jgħodd ukoll għas-soċjetà ċivili organizzata (*).

(* L-Isvezja tista' sservi ta' eżempju tajjeb, fejn il-Gvern qiegħed jikkonsulta ma' l-imsieħba soċjali ħafna drabi fis-sena (bħala tħejjija tal-PNR) kif ukoll, f'laqgħat separati, mas-soċjetà ċivili organizzata.

3.8 Għandu jiġi enfasizzat li l-istess metodu għandu jiġi segwit fil-livell reġjonali u lokali, li huma ta' sikwit deċiżivi għall-implimentazzjoni ġenwina. Barraminhekk, fil-livell reġjonali, l-išhubijiet ma' l-imsieħba soċjali u l-organizzazzjonijiet ikkonċernati tas-soċjetà ċivili għandhom jitħeġġu fil-kuntest tal-koeżjoni territorjali u soċjali.

3.9 Barraminhekk, sabiex il-pjanijiet ta' azzjoni ta' l-istrateġija ta' Lisbona jsiru realtà fil-livell reġjonali u lokali, iridu jkunu appoġġjati minn ġestjoni u implimentazzjoni effiċjenti tal-Fondi Strutturali.

3.10 Safejn huwa kkonċernat il-KESE nnifsu, ir-rwol tiegħu għandu erba' aspetti:

- li jippreżenta l-fehmiet tas-soċjetà ċivili organizzata.
- li jista' jaġixxi bħala kanal għall-informazzjoni li jesprimi l-fehmiet tal-KES nazzjonali u ta' organizzazzjonijiet oħrajn tas-soċjetà ċivili li jgħibu valur miżjud għad-dibattitu fil-Kummissjoni u l-Kunsill.
- il-KESE jista' jservi wkoll bħala forum għall-iskambju tal-fehmiet u l-aħjar Prattiki, il-koordinazzjoni bejn il-KES nazzjonali u jista' jipprovi forum għad-diskussjoni bejnhom u l-Kummissjoni ⁽⁵⁾.
- il-KESE jista' jżid mad-disseminazzjoni ta' l-oġettivi u r-riżultati tal-proċess ta' Lisbona.

4. Ħidma fuq it-temi ta' prijorità deċiżi fil-Kunsill tar-Rebbiegħa 2006

4.1 Fis-sessjoni plenarja tiegħu ta' Lulju 2007, il-KESE adotta, kif kien mitlub, erba' opinjonijiet fuq inizjattiva proprja:

- *L-impjeg tal-kategoriji ta' prijorità* ⁽⁶⁾
- *L-investment fl-għarfien u l-innovazzjoni* ⁽⁷⁾
- *Il-potenzjal ta' l-intrapriża, speċjalment ta' l-SMEs* ⁽⁸⁾
- *Id-definizzjoni ta' Politika Ewropea għall-Enerġija* ⁽⁹⁾

Il-KES nazzjonali ħadu sehem fit-thejġija ta' dawn l-opinjonijiet fuq inizjattiva proprja u l-kontributi tagħhom huma meħmuża ma' l-opinjonijiet. Sussegwentement, il-KESE adotta opinjoni addizzjonali dwar l-integrazzjoni aħjar ta' l-istrateġija dwar il-bidla fil-klima fl-istrateġija ta' Lisbona.

4.2 Dawn l-opinjonijiet fuq inizjattiva proprja, li jippreżentaw ukoll kontributi tematiċi mill-KES nazzjonali dwar kwistjonijiet ewlenin skond l-identifikar mill-Kunsilli, ipprovdew kontribut konkret għar-rapport tal-Kummissjoni, u ser iservu sabiex jitniehed dibattitu usa' fil-kuntest tas-Summit ta' Lisbona ta' Marzu 2008.

⁽⁵⁾ F'dan ir-rigward, ta' min jinnota li l-Parlament Ewropew dan l-aħħar waqqaf ukoll struttura ta' koordinazzjoni flimkien mal-parlamenti nazzjonali.

⁽⁶⁾ *L-impjeg tal-kategoriji ta' prijorità (l-istrateġija ta' Lisbona)*, ĠU C 256, 27.10.2007, p. 93 (http://www.eesc.europa.eu/lisbon_strategy/eesc_documents/index_mt.asp)

⁽⁷⁾ *L-investment fl-għarfien u l-innovazzjoni (l-istrateġija ta' Lisbona)*, ĠU C 256, 27.10.2007, p. 17 (http://www.eesc.europa.eu/lisbon_strategy/eesc_documents/index_mt.asp)

⁽⁸⁾ *Il-potenzjal ta' l-intrapriża, speċjalment ta' l-SMEs (l-istrateġija ta' Lisbona)*, ĠU C 256, 27.10.2007, p. 8 (http://www.eesc.europa.eu/lisbon_strategy/eesc_documents/index_mt.asp)

⁽⁹⁾ *Id-definizzjoni ta' Politika Ewropea għall-Enerġija (l-istrateġija ta' Lisbona)*, ĠU C 256, 27.10.2007, p. 31 (http://www.eesc.europa.eu/lisbon_strategy/eesc_documents/index_mt.asp).

4.3 Din l-opinjoni fuq inizjattiva proprja hija, l-ewwelnett, kontribut għad-dibattitu fil-Kunsill. L-għan tagħha huwa li tisspeċifika r-rwol ta' l-imsieħba soċjali u ta' organizzazzjonijiet oħrajn tas-soċjetà ċivili fil-proċess.

4.4 Fil-proċess ta' thejġija ta' l-opinjoni tiegħu, il-KESE gawda wkoll mill-kontribut tal-“Grupp ta' Kuntatt ma' l-Organizzazzjonijiet u n-Netwerks tas-Soċjetà Ċivili Ewropew” tiegħu. Dan il-kontribut huwa meħmuż ukoll ma' din l-opinjoni.

5. Il-parteciġazzjoni ta' l-imsieħba soċjali u s-soċjetà ċivili organizzata

5.1 Huwa importanti ħafna li l-aġenda ta' Lisbona tiġi diskussa pubblikament fil-livelli kollha tas-soċjetà bħala aġenda Ewropea rakkomandabbli li tkun adattata skond iċ-ċirkostanzi, il-proċeduri u l-ħtiġijiet legali nazzjonali.

5.2 Id-dokumenti tal-Kummissjoni għandhom ikunu ffokati sew sabiex jitqanqal dibattitu usa' fis-soċjetà. It-tittixxa ta' sħubijiet ġodda produttivi minn banda teħtieġ fokus u identifikar u mill-banda l-oħra teħtieġ informazzjoni u komunikazzjoni.

5.3 Iktar dibattitu u trasparenza jfissru iktar għarfien pubbliku. Tista' wkoll tkattar il-kreattività u l-ftuħ għal proposti u soluzzjonijiet mhux tas-soltu. F'bosta pajjiżi, miżuri ta' ġid u Prattiki u/jew negozjati bejn l-imsieħba soċjali fil-livell tas-settur jew tal-kumpanija sikwit jirriżultaw fi żviluppi mikro-ekonomiċi interessanti.

5.4 L-iktar ħaġa importanti hija l-mod li bih l-imsieħba soċjali u l-organizzazzjonijiet oħrajn tas-soċjetà ċivili li għandhom il-kompetenzi sabiex jieħdu sehem fil-proċess, ikunu involuti fil-PNR u fit-tweħtiq tar-rakkomandazzjonijiet ta' l-UE.

5.5 L-involvement ta' dawn l-atturi kollha jista' jwassal ukoll għal iktar konverġenza bejn l-aġendi nazzjonali li hija rakkomandabbli minħabba l-interdipendenza ekonomika dejjem tiż-died fl-Ewropa u l-effetti korrispondenti ta' riperkussjoni.

5.6 Teżisti evidenza Prattika li f'każijiet fejn l-imsieħba soċjali u l-organizzazzjonijiet oħrajn tas-soċjetà ċivili jassumu ko-responsabilità b'mod attiv, il-proċess ta' Lisbona jiffunzjona aħjar. Dan il-proċess jassumi kultura ta' kooperazzjoni non-antagonistika. Hemm sinjali li qiegħda titwettaq kooperazzjoni ta' dan it-tip fl-Istati Membri.

5.7 Il-livell li fih jiġu involuti l-imsieħba soċjali u organizzazzjonijiet oħrajn tas-soċjetà ċivili jvarja bejn l-Istati Membri ⁽¹⁰⁾, parzjalment minħabba r-regolamenti statutorji differenti tal-KES u organizzazzjonijiet simili u parzjalment minħabba l-livell ta' informazzjoni u konsultazzjoni, li huwa saħansitra inqas żviluppat.

⁽¹⁰⁾ Ara n-Nota 3.

5.8 Il-Kummissjoni għandha thegħeġ lill-Istati Membri kollha sabiex jinkludu lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, u f'dawk il-pajjiżi fejn jeżistu, il-KES nazzjonali, fil-konsultazzjonijiet nazzjonali.

5.9 Matul il-konsultazzjonijiet ma' ċerti Stati Membri, il-Kummissjoni tiltaqa' wkoll ma' l-imsieħba soċjali. Din il-prattika għandha tiġi estiża b'mod gradwali. Din tista' tippermetti l-Kummissjoni taqdi rwol ta' monitoraġġ iktar intensiv. Barraminhekk, f'dawk il-pajjiżi fejn il-gvern jagħmel parti mill-KES jew il-kummissjoni Tripartitika, ikun rakkomandabbli għall-Kummissjoni li tiltaqa' ma' l-imsieħba soċjali b'mod separat.

5.10 Ikun utli għall-KES nazzjonali li jagħmlu skambju ta' l-esperjenzi tagħhom fir-rigward tal-konsultazzjoni u l-involvement ⁽¹⁾. Dawn jistgħu jinkludu:

- l-informazzjoni u l-konsultazzjoni dwar l-aġenda ta' Lisbona fil-kuntest nazzjonali;
- il-mod li bih il-KES jippreżentaw l-opinjoni tagħhom lill-gvern;
- il-punt sa fejn dawn l-opinjoni jgħu riflessi fil-politiki tal-gvern.

5.11 Sabiex jipromovu l-prattiki konverġenti fost il-KES nazzjonali, jistgħu jkunu utli wkoll laqgħat bilaterali jew trilaterali (forums, round tables).

5.12 Il-KESE jista' jagħti kontribut billi jiġbor eżempji ta' Prattika tajba fir-rigward ta' l-informazzjoni u l-konsultazzjoni madwar l-Ewropa u billi jfassal lista ta' Prattiki u miżuri interessanti li jkunu promossi mill-imsieħba soċjali u organizzazzjonijiet oħrajn tas-soċjetà ċivili fl-Istati Membri.

5.13 Fir-rigward tal-kontributi mill-Istati Membri mingħajr KES, il-KESE jista' jikkoopera direttament ma' l-organizzazzjonijiet nazzjonali tas-soċjetà ċivili permezz tal-Membri tiegħu li jużaw forum diversi ta' missjonijiet ta' ftitxija, per eżempju billi jżommu seduti fil-livell nazzjonali.

6. L-iskambji ta' l-aħjar Prattiki

6.1 Ċertament hemm valur miżjud fil-preżentazzjoni ta' eżempji mikro-ekonomiċi konkreti ta' meta l-oġettivi nazzjonali jintlaħqu jew huma mistennija li jinkisbu bil-parteċipazzjoni ta' l-imsieħba soċjali u s-soċjetà ċivili organizzata fl-Istati Membri.

6.2 L-eżempji jinkludu:

ir-Riċerka, l-Innovazzjoni u l-Għarfien

- Promozzjoni tas-soċjetà bbażata fuq l-għarfien;

⁽¹⁾ Eżempju prattiku tal-monitoraġġ tal-PNR nazzjonali huwa l-KES Grieg li waqqaf osservatorju ta' l-istrategġija ta' Lisbona. Dan joħloq għodda viżibbli li jsegwi l-progress jew in-nuqqas ta' progress. Hemm KES oħrajn li huma interessati li jsegwu dan l-eżempju.

- Edukazzjoni, fil-livelli kollha, inkluż it-taħriġ professjonali — Ħiliet ġodda għal opportunitajiet ġodda;

- Bidu għid għal pattijiet għat-tagħlim tul il-ħajja u ċentri miftuħa tat-tagħlim;

- Kooperazzjoni bejn l-universitajiet/istituti ta' riċerka u l-SMEs;

- L-implimentazzjoni ta' l-Istitut Ewropew tat-Teknoloġija;

- Pjattaformi ta' l-innovazzjoni bil-parteċipazzjoni tas-settur privat;

L-Intraprenditorija u l-Kompetittività

- Promozzjoni ta' start-ups u l-intraprenditorija;

- Attenzjoni speċjali għall-SMEs: kondizzjonijiet legali, kapital riskjuż

- One-stop shops għall-intrapriżi;

- Tnaqqis fil-piżijiet amministrattivi u, b'mod partikulari, identifikar ta' oqsma fejn tnaqqis bħal dan ikun l-iktar effettiv;

- E-gvern;

- Sussidji għall-innovazzjoni għall-SMEs ("vouchers ta' l-innovazzjoni")

- Miżuri fiskali speċifiċi;

Is-suq tax-xogħol u l-impjeg

- Ideat innovattivi u oġettivi li jistgħu jitkejlu għall-ħolqien ta' l-impjeg għaż-żgħażaġ u l-anzjani;

- Inklużjoni soċjali għall-gruppi vulnerabbli;

- Ugwaljanza bejn is-sessi;

- Trawwim tal-ħolqien ta' impjegi sostenibbli;

- Approċċ rakkomandabbli fir-rigward tax-xogħol part-time;

- Ideat u mezzi ġodda għall-implimentazzjoni fir-rigward tal-"flessigurtà";

- Sħubijiet ġodda fil-livell lokali u reġjonali;

- Intrapriżi ta' l-ekonomija soċjali.

B'żieda ma' dan, għandhom jiġu diskussi miżuri effettivi u konkreti, inklużi l-iskedi, relatati ma' l-enerġija u l-bidla fil-klima.

Fkull każ, bdew id-diskussjonijiet fost il-partijiet interessati fi Stat Membru wieħed jew iktar. Il-KES nazzjonali u s-soċjetà ċivili organizzata għandhom il-fehmiet tagħhom dwar l-applikazzjonijiet prattiċi. Id-diskussjonijiet fost l-uffiċjali tal-gvern u l-politiċi ċertament li jittejjbu bis-saħħa ta' proposti mmexxijin tajjeb mill-inqas livell sa l-ogħla wieħed, li juri l-ħafna potenzjalitajiet fis-soċjetà Ewropea.

6.3 Diskussjoni usa' li tinvolvi lill-partijiet interessati tista' tgħin fit-twaqqif ta' objettivi konkreti ġodda għall-Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni. Din tista' tinkludi sistema ta' benchmarking, indikaturi u peer reviews sabiex jitkejjel il-livell ta' impenn tas-soċjetà ċivili organizzata.

6.4 Ikun interessanti wkoll għall-Kummissjoni u l-Kunsill li jkun jafu liema huma l-kwistjonijiet li l-KES nazzjonali qegħdin jiddiskutu bejniethom. Il-KESE jista' jelenka dawk li għandhom importanza orizzontali Ewropea. Iktar ma dawn id-diskussjoni-

jiet jikkonċernaw approċċi u miżuri konkreti li jippromovu l-objettivi ta' Lisbona, iktar ser jattiraw attenzjoni fis-sezzjonijiet tal-gvern.

6.5 L-implimentazzjoni u kif din tiġi assigurata permezz ta' għanijiet konkreti, objettivi li jistgħu jitkejlu u skedi, hija essenzjali. Is-soċjetà ċivili organizzata kollha kemm hi u speċjalment il-KES nazzjonali jistgħu jaqdu rwol effettiv fl-identifikar tan-nuqqasijiet u billi jgħinu fit-tfittxija tas-soluzzjonijiet.

Brussell, it-13 ta' Diċembru 2007.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Dimitris DIMITRIADIS

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar Il-Proposta għal Direttiva tal-Kunsill
dwar l-istruttura u r-rati tad-dazju tas-sisa fuq it-tabakk manifatturat (verżjoni kkodifikata)**

COM(2007) 587 finali

(2008/C 120/21)

Nhar l-24 ta' Ottubru 2007, il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea ddeċieda, b'konformità ma' l-Artikolu 262 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, li jikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

Proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar l-istruttura u r-rati tad-dazju tas-sisa fuq it-tabakk manifatturat (verżjoni kkodifikata).

Billi l-Kumitat jikkunsidra li l-kontenut tal-proposta huwa kompletament sodisfaċenti u li m'hemm bżonn ta' l-ebda kummenti min-naħa tiegħu, iddeċieda, matul l-440 sessjoni plenarja tiegħu tat-12 u t-13 ta' Diċembru 2007 (seduta tat-12 ta' Diċembru), b'129 vot favur u 6 astensjonijiet, li jagħti opinjoni favorevoli għat-test propost.

Brussell, it-12 ta' Diċembru 2007.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Dimitris DIMITRIADIS
